II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/637

tal-15 ta' Marzu 2021

li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjonijiet pubbliċi mill-istituzzjonijiet tal-informazzjoni msemmija fit-Titoli II u III tal-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1423/2013, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1555, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2295

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 434a tiegħu,

Billi:

(1) F'Diċembru 2019, il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja (BCBS) ippubblika l-Qafas ta' Basel konsolidat, inklużi r-rekwiżiti aġġornati ta' divulgazzjoni tal-Pilastru 3 ([2]), li ġew introdotti l-aktar fir-Regolament (UE) 575/2013 bir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Sabiex jiġu implimentati dawk l-emendi, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' divulgazzjoni konsistenti u komplet tal-Pilastru 3.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1423/2013 ([4]), ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1555 ([5]), ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200 ([6]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2295 ([7]) jistabbilixxu formati, mudelli u tabelli uniformi tal-fondi proprji, il-proporzjon ta' ingranaġġ, ir-riżervi ta' kapital kontroċikliċi u l-aggravar ta' assi, rispettivament. Għalhekk jenħtieġ li l-formati, il-mudelli u t-tabelli uniformi jiġu estiżi biex ikopru d-divulgazzjonijiet ta' aspetti

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) Il-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, "DIS Disclosure requirements", Diċembru 2019.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta' investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta' rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1423/2013 tal-20 ta' Diċembru 2013 li jistipula l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 355, 31.12.2013, p. 60).

([5]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1555 tat-28 ta' Mejju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni fir-rigward tal-konformità tal-istituzzjonijiet mar-rekwiżit tal-bafer kapitali kontroċikliku skont l-Artikolu 440 (ĠU L 244, 19.9.2015, p. 1).

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/200 tal-15 ta' Frar 2016 li jistipula standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ għall-istituzzjonijiet, skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 39, 16.2.2016, p. 5).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2295 tal-4 ta' Settembru 2017 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għad-divulgazzjoni ta' assi aggravati u assi mhux aggravati (ĠU L 329, 13.12.2017, p. 6).

prudenzjali oħra li huma meħtieġa li jiġu ddivulgati bir-Regolament (UE) 2019/876. B'mod aktar speċifiku, jenħtieġ li jiġi introdott mudell ta' divulgazzjoni tal-metriċi ewlenin, li jiffaċilita l-aċċess mill-parteċipanti fis-suq għall-informazzjoni ewlenija tal-istituzzjonijiet dwar il-fondi proprji u l-likwidità.

(3) Il-mudelli u t-tabelli użati għad-divulgazzjoni jenħtieġ li jwasslu informazzjoni komprensiva u komparabbli biżżejjed, u b'ħekk jippermettu lill-utenti ta' dik l-informazzjoni jivvalutaw il-profili tar-riskju tal-istituzzjonijiet u l-grad ta' konformità tagħhom mar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Madankollu, sabiex jitqies il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-formati, il-mudelli u t-tabelli ta' divulgazzjoni jenħtieġ li jqisu d-differenzi fid-daqs u l-kumplessità bejn l-istituzzjonijiet, li jwasslu għal livelli u tipi differenti ta' riskji, billi jinkludu livelli limiti addizzjonali għal divulgazzjonijiet estiżi.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 2019/876 introduċa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 proporzjon ġdid ta' ingranaġġ kalibrat u bafer għall-proporzjon ta' ingranaġġ tal-GSIIs. Sabiex tiġi implimentata dik l-emenda u l-aġġustamenti meħtieġa fil-kalkolu tal-iskopertura, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti mudelli u tabelli.

(5) Ir-Regolament (UE) Nru 2019/876 introduċa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 rekwiżiti ġodda ta' divulgazzjoni għall-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett. Sabiex tiġi implimentata din l-emenda, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mudell għal dawn ir-rekwiżiti l-ġodda ta' divulgazzjoni.

(6) Ir-Regolament (UE) 2019/876 issostitwixxa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 l-approċċi standardizzati għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti b'Approċċ Standardizzat għar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti (SA-CCR), li huwa aktar sensittiv għar-riskju, u permezz ta' SA-CCR Issimplifikat għall-istituzzjonijiet li jissodisfaw kriterji ta' eliġibbiltà predefiniti. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 2019/876 irreveda l-Metodu ta' Skopertura Oriġinali. Sabiex jiġu implimentati dawn l-emendi, huwa meħtieġ li jiġi introdott sett komprensiv ta' tabelli u mudelli ta' divulgazzjoni.

(7) Ir-Regolament (UE) Nru 2019/876 introduċa fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 rekwiżit ġdid ta' divulgazzjoni għal skoperturi produttivi, improduttivi u mrażżna, inkluża d-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar kollaterali u garanziji finanzjarji riċevuti. Sabiex tiġi implimentata din l-emenda u dawn ir-rekwiżiti l-ġodda ta' divulgazzjoni, huwa meħtieġ li jiġi introdott sett komprensiv ta' mudelli u tabelli. Għal raġunijiet ta' sempliċità u konsistenza, dawn il-mudelli u t-tabelli jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-mudelli u t-tabelli ta' divulgazzjoni li diġà ġew żviluppati mill-EBA fil-linji gwida tagħha dwar id-divulgazzjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna ([8]).

(8) Ir-Regolament (UE) Nru 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]) emenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jirrifletti fir-rekwiżiti kapitali stabbiliti f'dan ir-Regolament il-karatteristiċi speċifiċi tat-titolizzazzjonijiet STS kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([10]). Huwa meħtieġ li jiġu introdotti mudelli u tabelli ġodda ta' divulgazzjoni b'informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar it-titolizzazzjoni biex jirriflettu din l-emenda.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 2019/876 emenda ċerti rekwiżiti ta' divulgazzjoni dwar ir-remunerazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 biex jiżgura li l-politiki u l-prattiki ta' remunerazzjoni għal kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jkunu konsistenti ma' ġestjoni tar-riskju effettiva. Jenħtieġ li jiġi stabbilit sett ta' mudelli u tabelli ta' divulgazzjoni li jimplimentaw dawn ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni.

(10) Sabiex l-istituzzjonijiet jiġu pprovduti bis-sett integrat komprensiv ta' formati, mudelli u tabelli uniformi ta' divulgazzjoni u sabiex jiġu żgurati divulgazzjonijiet ta' kwalità għolja, huwa meħtieġ li jiġi introdott sett wieħed ta' standards tekniċi dwar id-divulgazzjonijiet. Għalhekk huwa meħtieġ li jitħassru r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1423/2013, ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1555, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/200 u r-Regolament Delegat (UE) 2017/2295.

([8]) Il-Linji Gwida EBA/GL/2018/10 tal-Awtorità Bankarja Ewropea tas-17 ta' Diċembru 2018 dwar id-divulgazzjoni ta' skoperturi improduttivi u mrażżna.

([9]) Ir-Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u għad-ditti ta' investiment (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 1).

([10]) Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35).

(11) Sabiex jiġu żgurati divulgazzjonijiet fil-ħin u ta' kwalità mill-istituzzjonijiet, jenħtieġ li dawn jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw is-sistemi interni tagħhom għad-divulgazzjonijiet.

(12) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati mill-Awtorità Bankarja Ewropea (European Banking Authority, EBA) lill-Kummissjoni.

(13) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([11]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Divulgazzjoni tal-metriċi ewlenin u ħarsa ġenerali lejn l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 447 minn (a) sa (g), u fl-Artikolu 438(b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU KM1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 438(d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU OV1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 438(a) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU OVC stipulata fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 438(f) u (g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU INS1 u EU INS2 stipulati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Divulgazzjoni tal-objettivi u l-politiki għall-ġestjoni tar-riskju

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 435 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabelli EU OVA u EU OVB stipulati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Divulgazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 436(b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU LI1 u EU LI3 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 436(b) u (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU LI2 u t-tabella EU LIA tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 436(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU PV1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 436(f), (g) u (h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jużaw it-tabella EU LIB tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

([11]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Artikolu 4

Divulgazzjoni tal-fondi proprji

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 437 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 437(a), (d), (e) u (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU CC1 u EU CC2 tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 437(b) u (c), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU CCA tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Divulgazzjoni ta' riżervi ta' kapital kontroċikliċi

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 440 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 440(a), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCYB1 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness X ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 440(b) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCYB2 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness X ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Divulgazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġġ

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451(1)(a), (b), u (c), u fl-Artikolu 451(2) u (3), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU LR1, EU LR2 u EU LR3 tal-Anness XI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451(1)(d) u (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU LRA tal-Anness XI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Divulgazzjoni tar-rekwiżiti tal-likwidità

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 435(1) u fl-Artikolu 451a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 435(1) u fl-Artikolu 451a(4) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU LIQA tal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU LIQ1 u t-tabella EU LIQB tal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451a(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU LIQ2 tal-Anness XIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XIV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Divulgazzjoni ta' skoperturi għar-riskju ta' kreditu, ir-riskju ta' dilwizzjoni u l-kwalità tal-kreditu

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 435 u 442 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 435(1)(a), (b), (d) u (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU CRA tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 442(a) u (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU CRB tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 442(d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CQ3 tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 442(g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR1-A tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament;

(e) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 442(f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR2 tal-Anness XV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 442(c), (e) u (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-formoli EU CR1, EU CQ1, u EU CQ7, il-kolonni a, c, e, f u g tal-mudell EU CQ4, u l-kolonni a, c, e u f tal-mudell EU CQ5, stipulati fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVI ta' dan ir-Regolament.

3. Istituzzjonijiet kbar li għandhom proporzjon bejn il-valur riportat gross ta' self u avvanzi li jaqgħu taħt l-Artikolu 47a(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-valur riportat gross totali ta' self u avvanzi li jaqgħu taħt l-Artikolu 47a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 daqs jew ogħla minn 5 % għandhom, minbarra l-mudelli u l-kolonni msemmija fil-paragrafu 2, jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 442(c) u (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU CR2a, EU CQ2, CQ6 u EU CQ8, u l-kolonni b u d tal-mudelli EU CQ4 u EU CQ5 stipulati fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVI. Huma għandhom jiddivulgaw din l-informazzjoni fuq bażi annwali.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, self u avvanzi klassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn għandhom ikunu esklużi kemm mid-denominatur kif ukoll min-numeratur tal-proporzjon.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jibdew id-divulgazzjoni skont il-paragrafu 3 meta jkunu laħqu jew qabżu l-livell limitu ta' 5 % imsemmi f'dak il-paragrafu f'żewġ trimestri konsekuttivi matul l-erba' trimestri qabel id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni. Għad-data ta' referenza tal-ewwel divulgazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni konċernata billi jużaw il-mudelli msemmija f'dan il-paragrafu meta jaqbżu l-livell limitu ta' 5 % f'dik id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni.

6. L-istituzzjonijiet ma għandhomx ikunu aktar obbligati jiddivulgaw skont il-paragrafu 3 meta jkunu waqgħu taħt il-livell limitu ta' 5 % għal tliet trimestri konsekuttivi matul l-erba' trimestri qabel id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni.

Artikolu 9

Divulgazzjoni tal-użu tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 453 minn (a) sa (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 453 minn (a) sa (e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU CRC tal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 453(f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR3 tal-Anness XVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XVIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Divulgazzjoni tal-użu tal-approċċ standardizzat

L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 444 u fl-Artikolu 453(g), (h) u (i), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 444 minn (a) sa (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU CRD tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XX ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 453(g), (h) u (i), u l-Artikolu 444(e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR4 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XX ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 444(e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR5 tal-Anness XIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XX ta' dan ir-Regolament u, għall-informazzjoni dwar il-valuri tal-iskopertura mnaqqsin minn fondi proprji msemmija f'dan l-istess Artikolu, billi jużaw il-mudell EU CC1 tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 11

Divulgazzjoni tal-użu tal-approċċ IRB għar-riskju tal-kreditu

L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju skont l-Approċċ IRB għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 438 u 452 u fl-Artikolu 453(g) u (j), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 452 minn (a) sa (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU CRE u l-mudell EU CR6-A tal-Anness XXI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 452(g), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR6 tal-Anness XXI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 453(g) u (j), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU CR7-A u EU CR7 tal-Anness XXI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 438(h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR8 tal-Anness XXI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament;

(e) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 452(h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU CR9 u EU CR9.1 tal-Anness XXI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 12

Divulgazzjoni ta' self speċjalizzat u skopertura tal-ekwità skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 438(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CR10 tal-Anness XXIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXIV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 13

Divulgazzjoni ta' skoperturi għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 438(h), u fl-Artikolu 439 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439(a), (b), (c) u (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, billi jużaw it-tabella EU CCRA tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439(f), (g), (k) u (m), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCR1 tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439(h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCR2 tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439(l) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU CCR3 u EU CCR4 tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament;

(e) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439(e), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCR5 tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament;

(f) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439(j), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCR6 tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament;

(g) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 438(h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCR7 tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament;

(h) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439(i) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU CCR8 tal-Anness XXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Divulgazzjoni ta' skoperturi għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449 minn (a) sa (i), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU SECA tal-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449(j) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU SEC1 u EU SEC2 tal-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449(k) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU SEC3 u EU SEC4 tal-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449(l) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU SEC5 tal-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXVIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 15

Divulgazzjoni tal-użu tal-approċċ standardizzat u tal-mudelli interni għar-riskju tas-suq

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 445 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU MR1 tal-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 435, 438 u 455 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 kif ġej:

(a) l-informazzjoni dwar ir-riskju tas-suq imsemmija fl-Artikolu 435(1) minn (a) sa (d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU MRA tal-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 455(a), (b), (c) u (f), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU MRB tal-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 455(e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU MR2-A tal-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni dwar il-mudelli interni għar-riskju tas-suq imsemmija fl-Artikolu 438(h), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU MR2-B tal-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament;

(e) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 455(d), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU MR3 tal-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament;

(f) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 455(g) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU MR4 tal-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXX ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 16

Divulgazzjoni tar-riskju operazzjonali

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 435, fl-Artikolu 438(d), u fl-Artikoli 446 u 454 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw it-tabella EU ORA u l-mudell EU OR1 tal-Anness XXXI ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXXII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 17

Divulgazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 450 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ġej:

(a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 450(1) minn (a) sa (f), u (j) u (k), u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 450(2) ta' dan ir-Regolament, billi jużaw it-tabella EU REMA tal-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXXIV ta' dan ir-Regolament;

(b) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 450(1)(h)(i) u (h)(ii), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU REM1 tal-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXXIV ta' dan ir-Regolament;

(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 450(1)(h)(v), (h)(vi) u (h)(vii), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU REM2 tal-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXXIV ta' dan ir-Regolament;

(d) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 450(1)(h)(iii) u (h)(iv), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudell EU REM3 tal-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXXIV ta' dan ir-Regolament;

(e) l-informazzjoni msemmija fil-punti (g) u (i) tal-Artikolu 450(1), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU REM4 u EU REM5 tal-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXXIV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Divulgazzjoni ta' assi mirhuna u assi mhux mirhuna

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 billi jużaw il-mudelli EU AE1, EU AE2 u EU AE3 u t-tabella EU AE4 tal-Anness XXXV ta' dan ir-Regolament u billi jsegwu l-istruzzjonijiet stipulati fl-Anness XXXVI ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet ġenerali

1. In-numerazzjoni tar-ringieli jew il-kolonni ma għandhomx jinbidlu meta istituzzjoni tħalli barra divulgazzjoni waħda jew aktar skont l-Artikolu 432 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu nota ċara fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell jew it-tabella kkonċernata billi jindikaw liema ringieli jew kolonni huma vojta u billi jagħtu raġuni għall-ommissjoni tad-divulgazzjoni.

3. L-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 431 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tkun ċara u komprensiva, filwaqt li tippermetti lill-utenti ta' dik l-informazzjoni jifhmu d-divulgazzjonijiet kwantitattivi, u għandha titqiegħed mal-mudelli li magħhom tkun relatata dik l-informazzjoni.

4. Il-valuri numeriċi għandhom jiġu ppreżentati kif ġej:

(a) *data* monetarja kwantitattiva għandha tiġi ddivulgata permezz ta' minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal miljuni ta' unitajiet;

(b) *data* kwantitattiva mniżżla bħala "Perċentwal" għandha tintwera bħala unità b'minimu ta' preċiżjoni ekwivalenti għal erba' deċimali.

5. L-istituzzjonijiet għandhom, minbarra l-informazzjoni divulgata f'konformità ma' dan ir-Regolament, jipprovdu wkoll l-informazzjoni li ġejja:

(a) id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni u l-perjodu ta' referenza;

(b) il-munita tar-rapportar;

(c) l-isem u, fejn rilevanti, l-identifikatur ta' entità ġuridika (legal entity identifier, LEI) tal-istituzzjoni li twettaq id-divulgazzjoni;

(d) fejn ikun rilevanti, l-istandard kontabilistiku użat;

(e) fejn ikun rilevanti, il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni.

Artikolu 20

Tħassir

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1423/2013, ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/1555, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/200 u r-Regolament Delegat (UE) 2017/2295 huma mħassra.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-28 ta' Ġunju 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Mudell EU OV1 — Ħarsa ġenerali lejn l-ammonti totali tal-iskopertura għar-riskju

		L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju		Rekwiżiti ta' fondi proprji totali
		a	b	c
		T	T-1	T
1	Riskju ta' kreditu (eskluż is-CCR)			
2	Li minnu l-approċċ standardizzat			
3	Li minnu l-approċċ IRB tal-Fondazzjoni (F-IRB)			
4	Li minnu approċċ ta' slotting			
EU 4a	Li minnu ekwitajiet skont l-approċċ sempliċi ponderat			
5	Li minnu l-approċċ IRB Avvanzat (A-IRB)			
6	Risku ta' kreditu tal-kontroparti (CCR)			
7	Li minnu l-approċċ standardizzat			
8	Li minnu il-metodu tal-mudell intern (IMM)			
EU 8a	Li minnu skoperturi għal CCP			
EU 8b	Li minnu aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu — CVA			
9	Li minnu CCR ieħor			
10	Mhux applikabbli			
11	Mhux applikabbli			
12	Mhux applikabbli			
13	Mhux applikabbli			
14	Mhux applikabbli			

		L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju		Rekwiżiti ta' fondi proprji totali
		a	b	c
		T	T-1	T
15	Riskju ta' saldu;			
16	Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar (wara l-limitu massimu)			
17	Li minnhom l-approċċ SEC-IRBA			
18	Li minnhom SEC-ERBA (inkluża l-IAA)			
19	Li minnhom l-approċċ SEC-SA			
EU 19a	Li minnhom 1 250 %/tnaqqis			
20	Riskji tal-pożizzjoni, tal-kambju u tal-komoditajiet (Riskju tas-suq)			
21	Li minnhom l-approċċ standardizzat			
22	Li minnu l-IMA			
EU 22a	Skoperturi kbar			
23	Riskju operazzjonali			
EU 23a	Li minnhom l-approċċ tal-indikatur bażiku			
EU 23b	Li minnhom l-approċċ standardizzat			
EU 23c	Li minnhom l-approċċ ta' kejl avvanzat			
24	Ammonti taħt il-livelli limitu għat-tnaqqis (suġġett għal piż ta' riskju ta' 250 %)			
25	Mhux applikabbli			
26	Mhux applikabbli			

		L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju		Rekwiżiti ta' fondi proprji totali
		a	b	c
		T	T-1	T
27	Mhux applikabbli			
28	Mhux applikabbli			
29	**Total**			

Mudell EU KM1 — Mudell tal-metriċi ewlenin

		a	b	c	d	e
		T	T-1	T-2	T-3	T-4
	Fondi proprji disponibbli (ammonti)					
1	Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1)					
2	Kapital tal-Grad 1					
3	Kapital totali					
	Ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju					
4	L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju					
	Proporzjonijiet kapitali (bħala perċentwal tal-iskopertura ponderata għar-riskju)					
5	Proporzjon ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1 (%)					
6	Proporzjon tal-Grad 1 (%)					
7	Proporzjon kapitali totali (%)					
	Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju)					
EU 7a	Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (%)					

		a	b	c	d	e
		T	T-1	T-2	T-3	T-4
EU 7b	li minnhom: għandhom ikun magħmula minn kapital CET1 (punti perċentwali)					
EU 7c	li minnhom: li għandhom ikunu magħmula minn kapital tal-Grad 1 (punti perċentwali)					
EU 7d	Rekwiżiti ta' fondi proprji SREP totali (%)					
	Bafer kombinat u rekwiżit kapitali kumplessiv (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju)					
8	Riserva ta' konservazzjoni ta' kapital					
EU 8a	Riserva ta' konservazzjoni dovuta għal riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru					
9	Bafer kapitali kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni (%)					
EU 9a	Bafer tar-riskju sistemiku (%)					
10	Bafer Globali ta' Istituzzjoni Sistemikament Importanti (%)					
EU 10a	Bafer Ieħor ta' Istituzzjoni Sistemikament Importanti (%)					
11	Rekwiżit ta' bafer kombinat (%)					
EU 11a	Rekwiżiti kapitali globali (%)					
12	CET1 disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-SREP totali (%)					
	Proporzjon ta' ingranaġġ					
13	Kejl tal-iskopertura totali					
14	Proporzjon ta' ingranaġġ (%)					
	Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (bħala perċentwal tal-kejl tal-iskopertura totali)					
EU 14a	Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (%)					

		a	b	c	d	e
		T	T-1	T-2	T-3	T-4
EU 14b	li minnhom: għandhom ikun magħmula minn kapital CET1 (punti perċentwali)					
EU 14c	Rekwiżiti tal-proporzjon ta' ingranaġġ SREP totali (%)					
	Il-bafer tal-proporzjon ta' ingranaġġ u r-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ ġenerali (bħala perċentwal tal-kejl tal-iskopertura totali)					
EU 14d	Rekwiżit ta' bafer għall-proporzjon ta' ingranaġġ (%)					
EU 14e	Rekwiżit kumplessiv tal-proporzjon ta' ingranaġġ (%)					
	Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità					
15	Total ta' assi likwidi ta' kwalità għolja totali (HQLA) (Valur ponderat — medja)					
EU 16a	Ħruġ ta' flus — Valur ponderat totali					
EU 16b	Dħul ta' flus — Valur ponderat totali					
16	Ħruġ nett totali ta' flus (valur aġġustat)					
17	Proporzjon ta' kopertura tal-likwidità (%)					
	Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett					
18	Total ta' finanzjament stabbli disponibbli					
19	Total ta' finanzjament stabbli meħtieġ					
20	Proporzjon NSFR (%)					

Mudell EU INS1 — Parteċipazzjonijiet tal-assigurazzjoni

		a	b
		Valur tal-iskopertura	Ammont ta' skopertura għar-riskju
1	Strumenti ta' fondi proprji miżmuma f'impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jew kumpanija holding tal-assigurazzjoni mhux imnaqqsa mill-fondi proprji		

Mudell EU INS2 — Informazzjoni dwar il-konglomerati finanzjarji dwar il-fondi proprji u l-proporzjon tal-adegwatezza kapitali

		a
		T
1	Rekwiżiti supplimentari ta' fondi proprji tal-konglomerat finanzjarju (ammont)	
2	Proporzjon tal-adegwatezza tal-kapital tal-konglomerat finanzjarju (%)	

Tabella EU OVC — informazzjoni ICAAP

Proċess ta' Valutazzjoni tal-Adegwatezza tal-Kapital Intern + valutazzjoni kontinwa tar-riskji tal-bank, kif il-bank bihsiebu jimmitiga dawk ir-riskji u kemm kapital attwali u futur huwa meħtieġ wara li jitqiesu fatturi mitiganti oħra

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni tal-elementi kwalitattivi

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Format liberu
L-Artikolu 438(a) tas-CRR	(a)	Approċċ għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern
L-Artikolu 438(c) tas-CRR	(b)	Wara talba mill-awtorità kompetenti rilevanti, ir-riżultat tal-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital tal-istituzzjoni

ANNESS II

Struzzjonijiet għal mudelli ta' divulgazzjoni ġenerali

Mudell EU OV1 – Ħarsa ġenerali lejn l-ammonti totali tal-iskopertura għar-riskju. Format fiss

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt sabiex jimlew il-Mudell EU OV1 kif ippreżentat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt (d) tal-Artikolu 438 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ([1]) ("CRR").

2. L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw, fejn rilevanti, fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell, l-effett li l-applikazzjoni tal-livelli minimi ta' kapital u n-nuqqas ta' tnaqqis tal-entrati mill-fondi proprji jkollhom fuq il-kalkolu tal-fondi proprji u tal-ammonti tal-iskopertura għar-riskju.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammonti tal-iskopertura totali għar-riskju (TREA)** L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) u mal-Artikoli 95, 96 u 98 CRR
b	**TREA (T-1)** TREA kif żvelati fil-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti
c	**Rekwiżiti ta' fondi proprji totali** Rekwiżiti ta' fondi proprji li jikkorrispondu għall-RWEAs għall-kategoriji ta' riskju differenti

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Riskju ta' kreditu (eskluż is-CCR)** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitoli minn 1 sa 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, u mal-Artikolu 379 CRR. L-RWEAs għall-iskoperturi tat-titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar u għas-CCR huma esklużi u ddikjarati fir-ringieli 6 u 16 ta' dan il-mudell. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu, fl-ammont dikjarat f'din ir-ringiela, l-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' konsenji bla ħlas ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 379 CRR.
2	**Riskju ta' kreditu (eskluż is-CCR) - Li minnu l-approċċ standardizzat** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-approċċ standardizzat tas-CR (il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u l-Artikolu 379 CRR).
3	**Riskju ta' kreditu (eskluż is-CCR) - Li minnu l-approċċ IRB ta' Fondazzjoni (F-IRB)** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mas-CR – Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni ta' Fondazzjoni (il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR), esklużi l-RWEAs iddikjaraati fir-ringiela 4 għal skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self soġġetti għall-approċċ ta' klassifikar prudenzjali, u fir-ringiela EU 4a għall-ekwitajiet taħt l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji, u inklużi l-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 379 CRR.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
4	**Riskju ta' kreditu (bl-esklużjoni tas-CCR) - Li minnu: approċċ ta' klassifikar prudenzjali** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self soġġetti għall-approċċ ta' klassifikar prudenzjali kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 153(5) CRR.
EU 4a	**Riskju ta' kreditu (bl-esklużjoni tas-CCR) - Li minnu: ekwitajiet taħt l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għal ekwitajiet taħt l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 155(2) CRR.
5	**Riskju ta' kreditu (bl-esklużjoni tas-CCR) - Li minnu l-approċċ IRB Avvanzat (A-IRB)** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mas-CR – Approċċ ta' Bażi ta' Klassifikazzjoni Interna Avvanzata (il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR), eskluż l-RWEAs iddikjarati fir-ringiela 4 għal skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self soġġetti għall-approċċ ta' klassifikar prudenzjali, u fir-ringiela EU 4a għall-ekwitajiet taħt l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji, u inklużi l-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 379 CRR.
6	**Riskju ta' kreditu tal-kontroparti – CCR** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti.
7	**CCR - Li minnu l-approċċ standardizzat** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
8	**CCR - Li minnu l-metodu tal-mudell intern (IMM)** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 283 CRR.
EU 8a	**CCR – Li minnu skoperturi għal CCP** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mat-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
EU 8b	**CCR – Li minnu aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu – CVA** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mat-Titolu VI tal-Parti Tlieta tas-CRR.
9	**CCR - Li minnu CCR ieħor** L-RWEAs u rekwiżiti ta' fondi proprji tas-CCR li mhumiex iddikjarati taħt ir-ringieli 7, 8, EU 8a u EU 8b.
10	Mhux applikabbli
11	Mhux applikabbli
12	Mhux applikabbli
13	Mhux applikabbli

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
14	Mhux applikabbli
15	**Riskju tas-saldu** L-ammont tal-iskopertura għar-riskju (REA) u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati għar-riskju tas-saldu/tal-konsenja f'konformità mal-Artikolu 378 CRR.
16	**Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar (wara l-limitu massimu)** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
17	**Titolizzazzjoni - Li minnha l-approċċ SEC-IRBA** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-approċċ regolatorju SEC-IRBA, użati f'konformità mal-ġerarkija tal-approċċi stabbilita fl-Artikolu 254 CRR.
18	**Titolizzazzjoni - Li minnha SEC-ERBA (inkluż l-IAA)** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-approċċ regolatorju SEC-ERBA (inkluż l-IAA), użati f'konformità mal-ġerarkija tal-approċċi stabbilita fl-Artikolu 254 CRR.
19	**Titolizzazzjoni - Li minnha l-approċċ SEC-SA** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-approċċ regolatorju SEC-SA, użati f'konformità mal-ġerarkija tal-approċċi stabbilita fl-Artikolu 254 CRR.
EU 19a	**Titolizzazzjoni - Li minnha 1 250 % / tnaqqis** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi tat-titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar ponderati għar-riskju b'1 250 % jew imnaqqsa mill-fondi proprji f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
20	**Riskji ta' pożizzjoni, tal-kambju u tal-komoditajiet (Riskju tas-suq)** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR.
21	**Riskju tas-suq - Li minnu l-approċċ standardizzat** L-RWEAs u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitoli minn 2 sa 4 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR.
22	**Riskju tas-suq - Li minnu l-IMA** L-REA u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR.
EU 22a	**Skoperturi kbar** L-REA u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-punt (b)(ii) tal-Artikolu 92(3) CRR.
23	**Riskju operazzjonali** L-REA u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mat-Titolu III tal-Parti Tlieta tas-CRR.
EU 23a	**Riskju operazzjonali - Li minnu l-approċċ tal-indikatur bażiku** L-REA u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu III tal-Parti Tlieta tas-CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
EU 23b	**Riskju operazzjonali - Li minnu l-approċċ standardizzat** L-REA u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu III tal-Parti Tlieta tas-CRR.
EU 23c	**Riskju operazzjonali - Li minnu l-approċċ ta' kejl avvanzat** L-REA u r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu III tal-Parti Tlieta tas-CRR.
24	**Ammont taħt il-limiti għat-tnaqqis (soġġett għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 250 %)** L-ammont għandu jikkorrispondi għas-somma tal-ammonti tal-entrati soġġetti għal piż tar-riskju ta' 250 % imsemmija fl-Artikolu 48(4) CRR wara l-applikazzjoni tal-piż tar-riskju ta' 250 %. Dawk l-ammonti jinkludu: — l-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura u li jirriżultaw minn differenzi temporanji, u fl-aggregat huma ugwali għal jew anqas minn 10 % tal-entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni kkalkolati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 48(1) CRR. — investimenti sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju, il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi ta' dik l-istituzzjoni tal-istrumenti tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' dawk l-entitajiet li fl-aggregat huma ugwali għal, jew anqas minn, 10 % tal-entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni kkalkolati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 48(1) CRR. L-informazzjoni f'din ir-ringiela tiġi ddikjarata għall-finijiet ta' informazzjoni biss billi l-ammont inkluż hawn huwa inkluż ukoll fir-ringiela 1, fejn l-istituzzjonijiet jintalbu jiddikjaraw informazzjoni dwar ir-riskju ta' kreditu.
25	Mhux applikabbli
26	Mhux applikabbli
27	Mhux applikabbli
28	Mhux applikabbli
29	**Total** L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) u mal-Artikoli 95, 96 u 98 CRR.

Mudell EU KM1 – Mudell tal-metrika ewlenija. Format fiss

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU KM1 ippreżentat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, fl-applikazzjoni tal-punti minn (a) sa (g) tal-Artikolu 447 CRR u fl-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 438 CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a - e	Il-perjodi ta' divulgazzjoni T, T-1, T-2, T-3 u T-4 huma ddefiniti bħala perjodi trimestrali u għandhom jimtlew skont il-frekwenza stabbilita mill-Artikoli 433a, 433b u 433c CRR. L-istituzzjonijiet li jiddikjaraw l-informazzjoni li tinsab f'dan il-mudell fuq bażi trimestrali għandhom jipprovdu *data* għall-perjodi T, T-1, T-2, T-3 u T-4; l-istituzzjonijiet li jiddikjaraw l-informazzjoni f'dan il-mudell fuq bażi semiannwali għandhom jipprovdu *data* għall-perjodi T, T-2 u T-4; u l-istituzzjonijiet li jiddikjaraw l-informazzjoni f'dan il-mudell fuq bażi annwali għandhom jipprovdu *data* għall-perjodi T u T-4.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
	L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw id-dati li jikkorrispondu għall-perjodi ta' divulgazzjoni. Id-divulgazzjoni tad-*data* għal perjodi preċedenti mhijiex meħtieġa meta d-*data* tiġi ddikjarata għall-ewwel darba.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1)** L-ammont ta' kapital tas-CET1 għandu jkun l-ammont iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 29 tal-Mudell EU CC1 Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji)
2	**Kapital tal-Grad 1** L-ammont ta' kapital tal-Grad 1 għandu jkun l-ammont iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 45 tal-Mudell EU CC1 Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji)
3	**Kapital totali** L-ammont ta' kapital totali għandu jkun l-ammont iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 59 tal-Mudell EU CC1 Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji)
4	**Ammont tal-iskopertura totali għar-riskju** L-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju (total risk exposure amount, TREA) għandu jkun l-ammont iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 60 tal-Mudell EU CC1 Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji)
5	**Proporzjon tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (%)** Il-proporzjon tal-kapital tas-CET1 għandu jkun il-valur iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 61 tal-Mudell EU CC1 Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji)
6	**Proporzjon tal-Grad 1 (%)** Il-proporzjon tal-kapital tal-grad 1 għandu jkun il-valur iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 62 tal-Mudell EU CC1 Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji)
7	**Proporzjon kapitali totali (%)** Il-proporzjon kapitali totali għandu jkun il-valur iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 63 tal-Mudell EU CC1 Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji)
EU 7a	**Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (%)** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD, espressi bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
EU 7b	**li minnhom: iridu jkunu magħmula minn kapital tas-CET1 (punti perċentwali)** Il-parti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD, li trid tiġi ssodisfata bil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-ewwel u mat-tielet subparagrafi tal-Artikolu 104a(4).
EU 7c	**li minnhom: iridu jkunu magħmula minn kapital tal-Grad 1 (punti perċentwali)** Il-parti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD, li trid tiġi ssodisfata bil-kapital tal-Grad 1 f'konformità mal-ewwel u mat-tielet subparagrafi tal-Artikolu 104a(4).
EU 7d	**Rekwiżiti ta' fondi proprji totali tal-SREP (proporzjon ta' TSCR) (%)** Is-somma ta' valuri ddeterminati taħt il-punti (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon tal-kapital totali (8 %) kif speċifikat fil-punt (c) tal-Artikolu 92(1) CRR; (ii) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (Rekwiżiti tal-Pilastru 2 – P2R) imposti mill-awtorità kompetenti taħt il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD u ddeterminat f'konformità mal-kriterji speċifikati fil-*Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċeduri u l-metodoloġiji komuni għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (SREP) u l-ittestjar tal-istress superviżorju* [2]("GL tal-EBA dwar l-SREP"), espressi bħala perċentwal tal-RWEAs totali. Din l-entrata għandha tirrifletti l-proporzjon tar-rekwiżit kapitali totali tal-SREP (TSCR) kif ikkomunikat lill-istituzzjoni mill-awtorità kompetenti. It-TSCR huwa ddefinit fit-Taqsima 1.2 tal-GL tal-EBA dwar l-SREP. Meta l-awtorità kompetenti ma tkun ikkomunikat l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali impost sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv, għandu jiġi ddikjarat il-punt (i) biss.
8	**Riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital (%)** Ammont ta' fondi proprji li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-Artikolu 128(1) u mal-Artikolu 129 CRD, espress bħala perċentwal tal-RWEAs totali.
EU 8a	**Riżerva ta' konservazzjoni minħabba riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru (%)** Ammont tar-riżerva ta' konservazzjoni minħabba riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru, li jista' jintalab f'konformità mal-Artikolu 458 CRR minbarra r-riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital, espress bħala perċentwal tal-RWEAs totali.
9	**Riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni (%)** Ammont ta' fondi proprji li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-Artikolu 128(2), mal-Artikolu 130, u mal-Artikoli minn 135 sa 140 CRD, espress bħala perċentwal tal-RWEAs totali. Il-perċentwal għandu jirrifletti l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-riżerva ta' kapital rispettivi fid-data tad-divulgazzjoni.
EU 9a	**Riżerva ta' riskju sistemiku (%)** Ammont ta' fondi proprji li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-Artikolu 128(5) u mal-Artikoli 133 u 134 CRD, espress bħala perċentwal tal-RWEAs totali. Il-perċentwal għandu jirrifletti l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-riżerva ta' kapital rispettivi fid-data tad-divulgazzjoni.
10	**Riżerva għall-Istituzzjonijiet Globali Sistemikament Importanti (%)** Ammont ta' fondi proprji li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-Artikolu 128(3) u mal-Artikolu 131 CRD, espress bħala perċentwal tal-RWEAs totali. Il-perċentwal għandu jirrifletti l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-riżerva ta' kapital rispettivi fid-data tad-divulgazzjoni.

[2] Il-Linji gwida EBA/GL/2018/03 tal-Awtorità Bankarja Ewropea tad-19 ta' Lulju 2018 dwar il-proċeduri komuni riveduti u l-metodoloġiji għall-proċess ta' reviżjoni u evalwazzjoni superviżorji (supervisory review and evaluation process, SREP) u l-ittestjar tal-istress superviżorju.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
EU 10a	**Riżerva għall-Istituzzjonijiet Oħra Sistemikament Importanti (%)** Ammont ta' fondi proprji li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-Artikolu 128(4) u mal-Artikolu 131 CRD, espress bħala perċentwal tal-RWEAs totali. Il-perċentwal għandu jirrifletti l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tar-riżerva ta' kapital rispettivi fid-data tad-divulgazzjoni.
11	**Rekwiżit ta' riżerva kombinat (%)** F'konformità mal-punt (6) tal-Artikolu 128 CRD, espress bħala perċentwal tal-RWEAs totali.
EU 11a	**Rekwiżiti kapitali ġenerali (OCR) (%)** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) il-proporzjon ta' TSCR imsemmi fir-ringiela EU 7d; (ii) sa fejn huwa legalment applikabbli, il-proporzjon tar-rekwiżit ta' riżerva kombinat imsemmi fil-punt (6) tal-Artikolu 128 CRD. Din l-entrata għandha tirrifletti l-proporzjon tar-Rekwiżit Kapitali Ġenerali (OCR) kif iddefinit fit-Taqsima 1.2 tal-GL tal-EBA dwar l-SREP. Meta ma jkun applikabbli l-ebda rekwiżit ta' riżerva, għandu jiġi ddikjarat il-punt (i) biss.
12	**CET1 disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tal-SREP (%)**
13	**Kejl tal-iskopertura totali** Il-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-ammont iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 24 tal-Mudell EU LR2 - LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ)
14	**Proporzjon ta' ingranaġġ (%)** Il-proporzjon ta' ingranaġġ f'konformità mal-valur iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 25 tal-Mudell EU LR2 - LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ)
EU 14a	**Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (%)** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD, espressi bħala perċentwal tal-kejl tal-iskopertura totali. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mal-valur iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela EU-26a tal-Mudell EU LR2 - LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ).
EU 14b	**li minnhom: iridu jkunu magħmula minn kapital tas-CET1 ta' ekwità komuni (punti perċentwali)** Il-parti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD, li trid tiġi ssodisfata bil-kapital tas-CET1 f'konformità mat-tielet subparagrafi tal-Artikolu 104a(4). Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali f'konformità mal-valur iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela EU-26b tal-Mudell EU LR2 - LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ).
EU 14c	**Rekwiżiti totali tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-SREP (%)** It-total ta' (i) u (ii) kif ġej: (i) ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ minimu kif speċifikat fil-punt (d) tal-Artikolu 92(1) CRR jew ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ aġġustat ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 429a(7) CRR, kif applikabbli;

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
	(ii) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (Rekwiżiti tal-Pilastru 2 – P2R) imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD, espressi bħala perċentwal tal-kejl tal-iskopertura totali. Din l-entrata għandha tirrifletti r-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-SREP (TSLRR) kif ikkomunikat lill-istituzzjoni mill-awtorità kompetenti. Jekk l-awtorità kompetenti ma tkun imponiet l-ebda rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv, għandu jiġi ddikjarat il-punt (i) biss.
EU 14d	**Rekwiżit ta' buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja (%)** L-Artikolu 92(1a) CRR Il-buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja applikabbli f'konformità mal-valur iddikjarat mill-istituzzjonijiet fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (ir-ringiela 27 tal-Mudell EU LR2 - LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ)
EU 14e	**Rekwiżit ġenerali tal-proporzjon ta' ingranaġġ (%)** Somma tar-ringieli EU 14c u EU 14d
15	**Assi likwidi ta' kwalità għolja (HQLA) totali (Valur ponderat - medja)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat il-valur tal-assi likwidi f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ([3]) qabel ma japplikaw il-mekkaniżmu ta' aġġustament stabbilit fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61.
EU 16a	**Ħruġ ta' flus - Valur ponderat totali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-valur ponderat tal-ħruġ ta' flus tagħhom, kif iddikjarat fl-Anness XIII (ir-ringiela 16 tal-Mudell EU LIQ1 - Informazzjoni kwantitattiva tal-LCR).
EU 16b	**Dħul ta' flus - Valur ponderat totali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-valur ponderat tad-dħul ta' flus tagħhom, kif iddikjarat fl-Anness XIII (ir-ringiela 20 tal-Mudell EU LIQ1 - Informazzjoni kwantitattiva tal-LCR.
16	**Ħruġ nett totali ta' flus (Valur aġġustat)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur aġġustat, il-fluss ta' ħruġ nett tal-likwidità li huwa ugwali għall-flussi ta' ħruġ totali nieqes it-tnaqqis għall-influssi eżentati kompletament nieqes it-tnaqqis għall-influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % nieqes it-tnaqqis għall-influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 %.
17	**Proporzjon ta' kopertura tal-likwidità (%)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur aġġustat il-perċentwal tal-entrata "Proporzjon ta' kopertura tal-likwidità (%)" kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61. Il-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità għandu jkun ugwali għall-proporzjon tar-riżervi ta' likwidità ta' istituzzjoni ta' kreditu mal-ħruġ nett ta' likwidità tagħha fuq perjodu ta' stress ta' 30 jum kalendarju u għandu jkun espress bħala perċentwal.
18	**Finanzjament stabbli disponibbli totali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli kkalkolat f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR, kif iddikjarat fl-Anness XIII (ir-ringiela 14 tal-Mudell EU LIQ2 – Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett).
19	**Finanzjament stabbli meħtieġ totali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ ikkalkolat f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR, kif iddikjarat fl-Anness XIII (ir-ringiela 33 tal-Mudell EU LIQ2 – Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett).

([3]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1)

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
20	**Proporzjon ta' NSFR (%)** Il-proporzjon ta' NSFR ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 428b CRR.

Mudell EU INS1 – Parteċipazzjonijiet tal-assigurazzjoni: Format fiss

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU INS1 kif ippreżentat fl-Anness I, b'applikazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 438 CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Valur tal-iskopertura** Il-valur tal-iskopertura tal-istrumenti ta' fondi proprji miżmuma fi kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni li l-istituzzjonijiet ma jnaqqsux mill-fondi proprji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 49 CRR meta jikkalkolaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata.
b	**Ammont tal-iskopertura għar-riskju** L-ammont tal-iskopertura għar-riskju tal-istrumenti ta' fondi proprji miżmuma fi kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni jew kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni li l-istituzzjonijiet ma jnaqqsux mill-fondi proprji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 49 CRR meta jikkalkolaw ir-rekwiżiti kapitali tagħhom fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata.

Mudell EU INS2 – Konglomerati finanzjarji - Informazzjoni dwar il-fondi proprji u l-proporzjon tal-adegwatezza kapitali. Format fiss

5. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU INS2 ippreżentat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt (g) tal-Artikolu 438 CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Rekwiżiti ta' fondi proprji supplimentari tal-konglomerati finanzjarji (ammont)** L-ammont ta' rekwiżiti supplimentari tal-fondi proprji tal-konglomerat finanzjarju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva (KE) 2002/87 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u mal-Anness I ta' dik id-Direttiva fejn jiġu applikati l-metodi 1 jew 2 stabbiliti fl-Anness I.
2	**Proporzjon tal-adegwatezza kapitali tal-konglomerat finanzjarju (%)** Il-proporzjon tal-adegwatezza kapitali tal-konglomerat finanzjarju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva (KE) 2002/87 u mal-Anness I ta' dik id-Direttiva fejn jiġu applikati l-metodi 1 jew 2 stabbiliti fl-Anness I.

([4]) Id-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu dwar impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 73/239/KEE, 79/267/KEE, 92/49/KEE, 92/96/KEE, 93/6/KEE u 93/22/KEE, u d-Direttivi 98/78/KE u 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 35, 11.2.2003, p. 1)

Tabella EU OVC - Informazzjoni tal-ICAAP. Format flessibbli

6. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella EU OVC kif ippreżentata fl-Anness I, b'applikazzjoni tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 438 CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	**Approċċ għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern tagħhom** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw sommarju tal-approċċ tagħhom sabiex jivvalutaw l-adegwatezza tal-kapital intern tagħhom sabiex jappoġġaw attivitajiet kurrenti u futuri.
(b)	**Fuq talba mill-awtorità kompetenti rilevanti, ir-riżultat tal-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital tal-istituzzjoni** Din l-informazzjoni għandha tiġi ddikjarata biss mill-istituzzjonijiet meta tkun meħtieġa mill-awtorità kompetenti rilevanti.

ANNESS III

Tabella EU OVA — Approċċ tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni kwalitattiva

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva — Format liberu
Il-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR	(a)	Divulgazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-riskju konċiża approvata mill-korp maniġerjali
Il-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR	(b)	Informazzjoni dwar l-istruttura ta' governanza tar-riskju għal kull tip ta' riskju
Il-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR	(c)	Dikjarazzjoni approvata mill-korp maniġerjali dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti tal-ġestjoni tar-riskju.
Il-punt (c) tal-Artikolu 435(1) CRR	(d)	Divulgazzjoni dwar l-ambitu u n-natura ta' divulgazzjoni tar-riskju u/jew sistemi ta' kejl.
Il-punt (c) tal-Artikolu 435(1) CRR	(e)	Jiddivulgaw informazzjoni dwar il-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi ta' żvelar u divulgazzjoni tar-riskju.
Il-punt (a) tal-Artikolu 435(1) CRR	(f)	Strateġiji u proċessi għall-ġestjoni tar-riskji għal kull kategorija separata ta' riskju.
Il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 435(1) CRR	(g)	Informazzjoni dwar l-istrateġiji u l-proċessi għall-ġestjoni, il-hedging u l-mitigazzjoni tar-riskji, kif ukoll dwar il-monitoraġġ tal-effettività tal-heġġijiet u l-mitiganti.

Tabella EU OVB — Divulgazzjoni dwar l-arranġamenti ta' governanza

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni kwalitattiva

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Format liberu
Il-punt (a) tal-Artikolu 435(2) CRR	(a)	In-numru ta' direttorati miżmuma minn membri tal-korp maniġerjali.
Il-punt (b) tal-Artikolu 435(2) CRR	(b)	Informazzjoni dwar il-politika ta' reklutaġġ għall-għażla tal-membri tal-korp maniġerjali u l-għarfien, il-ħiliet u l-għarfien espert attwali tagħhom.
Il-punt (c) tal-Artikolu 435(2) CRR	(c)	Informazzjoni dwar il-politika tad-diversità fir-rigward tal-membri tal-korp maniġerjali.
Il-punt (d) tal-Artikolu 435(2) CRR	(d)	Informazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni waqqfitx kumitat tar-riskju separat jew le u l-frekwenza tal-laqgħat.
Il-punt (c) tal-Artikolu 435(2) CRR	(e)	Id-deskrizzjoni tal-fluss ta' informazzjoni dwar ir-riskju għall-korp maniġerjali.

ANNESS IV

Struzzjonijiet għad-divulgazzjoni tal-objettivi u tal-politiki tal-ġestjoni tar-riskji

Tabella EU OVA - Approċċ tal-istituzzjoni għall-ġestjoni tar-riskji: Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 435(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella EU OVA li hija ppreżentata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	Id-dikjarazzjoni konċiża tar-riskju approvata mill-korp maniġerjali b'applikazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 435(1) CRR tiddeskrivi kif il-mudell tan-negozju jiddetermina u jinteraġixxi mal-profil tar-riskju ġenerali: pereżempju, ir-riskji ewlenin relatati mal-mudell tan-negozju u kif kull wieħed minn dawn ir-riskji huwa rifless u deskritt fid-divulgazzjonijiet tar-riskji, jew kif il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jinteraġixxi mat-tolleranza tar-riskju approvata mill-korp maniġerjali. Fid-dikjarazzjoni tar-riskju fl-applikazzjoni tal-punt (f) tal-Artikolu 435(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ukoll in-natura, il-firxa, l-iskop u s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjonijiet materjali fil-grupp, l-affiljati u l-partijiet relatati. Id-divulgazzjoni għandha tkun limitata għal tranżazzjonijiet li għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni (inkluż ir-riskju reputazzjonali) jew fuq id-distribuzzjoni tar-riskji fil-grupp. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu wkoll proporzjonijiet u ċifri ewlenin li juru kif il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jinteraġixxi mat-tolleranza tar-riskju stabbilita mill-korp maniġerjali.
(b)	L-informazzjoni li għandha tiġi ddikjarata b'applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR tinkludi l-istruttura tal-governanza tar-riskju għal kull tip ta' riskju: ir-responsabbiltajiet attribwiti fil-istituzzjoni kollha (inkluż, fejn rilevanti, is-sorveljanza u d-delega tal-awtorità u d-diżaggregazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-korp maniġerjali, il-linji tan-negozju u l-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji skont it-tip ta' riskju, l-unità operatorja, u informazzjoni rilevanti oħra); ir-relazzjonijiet bejn il-korpi u l-funzjonijiet involuti fil-proċessi ta' ġestjoni tar-riskji (inkluż, kif xieraq, il-korp maniġerjali, il-kumitat tar-riskju, il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji, il-funzjoni tal-konformità, l-uffiċċju tal-awditjar intern); u l-proċeduri organizzazzjonali u ta' kontroll intern. Meta jiżvelaw l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji rilevanti, l-istituzzjonijiet għandhom jikkomplementaw id-divulgazzjoni bl-informazzjoni li ġejja: — Informazzjoni dwar il-qafas ta' kontroll intern ġenerali u kif jiġu organizzati l-funzjonijiet ta' kontroll tiegħu (awtorità, riżorsi, statut, indipendenza), il-kompiti ewlenin li jwettqu, u kwalunkwe tibdil materjali attwali u ppjanat f'dawn il-funzjonijiet; — Il-limiti approvati tar-riskji li għalihom tkun skoperta l-istituzzjoni; — Tibdiliet fil-kapijiet tal-kontroll intern, tal-ġestjoni tar-riskju, tal-konformità u tal-awditjar intern. — Mezzi għall-komunikazzjoni, għat-tnaqqis u għall-infurzar tal-kultura tar-riskju fl-istituzzjoni (pereżempju, jekk hemmx kodiċijiet ta' kondotta, manwali li fihom limiti operatorji jew proċeduri li jittrattaw ksur jew ksur tal-limiti jew tal-proċeduri tar-riskju sabiex jitqajmu u jiġu kondiviżi kwistjonijiet relatati mar-riskji bejn linji operatorji u funzjonijiet tar-riskju).

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(c)	Id-dikjarazzjoni li l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 435(1) CRR, dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti tal-ġestjoni tar-riskji, trid tiġi approvata mill-korp maniġerjali u tipprovdi assigurazzjoni li s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskji stabbiliti huma adegwati filwaqt li jqisu l-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u l-istrateġija tagħha.
(d)	Bħala parti mid-divulgazzjonijiet meħtieġa fil-punt (c) tal-Artikolu 435(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tas-sistemi ta' divulgazzjoni u/jew ta' kejl tar-riskji u d-deskrizzjoni tal-fluss fuq ir-riskju lill-korp maniġerjali u lill-maniġment superjuri.
(e)	Meta jipprovdu informazzjoni dwar il-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi ta' divulgazzjoni u ta' kejl tar-riskji b'applikazzjoni tal-punt (c) tal-Artikolu 435(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-politiki tagħhom rigward ir-rieżamijiet sistematiċi u regolari tal-istrateġiji ta' ġestjoni tar-riskji, u l-valutazzjoni perjodika tal-effettività tagħhom.
(f)	Id-divulgazzjoni dwar l-istrateġiji u l-proċessi għall-ġestjoni tar-riskji b'applikazzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 435(1) CRR għandha tinkludi informazzjoni kwalitattiva dwar l-ittestjar tal-istress, bħall-portafolli soġġetti għall-ittestjar tal-istress, ix-xenarji adottati u l-metodoloġiji użati, u l-użu tal-ittestjar tal-istress fil-ġestjoni tar-riskji.
(g)	L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-istrateġiji u l-proċessi għall-ġestjoni, għall-kopertura u għall-mitigazzjoni tar-riskji, kif ukoll dwar il-monitoraġġ tal-effettività tal-ħeġġijiet u tal-mitiganti f'konformità mal-punti (a) u (d) tal-Artikolu 435(1) CRR għal riskji li jirriżultaw mill-mudell tan-negozju tal-istituzzjonijiet.

Tabella EU OVB - Divulgazzjoni dwar l-arranġamenti ta' governanza: Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 435(2) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella EU OVB li hija ppreżentata fl-Anness III ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw in-numru ta' direttorati miżmuma mill-membri tal-korp maniġerjali f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 435(2) CRR. Meta tiġi ddikjarata din l-informazzjoni, japplikaw l-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin: — L-istituzzjonijiet taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 91(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2013/36 [2] ("CRD") għandhom jiddikjaraw in-numru ta' direttorati kif jingħaddu minn dan l-Artikolu; — L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw in-numru ta' direttorati effettivament miżmuma għal kull membru tal-korp maniġerjali (kemm jekk tkun kumpanija tal-grupp kif ukoll jekk le, jekk tkun parteċipazzjoni kwalifikanti jew istituzzjoni fl-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali u jekk id-direttorat ikun direttorat eżekuttiv jew mhux eżekuttiv) irrispettivament minn jekk id-direttorat ikunx ma' entità li ssegwi jew li ma ssegwix objettiv kummerċjali; — Meta direttorat addizzjonali jkun ġie approvat mill-awtorità kompetenti, l-istituzzjonijiet kollha li fihom dan il-membru jkollu direttorat għandhom jiddikjaraw dan il-fatt flimkien mal-isem tal-awtorità kompetenti li tapprova d-direttorat addizzjonali.

[2] ID-DIRETTIVA 2013/36/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li thassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(b)	Meta jiddikjaraw informazzjoni dwar il-politika ta' reklutaġġ għall-għażla tal-membri tal-korp maniġerjali f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 435(2) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu informazzjoni dwar l-għarfien, il-ħiliet u l-għarfien espert attwali tal-membri. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-politika li possibbilment tirriżulta mill-ippjanar tas-suċċessjoni u dwar kwalunkwe tibdil prevedibbli fil-kompożizzjoni ġenerali tal-korp maniġerjali.
(c)	Meta jiddikjaraw il-politika ta' diversità tagħhom f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 435(2) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw informazzjoni dwar l-objettivi u kull mira rilevanti stabbilita f'dik il-politika, u sa liema punt ikunu ntlaħqu dawk l-objettivi u l-miri. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-politika dwar id-diversità tal-ġeneru, inklużi: — Meta tkun ġiet stabbilita mira għall-ġeneru l-anqas irrappreżentat u għall-politiki dwar id-diversità f'termini ta' età, ta' sfond edukattiv, ta' sfond professjonali u ta' provenjenza ġeografika, il-mira stabbilita, u l-punt sa fejn jintlaħqu l-miri. — Meta mira ma tintlaħaqx, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet u, fejn rilevanti, il-miżuri meħuda sabiex tintlaħaq il-mira tul ċertu perjodu ta' żmien.
(d)	L-istituzzjoni għandha tiddikjara jekk tkunx stabbiliet kumitat tar-riskju separat, u n-numru ta' drabi li l-kumitat tar-riskju jkun iltaqa' f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 435(2) CRR.
(e)	Bħala parti mid-*data* dwar il-fluss ta' informazzjoni dwar ir-riskju għall-korp maniġerjali b'applikazzjoni tal-punt (e) tal-Artikolu 435(2) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu l-proċess tad-divulgazzjoni tar-riskju pprovdut lill-korp maniġerjali, b'mod partikolari l-frekwenza, l-ambitu u l-kontenut ewlieni tal-iskopertura għar-riskju u kif il-korp maniġerjali kien involut fid-definizzjoni tal-kontenut li għandu jiġi ddikjarat.

ANNESS V

Mudell EU LI1 - Differenzi bejn l-ambitu kontabilistiku u l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali u l-immappjar tal-kategoriji tar-rapporti finanzjarji b'kategoriji ta' riskju regolatorju

		a	b	c	d	e	f	g
				Valuri kontabilistiċi ta' entrati				
		Valuri kontabilistiċi kif irrapportati fir-rapporti finanzjarji ppubblikati	Valuri kontabilistiċi skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali	Soġġetti għall-qafas tar-riskju ta' kreditu	Soġġetti għall-qafas tas-CCR	Soġġetti għall-qafas tat-titolizzazzjoni	Soġġetti għall-qafas tar-riskju tas-suq	Mhux soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji jew soġġetti għal tnaqqis mill-fondi proprji
	Tqassim skont il-klassi tal-assi skont il-karta tal-bilanċ fir-rapporti finanzjarji ppubblikati							
1								
2								
3								
	…							
xxx	**Assi totali**							

		a	b	c	d	e	f	g
				Valuri kontabilistiċi ta' entrati				
		Valuri kontabilistiċi kif irrapportati fir-rapporti finanzjarji ppubblikati	Valuri kontabilistiċi skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali	Soġġetti għall-qafas tar-riskju ta' kreditu	Soġġetti għall-qafas tas-CCR	Soġġetti għall-qafas tat-titolizzazzjoni	Soġġetti għall-qafas tar-riskju tas-suq	Mhux soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji jew soġġetti għal tnaqqis mill-fondi proprji
	Tqassim skont il-klassijiet tal-obbligazzjonijiet skont il-karta tal-bilanċ fir-rapporti finanzjarji ppubblikati							
1								
2								
3								
	....							
xxx	**Obbligazzjonijiet totali**							

Mudell EU LI2 - Sorsi ewlenin ta' differenzi bejn l-ammonti tal-iskoperturi regolatorji u l-valuri kontabilistiċi fir-rapporti finanzjarji

		a	b	c	d	e
		Total	Entrati soġġetti għal			
			Qafas tar-riskju ta' kreditu	Qafas ta' titolizzazzjoni	Qafas tas-CCR	Qafas tar-riskju tas-suq
1	**Ammont tal-valur kontabilistiku tal-assi skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali (skont il-mudell LI1)**					
2	**Ammont tal-valur kontabilistiku tal-obbligazzjonijiet skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali (skont il-mudell LI1)**					
3	**Ammont nett totali skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali**					
4	**Ammont li mhux fuq il-karta tal-bilanċ**					
5	*Differenzi fil-valwazzjonijiet*					
6	*Differenzi minħabba regoli ta' netting differenti, għajr dawk diġà inklużi fir-ringiela 2*					
7	*Differenzi minħabba l-konsiderazzjoni ta' dispożizzjonijiet*					
8	*Differenzi minħabba l-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu (CRMs)*					
9	*Differenzi minħabba fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu*					
10	*Differenzi minħabba Titolizzazzjoni bi trasferiment tar-riskju*					
11	*Differenzi oħra*					
12	**Ammonti tal-iskoperturi kkunsidrati għal finijiet regolatorji**					

Mudell EU LI3 - Deskrizzjoni tad-differenzi fl-ambiti ta' konsolidament (skont l-entità)

a	b	c	d	e	f	g	h
Isem l-entità	Metodu tal-konsolidament tal-kontabilità	Metodu tal-konsolidament prudenzjali					Deskrizzjoni tal-entità
		Konsolidament sħiħ	Konsolidament proporzjonali	Metodu tal-ekwità	La kkonsolidati u lanqas imnaqqsa	Imnaqqsa	
Entità A	*Konsolidament sħiħ*	*X*					*Istituzzjoni ta' kreditu*
Entità N	*Konsolidament sħiħ*		*X*				*Istituzzjoni ta' kreditu*
Entità Z	*Konsolidament sħiħ*				*X*		*Entità tal-assigurazzjoni*
Entità AA	*Konsolidament sħiħ*			*X*			*Kumpanija ta' lokazzjoni immaterjali*

Tabella EU LIA - Spjegazzjonijiet tad-differenzi bejn l-ammonti tal-iskoperturi tal-kontabilità u dawk regolatorji

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva - Format liberu
L-Artikolu 436(b) CRR	(a)	Differenzi bejn il-kolonni (a) u (b) fil-mudell EU LI1
L-Artikolu 436(d) CRR	(b)	Informazzjoni kwalitattiva dwar is-sorsi ewlenin tad-differenzi bejn l-ambitu tal-konsolidament tal-kontabilità u l-ambitu tal-konsolidament regolatorju murija fil-formola EU LI2

Tabella EU LIB - Informazzjoni kwalitattiva oħra dwar il-kamp ta' applikazzjoni

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva - Format liberu
L-Artikolu 436(f) CRR	(a)	Impediment għat-trasferiment immedjat ta' fondi proprji jew għall-ħlas lura ta' obbligazzjonijiet fil-grupp
L-Artikolu 436(g) CRR	(b)	Sussidjarji mhux inklużi fil-konsolidament b'fondi proprji li huma inqas milli meħtieġ
L-Artikolu 436(h) CRR	(c)	L-użu tad-deroga msemmija fl-Artikolu 7 CRR jew il-metodu tal-konsolidament individwali stabbilit fl-Artikolu 9 CRR
L-Artikolu 436(g) CRR	(d)	Ammont aggregat li bih il-fondi proprji reali huma inqas minn dawk meħtieġa fis-sussidjarji kollha li mhumiex inklużi fil-konsolidament

Mudell EU PV1 - Aġġustamenti prudenti fil-valwazzjoni (PVA)

Format fiss

		a	b	c	d	e	EU e1	EU e2	f	g	h
		Kategorija tar-riskju					AVA relatat mal-livell tal-kategorija - Inċertezza tal-valwazzjoni		**Il-livell tal-kategorija totali wara d-diversifikazzjoni**		
	AVA relatat mal-livell tal-kategorija	Ekwità	Rati tal-Imgħax	Kambju	Kreditu	Komoditajiet	AVA relatat mal-firxiet tal-kreditu mhux gwadanjati	AVA relatat mal-kostijiet ta' investiment u ta' finanzjament		Li minnhom: **Approċċ ewlieni totali** fil-portafoll tan-negozjar	Li minnhom: **Approċċ ewlieni totali** fil-portafoll bankarju
1	Inċertezza tal-prezz tas-suq										
2	Mhux applikabbli										
3	Kostijiet tal-għeluq										
4	Pożizzjonijiet konċentrati										
5	Terminazzjoni bikrija										
6	Riskju tal-mudell										
7	Riskju operazzjonali										
8	Mhux applikabbli										
9	Mhux applikabbli										
10	Kostijiet amministrattivi futuri										
11	Mhux applikabbli										
12	**Aġġustamenti tal-Valwazzjoni Addizzjonali Totali (AVAs)**										

ANNESS VI

Struzzjonijiet għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar il- kamp ta' applikazzjoni tal-qafas regolatorju

Mudell EU LI1 - Differenzi bejn l-ambitu kontabilistiku u l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali u tal-immappjar tal-kategoriji tar-rapporti finanzjarji mal-kategoriji tar-riskju regolatorju. Format flessibbli.

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 436 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU LI1 li huwa ppreżentat fl-Anness V ta' dan ir-Regolament ta Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
minn 1 sa XXX	**Assi Totali** L-istruttura tar-ringiela għandha tkun l-istess bħall-istruttura tar-ringiela tal-karta bilanċjali użata fl-aħħar rapportar finanzjarju disponibbli tal-istituzzjoni. "Rapportar finanzjarju" jirreferi għar-rapporti finanzjarji individwali jew konsolidati annwali ddefiniti fl-Artikoli 4 u 24 tad-Direttiva (UE) 2013/34 ([2]), kif ukoll (meta applikabbli) għar-rapporti finanzjarji fis-sens tal-istandards internazzjonali tal-kontabilità kif approvati fl-UE b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) 1606/2002 ([3]).
minn 1 sa XXX	**Obbligazzjonijiet Totali** L-istruttura tar-ringiela għandha tkun l-istess bħall-istruttura tar-ringiela tal-karta bilanċjali użata fl-aħħar rapportar finanzjarju disponibbli tal-istituzzjoni. "Rapportar finanzjarju" jirreferi għar-rapporti finanzjarji individwali jew konsolidati annwali ddefiniti fl-Artikoli 4 u 24 tad-Direttiva (UE) 2013/34/UE, kif ukoll (meta applikabbli) għar-rapporti finanzjarji fis-sens tal-istandards internazzjonali tal-kontabilità kif approvati fl-UE b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) 1606/2002.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Valuri kontabilistiċi kif irrapportati fir-rapporti finanzjarji ppubblikati** L-ammont irrapportat fuq in-naħa tal-assi u fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet tal-karta bilanċjali stabbilit wara r-rekwiżiti ta' konsolidament fil-qafas kontabilistiku applikabbli, inklużi oqfsa bbażati fuq id-Direttiva (UE) 2013/34/UE u fuq id-Direttiva (KEE) 86/635 ([4]), jew fuq l-istandards internazzjonali tal-kontabilità kif approvati fl-UE
b	**Valuri kontabilistiċi fl-ambitu tal-konsolidament prudenzjali** L-ammont irrapportat fuq in-naħa tal-assi u fuq in-naħa tal-obbligazzjonijiet tal-karta bilanċjali stabbilit skont ir-rekwiżiti ta' konsolidament regolatorju fit-Taqsimiet 2 u 3 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR Jekk l-ambitu tal-konsolidament kontabilistiku u l-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament prudenzjali jkunu eżattament l-istess, il-kolonni (a) u (b) ta' dan il-mudell għandhom jingħaqdu flimkien.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

([3]) IR-REGOLAMENT (KE) Nru 1606/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

([4]) ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
c	**Valuri kontabilistiċi ta' entrati soġġetti għal qafas ta' riskju ta' kreditu** L-ammonti riportati taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali tal-entrati (minbarra l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali) li għalihom japplikaw il-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
d	**Valuri kontabilistiċi ta' entrati soġġetti għal qafas ta' riskju ta' kreditu tal-kontroparti** L-ammonti riportati taħt l-ambitu ta' konsolidament prudenzjali tal-entrati (minbarra l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali) li għalihom japplika l-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
e	**Valuri kontabilistiċi ta' entrati soġġetti għall-qafas ta' titolizzazzjoni** L-ammonti riportati taħt l-ambitu ta' konsolidament prudenzjali tal-entrati (minbarra l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali) mill-portafoll mhux tan-negozjar li għalihom japplika l-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
f	**Valuri kontabilistiċi ta' entrati soġġetti għal qafas ta' riskju tas-suq** L-ammonti riportati taħt l-ambitu ta' konsolidament prudenzjali tal-entrati (minbarra l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali) li għalihom japplika t-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR. L-entrati li jikkorrispondu għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar -li għalihom ir-rekwiżiti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR għandhom jiġu inklużi f'din il-kolonna.
g	**Valuri kontabilistiċi ta' entrati mhux soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji jew soġġetti għal tnaqqis mill-fondi proprji** L-ammonti riportati taħt l-ambitu ta' konsolidament prudenzjali tal-entrati (minbarra l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali) mhux soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mas-CRR; l-ammonti riportati taħt l-ambitu ta' konsolidament prudenzjali tal-entrati (minbarra l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali) li huma soġġetti għal tnaqqis mill-fondi proprji f'konformità mal-Parti Tnejn tas-CRR L-entrati mnaqqsa jistgħu jinkludu, pereżempju, l-entrati elenkati fl-Artikoli 37, 38, 39, u 41 CRR. L-ammonti għall-assi għandhom ikunu l-ammonti attwalment imnaqqsa mill-fondi proprji, filwaqt li jitqies kwalunkwe netting mal-obbligazzjonijiet permessi minn (u kwalunkwe limitu għal) tnaqqis applikabbli skont l-Artikoli rilevanti fil-Parti Tnejn tas-CRR. Meta l-entrati elenkati fil-punt (k) tal-Artikolu 36(1) u fl-Artikolu 48 CRR ikunu mwieżna b'1 250 % għar-riskju minflok ma jitnaqqsu, dawn ma għandhomx jiġu ddikjarati fil-kolonna (g) ta' dan il-mudell iżda fil-kolonni l-oħra xierqa tal-Mudell EU LI1. Dan japplika wkoll għal kwalunkwe entrata oħra li hija ponderata b'1 250 % għar-riskju f'konformità mar-rekwiżiti fis-CRR. L-ammonti għall-obbligazzjonijiet għandhom ikunu l-ammont ta' obbligazzjonijiet li jridu jitqiesu għad-determinazzjoni tal-ammont ta' assi li jrid jitnaqqas mill-fondi proprji skont l-Artikoli rilevanti fil-Parti Tnejn tas-CRR. Barra minn hekk, l-obbligazzjonijiet kollha minbarra dawk li (i) huma rilevanti għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, jew (ii) li huma rilevanti għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti fil-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR għandhom jiġu ddikjarati f'din il-kolonna.
kollha	Meta entrata waħda tattira rekwiżiti kapitali f'konformità ma' aktar minn qafas ta' riskju wieħed, il-valuri għandhom jiġu ddikjarati fil-kolonni kollha li jikkorrispondu għar-rekwiżiti kapitali li huma relatati magħhom. Bħala konsegwenza, is-somma tal-ammonti fil-kolonni minn (c) sa (g) ta' dan il-mudell tista' tkun akbar mill-ammont fil-kolonna (b) ta' dan il-mudell. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet kwalitattivi dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet li huma soġġetti għal rekwiżiti kapitali għal aktar minn qafas ta' riskju wieħed elenkat fil-Parti Tlieta tas-CRR.

Mudell EU-LI2 - Sorsi ewlenin ta' differenzi bejn l-ammonti ta' skoperturi regolatorji u l-valuri kontabilistiċi fir-rapporti finanzjarji. Format fiss.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 436 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU LI2 li huwa ppreżentat fl-Anness V ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Ammont tal-valur riportat tal-assi taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali** L-ammonti fil-kolonni minn (b) sa (e) ta' dan il-mudell għandhom ikunu l-istess bħall-ammonti fil-kolonni minn (c) sa (f) tal-Mudell EU LI1.
2	**Ammont tal-valur riportat tal-assi taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali** L-ammonti fil-kolonni minn (b) sa (e) ta' dan il-mudell għandhom ikunu l-istess bħall-ammonti fil-kolonni minn (c) sa (f) tal-Mudell EU LI1.
3	**Ammont nett totali taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali** L-ammont wara n-netting fil-karta bilanċjali bejn l-assi u l-obbligazzjonijiet taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali, irrispettivament mill-eliġibbiltà ta' dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet tar-regoli ta' netting speċifiċi b'applikazzjoni tal-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR L-ammont f'din ir-ringiela għandu jkun ugwali għall-valur fir-ringiela 1 imnaqqas mill-valur fir-ringiela 2 ta' dan il-mudell.
4	**Ammonti li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** Jinkludu skoperturi oriġinali li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, qabel l-użu ta' fattur ta' konverżjoni, fejn rilevanti, mid-dikjarazzjoni stabbilita li ma tidhirx fil-karta bilanċjali, skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali fil-kolonna minn (a) sa (d) ta' dan il-mudell.
5	***Differenzi fil-valwazzjonijiet*** L-impatt tal-ammont riportat tal-aġġustamenti fil-valur f'konformità mal-Artikolu 34 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu I tal-Parti Tnejn tas-CRR u mal-Artikolu 105 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu I tal-Parti Tlieta tas-CRR dwar skoperturi tal-portafoll tan-negozjar u tal-portafoll mhux tan-negozjar imkejla fuq il-bażi tal-valur ġust f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli Dan l-ammont għandu jkun konsistenti mal-ammont fir-ringiela 7 tal-Mudell EU CC1 kif ukoll mal-ammont fir-ringiela 12 kolonna (f) tal-Mudell EU-PV1.
6	***Differenzi minħabba regoli ta' netting differenti, għajr dawk diġà inklużi fir-ringiela 2 ta' dan il-mudell*** Din l-entrata tirreferi għall-ammonti netti tal-iskopertura fil-karta bilanċjali u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali wara l-applikazzjoni tar-regoli speċifiċi ta' netting fil-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR. L-impatt tal-applikazzjoni tar-regoli ta' netting jista' jkun negattiv (f'każ li jridu jiġu nnettjati aktar skoperturi mill-użu ta' netting fil-karta bilanċjali fir-ringiela 2 ta' dan il-mudell) jew pożittiv (fil-każ tal-applikazzjoni tar-regoli ta' netting fis-CRR li jwassal sabiex jiġi nnettjat ammont aktar baxx min-netting fil-karta bilanċjali fir-ringiela 2 ta' dan il-mudell).
7	***Differenzi minħabba l-kunsiderazzjoni tal-provvedimenti*** Integrazzjoni mill-ġdid fil-valur tal-iskopertura ta' aġġustamenti speċifiċi u ġenerali għar-riskju ta' kreditu (kif definiti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 183/2014 ([5])) li tnaqqsu f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli mill-ammont riportat ta' skoperturi skont il-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għal finijiet ta' ponderazzjoni tar-riskju. Fir-rigward tal-iskoperturi ponderati għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, meta l-ammont riportat fir-rapporti finanzjarji taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali jkun tnaqqas minn elementi li jikkwalifikaw bħala aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont ir-regolament ta' delega imsemmi hawn fuq, dawn l-elementi għandhom jiġu integrati mill-ġdid fil-valur tal-iskopertura.

([5]) IR-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 183/2014 tal-20 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat il-kalkolu tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu speċifiċi u ġenerali (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 3).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
8	***Differenzi minħabba l-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu*** L-impatt fuq il-valur tal-iskopertura taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali tal-applikazzjoni tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu kif definiti fis-CRR.
9	***Differenzi minħabba fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu*** L-impatt fuq il-valur tal-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali taħt l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali tal-applikazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni rilevanti f'konformità mas-CRR Il-fattur ta' konverżjoni għall-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li għandhom jiġu ponderati għar-riskju b'applikazzjoni tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikoli 111, 166, 167 u 182 (kif applikabbli għar-riskju ta' kreditu), u fl-Artikolu 246 CRR (kif applikabbli għar-riskju ta' titolizzazzjoni).
10	***Differenzi minħabba Titolizzazzjoni bi trasferiment tar-riskju*** L-impatt fuq il-valur tal-iskoperturi titolizzati tal-użu ta' tranżazzjonijiet titolizzati għat-trasferiment tar-riskju ta' kreditu lil terzi persuni f'konformità mas-CRR
11	***Differenzi oħra*** *(jekk rilevanti)* Fatturi ewlenin sinifikanti oħrajn li jwasslu għal differenzi bejn il-valuri kontabilistiċi tar-rapporti finanzjarji skont l-ambitu regolatorju u l-ammonti tal-iskopertura kkunsidrati għal finijiet regolatorji L-istituzzjonijiet għandhom jikkomplementaw id-divulgazzjonijiet kwantitattivi inklużi f'din ir-ringiela bi spjegazzjonijiet kwalitattivi fuq il-fatturi ewlenin ta' dawn id-differenzi fit-Tabella EU LIA.
12	**Ammonti ta' skoperturi kkunsidrati għal finijiet regolatorji** Ammont aggregat meqjus bħala punt tat-tluq tal-kalkolu tal-RWEA wara l-applikazzjoni tal-metodi CRM għajr in-netting fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u wara l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' netting fil-Kapitoli 4 u 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR tal-istess regolament għal kull waħda mill-kategoriji ta' riskju F'każ li jiġi applikat l-Approċċ Standardizzat (Standardised Approach, SA), dan huwa l-valur wara aġġustamenti speċifiċi ta' kreditu, aġġustamenti addizzjonali tal-valur f'konformità mal-Artikoli 34 u 110 CRR u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji relatat mal-element ta' assi. Għal entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, il-valur tal-iskopertura għandu jkun il-valur nominali wara t-tnaqqis tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu, immoltiplikat bil-perċentwal applikabbli msemmi fil-punti (a) u (d) tal-Artikolu 111(1) CRR. Għall-approċċ IRB, il-valur dikjarat għandu jkun il-valur tal-iskopertura fis-sens tal-Artikoli 166, 167 u 168 CRR. Għalhekk, il-valuri kontabilistiċi kif irrapportati fir-rapporti finanzjarji skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali għandhom jiġu ddikjarati fir-ringieli minn 1 sa 3 korrispondenti ta' dan il-mudell, filwaqt li l-iskoperturi oriġinali li ma jidhrux fil-karta bilanċjali għandhom jiġu ddikjarati fir-ringiela 4 ta' dan il-mudell. Kull żieda jew tnaqqis regolatorju speċifiku li jikkonċerna dawn l-ammonti għandu jiġi inkluż fir-ringieli minn 5 sa 11 ta' dan il-mudell sabiex jiġi spjegat kif dawn l-ammonti jistgħu jiġu rrikonċiljati mal-ammont tal-iskopertura għall-punt tat-tluq regolatorju tal-kalkolu tal-RWEA f'konformità ma' kull wieħed mill-oqfsa msemmija fil-kolonni minn (b) sa (e) ta' dan il-mudell. Dan ifisser li b'mod partikolari għar-riskju ta' kreditu, l-ammonti tal-iskopertura kkunsidrati għal finijiet regolatorji li għandhom jiġu ddikjarati fir-ringiela 12 ta' dan il-mudell se jkunu differenti mill-valuri kontabilistiċi kif irrapportati fir-rapporti finanzjarji skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali, minħabba t-trattament regolatorju partikolari tal-provvedimenti kontabilistiċi għall-kalkolu tal-RWEAs.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Total** Total fil-Kolonna (a) tal-Mudell EU L2 = Ammonti fil-Kolonna (b) tal-Mudell EU LI1 – Ammonti fil-Kolonna (g) tal-Mudell EU LI1.
	Id-diżaggregazzjoni tal-kolonni fil-kategoriji tar-riskju regolatorju minn (b) sa (e) tikkorrispondi għad-diżaggregazzjoni elenkata fil-Parti Tlieta tas-CRR:
b	**Qafas tar-riskju ta' kreditu** Skoperturi fit-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR L-iskoperturi taħt il-qafas tar-riskju ta' kreditu għandhom jikkorrispondu jew għall-ammont tal-iskopertura applikat fl-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu (ara l-Artikolu 111 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR) jew għall-iskoperturi f'inadempjenza (EAD) fir-riskju ta' kreditu – approċċ IRB (ara l-Artikoli 166, 167 u 168 fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR).
c	**Qafas ta' titolizzazzjoni** Skoperturi mill-portafoll mhux tan-negozjar mogħtija fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR L-iskoperturi ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 246 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
d	**Qafas tar-Riskju ta' Kreditu tal-Kontroparti (CCR)** Skoperturi kkunsidrati fil-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
e	**Qafas tar-riskju tas-suq** Skoperturi għar-riskju tas-suq li jikkorrispondu għal pożizzjonijiet soġġetti għall-qafas tar-riskju tas-suq fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR Ir-ringieli minn 1 sa 3 u 12 biss ta' dan il-mudell għandhom jiġu ddikjarat fir-rigward ta' din il-kolonna.
kollha	Meta entrata waħda tkun soġġetta għal rekwiżiti kapitali f'konformità ma' aktar minn qafas ta' riskju wieħed, din għandha tiġi ddikjarata fil-kolonni rilevanti kollha li jikkorrispondu għar-rekwiżiti kapitali. Bħala konsegwenza, is-somma tal-ammonti fil-kolonni minn (b) sa (e) ta' dan il-mudell tista' tkun akbar mill-ammont fil-kolonna (a) ta' dan il-mudell. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu spjegazzjonijiet kwalitattivi dwar l-assi u l-obbligazzjonijiet li huma soġġetti għal rekwiżiti kapitali għal aktar minn qafas ta' riskju wieħed elenkat fil-Parti Tlieta tas-CRR.

Mudell EU LI3 - Spjegazzjoni tad-differenzi fil-kampijiet ta' applikazzjoni ta' konsolidament (skont kull entità)

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 436 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU LI3 li huwa ppreżentat fl-Anness V ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	Ir-ringieli huma flessibbli. Id-divulgazzjonijiet għandhom jiġu pprovduti għall-entitajiet inklużi fil-kampijiet ta' applikazzjoni kontabilistiċi u regolatorji tal-konsolidament kif iddefiniti f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli u mat-Taqsimiet 2 u 3 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR, li għalihom il-metodu tal-konsolidament kontabilistiku jkun differenti mill-metodu tal-konsolidament regolatorju. Ringiela waħda għal kull entità.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Isem l-entità** Isem kummerċjali ta' kwalunkwe entità inkluża jew imnaqqsa mill-kamp ta' applikazzjoni regolatorju u kontabilistiku tal-konsolidament ta' istituzzjoni
b	**Metodu ta' konsolidament kontabilistiku** Il-metodu ta' konsolidament użat f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli
minn c sa g	**Metodu ta' konsolidament regolatorju** Il-metodu ta' konsolidament implimentat għall-finijiet tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR Tal-anqas, il-metodi elenkati fil-punt (b) tal-Artikolu 436 CRR għandhom jiġu ddikjarati. L-istituzzjonijiet għandhom jimmarkaw il-kolonni applikabbli sabiex jidentifikaw il-metodu ta' konsolidament ta' kull entità skont il-qafas kontabilistiku u jekk, skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali, kull entità tkunx (i) kompletament konsolidata; (ii) proporzjonalment konsolidata; (iii) rikonoxxuta skont il-metodu tal-ekwità; (iv) la konsolidata u lanqas imnaqqsa jew; (v) imnaqqsa.
h	**Deskrizzjoni tal-entità** Deskrizzjoni qasira tal-entità, bid-divulgazzjoni (bħala minimu) tas-settur tal-attività tagħha

Tabella EU LIA - Spjegazzjonijiet tad-differenzi bejn l-ammonti kontabilistiċi u regolatorji u tal-iskopertura. Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 436 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU LIA li hija ppreżentata fl-Anness V ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw u jikkwantifikaw l-oriġini ta' kwalunkwe differenza sinifikanti bejn l-ammonti fil-kolonni (a) u (b) fil-Mudell EU LI1, irrispettivament minn jekk id-differenzi jipproċedux minn regoli ta' konsolidament differenti jew mill-użu ta' standards tal-kontabilità differenti bejn il-konsolidament kontabilistiku u dak regolatorju.
(b)	L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw l-oriġini tad-differenzi bejn il-valuri kontabilistiċi skont l-ambitu ta' konsolidament prudenzjali u l-ammonti kkunsidrati għal finijiet regolatorji murija fil-Mudell EU LI2.

Tabella EU LIB – Informazzjoni kwalitattiva oħra dwar il-kamp ta' applikazzjoni. Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (f), (g) u (h) tal-Artikolu 436 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU LIB li hija ppreżentata fl-Anness V ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw kwalunkwe xkiel prattiku jew legali materjali kurrenti jew mistenni għat-trasferiment fil-pront ta' fondi proprji jew għar-ripagament tal-obbligazzjonijiet bejn il-kumpanija omm u s-sussidjarji tagħha.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(b)	Fejn applikabbli, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-isem jew l-ismijiet tas-sussidjarji li mhumiex inklużi fil-konsolidament.
(c)	Fejn applikabbli, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw iċ-ċirkostanzi li fihom isir użu mid-deroga msemmija fl-Artikolu 7 CRR jew mill-metodu ta' konsolidament individwali stabbilit fl-Artikolu 9 CRR.
(d)	Fejn applikabbli, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ammont aggregat li bih il-fondi proprji attwali jkunu anqas milli meħtieġa fis-sussidjarji kollha li mhumiex inklużi fil-konsolidament, u l-isem jew l-ismijiet ta' dawk is-sussidjarji.

Mudell EU PV1 – Aġġustamenti prudenti tal-valwazzjoni (Prudent valuation adjustments, PVA): Format fiss

6. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ ewlieni għad-determinazzjoni tal-aġġustament tal-valwazzjoni addizzjonali għal valwazzjoni prudenti f'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 [6] għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 436 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f' dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU PV1 li huwa ppreżentat fl-Anness V ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
Ringieli minn 1 sa 10	**AVA tal-livell tal-kategorija** L-AVAs tal-livell tal-kategorija għall-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, għall-ispejjeż tal-għeluq, għar-riskju tal-mudell, għall-pożizzjonijiet konċentrati, għall-ispejjeż amministrattivi futuri, għat-terminazzjoni bikrija u għar-riskju operazzjonali għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikoli minn 9 sa 11 u minn 14 sa 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 rispettivament. Għall-kategoriji tal-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, tal-ispiża tal-għeluq u tar-riskju tal-mudell, li huma soġġetti għall-benefiċċju ta' diversifikazzjoni kif stabbilit skont l-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 rispettivament, l-AVAs tal-livell tal-kategorija għandhom jiġu ddikjarati fil-kolonni minn a sa EU-e2 ta' dan il-mudell bħala s-somma diretta tal-AVAs individwali qabel il-benefiċċju ta' diversifikazzjoni. Il-benefiċċji ta' diversifikazzjoni f'konformità mal-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 għandhom jiġu inklużi fil-kolonna (f) ta' dan il-mudell.
1	**Inċertezza tal-prezzijiet tas-suq** L-Artikolu 105(10) CRR L-AVAs tal-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
2	**Mhux applikabbli**
3	**Spejjeż tal-għeluq** L-Artikolu 105(10) CRR L-AVAs tal-ispejjeż tal-għeluq għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101
4	**Pożizzjonijiet konċentrati** L-Artikolu 105(11) CRR L-AVAs tal-pożizzjonijiet konċentrati għandhom jiġu kkalkolati skont l-Artikolu 14 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.

[6] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 tas-26 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għall-valutazzjoni prudenti skont l-Artikolu 105(14) (ĠU L 21, 28.1.2016, p. 54).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
5	**Terminazzjoni bikrija** L-Artikolu 105(10) CRR L-AVAs tat-terminazzjoni bikrija għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
6	**Riskju tal-mudell** L-Artikolu 105(10) CRR L-AVAs tar-riskju tal-mudell għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
7	**Riskju operazzjonali** L-Artikolu 105(10) CRR L-AVAs tar-riskju operazzjonali għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
8	**Mhux applikabbli**
9	**Mhux applikabbli**
10	**Spejjeż amministrattivi futuri** L-Artikolu 105(10) CRR L-AVAs tal-ispejjeż amministrattivi għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
11	Mhux applikabbli
12	**Aġġustamenti addizzjonali totali fil-valwazzjoni** L-AVA totali li għandu jitnaqqas mill-fondi proprji skont l-Artikoli 34 u 105 CRR għandu jiġi ddikjarat fir-ringiela 12, il-kolonna (f) ta' dan il-mudell. Dan l-ammont għandu jkun konsistenti mal-ammont fir-ringiela 7 tal-Mudell EU CC1 kif ukoll mal-ammont fir-ringiela 5 kolonna (a) tal-Mudell EU LI2. Għal portafolli soġġetti għall-Approċċ ewlieni kif stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 dwar valwazzjoni prudenti, l-AVA totali għandu jkun is-somma tal-ammonti fir-ringieli minn 1 sa 10 ta' dan il-mudell, u l-ammonti kkalkolati f'konformità mas-subparagrafi minn (i) sa (iii) tal-punt (b) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, għal portafolli soġġetti għall-Approċċ ta' riżerva, jekk ikun hemm. Għal portafolli soġġetti għall-approċċ issimplifikat kif stabbilit fil-Kapitolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 dwar valwazzjoni prudenti, l-AVA totali inklużi fil-kolonna (f) ta' dan il-mudell għandu jkun l-ammont ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan il-Kapitolu.
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a-e	**Diżaggregazzjoni skont il-KATEGORIJA TAR-RISKJU** L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw l-assi u l-obbligazzjonijiet b'valur ġust tagħhom inklużi fil-komputazzjoni tal-limitu f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 (portafoll tan-negozjar u portafoll mhux tan-negozjar) f'konformità mal-kategoriji tar-riskju li ġejjin: rati tal-imgħax, kambju, kreditu, ekwitajiet, komoditajiet. Id-diżaggregazzjoni f'dawn il-kolonni teskludi l-AVAs ikkalkolati f'konformità mal-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 li huma ddikjarati fil-kolonni EU-e1 u EU-e2 ta' dan il-mudell.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU e1	**AVA tal-livell tal-kategorija - Inċertezza tal-valwazzjoni: Ava tal-firxiet tal-kreditu mhux gwadanjati** L-Artikolu 105(10) CRR, l-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 L-AVA totali għall-firxiet tal-kreditu mhux gwadanjati ("AVA fuq CVA") u l-allokazzjoni tiegħu bejn l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, il-ispiża tal-għeluq jew l-AVAs tar-riskju tal-mudell għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
EU e2	**AVA tal-livell tal-kategorija - AVA tal-ispejjeż ta' investiment u għall-finanzjament** L-Artikolu 105(10) CRR, l-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101 L-AVA totali għall-ispejjeż ta' investiment u għall-finanzjament u l-allokazzjoni tiegħu bejn l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, il-ispiża tal-għeluq jew l-AVAs tar-riskju tal-mudell għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
f	**Livell totali tal-kategorija wara d-diversifikazzjoni** Għal portafolli soġġetti għall-Approċċ ewlieni kif stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101, il-livell totali tal-kategorija wara d-diversifikazzjoni għandu jinkludi l-AVAs totali kkalkolati f'konformità mal-Approċċ ewlieni għall-assi u għall-obbligazzjonijiet b'valur ġust inklużi fil-komputazzjoni tal-livell limitu f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101. Dan jinkludi l-benefiċċji ta' diversifikazzjoni ddefiniti f'konformità mal-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101. L-AVA totali fir-ringiela 12, il-kolonna (f) ta' dan il-mudell, għandu jinkludi l-ammonti kkalkolati f'konformità mas-subparagrafi minn (i) sa (iii) tal-punt (b) tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101, għal portafolli soġġetti għall-Approċċ ta' riżerva, jekk ikun hemm. Għal portafolli soġġetti għall-approċċ issimplifikat kif stabbilit fil-Kapitolu II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/101 dwar valwazzjoni prudenti, l-AVA totali inklużi fir-ringiela (12) ta' dan il-mudell għandu jkun l-ammont ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan il-Kapitolu.
g	**Li minnhom: approċċ ewlieni totali fil-portafoll tan-negozjar** Għal kull kategorija rilevanti ta' AVAs, għal portafolli soġġetti għall-Approċċ ewlieni kif stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101, is-sehem tal-AVAs li jirriżultaw minn pożizzjonijiet miżmuma fil-"portafoll tan-negozjar": il-pożizzjonijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji u fil-komoditajiet miżmuma minn istituzzjoni b'intenzjoni ta' negozjar jew għall-pożizzjonijiet ta' hedging miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar f'konformità mal-Artikolu 104 CRR. Il-valur dikjarat għandu jinkludi l-benefiċċji ta' diversifikazzjoni ddefiniti f'konformità mal-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.
h	**Li minnhom: approċċ ewlieni totali fil-portafoll bankarju** Għal kull kategorija rilevanti ta' AVAs, għal portafolli soġġetti għall-Approċċ ewlieni kif stabbilit fil-Kapitolu III tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101, is-sehem tal-AVAs li jirriżultaw minn pożizzjonijiet b'valur ġust fi strumenti finanzjarji u f'komoditajiet mhux miżmuma fil-portafoll tan-negozjar Il-valur dikjarat għandu jinkludi l-benefiċċji ta' diversifikazzjoni ddeterminati f'konformità mal-Artikoli 9(6), 10(7) u 11(7) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/101.

ANNESS VII

Mudell EU CC1 - Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1): strumenti u riżervi			
1	Strumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati		(h)
	li minnhom: Strument tat-tip 1		
	li minnhom: Strument tat-tip 2		
	li minnhom: Strument tat-tip 3		
2	Qligħ imfaddal		
3	Introjtu ieħor komprensiv akkumulat (u riżervi oħra)		
EU-3a	Fondi għal riskju bankarju ġenerali		
4	Ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(3) CRR u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għal eliminazzjoni gradwali minn CET1		
5	Interessi minoritarji (ammont permess f'CET1 konsolidat)		
EU-5a	Profitti interim riveduti indipendentement netti minn kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli		
6	**Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) qabel aġġustamenti regolatorji**		
Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1): aġġustamenti regolatorji			
7	Aġġustamenti fil-valur addizzjonali (ammont negattiv)		
8	Assi intanġibbli (netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata) (ammont negattiv)		(a)nieqes (d)

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
9	Mhux applikabbli		
10	Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura eskluży dawk li jirriżultaw minn differenzi temporanji (netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata fejn il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR huma ssodisfati) (ammont negattiv)		
11	Riservi ta' valur ġust relatati ma' qligħ jew telf fuq ħeġġijiet tal-flussi tal-flus ta' strumenti finanzjarji li ma jiġux ivvalutati abbażi tal-valur ġust		
12	Ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistennija		
13	Kwalunkwe żieda fl-ekwità li tirriżulta minn assi titolizzati (ammont negattiv)		
14	Qligħ jew telf fuq obbligazzjonijiet ivvalutati abbażi tal-valur ġust li jirriżulta minn bidliet fil-mertu tal-kreditu proprju		
15	Assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti (ammont negattiv)		
16	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti CET1 proprji (ammont negattiv)		
17	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni ddisinjata biex tkabbar b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni (ammont negattiv)		
18	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont 'il fuq mil-livell limitu ta' 10 % u nett minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv)		
19	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont 'il fuq mil-livell limitu ta' 10 % u nett minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv)		

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
20	Mhux applikabbli		
EU-20a	Ammont ta' skopertura tal-entrati li ġejjin li jikkwalifikaw għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 %, meta l-istituzzjoni tagħżel l-alternattiva tat-tnaqqis		
EU-20b	li minnhom: parteċipazzjonijiet kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju (ammont negattiv)		
EU-20c	li minnhom: pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (ammont negattiv)		
EU-20d	li minnhom: konsenji bla ħlas (ammont negattiv)		
21	Assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji (ammont 'il fuq mil-livell limitu ta' 10 %, netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata fejn il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38 (3) CRR huma ssodisfati) (ammont negattiv)		
22	Ammont li jaqbeż il-livell limitu ta' 17,65 % (ammont negattiv)		
23	li minnhom: parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet		
24	Mhux applikabbli		
25	li minnhom: assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji		
EU-25a	Telf għas-sena finanzjarja kurrenti (ammont negattiv)		
EU-25b	Imposti ta' taxxa prevedibbli relatati mal-entrati CET1 ħlief fejn l-istituzzjoni taġġusta b'mod xieraq l-ammont ta' entrati CET1 sa fejn dawn l-imposti tat-taxxa jnaqqsu l-ammont sa fejn dawn l-entrati jistgħu jintużaw biex ikopru r-riskji jew it-telf (ammont negattiv)		
26	Mhux applikabbli		
27	Tnaqqis kwalifikanti AT1 li jaqbeż l-entrati AT1 tal-istituzzjoni (ammont negattiv)		

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
27a	Aġġustamenti regolatorji oħra		
28	**Aġġustamenti regolatorji totali fil-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1)**		
29	**Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1)**		
Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (AT1): strumenti			
30	Strumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati		(i)
31	li minnhom: klassifikati bħala ekwità skont l-istandards kontabilistiċi applikabbli		
32	li minnhom: klassifikati bħala obbligazzjonijiet skont l-istandards kontabilistiċi applikabbli		
33	Ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(4) CRR u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għal eliminazzjoni gradwali minn AT1		
EU-33a	Ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494a(1) CRR soġġetti għal eliminazzjoni gradwali minn AT1		
EU-33b	Ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494b(1) CRR soġġetti għal eliminazzjoni gradwali minn AT1		
34	Kapital tal-Grad 1 kwalifikanti inkluż fil-kapital AT1 konsolidat (inklużi interessi minoritarji mhux inklużi fir-ringiela 5) maħruġa minn sussidjarji u miżmuma minn partijiet terzi		
35	li minnhom: strumenti maħruġa minn sussidjarji soġġetti għal eliminazzjoni gradwali		
36	**Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (AT1) qabel aġġustamenti regolatorji**		
Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (AT1): aġġustamenti regolatorji			
37	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti AT1 proprji (ammont negattiv)		

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
38	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni ddisinjata biex tkabbar b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni (ammont negattiv)		
39	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont 'il fuq mil-livell limitu ta' 10 % u nett minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv)		
40	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (nett minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv)		
41	Mhux applikabbli		
42	Tnaqqis kwalifikanti T2 li jaqbeż l-entrati T2 tal-istituzzjoni (ammont negattiv)		
42a	Aġġustamenti regolatorji oħra fil-kapital AT1		
43	**Aġġustamenti regolatorji totali fil-Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (AT1)**		
44	**Kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (AT1)**		
45	**Kapital tal-Grad 1 (T1 = CET1 + AT1)**		
	Kapital tal-Grad 2 (T2): strumenti		
46	Strumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati		
47	Ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(5) CRR u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għal eliminazzjoni gradwali minn T2 kif deskritt fl-Artikolu 486(4) CRR		
EU-47a	Ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494a(2) CRR soġġetti għal eliminazzjoni gradwali minn T2		

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
EU-47b	Ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494b(2) CRR soġġetti għal eliminazzjoni gradwali minn T2		
48	Strumenti ta' fondi proprji kwalifikanti inklużi f'kapital T2 konsolidat (inklużi interessi minoritarji u strumenti AT1 mhux inklużi fir-ringieli 5 jew 34) maħruġa minn sussidjarji u miżmuma minn partijiet terzi		
49	li minnhom: strumenti maħruġa minn sussidjarji soġġetti għal eliminazzjoni gradwali		
50	Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu		
51	**Kapital tal-Grad 2 (T2) qabel aġġustamenti regolatorji**		
	Kapital tal-Grad 2 (T2): aġġustamenti regolatorji		
52	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti T2 proprji u self subordinat (ammont negattiv)		
53	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti T2 u self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni ddisinjata biex tkabbar b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni (ammont negattiv)		
54	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti T2 u self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont 'il fuq mil-livell limitu ta' 10 % u netti minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv)		
54a	Mhux applikabbli		
55	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti T2 u self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (netti minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv)		

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
56	Mhux applikabbli		
EU-56a	Tnaqqis ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kwalifikanti li jaqbżu l-entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni (ammont negattiv)		
EU-56b	Aġġustamenti regolatorji oħra fil-kapital T2		
57	**Aġġustamenti regolatorji totali fil-kapital tal-Grad 2 (T2)**		
58	**Kapital tal-Grad 2 (T2)**		
59	**Kapital totali (TC = T1 + T2)**		
60	**Skopertura totali għar-riskju**		
	Il-proporzjonijiet u r-rekwiżiti kapitali inklużi l-bafers		
61	Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni		
62	Kapital tal-Grad 1		
63	Kapital totali		
64	Rekwiżiti kapitali totali CET1 tal-istituzzjoni		
65	li minnhom: rekwiżit ta' riżerva ta' konservazzjoni ta' kapital		
66	li minnhom: rekwiżit ta' riżerva ta' kapital kontroċiklika		
67	li minnhom: rekwiżit ta' riżerva għar-riskju sistemiku		
EU-67a	li minnhom: Rekwiżit ta' riżerva ta' Istituzzjoni Globali Sistemikament Importanti (G-SII) jew ta' Istituzzjoni Oħra Sistemikament Importanti (O-SII)		
EU-67b	li minnhom: rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji biex jiġu indirizzati r-riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv		

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
68	**Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) disponibbli wara li jintlaħqu r-rekwiżiti kapitali minimi**		
Valuri minimi nazzjonali (jekk differenti minn Basel III)			
69	Mhux applikabbli		
70	Mhux applikabbli		
71	Mhux applikabbli		
Ammonti taħt il-livelli limiti għat-tnaqqis (qabel il-ponderazzjoni tar-riskju)			
72	Parteċipazzjonijiet diretti u indiretti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont taħt il-livell limitu ta' 10 % u netti minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli)		
73	Parteċipazzjonijiet diretti u indiretti mill-istituzzjoni tal-istrumenti CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont taħt il-livelli limitu ta' 17,65 % u netti minn pożizzjonijiet qosra eliġibbli)		
74	Mhux applikabbli		
75	Assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji (ammont taħt il-livell limitu ta' 17,65 %, netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata fejn il-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR huma ssodisfati)		
Limiti massimi applikabbli fuq l-inklużjoni ta' dispożizzjonijiet fil-Grad 2			
76	Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu inklużi f'T2 fir-rigward ta' skoperturi soġġetti għal approċċ standardizzat (qabel l-applikazzjoni tal-limitu massimu)		
77	Limitu massimu fuq l-inklużjoni ta' aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu f'T2 skont approċċ standardizzat		

		(a)	(b)
		Ammonti	**Sors ibbażat fuq numri/ittri ta' referenza tal-karta bilanċjali taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**
78	Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu inklużi f'T2 fir-rigward ta' skoperturi soġġetti għal approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni (qabel l-applikazzjoni tal-limitu massimu)		
79	Limitu massimu għall-inklużjoni ta' aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu f'T2 approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni		
Strumenti kapitali soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali (applikabbli biss bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-1 ta' Jannar 2022)			
80	Limitu massimu kurrenti fuq strumenti CET1 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali		
81	Ammont eskluż minn CET1 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet)		g
82	Limitu massimu kurrenti fuq strumenti AT1 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali		
83	Ammont eskluż minn AT1 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet)		
84	Limitu massimu kurrenti fuq strumenti T2 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali		
85	Ammont eskluż minn T2 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet)		

Mudell EU CC2 - rikonċiljazzjoni tal-fondi proprji regolatorji mal-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji awditjati

Mudell flessibbli. Ir-ringieli għandhom jiġu ddivulgati f'konformità mal-karta bilanċjali inkluża fir-rapporti finanzjarji awditjati tal-istituzzjonijet. Il-kolonni għandhom jinżammu fissi, sakemm l-istituzzjoni ma jkollhiex l-istess kamp ta' applikazzjoni kontabilistiku u regolatorju tal-konsolidazzjoni, f'liema każ il-kolonni (a) u (b) għandhom jingħaqdu flimkien

		a	b	c
		Karta bilanċjali bħal f'rapporti finanzjarji pubblikati	**Taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**	**Referenza**
		Fl-aħħar tal-perjodu	**Fl-aħħar tal-perjodu**	
Assi - *Diżaggregazzjoni skont il-klassijiet tal-assi skont il-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji pubblikati*				
1				
2				
3				
xxx	**Assi totali**			

		a	b	c
		Karta bilanċjali bhal f'rapporti finanzjarji pubblikati	**Taht il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**	**Referenza**
		Fl-aħħar tal-perjodu	**Fl-aħħar tal-perjodu**	
Obbligazzjonijiet - *Diżaggregazzjoni skont il-klassijiet tal-obbligazzjonijiet skont il-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji pubblikati*				
1				
2				
3				
xxx	**Obbligazzjonijiet totali**			

		a	b	c
		Karta bilanċjali bħal f'rapporti finanzjarji pubblikati	**Taħt il-kamp ta' applikazzjoni regolatorju tal-konsolidazzjoni**	**Referenza**
		Fl-aħħar tal-perjodu	**Fl-aħħar tal-perjodu**	
Ekwità tal-azzjonisti				
1				
2				
3				
xxx	**Ekwità totali tal-azzjonisti**			

Mudell EU CCA: Karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji regolatorji u tal-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

		a
		Informazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva – Format liberu
1	Emittent	
2	Identifikatur uniku (eż. Identifikatur CUSIP, ISIN jew Bloomberg għal pjazzament privat)	
2a	Pjazzament pubbliku jew privat	
3	Il-liġi(jiet) regolatorja/i tal-istrument	
3a	Rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni	
	Trattament regolatorju	
4	Trattament kurrenti li jqis, fejn applikabbli, ir-regoli tranżitorji CRR	
5	Ir-regoli CRR ta' wara t-tranżizzjoni	
6	Eliġibbli għal solo/(sub)konsolidat/ solo u (sub)konsolidat	
7	Tip ta' strument (tipi li għandhom jiġu speċifikati minn kull ġurisdizzjoni)	

		a
		Informazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva – Format liberu
8	Ammont rikonoxxut f'kapital regolatorju jew f'obbligazzjonijiet eliġibbli (munita f'miljuni, mid-data tar-rapportar l-aktar reċenti)	
9	Ammont nominali ta' strument	
EU-9a	Prezz tal-ħruġ	
EU-9b	Prezz tat-tifdija	
10	Klassifikazzjoni tal-kontabilità	
11	Data oriġinali tal-ħruġ	
12	Perpetwu jew datat	
13	Data tal-maturità oriġinali	
14	Sejħa tal-emittent soġġetta għal approvazzjoni superviżorja minn qabel	
15	Data tas-sejħa fakultattiva, dati tas-sejħa kontinġenti u ammont tat-tifdija	
16	Dati tas-sejħa sussegwenti, jekk applikabbli	
	Kupuni / dividendi	
17	Dividend/kupun fiss jew varjabbli	
18	Rata tal-kupun u kwalunkwe indiċi relatat	
19	Eżistenza ta' dividend stopper	
EU-20a	Kompletament diskrezzjonali, parzjalment diskrezzjonali jew obbligatorju (f'termini ta' żmien)	
EU-20b	Kompletament diskrezzjonali, parzjalment diskrezzjonali jew obbligatorju (f'termini ta' ammont)	
21	L-eżistenza ta' żieda jew inċentiv ieħor ta' tifdija	
22	Mhux kumulattivi jew kumulattivi	
23	Konvertibbli jew mhux konvertibbli	
24	Jekk konvertibbli, skattatur(i) tal-konverżjoni	

		a
		Informazzjoni kwalitattiva jew kwantitattiva – Format liberu
25	Jekk konvertibbli, kompletament jew parzjalment	
26	Jekk konvertibbli, rata tal-konverżjoni	
27	Jekk konvertibbli, konverżjoni obbligatorja jew fakultattiva	
28	Jekk konvertibbli, speċifika t-tip ta' strument konvertibbli fih	
29	Jekk konvertibbli, speċifika l-emittent tal-istrument li jikkonverti fih	
30	Karatteristiċi ta' valwazzjoni negattiva	
31	Jekk valwazzjoni negattiva, skattatur(i) tal-valwazzjoni negattiva	
32	Jekk valwazzjoni negattiva, sħiħa jew parzjali	
33	Jekk valwazzjoni negattiva, permanenti jew temporanja	
34	Jekk valwazzjoni negattiva temporanja, deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' valwazzjoni pożittiva	
34a	Tip ta' subordinazzjoni (għal obbligazzjonijiet eliġibbli biss)	
EU-34b	Klassifikazzjoni tal-istrument fi proċedimenti normali ta' insolvenza	
35	Il-pożizzjoni fil-ġerarkija tas-subordinazzjoni f'likwidazzjoni (speċifika t-tip ta' strument immedjatament super-juri għall-istrument)	
36	Karatteristiċi tranżizzjonali mhux konformi	
37	Jekk iva, speċifika l-karatteristiċi mhux konformi	
37a	Rabta mat-terminu sħiħ u l-kundizzjonijiet tal-istrument (senjaletika)	

([1]) Daħħal "N/A" jekk il-mistoqsija ma tkunx applikabbli

ANNESS VIII

Struzzjonijiet għal mudelli ta' divulgazzjoni tal-fondi proprji

Mudell EU CC1 - Kompożizzjoni tal-fondi proprji regolatorji

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (d), (e) u (f) tal-Artikolu 437 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CC1 li huwa ppreżentat fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-Mudell EU CC1, l-aġġustamenti regolatorji jinkludu tnaqqis mill-fondi proprji u l-filtri prudenzjali.

3. L-istituzzjonijiet huma meħtieġa jimlew il-kolonna (b) ta' dan il-mudell sabiex juru s-sors ta' kull input ewlieni, li għandu jiġi kontroreferenzjat mar-ringieli korrispondenti fil-Mudell EU CC2.

4. Fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tar-restrizzjonijiet kollha applikati għall-kalkolu tal-fondi proprji f'konformità mas-CRR u l-istrumenti, il-filtri prudenzjali u t-tnaqqis li għalihom japplikaw dawk ir-restrizzjonijiet. Dawn għandhom jinkludu wkoll spjegazzjoni komprensiva tal-bażi li fuqha jiġu kkalkolati l-proporzjonijiet kapitali meta dawk il-proporzjonijiet kapitali jiġu kkalkolati bl-użu tal-elementi ta' fondi proprji ddeterminati fuq bażi li ma tkunx il-bażi stabbilita fis-CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	Strumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati L-istrumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 26(1) u mal-Artikoli 27, 28, 29 CRR u l-lista tal-EBA kif imsemmija fl-Artikolu 26(3) CRR, u d-diżaggregazzjoni tagħhom skont it-tip ta' strument.
2	Qligħ imfaddal Il-qligħ imfaddal qabel l-aġġustamenti regolatorji kollha f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 26(1) CRR (qabel l-inklużjoni ta' xi profitt jew telf nett *interim*)
3	Introjtu komprensiv ieħor akkumulat (u riżervi oħrajn) L-ammont ta' introjtu komprensiv ieħor akkumulat u ta' riżervi oħrajn f'konformità mal-punti (d) u (e) tal-Artikolu 26(1) CRR
EU-3a	Fondi għar-riskju bankarju ġenerali L-ammont ta' fondi għar-riskju bankarju ġenerali f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 26(1) CRR
4	L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(3) CRR u tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mis-CET1 L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(3) CRR u tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mis-CET1 kif deskritt fl-Artikolu 486(2) CRR
5	Interessi minoritarji (ammont permess fis-CET1 konsolidat) L-interessi minoritarji (ammont permess fis-CET1 konsolidat) skont l-Artikolu 84 CRR
EU-5a	Profitti interim rieżaminati b'mod indipendenti netti minn kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli Il-profitti interim rieżaminati b'mod indipendenti netti minn kwalunkwe imposta jew dividend prevedibbli skont l-Artikolu 26(2) CRR

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
6	Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) qabel aġġustamenti regolatorji Is-somma tal-ammonti fir-ringieli minn 1 sa EU-5a ta' dan il-mudell
7	Aġġustamenti fil-valur addizzjonali (ammont negattiv) L-aġġustamenti tal-valur addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 34 u 105 CRR (ammont negattiv)
8	Assi intanġibbli (netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata) (ammont negattiv) L-assi intanġibbli (netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata) f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 36(1) u mal-Artikolu 37 CRR (ammont negattiv)
9	Mhux applikabbli
10	Assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura minbarra dawk li jirriżultaw minn differenzi temporanji (netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR) (ammont negattiv) L-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabilità futura minbarra dawk li jirriżultaw minn differenzi temporanji (netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR) f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 36(1) u mal-Artikolu 38 CRR (ammont negattiv)
11	Riżervi ta' valur ġust relatati mal-qligħ jew mat-telf fuq il-hedges tal-flussi tal-flus ta' strumenti finanzjarji li mhumiex valwati b'valur ġust Ir-riżervi ta' valur ġust relatati mal-qligħ jew mat-telf fuq il-hedges tal-flussi tal-flus ta' strumenti finanzjarji li mhumiex valwati b'valur ġust f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 33(1) CRR
12	Ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistennija L-ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistennija f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 36(1) u mal-Artikolu 40 CRR
13	Kull żieda fl-ekwità li tirriżulta minn assi titolizzati (ammont negattiv) Kwalunkwe żieda fl-ekwità li tirriżulta minn assi titolizzati f'konformità mal-Artikolu 32(1) CRR (ammont negattiv)
14	Qligħ jew telf fuq l-obbligazzjonijiet valwati fuq il-bażi tal-valur ġust li jirriżulta minn tibdiliet fl-affidabbiltà kreditizja proprja Il-qligħ jew it-telf fuq l-obbligazzjonijiet valwati fuq il-bażi tal-valur ġust li jirriżulta minn tibdiliet fl-affidabbiltà kreditizja proprja f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 33(1) CRR
15	Assi ta' fond providenti b'benefiċċju definit (ammont negattiv) L-assi ta' fond providenti b'benefiċċju definit f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 36(1) u mal-Artikolu 41 CRR (ammont negattiv)
16	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti tas-CET1 proprji (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti tas-CET1 proprji kif deskritti fil-punt (f) tal-Artikolu 36(1) u fl-Artikolu 42 CRR (ammont negattiv)
17	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tas-CET 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni mfassla sabiex ikabbru b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni mfassla sabiex ikabbru b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni kif deskritti fil-punt (g) tal-Artikolu 36(1) u fl-Artikolu 44 CRR (ammont negattiv)

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
18	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) kif deskritti fil-punt (h) tal-Artikolu 36(1) u fl-Artikoli 43, 45, 46, 49(2) u (3) u 79 CRR (ammont negattiv)
19	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) kif deskritti fil-punt (i) tal-Artikolu 36(1), fl-Artikoli 43, 45, 47, fil-punt (b) tal-Artikolu 48(1), u fl-Artikolu 49 minn (1) sa (3) CRR (ammont negattiv)
20	Mhux applikabbli
EU-20a	Ammont tal-iskopertura tal-entrati li ġejjin li jikkwalifikaw għal RW ta' 1 250 %, meta l-istituzzjoni tagħżel l-alternattiva tat-tnaqqis L-ammont tal-iskopertura tal-entrati li ġejjin li jikkwalifikaw għal RW ta' 1 250 %, meta l-istituzzjoni tagħżel l-alternattiva tat-tnaqqis, kif deskritt fil-punt (k) tal-Artikolu 36(1) CRR
EU-20b	li minnhom: parteċipazzjonijiet kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju (ammont negattiv) Mill-ammont fl-EU-20a, l-ammont relatat ma' parteċipazzjoni kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju f'konformità mal-punt (k)(i) tal-Artikolu 36(1) u mal-Artikoli minn 89 sa 91 CRR (ammont negattiv)
EU-20c	li minnhom: pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni (ammont negattiv) Mill-ammont fl-EU-20a ta' dan il-mudell, l-ammont relatat mal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, f'konformità mal-punt (k)(ii) tal-Artikolu 36(1), mal-punt (b) tal-Artikolu 243(1), mal-punt (b) tal-Artikolu 244(1) u mal-Artikolu 258 CRR (ammont negattiv)
EU-20d	li minnhom: konsenji bla ħlas (ammont negattiv) Mill-ammont fl-EU-20a ta' dan il-mudell, l-ammont relatat mal-konsenji bla ħlas f'konformità mal-punt (k)(iii) tal-Artikolu 36(1) u mal-Artikolu 379(3) CRR (ammont negattiv)
21	Assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 %, nett mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR) (ammont negattiv) L-assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 %, nett mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR) kif deskritti fil-punt (c) tal-Artikolu 36(1), fl-Artikolu 38 u fil-punt (a) tal-Artikolu 48(1) CRR (ammont negattiv)
22	Ammont li jaqbeż il-livell limitu ta' 17,65 % (ammont negattiv) L-ammont li jaqbeż il-limitu ta' 17,65 % f'konformità mal-Artikolu 48(1) CRR (ammont negattiv)

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
23	li minnhom: parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet Mill-ammont fir-ringiela 22 ta' dan il-mudell, l-ammont ta' parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet kif deskritt fil-punt (i) tal-Artikolu 36(1) u fil-punt (b) tal-Artikolu 48(1) CRR
24	Mhux applikabbli
25	li minnhom: assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji Mill-ammont fir-ringiela 22 ta' dan il-mudell, l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji kif deskritti fil-punt (c) tal-Artikolu 36(1) fl-Artikolu 38 u fil-punt (a) tal-Artikolu 48(1) CRR
EU-25a	Telf għas-sena finanzjarja kurrenti (ammont negattiv) It-telf għas-sena finanzjarja f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 36(1) CRR (ammont negattiv)
EU-25b	Imposti tat-taxxa prevedibbli relatati mal-entrati tas-CET1 ħlief meta l-istituzzjoni taġġusta b'mod xieraq l-ammont ta' entrati tas-CET1 sa fejn tali imposti tat-taxxa jnaqqsu l-ammont sa livell li fih l-entrati jistgħu jintużaw sabiex ikopru r-riskji jew it-telf (ammont negattiv) L-ammont ta' imposti tat-taxxa prevedibbli relatati mal-entrati tas-CET1 prevedibbli fil-mument tal-kalkolu tagħhom, ħlief meta l-istituzzjoni taġġusta b'mod xieraq l-ammont ta' entrati tas-CET1 sa fejn tali imposti tat-taxxa jnaqqsu l-ammont sa livell li fih l-entrati jistgħu jiġu applikati sabiex ikopru r-riskji jew it-telf, f'konformità mal-punt (l) tal-Artikolu 36(1) CRR (ammont negattiv)
26	Mhux applikabbli
27	Tnaqqis tal-AT1 kwalifikanti li jaqbeż l-entrati tal-AT1 tal-istituzzjoni (ammont negattiv) It-tnaqqis tal-AT1 kwalifikanti li jaqbeż l-entrati tal-AT1 tal-istituzzjoni kif deskritt fil-punt (j) tal-Artikolu 36(1) CRR (ammont negattiv)
EU-27a	Aġġustamenti regolatorji oħrajn L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw f'din ir-ringiela kull aġġustament regolatorju applikabbli, irrapportat bħala parti mir-rapportar superviżorju u mhux inkluż f'xi ringiela oħra ta' dan il-mudell, inkluż l-ammont ta' arranġamenti tranżizzjonali tal-IFRS 9, meta rilevanti u sa tmiem il-perjodu tranżitorju
28	Aġġustamenti regolatorji totali għall-Grad 1 ta' Ekwità Komuni CET1 Għandhom jiġu kkalkolati bħala s-somma tal-ammonti fir-ringieli minn 7 sa EU-20a, 21, 22 u minn EU-25a sa EU-27a ta' dan il-mudell
29	Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 6 li minnha titnaqqas ir-ringiela 28 ta' dan il-mudell
30	Strumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati L-istrumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati skont l-Artikoli 51 u 52 CRR
31	li minnhom: ikklassifikati bħala ekwità skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli L-ammont fir-ringiela 30 ta' dan il-mudell ikklassifikat bħala ekwità skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
32	li minnhom: ikklassifikati bħala obbligazzjonijiet skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli L-ammont fir-ringiela 30 ta' dan il-mudell ikklassifikat bħala obbligazzjonijiet skont l-istandards tal-kontabilità applikabbli
33	L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(4) CRR u tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mis-AT1 L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(4) CRR u tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mill-AT1 f'konformità mal-Artikolu 486(3) CRR
EU-33a	L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494a(1) CRR soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mill-AT1
EU-33b	L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494b(1) CRR soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mill-AT1
34	Kapital kwalifikanti tal-Grad 1 inkluż fil-kapital konsolidat tal-AT1 (inklużi l-interessi minoritarji mhux inklużi fir-ringiela 5) maħruġ minn sussidjarji u miżmum minn terzi persuni Kapital kwalifikanti tat-T1 inkluż fil-kapital konsolidat tal-AT1 (inklużi l-interessi minoritarji mhux inklużi fir-ringiela 5 ta' dan mudell) maħruġ minn sussidjarji u miżmum minn terzi persuni kif deskritt fl-Artikoli 85 u 86 CRR
35	li minnhom: strumenti maħruġa minn sussidjarji soġġetti għal eliminazzjoni gradwali L-ammont fir-ringiela 34 ta' dan il-mudell li huwa relatat mal-istrumenti maħruġa minn sussidjarji soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali kif deskritt fl-Artikolu 486(3) CRR
36	Kapital tal-Grad 1 addizzjonali (AT1) qabel l-aġġustamenti regolatorji Is-somma tal-ammonti fir-ringieli 30, 33, EU-33a, EU-33b u 34 ta' dan il-mudell
37	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti tas-AT1 proprji (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti tal-AT1 proprji kif deskritti fil-punt (b) tal-Artikolu 52(1), fil-punt (a) tal-Artikolu 56 u fl-Artikolu 57 CRR (ammont negattiv)
38	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tal-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni mfassla sabiex ikabbru b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tas-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni mfassla sabiex ikabbru b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni kif deskritti fil-punt (b) tal-Artikolu 56 u fl-Artikolu 58 CRR (ammont negattiv)
39	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tal-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tas-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) kif deskritti fil-punt (c) tal-Artikolu 56 u fl-Artikoli 59, 60 u 79 CRR (ammont negattiv)

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
40	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (netti mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (netti mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) kif deskritti fil-punt (d) tal-Artikolu 56 u fl-Artikoli 59 u 79 CRR (ammont negattiv)
41	Mhux applikabbli
42	Tnaqqis tal-T2 kwalifikanti li jaqbeż l-entrati tal-T2 tal-istituzzjoni (ammont negattiv) It-tnaqqis tal-T2 kwalifikanti li jaqbeż l-entrati tal-T2 tal-istituzzjoni kif deskritt fil-punt (e) tal-Artikolu 56 CRR (ammont negattiv)
Eu-42a	Aġġustamenti regolatorji oħrajn għall-kapital tal-AT1 L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw f'din ir-ringiela kwalunkwe aġġustament regolatorju applikabbli, irrapportat bħala parti mir-rapportar superviżorju u mhux inkluż fi kwalunkwe ringiela oħra ta' dan il-mudell
43	Aġġustamenti regolatorji totali għall-kapital tal-Grad 1 Addizzjonali (AT1) Is-somma tal-ammonti fir-ringieli minn 37 sa EU-42a ta' dan il-mudell
44	Kapital tal-Grad 1 (AT1) addizzjonali Il-kapital tal-Grad 1 (AT1) addizzjonali li għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 36 li minnha titnaqqas ir-ringiela 43 ta' dan il-mudell
45	Kapital tal-Grad 1 (T1 = CET1 + AT1) Il-kapital tal-Grad 1 li għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 29 li magħha tiżdied ir-ringiela 44 ta' dan il-mudell
46	Strumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati L-istrumenti kapitali u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati kif deskritti fl-Artikoli 62 u 63 CRR
47	L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 484(5) CRR u tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mit-T2 kif deskritt fl-Artikolu 486(4) CRR
EU-47a	L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494a(2) CRR soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mit-T2
EU-47b	L-ammont ta' entrati kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 494b(2) CRR soġġetti għall-eliminazzjoni gradwali mit-T2
48	Strumenti ta' fondi proprji kwalifikanti inklużi fil-kapital konsolidat tat-T2 (inklużi l-interessi minoritarji u l-istrumenti tal-AT1 mhux inklużi fir-ringieli 5 u 34) maħruġa minn sussidjarji u miżmuma minn terzi persuni L-istrumenti ta' fondi proprji kwalifikanti inklużi fil-kapital konsolidat tat-T2 (inklużi l-interessi minoritarji u l-istrumenti tal-AT1 mhux inklużi fir-ringiela 5 jew 34 ta' dan mudell) maħruġa minn sussidjarji u miżmuma minn terzi persuni kif deskritti fl-Artikoli 87 u 88 CRR
49	li minnhom: strumenti maħruġa minn sussidjarji soġġetti għal eliminazzjoni gradwali Mill-ammont fir-ringiela 48, l-ammont relatat mal-istrumenti maħruġa minn sussidjarji soġġetti għal eliminazzjoni gradwali, kif deskritt fl-Artikolu 486(4) CRR

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
50	Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu L-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-punti (c) u (d) tal-Artikolu 62 CRR
51	Kapital tal-Grad 2 (T2) qabel l-aġġustamenti regolatorji Is-somma tal-ammonti fir-ringieli minn 46 sa 48 u fir-ringiela 50 ta' dan il-mudell
52	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti tat-T2 proprji u ta' self subordinat (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti tat-T2 proprji u ta' self subordinat kif deskritti fis-subpunt (i) tal-punt (b) tal-Artikolu 63, fil-punt (a) tal-Artikolu 66 u fl-Artikolu 67 CRR (ammont negattiv)
53	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tat-T2 u tas-self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni mfassla sabiex ikabbru b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tat-T2 u tas-self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi mal-istituzzjoni mfassla sabiex ikabbru b'mod artifiċjali l-fondi proprji tal-istituzzjoni kif deskritti fil-punt (b) tal-Artikolu 66 u fl-Artikolu 68 CRR (ammont negattiv)
54	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tat-T2 u tas-self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tat-T2 u tas-self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont ogħla mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) kif deskritti fil-punt (c) tal-Artikolu 66 u fl-Artikoli 69, 70 u 79 CRR (ammont negattiv)
54a	Mhux applikabbli
55	Parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-T2 u tas-self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (netti mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) (ammont negattiv) Il-parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-T2 u tas-self subordinat ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (netti mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 66 u fl-Artikoli 69 u 79 CRR (ammont negattiv)
56	Mhux applikabbli
EU-56a	Tnaqqis tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kwalifikanti li jaqbeż l-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni (ammont negattiv) It-tnaqqis tal-obbligazzjonijiet eliġibbli kwalifikanti li jaqbeż l-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 66 CRR (ammont negattiv)
Eu-56b	Aġġustamenti regolatorji oħrajn għall-kapital tal-T2 L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw f'din ir-ringiela kwalunkwe aġġustament regolatorju applikabbli, irrapportat bħala parti mir-rapportar superviżorju u mhux inkluż f'xi ringiela oħra ta' dan il-mudell.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
57	Aġġustamenti regolatorji totali għall-kapital tal-Grad 2 (T2) Is-somma tal-ammonti fir-ringieli minn 52 sa EU-56b ta' dan il-mudell
58	Kapital tal-Grad 2 (T2) Il-kapital tal-Grad 2 (T2) li għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 51 li minnha titnaqqas ir-ringiela 57 ta' dan il-mudell
59	Kapital totali (TC = T1 + T2) Il-kapital totali li għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 45 li magħha tiżdied ir-ringiela 58 ta' dan il-mudell
60	Ammont totali tal-Iskopertura għar-riskju L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-grupp
61	Kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni Il-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 29 diviża bir-ringiela 60 (espressa bħala perċentwal) ta' dan il-mudell f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 92(2) CRR
62	Kapital tal-Grad 1 Il-Grad 1 (bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 45 diviża bir-ringiela 60 (espressa bħala perċentwal) ta' dan il-mudell f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(2) CRR
63	Kapital totali Il-kapital totali (bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) li għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 59 diviża bir-ringiela 60 (espressa bħala perċentwal) ta' dan il-mudell f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 92(2) CRR
64	Rekwiżiti kapitali ġenerali tas-CET1 tal-istituzzjoni Ir-rekwiżiti kapitali ġenerali tas-CET1 tal-istituzzjoni għandhom jiġu kkalkolati bħala r-rekwiżit tas-CET1 f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 92(1) CRR, li miegħu jiżdiedu r-rekwiżit tas-CET1 addizzjonali li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 104(1) tad-Direttiva (UE) 2013/36 ("CRD"), flimkien mar-rekwiżit ta' riżerva kombinat f'konformità mal-Artikolu 128(6) CRD) espress bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju. Għandu jiġi kkalkolat bħala 4,5 % flimkien mar-rekwiżiti addizzjonali tal-Pilastru 2 li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD flimkien mar-rekwiżit ta' riżerva kombinat ikkalkolat f'konformità mal-Artikoli 128, 129, 130, 131 u 133 CRD. Din ir-ringiela se turi l-proporzjon tas-CET1 rilevanti għall-valutazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet.
65	li minnhom: rekwiżit ta' riżerva kombinat ta' kapital L-ammont fir-ringiela 64 (espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) ta' dan il-mudell li jirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva kombinat ta' kapital f'konformità mal-Artikolu 129 CRD
66	li minnhom: rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika L-ammont fir-ringiela 64 (espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) ta' dan il-mudell li jirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva kontroċiklika f'konformità mal-Artikolu 130 CRD
67	li minnhom: rekwiżit tar-riżerva ta' riskju sistemika L-ammont fir-ringiela 64 (espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) ta' dan il-mudell li jirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva ta' riskju sistemika f'konformità mal-Artikolu 133 CRD

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-67a	li minnhom: Rekwiżit ta' riżerva ta' għall-Istituzzjonijiet Globali Sistemikament Importanti (G-SII) jew għall-Istituzzjonijiet Oħra Sistemikament Importanti (O-SII) L-ammont fir-ringiela 64 (espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) ta' dan il-mudell li jirrigwarda r-rekwiżit ta' riżerva għall-G-SII jew għall-O-SII f'konformità mal-Artikolu 131 CRD
EU-67b	li minnhom: rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġu indirizzati riskji għajr ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv L-ammont fir-ringiela 64 (espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju) ta' dan il-mudell li jirrigwarda rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali li jirriżultaw mill-proċess ta' rieżami superviżorju, li jridu jiġu ssodisfati mill-kapital tas-CET1, kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE
68	Grad 1 ta' Ekwità Komuni (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) disponibbli wara li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kapitali minimi Għandu jiġi kkalkolat bħala r-ringiela 61 li minnha jitnaqqsu 4,5 (punti perċentwali), EU-67b, u l-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni użat mill-istituzzjoni sabiex tissodisfa r-rekwiżiti kapitali tal-Grad 1 u tal-Grad 2 Addizzjonali tagħha.
69	Mhux applikabbli
70	Mhux applikabbli
71	Mhux applikabbli
72	Parteċipazzjonijiet diretti u indiretti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont anqas mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) Il-parteċipazzjonijiet diretti u indiretti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont anqas mil-livell limitu ta' 10 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) f'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 36(1) u mal-Artikoli 45, 46, mal-punt (c) tal-Artikoli 56, 59, 60, mal-punt (c) tal-Artikoli 66, 69, 70 u 72i CRR
73	Parteċipazzjonijiet diretti u indiretti mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont anqas mil-livell limitu ta' 17,65 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) Il-parteċipazzjonijiet diretti u indiretti mill-istituzzjoni tal-istrumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet (ammont anqas mil-livell limitu ta' 17,65 % u nett mill-pożizzjonijiet qosra eliġibbli) f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 36(1), mal-Artikoli 43, 45, 47, mal-punt (b) tal-Artikolu 48(1) u mal-Artikolu 49 minn (1) sa (3) CRR (l-ammont totali ta' tali investimenti li ma jkunux dikjarati fir-ringiela 19 u fir-ringiela 23 ta' dan il-mudell)
74	Mhux applikabbli
75	Assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji (ammont anqas mil-livell limitu ta' 17.65 %, nett mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR) L-assi ta' taxxa differita li jirriżultaw minn differenzi temporanji (ammont anqas mil-livell limitu ta' 17,65 % f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 48(2) tas-CRR, netti mill-obbligazzjoni ta' taxxa relatata meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet fl-Artikolu 38(3) CRR) f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 36(1), u mal-Artikoli 38 u 48 CRR (l-ammont totali ta' tali assi ta' taxxa differita li ma jkunux dikjarati fir-ringiela 21 u fir-ringiela 25 ta' dan il-mudell)

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
76	Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu inklużi fit-T2 fir-rigward tal-iskoperturi soġġetti għall-approċċ standardizzat (qabel l-applikazzjoni tal-limitu massimu) L-Aġġustamenti għar-Riskju ta' Kreditu inklużi fit-T2 fir-rigward tal-iskoperturi soġġetti għall-approċċ standardizzat f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 62 CRR
77	Limitu massimu fuq l-inklużjoni ta' aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu fit-T2 skont l-approċċ standardizzat Il-limitu massimu fuq l-inklużjoni ta' aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu fit-T2 skont l-approċċ standardizzat f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 62 CRR
78	Aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu inklużi fit-T2 fir-rigward tal-iskoperturi soġġetti għall-approċċ ta' bażi ta' klassifikazzjoni interna (qabel l-applikazzjoni tal-limitu massimu) L-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu inklużi fit-T2 fir-rigward tal-iskoperturi soġġetti għall-approċċ ta' bażi ta' klassifikazzjoni interna f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 62 CRR
79	Limitu massimu għall-inklużjoni tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu fit-T2 skont l-approċċ ta' bażi ta' klassifikazzjoni interna Il-limitu massimu għall-inklużjoni ta' aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu fit-T2 skont l-approċċ ta' bażi ta' klassifikazzjoni interna f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 62 CRR
80	Limitu massimu kurrenti fuq l-istrumenti tas-CET1 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali Il-limitu massimu kurrenti fuq l-istrumenti tas-CET1 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali f'konformità mal-Artikolu 484(3) u mal-Artikolu 486(2) u (5) CRR
81	Ammont eskluż mis-CET1 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet) L-ammont eskluż mis-CET1 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet) f'konformità mal-Artikolu 484(3) u mal-Artikolu 486(2) u (5) CRR
82	Limitu massimu kurrenti fuq l-istrumenti tas-AT1 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali Il-limitu massimu kurrenti fuq l-istrumenti tas-AT1 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali f'konformità mal-Artikoli 484(4), 486(3) u (5) CRR
83	Ammont eskluż mis-AT1 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet) L-ammont eskluż mis-AT1 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet) f'konformità mal-Artikoli 484(4), 486(3) u (5) CRR
84	Limitu massimu kurrenti fuq l-istrumenti tas-T2 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali Il-limitu massimu kurrenti fuq l-istrumenti tas-T2 soġġetti għal arranġamenti ta' eliminazzjoni gradwali f'konformità mal-Artikoli 484(5), 486(4) u (5) CRR
85	Ammont eskluż mit-T2 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet) L-ammont eskluż mit-T2 minħabba l-limitu massimu (eċċess fuq il-limitu massimu wara t-tifdijiet u l-maturitajiet) f'konformità mal-Artikoli 484(5), 486(4) u (5) CRR

Mudell EU CC2 – Rikonċiljazzjoni tal-fondi proprji regolatorji għall-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji awditjati

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 437 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CC2 li huwa ppreżentat fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-karta bilanċjali inkluża fir-rapporti finanzjarji ppubblikati tagħhom. Ir-rapporti finanzjarji għandhom ikunu r-rapporti finanzjarji awditjati għad-divulgazzjonijiet ta' tmiem is-sena.

7. Ir-ringieli tal-mudell huma flessibbli u għandhom jiġu ddikjarati mill-istituzzjonijiet f'konformità mar-rapporti finanzjarji tagħhom. L-entrati ta' fondi proprji fir-rapporti finanzjarji awditjati għandhom jinkludu l-entrati kollha li jkunu komponenti ta' jew li jitnaqqsu minn fondi proprji regolatorji, inklużi ekwità, obbligazzjonijiet bħal dejn, jew linji oħra tal-karta bilanċjali li jaffettwaw fondi proprji regolatorji bħal assi intanġibbli, avvjament, assi ta' taxxa differita. L-istituzzjonijiet għandhom jespandu l-entrati tal-fondi proprji tal-karta bilanċjali kif meħtieġ sabiex jiżguraw li l-komponenti kollha inklużi fil-kompożizzjoni tal-mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji (il-Mudell EU CC1) jidhru separatament. L-istituzzjonijiet għandhom jespandu biss l-elementi tal-karta bilanċjali sal-livell ta' granularità li huwa meħtieġ sabiex jiġu dderivati l-komponenti meħtieġa mill-Mudell EU CC1. Id-dikjarazzjoni għandha tkun proporzjonata għall-kumplessità tal-karta bilanċjali tal-istituzzjoni.

8. Il-kolonni huma fissi u għandhom jiġu ddikjarati kif ġej:

   a. Kolonna a: L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu ċ-ċifri rrapportati fil-karta bilanċjali inklużi fir-rapporti finanzjarji ppubblikati tagħhom f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni kontabilistiku tal-konsolidament.

   b. Kolonna b: L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw iċ-ċifri li jikkorrispondu għall-ambitu tal-konsolidament prudenzjali.

   c. Kolonna c: L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-kontroreferenza bejn l-entrata ta' sejba proprja fil-Mudell EU CC2 u l-entrati rilevanti fil-mudell ta' divulgazzjoni tal-fondi proprji EU CC1. Ir-referenza fil-kolonna c tal-Mudell EU CC2 se tkun marbuta mar-referenza inkluża fil-kolonna b tal-Mudell EU CC1.

9. Fil-każijiet li ġejjin li fihom l-ambitu tal-konsolidament kontabilistiku tal-istituzzjonijiet u l-ambitu tal-konsolidament regolatorju tagħhom ikunu eżattament l-istess, il-kolonni (a) u (b) ta' dan il-mudell għandhom jingħaqdu flimkien u dan il-fatt għandu jiġi ddikjarat b'mod ċar:

   d. Meta l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Parti Tmienja tas-CRR fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata iżda l-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament u l-metodu għall-konsolidament użat għall-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji jkunu identiċi għall-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidament u għall-metodu għall-konsolidament definiti skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR, u l-istituzzjonijiet jiddikjaraw b'mod ċar in-nuqqas ta' differenzi bejn il-kampijiet ta' applikazzjoni u l-metodi rispettivi għall-konsolidament.

   e. Meta l-istituzzjonijiet jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fil-Parti Tmienja tas-CRR fuq bażi individwali.

Tabella EU CCA – Karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji regolatorji u tal-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.

10. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 437 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU CCA li hija ppreżentata fl-Anness VII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

11. L-istituzzjonijiet għandhom jimlew it-Tabella EU CCA għall-kategoriji li ġejjin: Strumenti ta' Ekwità Komuni tal-Grad 1, strumenti tal-Grad 1 Addizzjonali, strumenti tal-Grad 2 u, fis-sens tal-Artikolu 72b CRR, strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.

12. It-tabelli għandhom jinkludu kolonni separati bil-karatteristiċi ta' kull strument ta' fond proprju regolatorju u tal-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli. F'każijiet li fihom strumenti differenti tal-istess kategorija jkollhom karatteristiċi identiċi, l-istituzzjonijiet jistgħu jimlew kolonna waħda biss li tiddikjara dawn il-karatteristiċi identiċi u tidentifika l-ħruġ li għalih jirreferu l-karatteristiċi identiċi. Meta jiddikjaraw il-kolonni għal dawn l-istrumenti, l-istituzzjonijiet għandhom jiggruppawhom taħt tliet taqsimiet (orizzontalment tul it-tabella) sabiex jindikaw jekk dawn ikunux sabiex jissodisfaw (i) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji biss (iżda mhux ta' obbligazzjonijiet eliġibbli); (ii) kemm ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kif ukoll ta' obbligazzjonijiet eliġibbli; jew (iii) ir-rekwiżiti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli biss (iżda mhux ta' fondi proprji).

13. Fir-rigward ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li ma jkunux subordinati għal obbligazzjonijiet esklużi, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw biss titoli li jkunu strumenti finanzjarji funġibbli u negozjabbli, bl-esklużjoni ta' self u ta' depożiti.

Struzzjonijiet għall-mili tat-tabella dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli regolatorji	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	Emittent L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw l-isem legali tal-emittent. *Test Liberu*
2	Identifikatur uniku (pereż. identifikatur CUSIP, ISIN jew Bloomberg għal pjazzament privat) *Test Liberu*
EU-2a	Pjazzament pubbliku jew privat L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-istrument ikunx ġie ppjazzat pubblikament jew privatament. *Agħżel mill-menu: [Pubbliku] [Privat]*
3	Liġi(jiet) regolatorja/i tal-istrument L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-liġi(jiet) regolatorja/i tal-istrument. *Test Liberu*
3a	Rikonoxximent kuntrattwali tas-setgħat ta' tniżżil fil-valur u ta' konverżjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-istrument fihx klawżola li biha, b'deċiżjoni minn awtorità ta' riżoluzzjoni jew minn awtorità rilevanti ta' pajjiż terz, l-ammont prinċipali tal-istrument ikollu jitniżżel fuq bażi permanenti jew l-istrumenti ikollu jiġi kkonvertit fi strument tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, fis-sens, fejn applikabbli, tad-dispożizzjonijiet li ġejjin: — Fir-rigward tal-istrumenti tal-Grad 1 Addizzjonali, il-punt (p) tal-Artikolu 52(1) CRR; — Fir-rigward tal-istrumenti tal-Grad 2, il-punti (n) jew (o) tal-Artikolu 63 CRR; — Fir-rigward tal-obbligazzjonijiet eliġibbli, il-punt (n) tal-Artikolu 72b(2) CRR; — Fir-rigward ta' xi wieħed jew waħda minn dawn ta' hawn fuq u rregolat(a) bil-liġi ta' pajjiżi terzi, l-Artikolu 55 tad-Direttiva (UE) 2019/879 [2] ("BRRD"). *Tniżżil fil-valur u konverżjoni jistgħu jkunu kemm konformi mal-Artikolu 55 BRRD kif ukoll ma' kwalunkwe wieħed mill-ewwel tliet inċiżi.* *Agħżel mill-menu: [IVA] [LE]*
4	Trattament kurrenti li jqis, fejn applikabbli, ir-regoli tranżizzjonali fis-CRR L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw it-trattament regolatorju tranżizzjonali ta' fondi proprji li jinsab fis-CRR. Il-klassifikazzjoni oriġinali tal-istrument hija l-punt ta' referenza indipendentement mir-riklassifikazzjoni possibbli f'livelli aktar baxxi ta' fondi proprji. *Agħżel mill-menu: [Grad 1 ta' Ekwità Komuni] [Grad 1 Addizzjonali] [Grad 2] [Ineliġibbli] [M/A]* *Test liberu – speċifika jekk frazzjoni tal-ħruġ ġietx irriklassifikata f'livelli aktar baxxi ta' kapital.*
5	Regoli tas-CRR posttranżitorji L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw it-trattament regolatorju ta' fondi proprji skont is-CRR mingħajr ma jqisu t-trattament tranżizzjonali. *Agħżel mill-menu: [Grad 1 ta' Ekwità Komuni] [Grad 1 Addizzjonali] [Grad 2] [obbligazzjonijiet eliġibbli] [Ineliġibbli]*

[2] ID-DIRETTIVA (UE) 2019/879 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investiment u d-Direttiva 98/26/KE (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 296).

Struzzjonijiet għall-mili tat-tabella dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli regolatorji	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
6	Eliġibbli waħdu/(sub)konsolidat/ waħdu u(sub)konsolidat L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-livell(i) fil-grupp li fih(om) l-istrument ikun inkluż fil-fondi proprji/fl-obbligazzjonijiet eliġibbli. *Agħżel mill-menu: [Waħdu] [(Sub)Konsolidat] [Waħdu u (Sub)Konsolidat]*
7	Tip ta' strument (tipi li għandhom jiġu speċifikati minn kull ġurisdizzjoni) L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw it-tip ta' strument, li jvarja skont il-ġurisdizzjoni. *Għal strumenti tas-CET1, agħżel isem l-istrument fil-lista tas-CET1 ippubblikata mill-EBA skont l-Artikolu 26(3) tas-CRR.* *Għal strumenti oħra, agħżel minn: għażliet tal-menu li għandhom jiġu pprovduti lill-istituzzjonijiet minn kull ġurisdizzjoni – għandhom jiddaħħlu r-referenzi legali tal-Artikoli tas-CRR għal kull tip ta' strument*
8	Ammont rikonoxxut f'kapital regolatorju jew f'obbligazzjonijiet eliġibbli (Munita f'miljuni, mill-aktar data ta' rapportar riċenti) L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-ammont rikonoxxut f'fondi proprji regolatorji jew f'obbligazzjonijiet eliġibbli. *Test liberu – speċifika b'mod partikolari jekk xi partijiet tal-istrumenti humiex f'livelli differenti tal-fondi proprji regolatorji u jekk l-ammont rikonoxxut f'fondi proprji regolatorji jkunx differenti mill-ammont maħruġ.*
9	Ammont nominali tal-istrument L-ammont nominali tal-istrument fil-munita tal-ħruġ u fil-munita użata għall-obbligi ta' rapportar *Test Liberu*
EU-9a	Prezz tal-ħruġ Il-prezz tal-ħruġ tal-istrument *Test Liberu*
EU-9b	Prezz tal-fidi Il-prezz tal-fidi tal-istrument *Test Liberu*
10	Klassifikazzjoni kontabilistika L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-klassifikazzjoni kontabilistika. *Agħżel mill-menu: [Ekwità tal-azzjonisti] [Obbligazzjoni – kost amortizzat] [Obbligazzjoni – opzjoni ta' valur ġust] [Interess nonkontrollanti f'sussidjarja konsolidata]*
11	Data oriġinali tal-ħruġ L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw id-data tal-ħruġ. *Test Liberu*
12	Perpetwu jew datat L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk strument huwiex b'data jew perpetwu. *Agħżel mill-menu: [Perpetwu] [B'Data]*
13	Data tal-maturità oriġinali Għal strument datat, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw id-data ta' maturità oriġinali (jum, xahar u sena). Għal strument perpetwu, għandha tingħażel "ebda maturità". *Test Liberu*

Struzzjonijiet għall-mili tat-tabella dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli regolatorji	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
14	Sejħa tal-emittent soġġetta għal approvazzjoni superviżorja minn qabel L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk hemmx opzjoni ta' xiri tal-emittent (it-tipi kollha ta' opzjonijiet ta' xiri). *Agħżel mill-menu: [Iva] [Le]*
15	Data tas-sejħa fakultattiva, dati tas-sejħa kontinġenti u ammont tal-fidi Għal strument b'opzjoni ta' xiri tal-emittent, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-ewwel data tas-sejħa jekk l-istrument ikollu opzjoni ta' xiri f'data speċifika (jum, xahar u sena) u, barra minn hekk, għandhom jispeċifikaw jekk l-istrument għandux sejħa għal avveniment fiskali u/jew regolatorju. L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw ukoll il-prezz tal-fidi, li jgħin biex tiġi vvalutata l-permanenza. *Test Liberu*
16	Dati tas-sejħa sussegwenti, jekk applikabbli L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-eżistenza u l-frekwenza tad-dati tas-sejħa sussegwenti, jekk applikabbli, li jgħinu fil-valutazzjoni tal-permanenza. *Test Liberu*
17	Dividend/kupun fiss jew varjabbli L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk il-kupun/id-dividend ikunx fiss matul il-ħajja tal-istrument jew varjabbli matul il-ħajja tal-istrument jew attwalment fiss iżda se jgħaddi għal rata varjabbli fil-futur, jew attwalment varjabbli iżda se jgħaddi għal rata fissa fil-futur. *Agħżel mill-menu: [Fiss], [Varjabbli] [Fiss għal varjabbli], [Varjabbli għal fiss]*
18	Rata tal-kupun u kwalunkwe indiċi relatat L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw ir-rata tal-kupun tal-istrument u xi indiċi relatat li tirreferi r-rata tal-kupun/tad-dividend. *Test Liberu*
19	Eżistenza ta' dividend stopper L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk in-nuqqas ta' pagament ta' kupun jew ta' dividend fuq l-istrument jipprojbixxix il-pagament ta' dividendi fuq ishma komuni (jiġifieri jekk hemmx dividend stopper). *Agħżel mill-menu: [iva], [le]*
EU-20a	Kompletament diskrezzjonali, parzjalment diskrezzjonali jew obbligatorju (f'termini ta' twaqqit) L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-emittent għandux diskrezzjoni sħiħa, diskrezzjoni parzjali jew ebda diskrezzjoni fuq jekk kupun/dividend jitħallasx. Jekk l-istituzzjoni jkollha diskrezzjoni sħiħa sabiex tikkanċella pagamenti ta' kupuni/dividendi fiċ-ċirkostanzi kollha, jeħtiġilha tagħżel "kompletament diskrezzjonali" (inkluż meta jkun hemm dividend stopper li ma jkollux l-effett li jipprevjeni lill-istituzzjoni milli tikkanċella pagamenti fuq l-istrument). Jekk ikun hemm kundizzjonijiet li jridu jiġu ssodisfati qabel ma l-pagament ikun jista' jiġi kkanċellat (pereż. fondi proprji taħt ċertu livell limitu), l-istituzzjoni jeħtiġilha tagħżel "parzjalment diskrezzjonali". Jekk l-istituzzjoni ma tkunx tista' tikkanċella l-pagament barra mill-insolvenza, l-istituzzjoni jeħtiġilha tagħżel "obbligatorju". *Agħżel mill-menu: [Totalment diskrezzjonali] [Parzjalment diskrezzjonali] [Obbligatorju]* *Test liberu (speċifika r-raġunijiet għad-diskrezzjoni, l-eżistenza ta' dividend pushers, ta' dividend stoppers, ta' ACSM)*
EU-20b	Kompletament diskrezzjonali, parzjalment diskrezzjonali jew obbligatorju (f'termini ta' ammont) L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-emittent għandux diskrezzjoni sħiħa, diskrezzjoni parzjali jew ebda diskrezzjoni fuq l-ammont tal-kupun/tad-dividend. *Agħżel mill-menu: [Totalment diskrezzjonali] [Parzjalment diskrezzjonali] [Obbligatorju]*

Struzzjonijiet għall-mili tat-tabella dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli regolatorji	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
21	L-eżistenza ta' step up jew ta' inċentiv ieħor għat-tifdija L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk hemmx step up jew inċentiv ieħor għat-tifdija. *Agħżel mill-menu: [Iva] [Le]*
22	Mhux kumulattivi jew kumulattivi L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk id-dividendi / il-kupuni jkunux kumulattivi jew mhux kumulattivi. *Agħżel mill-menu: [Mhux kumulattivi] [Kumulattivi] [ACSM]*
23	Konvertibbli jew mhux konvertibbli L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-istrument ikunx konvertibbli jew le. *Agħżel mill-menu: [Konvertibbli] [Mhux konvertibbli]*
24	Jekk konvertibbli, skattatur(i) tal-konverżjoni L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom l-istrument jikkonverti, inkluż il-punt tan-nuqqas ta' vijabbiltà. Meta awtorità waħda jew aktar ikollhom il-kapaċità li jiskattaw konverżjoni, l-awtoritajiet għandhom jiġu elenkati. Għal kull waħda mill-awtoritajiet, għandu jiġi ddikjarat jekk humiex it-termini tal-kuntratt tal-istrument li jipprovdu l-bażi ġuridika għall-awtorità sabiex tiskatta l-konverżjoni (approċċ kuntrattwali) jew jekk il-bażi ġuridika tkunx ipprovduta b'mezzi statutorji (approċċ statutorju). *Test Liberu*
25	Jekk konvertibbli, kompletament jew parzjalment L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-istrument huwiex se jikkonverti dejjem bis-sħiħ, jistax jikkonverti bis-sħiħ jew parzjalment, jew jekk huwiex dejjem se jikkonverti parzjalment. *Agħżel mill-menu: [Dejjem Kompletament] [Kompletament jew Parzjalment] [Dejjem parzjalment]*
26	Jekk konvertibbli, rata ta' konverżjoni L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw ir-rata ta' konverżjoni fl-istrument li jassorbi aktar telf. *Test Liberu*
27	Jekk konvertibbli, konverżjoni obbligatorja jew fakultattiva Għal strumenti konvertibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk il-konverżjoni hijiex obbligatorja jew fakultattiva. *Agħżel mill-menu: [Obbligatorja] [Fakultattiva] [MA] u [skont l-għażla tad-detenturi] [skont l-għażla tal-emittent] [skont l-għażla kemm tad-detenturi kif ukoll tal-emittent]*
28	Jekk konvertibbli, speċifika t-tip ta' strument li fih tista' ssir il-konverżjoni Għal strumenti konvertibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw it-tip ta' strument li fih tista' ssir il-konverżjoni. Dan jgħin sabiex jiġi vvalutat l-assorbiment tat-telf. *Agħżel mill-menu: [Grad 1 ta' Ekwità Komuni] [Grad 1 Addizzjonali] [Grad 2] [Oħrajn]*
29	Jekk konvertibbli, speċifika l-emittent tal-istrument li jikkonverti fih *Test Liberu*
30	Karatteristiċi ta' tniżżil fil-valur L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk hemmx karatteristika ta' tniżżil fil-valur. *Agħżel mill-menu: [Iva] [Le]*

Struzzjonijiet għall-mili tat-tabella dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli regolatorji	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
31	Jekk hemm tniżżil fil-valur, skattatur(i) tat-tniżżil fil-valur L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-iskattaturi li fihom iseħħ it-tniżżil fil-valur, inkluż il-punt tan-nuqqas ta' vijabbiltà. Meta awtorità waħda jew aktar ikollhom il-kapaċità li jiskattaw tniżżil fil-valur, l-awtoritajiet għandhom jiġu elenkati. Għal kull waħda mill-awtoritajiet, għandu jiġi ddikjarat jekk humiex it-termini tal-kuntratt tal-istrument li jipprovdu l-bażi ġuridika għall-awtorità sabiex jiskatta t-tniżżil fil-valur (approċċ kuntrattwali) jew jekk il-bażi ġuridika tkunx ipprovduta b'mezzi statutorji (approċċ statutorju *Test Liberu*
32	Jekk tniżżil fil-valur, sħiħ jew parzjali L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-istrument huwiex se jitniżżel fil-valur bis-sħiħ, jistax jitniżżel fil-valur parzjalment, jew jekk huwiex dejjem se jitniżżel fil-valur parzjalment. Dan jgħin biex jiġi vvalutat il-livell ta' assorbiment tat-telf mat-tniżżil fil-valur. *Agħżel mill-menu: [Dejjem Kompletament] [Kompletament jew Parzjalment] [Dejjem parzjalment]*
33	Jekk tniżżil fil-valur, permanenti jew temporanju Għal strument tat-tniżżil fil-valur, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk it-tniżżil fil-valur huwiex permanenti jew temporanju. *Agħżel mill-menu: [Permanenti] [Temporanju] [MA]*
34	Jekk tniżżil fil-valur temporanju, deskrizzjoni tal-mekkaniżmu ta' tniżżil fil-valur L-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu l-mekkaniżmu ta' tniżżil fil-valur. *Test Liberu*
34a	Tip ta' subordinazzjoni (għall-obbligazzjonijiet eliġibbli biss) L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk l-istrument jissodisfax xi wieħed mit-tipi ta' subordinazzjoni deskritti fil-punt (d)(i), (ii) u (iii) tal-Artikolu 72b(2) CRR. *Agħżel mill-menu:* *[Kuntrattwali] jekk l-istrument jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (d)(i) tal-Artikolu 72b(2) CRR;* *[Statutorja] jekk l-istrument jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (d)(ii) tal-Artikolu 72b(2) CRR;* *[Strutturali] jekk l-istrument jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (d)(iii) tal-Artikolu 72b(2) CRR;* *[Eżenzjoni mis-subordinazzjoni] meta l-istrument ma jissodisfa l-ebda waħda mill-forom ta' subordinazzjoni msemmija hawn fuq u diment li l-istituzzjoni tkun ingħatat permess, skont l-Artikolu 72b(4) CRR, sabiex tinkludi obbligazzjonijiet mhux subordinati bħala entrati ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.*
EU-34b	Klassifikazzjoni tal-istrument fi proċedimenti normali ta' insolvenza L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw il-klassifikazzjoni tal-istrument fi proċedimenti normali ta' insolvenza. *Kif iddefinita fl-[ITS dwar ir-rapportar tal-MREL].*
35	Pożizzjoni fil-ġerarkija tas-subordinazzjoni fil-likwidazzjoni (speċifika t-tip ta' strument immedjatament superjuri għall-istrument) L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-istrument li għalih ikun l-aktar immedjatament subordinat. Fejn applikabbli, il-banek għandhom jispeċifikaw in-numri tal-kolonni tal-istrumenti fit-tabella tal-karatteristiċi ewlenin mimlija li għalihom l-istrument ikun l-aktar immedjatament subordinat. *Test Liberu*
36	Karatteristiċi tranżizzjonati mhux konformi L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw jekk hemmx karatteristiċi mhux konformi. *Agħżel mill-menu: [Iva] [Le]*

Struzzjonijiet għall-mili tat-tabella dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' fondi proprji u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli regolatorji	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
37	Jekk iva, speċifika l-karatteristiċi mhux konformi Jekk ikun hemm karatteristiċi mhux konformi, l-istituzzjoni għandha tispeċifika liema huma. *Test Liberu*
EU-37a	Link għat-termini u għall-kundizzjonijiet sħaħ tal-istrument (senjaletika) L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-iperlink li tagħti aċċess għall-prospett tal-ħruġ, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet kollha tal-istrument.

ANNESS IX

Mudell EU CCyB1 - Id-distribuzzjoni ġeografika tal-iskoperturi għall-kreditu rilevanti għall-kalkolu tal-bafer kontroċikliku

		a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m
		Skoperturi ta' kreditu ġenerali		Skoperturi rilevanti tal-kreditu – Ir-riskju tas-suq		Skoperturi ta' titolizzazzjoni - Valur tal-iskopertura għall-portafoll mhux tan-negozjar	Total tal-valur tal-iskopertura	Rekwiżiti ta' fondi proprji				Ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju	Fatturi ta' ponderazzjoni tar-rekwiżiti tal-fondi proprji (%)	Ir-rata tal-bafer kontroċikliku (%)
		Valur tal-iskopertura skont l-approċċ standardizzat	Valur tal-iskopertura skont l-approċċ IRB	Somma tal-pożizzjonijiet twal u qosra ta' skoperturi tal-portafoll tan-negozjar għal SA	Valur tal-iskoperturi tal-portafoll tan-negozjar għall-mudelli interni			Skoperturi rilevanti għar-riskju tal-kreditu – ir-riskju tal-kreditu	Skoperturi rilevanti tal-kreditu – Ir-riskju tas-suq	Skoperturi rilevanti tal-kreditu – pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar	Total			
010	**Tqassim skont il-pajjiż:**													
	Pajjiż: 001													
	Pajjiż: 002													
	…													
	Pajjiż: NNN													
020	Total													

Mudell EU CCyB2 - L-ammont tal-bafer kapitali kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni

		a
1	Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju	
2	Rata tal-bafer kapitali kontroċikliku speċifika għall-istituzzjoni	
3	Rekwiżit tal-bafer kapitali kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni	

ANNESS X

Struzzjonijiet għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar riżervi ta' kapital kontroċikliċi

Mudell EU CCyB1 - Distribuzzjoni ġeografika tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għall-kalkolu tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika. Format fiss għall-kolonni, format flessibbli għar-ringieli.

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 440 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCyB1 li huwa ppreżentat fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Mudell EU CCyB1 huwa limitat għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għall-kalkolu tas-CCyB f'konformità mal-Artikolu 140(4) tad-Direttiva (UE) 2013/36 ([2]) ("CRD").

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010-01X	**Diżaggregazzjoni skont il-pajjiż** Lista ta' pajjiżi li fihom l-istituzzjoni għandha skoperturi ta' kreditu rilevanti għall-kalkolu tar-riżerva kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 1152/2014 ([3]) In-numru ta' ringieli jista' jvarja skont in-numru ta' pajjiżi fejn l-istituzzjoni jkollha l-iskoperturi ta' kreditu tagħha rilevanti għall-kalkolu tar-riżerva kontroċiklika. L-istituzzjonijiet għandhom jenumeraw ir-ringieli għal kull pajjiż b'mod konsekuttiv, billi jibdew minn 010. F'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 1152/2014, jekk l-iskoperturi fil-portafoll tan-negozjar jew l-iskoperturi ta' kreditu barranin ta' istituzzjoni jirrappreżentaw anqas minn 2 % mill-iskoperturi aggregati tagħha ponderati għar-riskju, l-istituzzjoni tista' tagħżel li talloka dawn l-iskoperturi lill-post tal-istituzzjoni (jiġifieri l-Istat Membru ta' domiċilju tal-istituzzjoni). Jekk l-iskoperturi għall-post tal-istituzzjoni jinkludu skoperturi minn pajjiżi oħra, dawn għandhom ikunu identifikati b'mod ċar f'nota f'qiegħ il-paġna għall-mudell ta' divulgazzjoni.
020	**Total** Il-valur kif deskritt f'konformità mal-ispjegazzjoni għall-kolonni minn a sa m tal-mudell kurrenti.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Il-valur tal-iskoperturi ta' kreditu ġenerali skont l-approċċ standardizzat** Il-valur tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti ddeterminat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mal-Artikolu 111 CRR Il-valur tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti ddeterminat f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD u mal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 248 CRR ma għandux jiġi inkluż hawnhekk iżda f'e ta' dan il-mudell.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) ID-DIRETTIVA 2013/36/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

([3]) IR-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 1152/2014 tal-4 ta' Ġunju 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-identifikazzjoni tal-pożizzjoni ġeografika tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti biex jiġu kkalkulati r-rati speċifiċi għall-istituzzjoni tal-bafer tal-kapital kontroċikliku (ĠU L 309, 30.10.2014, p. 5).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
	Id-diżagregazzjoni ġeografika għandha ssir f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 1152/2014. Ringiela 020 (Total): Is-somma tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti kollha għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mal-Artikolu 111 CRR.
b	**Valur tal-iskoperturi ta' kreditu ġenerali skont l-approċċ IRB** Il-valur tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti ddeterminat f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD, mal-Artikolu 166, mal-Artikolu 167 u mal-Artikolu 168 CRR Il-valur tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti ddeterminat f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD u mal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 248 CRR ma għandux jiġi inkluż hawnhekk iżda fil-kolonna e ta' dan il-mudell. Id-diżagregazzjoni ġeografika għandha ssir f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 1152/2014. Ringiela 020 (Total): Is-somma tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti kollha għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD u mal-Artikoli 166, 167 u 168 CRR.
c	**Somma tal-pożizzjonijiet twal u qosra tal-iskoperturi fil-portafoll tan-negozjar għall-approċċ standardizzat** Is-somma tal-pożizzjonijiet twal u qosra tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti ddeterminata f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD, ikkalkolata bħala s-somma ta' pożizzjonijiet twal u qosra ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 327 CRR Id-diżagregazzjoni ġeografika għandha ssir f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 1152/2014. Ringiela 020 (Total): Is-somma tal-pożizzjonijiet twal u qosra kollha tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD, ikkalkolata bħala s-somma ta' pożizzjonijiet twal u qosra ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 327 CRR.
d	**Valur tal-iskoperturi fil-portafoll tan-negozjar għal mudelli interni** Somma ta' dawn li ġejjin: — Il-valur ġust tal-pożizzjonijiet fi flus li jirrappreżentaw l-iskoperturi ta' kreditu rilevanti kif iddeterminat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD u mal-Artikolu 104 CRR; — Il-valur nozzjonali tad-derivattivi li jirrappreżentaw l-iskoperturi ta' kreditu rilevanti kif iddeterminat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD. Id-diżagregazzjoni ġeografika għandha ssir f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 1152/2014. Ringiela 020 (Total): Is-somma tal-valur ġust tal-pożizzjonijiet kollha fi flus li jirrappreżentaw l-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mal-Artikolu 104 CRR, u l-valur nozzjonali tad-derivattivi kollha li jirrappreżentaw l-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD.
e	**Valur tal-iskopertura tal-iskoperturi ta' titolizzazzjoni għall-portafoll mhux tan-negozjar** Il-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti ddeterminat f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 248 CRR Id-diżaggregazzjoni ġeografika għandha ssir f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 1152/2014. Ringiela 020 (Total): Is-somma tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti kollha għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 248 CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
f	**Valur tal-iskopertura totali** Is-somma tal-ammonti fil-kolonni a, b, c, d u e ta' dan il-mudell Ringiela 020 (Total): Is-somma tal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti kollha għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 140(4) CRD.
g	**Rekwiżiti ta' fondi proprji - Skoperturi rilevanti għar-riskju ta' kreditu – Riskju ta' Kreditu** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi ta' kreditu rilevanti fil-pajjiż inkwistjoni, iddeterminati f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, u filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti ta' fondi proprji marbuta ma' kwalunkwe aġġustament speċifiku għall-pajjiż għall-piżijiet tar-riskju stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 458 CRR Ringiela 020 (Total): Is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kollha għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 140(4) CRD u mat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
h	**Rekwiżiti ta' fondi proprji - Skoperturi ta' kreditu rilevanti – Riskju tas-suq** Rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti fil-pajjiż inkwistjoni, iddeterminati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR għal riskju speċifiku, jew f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR għal riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni Ringiela 020 (Total): Is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kollha għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 140(4) CRD, u mal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR għal riskju speċifiku jew mal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR għal riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni.
i	**Rekwiżiti ta' fondi proprji - Skoperturi ta' kreditu rilevanti – Pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi ta' kreditu rilevanti fil-pajjiż inkwistjoni, iddeterminati f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD u mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR Ringiela 020 (Total): Is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kollha għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti kollha għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 140(4) CRD u mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
j	**Rekwiżiti ta' fondi proprji - Total** Is-somma tal-ammonti fil-kolonni g, h u i ta' dan il-mudell Ringiela 020 (Total): Is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kollha għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 140(4) CRD.
(k)	**Ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti, iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 140(4) CRD, diżaggregati skont il-pajjiż u b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku għall-pajjiż għall-piżijiet tar-riskju stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 458 CRR Ringiela 020 (Total): Is-somma tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju kollha għall-iskoperturi ta' kreditu rilevanti għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 140(4) CRD.
(l)	**Piżijiet tar-rekwiżiti ta' fondi proprji (%)** Il-piż applikat għar-rata ta' riżerva kontroċiklika f'kull pajjiż, ikkalkolat bħala r-rekwiżiti totali ta' fondi proprji relatati mal-iskoperturi ta' kreditu rilevanti fil-pajjiż inkwistjoni (ringiela 01X, kolonna j ta' dan il-mudell), diviż bir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali relatati mal-iskoperturi ta' kreditu kollha rilevanti għall-kalkolu tar-riżerva kontroċiklika f'konformità mal-Artikolu 140(4) CRD (ringiela 020, kolonna j ta' dan il-mudell) Dan il-valur għandu jiġi ddikjarat bħala perċentwal b'2 punti deċimali.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
m	**Rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika (%)** Ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika applikabbli fil-pajjiż inkwistjoni, u stabbilita f'konformità mal-Artikoli 136, 137, 138 u 139 CRD Din il-kolonna ma għandhiex tinkludi r-rati tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika li ġew stabbiliti iżda li jkunu għadhom mhux applikabbli fiż-żmien tal-komputazzjoni tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni li magħha tkun relatata d-divulgazzjoni. Dan il-valur jiġi ddikjarat bħala perċentwal bl-istess numru ta' punti deċimali kif stabbilit f'konformità mal-Artikoli 136, 137, 138 u 139 CRD.

Mudell EU CCyB2 - Ammont ta' riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 440 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCyB2 li huwa ppreżentat fl-Anness IX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Ammont totali tal-iskopertura għar-riskju** L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 92(3) CRR
2	**Rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni** Ir-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni, iddeterminata f'konformità mal-Artikolu 140(1) CRD Ir-rata tar-rata tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni hija kkalkolata bħala l-medja ponderata tar-rati tar-riżerva kontroċiklika li japplikaw fil-pajjiżi fejn l-iskoperturi ta' kreditu rilevanti tal-istituzzjoni jinsabu fir-ringieli minn 010.1 sa 010.X tal-kolonna m tal-Mudell EU CCyB1. Il-piż applikat għar-rata ta' riżerva kontroċiklika f'kull pajjiż huwa s-sehem tar-rekwiżiti ta' fondi fir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali, u jinsab fil-kolonna l tal-Mudell EU CCyB1. Dan il-valur jiġi ddikjarat bħala perċentwal b'2 punti deċimali.
3	**Rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni** Rekwiżit tar-riżerva ta' kapital kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni, ikkalkolat bħala r-rata tar-riżerva kontroċiklika speċifika għall-istituzzjoni, kif dikjarata fir-ringiela 2 ta' dan il-mudell, applikat għall-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kif iddikjarat fir-ringiela 1 ta' dan il-mudell.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	Il-valur kif deskritt f'konformità mal-ispjegazzjoni għar-ringieli minn 1 sa 3 tal-mudell kurrenti.

ANNESS XI

Mudell EU LR1 - LRSum: Sommarju tar-rikonċiljazzjoni tal-assi tal-kontabilità u l-iskoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ

		a
		Ammont applikabbli
1	Assi totali skont ir-rapporti finanzjarji pubblikati	
2	Aġġustament għal entitajiet li huma konsolidati għal finijiet ta' kontabilità iżda li huma barra mill-ambitu tal-konsolidament prudenzjali	
3	(Aġġustament għal skoperturi titolizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti operazzjonali għar-rikonoxximent tat-trasferiment tar-riskju)	
4	(Aġġustament għal eżenzjoni temporanja ta' skoperturi għal banek ċentrali (jekk applikabbli))	
5	(Aġġustament għal assi fiduċjarji rikonoxxuti fuq il-karta bilanċjali skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli iżda esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali skont il-punt (i) tal-Artikolu 429a(1) CRR)	
6	Aġġustament għal bejgħ jew xiri mħallas fi żmien regolari ta' assi finanzjarji soġġetti għal kontabilità skont id-data tan-negozju	
7	Aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' ppuljar ta' flus eliġibbli	
8	Aġġustament għal strumenti finanzjarji derivattivi	
9	Aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFTs)	
10	Aġġustament għal entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali (jiġifieri konverżjoni għal ammonti ekwivalenti ta' kreditu ta' skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali)	
11	(Aġġustament għal aġġustamenti prudenti tal-valwazzjoni u dispożizzjonijiet speċifiċi u ġenerali li naqqsu l-kapital tal-Grad 1)	
EU-11a	(Aġġustament għal skoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali skont il-punt (c) tal-Artikolu 429a(1) CRR)	
EU-11b	(Aġġustament għal skoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali skont il-punt (j) tal-Artikolu 429a(1) CRR)	

		a
		Ammont applikabbli
12	Aġġustamenti oħra	
13	**Kejl tal-iskopertura totali**	

Mudell EU LR2 - LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ

		Skoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ CRR	
		a	b
		T	T-1
Skoperturi fil-karta bilanċjali (esklużi d-derivattivi u l-SFTs)			
1	Entrati li jidhru fil-karta bilanċjali (esklużi d-derivattivi, l-SFTs, iżda inkluż il-kollateral)		
2	L-ingrossar għall-kollateral tad-derivattivi pprovdut, meta mnaqqas mill-assi tal-karta bilanċjali skont il-qafas ta' kontabilità applikabbli		
3	(Tnaqqis ta' assi riċevibbli għall-marġni ta' varjazzjoni fi flus ipprovduti fit-tranżazzjonijiet tad-derivattivi)		
4	(Aġġustament għal titoli riċevuti taħt tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli li huma rikonoxxuti bħala assi)		
5	(Aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu għal entrati li jidhru fil-karta bilanċjali)		
6	(Ammonti tal-assi mnaqqsa għad-determinazzjoni tal-kapital tal-Grad 1)		
7	Skoperturi totali fil-karta bilanċjali (esklużi d-derivattivi u l-SFTs)		
Skoperturi ta' derivattivi			
8	Kost tas-sostituzzjoni assoċjat mat-tranżazzjonijiet tad-derivattivi SA-CCR (jiġifieri nett mill-marġni eliġibbli ta' varjazzjoni fi flus)		
EU-8a	Deroga għad-derivattivi: kontribuzzjoni tal-kostijiet tas-sostituzzjoni skont l-approċċ standardizzat simplifikat		

		Skoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ CRR	
		a	b
		T	T-1
9	Ammonti miżjuda għall-iskopertura futura potenzjali assoċjata mat-tranżazzjonijiet tad-derivattivi SA-CCR		
EU-9a	Deroga għad-derivattivi: Kontribuzzjoni tal-iskopertura futura potenzjali skont l-approċċ standardizzat simplifikat		
EU-9b	Skopertura determinata skont il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali		
10	(Komponent eżentat tas-CCP tal-iskoperturi ta' negozju kklirjati għall-klijenti) (SA-CCR)		
EU-10a	(Komponent eżentat tas-CCP tal-iskoperturi ta' negozju kklirjati għall-klijenti) (approċċ standardizzat simplifikat)		
EU-10b	(Komponent eżentat tas-CCP tal-iskoperturi ta' negozju kklirjati għall-klijenti) (Metodu ta' Skopertura Oriġinali)		
11	Ammont nozzjonali effettiv aġġustat ta' derivattivi sottoskritti ta' kreditu		
12	(Kumpensi nozzjonali effettivi aġġustati u tnaqqis għall-ammonti miżjuda għad-derivattivi sottoskritti ta' kreditu)		
13	**Skoperturi totali tad-derivattivi**		
	Skoperturi ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT)		
14	Assi grossi f'SFTs (mingħajr rikonoxximent tan-nettjar), wara l-aġġustamenti għat-tranżazzjonijiet kontabilizzati bħala bejgħ		
15	(Ammonti nnettjati ta' pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus ta' assi grossi f'SFTs)		
16	Skopertura tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti għall-assi SFT		
EU-16a	Deroga għall-SFTs: Skopertura tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti skont l-Artikoli 429e(5) u 222 CRR		
17	Skoperturi ta' tranżazzjonijiet minn aġenti		
EU-17a	(Komponent eżentat tas-CCP tal-iskopertura tal-SFT ikklirjata għall-klijenti)		

		Skoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ CRR	
		a	b
		T	T-1
18	**Total tal-iskoperturi ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli**		
	Skoperturi oħra li ma jidhrux fil-karta bilanċjali		
19	Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali skont l-ammont nozzjonali gross		
20	(Aġġustamenti għall-konverżjoni għal ammonti ekwivalenti ta' kreditu)		
21	(Dispożizzjonijiet ġenerali mnaqqsa għad-determinazzjoni tal-kapital tal-Grad 1 u dispożizzjonijiet speċifiċi assoċjati ma' skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali)		
22	**Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali**		
	Skoperturi esklużi		
EU-22a	(Skoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 429a(1) CRR)		
EU-22b	(Skoperturi eżentati f'konformità mal-punt (j) tal-Artikolu 429a(1) CRR (li jidhru u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali))		
EU-22c	(Esklużi skoperturi ta' banek għall-iżvilupp pubbliku (jew unitajiet) - Investimenti fis-settur pubbliku)		
EU-22d	(Esklużi skoperturi ta' banek pubbliċi għall-iżvilupp (jew unitajiet) - Self promozzjonali)		
EU-22e	(Eskluż it-trasferiment ta' skoperturi ta' self promozzjonali minn banek mhux għall-iżvilupp pubbliku (jew unitajiet))		
EU-22f	(Esklużi partijiet garantiti ta' skoperturi li jirriżultaw minn krediti għall-esportazzjoni)		
EU-22g	(Eskluż kollateral eċċessiv depożitat ma' aġenti tripartiti ċi)		
EU-22h	(Esklużi servizzi relatati mas-CSD ta' CSD/istituzzjonijiet f'konformità mal-punt (o) tal-Artikolu 429a(1) CRR)		
EU-22i	(Esklużi servizzi relatati mas-CSD ta' istituzzjonijiet magħżula f'konformità mal-punt (p) tal-Artikolu 429a(1) CRR)		
EU-22j	(Tnaqqis tal-valur tal-iskopertura ta' prefinanzjament jew self intermedju)		

		Skoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ CRR	
		a	b
		T	T-1
EU-22k	(Skoperturi totali eżentati)		
Kejl tal-kapital u tal-iskopertura totali			
23	**Kapital tal-Grad 1**		
24	**Kejl tal-iskopertura totali**		
Proporzjon ta' ingranaġġ			
25	Proporzjon ta' ingranaġġ (%)		
EU-25	Proporzjon ta' ingranaġġ (eskluż l-impatt tal-eżenzjoni tal-investimenti fis-settur pubbliku u ta' self promozzjonali) (%)		
25a	Proporzjon ta' ingranaġġ (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli tar-riżervi tal-bank ċentrali) (%)		
26	Rekwiżit regolatorju tal-proporzjon minimu ta' ingranaġġ (%)		
EU-26a	Rekwiżiti addizzjonali ta' fondi proprji biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (%)		
EU-26b	li minnhom: li jrid ikun magħmul minn kapital CET1		
27	Rekwiżit ta' bafer għall-proporzjon ta' ingranaġġ (%)		
EU-27a	Rekwiżit ġenerali tal-proporzjon ta' ingranaġġ		
Għażla dwar arranġamenti tranżitorji u skoperturi rilevanti			
EU-27b	Għażla dwar arranġamenti tranżitorji għad-definizzjoni tal-kalkolu tal-kapital		
Divulgazzjoni tal-valuri medji			
28	Medja tal-valuri ta' kuljum ta' assi grossi f'SFTs, wara aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' kontabilità ta' bejgħ u nnettjati ta' ammonti ta' pagabbli fi flus u riċevibbli fi flus assoċjati		
29	Valur fit-tmiem tat-trimestru tal-assi grossi f'SFTs, wara aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' kontabilità tal-bejgħ u nnettjati ta' ammonti ta' pagabbli fi flus u riċevibbli fi flus assoċjati		

		Skoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ CRR	
		a	b
		T	T-1
30	Kejl tal-iskopertura totali (inkluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-bank ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi grossi f'SFTs (wara aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' kontabilità tal-bejgħ u nnettjati ta' ammonti ta' pagabbli fi flus u riċevibbli fi flus assoċjati)		
30a	Kejl tal-iskopertura totali (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-bank ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi grossi f'SFTs (wara aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' kontabilità tal-bejgħ u nnettjati ta' ammonti ta' pagabbli fi flus u riċevibbli fi flus assoċjati)		
31	Proporzjon ta' ingranaġġ (inkluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-bank ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi grossi f'SFTs (wara aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' kontabilità tal-bejgħ u nnettjati ta' ammonti ta' pagabbli fi flus u riċevibbli fi flus assoċjati)		
31a	Proporzjon ta' ingranaġġ (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-bank ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi grossi f'SFTs (wara aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' kontabilità tal-bejgħ u nnettjati ta' ammonti ta' pagabbli fi flus u riċevibbli fi flus assoċjati)		

Mudell EU LR3 - LRSpl: Tqassim tal-iskoperturi fil-karta bilanċjali (eskluži d-derivattivi, l-SFTs u l-iskoperturi eżentati)

		a
		Skoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ CRR
EU-1	**Skoperturi totali fil-karta bilanċjali (eskluži d-derivattivi, l-SFTs u l-iskoperturi eżentati), li minnhom:**	
EU-2	Skoperturi tal-portafoll tan-negozjar	
EU-3	Skoperturi tal-portafoll bankarju, li minnhom:	
EU-4	Bonds koperti	
EU-5	Skoperturi trattati bħala sovrani	

		a
EU-6	Skoperturi għal gvernijiet reġjonali, MDB, organizzazzjonijiet internazzjonali u PSE, mhux trattati bħala sovrani	
EU-7	Istituzzjonijiet	
EU-8	Iggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli	
EU-9	Skoperturi fil-livell tal-konsumatur	
EU-10	Korporattivi	
EU-11	Skoperturi f'inadempjenza	
EU-12	Skoperturi oħra (eż. ekwità, titolizzazzjonijiet, u assi oħra b'obbligi mhux ta' kreditu)	

Tabella EU LRA: Divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva LR

		a
Ringiela		Format liberu
(a)	Deskrizzjoni tal-proċessi użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv	
(b)	Deskrizzjoni tal-fatturi li kellhom impatt fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ matul il-perjodu li għalih jirreferi l-proporzjon ta' ingranaġġ divulgat	

ANNESS XII

Struzzjonijiet għad-divulgazzjonijiet tal-proporzjon ta' ingranaġġ

Mudell EU LR1 - LRSum: Rikonċiljazzjoni fil-qosor tal-assi kontabilistiċi u tal-iskoperturi tal-proporzjon ta' ingranaġġ. Mudell b'format fiss.

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti f'din it-taqsima sabiex jimlew il-Mudell EU LR1 - LRSum b'applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 451(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ([1]) ("CRR").

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Assi totali skont ir-rapporti finanzjarji ppubblikati** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-assi totali kif ippubblikati fir-rapporti finanzjarji tagħhom skont il-qafas kontabilistiku applikabbli kif iddefinit fil-punt (77) tal-Artikolu 4(1) CRR.
2	**Aġġustament għal entitajiet li huma konsolidati għal finijiet ta' kontabilità iżda li huma barra mill-ambitu tal-konsolidament prudenzjali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw id-differenza fil-valur bejn il-kejl tal-iskopertura totali kif iddikjarat fir-ringiela 13 tal-Mudell EU LR1 - LRSum u l-assi kontabilistiċi totali kif iddikjarati fir-ringiela 1 tal-Mudell EU LR1 - LRSum, li jirriżultaw minn differenzi bejn l-ambitu kontabilistiku tal-konsolidament u l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal żieda fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan bħala ammont pożittiv. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal tnaqqis fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
3	**(Aġġustament għal skoperturi titolizzati li jissodisfaw ir-rekwiżiti operazzjonali għar-rikonoxximent tat-trasferiment tar-riskju)** **Il-punt (m) tal-Artikolu 429a(1) CRR** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont tal-iskopertura titolizzati minn titolizzazzjonijiet tradizzjonali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għat-trasferiment tar-riskju sinifikanti stabbiliti fl-Artikolu 244(2) CRR. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
4	**(Aġġustament għall-eżenzjoni temporanja tal-iskoperturi għall-banek ċentrali (jekk applikabbli))** **Il-punt (n) tal-Artikolu 429a(1) CRR** **Jekk applikabbli, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' muniti u ta' karti tal-flus li jikkostitwixxu valuta legali fil-ġurisdizzjoni tal-bank ċentrali u tal-assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-bank ċentrali, inklużi r-riżervi miżmuma fil-bank ċentrali. Dawn l-iskoperturi jistgħu jiġu eżentati b'mod temporanju soġġetti għall-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 429a(5) u (6) CRR.** Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
5	**(Aġġustament għall-assi fiduċjarji rikonoxxuti fil-karta bilanċjali skont il-qafas kontabilistiku applikabbli iżda eskluż mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 429a(1) CRR)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' entrati fiduċjarji li għalihom ikun ġie rtirat ir-rikonoxximent f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
6	**Aġġustament għax-xiri u għall-bejgħ imħallsa fi żmien regolari ta' assi finanzjarji soġġetti għall-kontabilità skont id-data tan-negozju** L-Artikolu 429g(1) u (2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-aġġustament tal-valur kontabilistiku relatat ma' xiri jew ma' bejgħ imħallas fi żmien regolari b'saldu pendenti soġġetti għall-kontabilità skont id-data tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 429g(1) u (2) CRR. L-aġġustament huwa s-somma ta': — L-ammont paċut bejn ir-riċevibbli fi flus għal bejgħ imħallas fi żmien regolari b'saldu pendenti u l-ammonti pagabbli fi flus għal xiri mħallas fi żmien regolari b'saldu pendenti permessi skont il-qafas kontabilistiku. Dan huwa ammont pożittiv. — L-ammont paċut bejn ir-riċevibbli fi flus u l-ammonti pagabbli fi flus meta kemm il-bejgħ kif ukoll ix-xiri mħallsa fi żmien regolari relatati jiġu saldati fuq bażi ta' konsenja kontra pagament f'konformità mal-Artikolu 429g(2) CRR. Dan huwa valur negattiv. Ix-xiri jew il-bejgħ imħallas fi żmien regolari b'saldu pendenti soġġetti għall-kontabbiltà skont id-data tas-saldu f'konformità mal-Artikolu 429g(3) CRR għandu jiġi inkluż fir-ringiela 10 tal-Mudell EU LR1 - LRSum. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal żieda fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan bħala ammont pożittiv. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal tnaqqis fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
7	**Aġġustament għal tranżazzjonijiet eliġibbli ta' ppuljar ta' flus** L-Artikolu 429b(2) u (3) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw id-differenza bejn il-valur kontabilistiku u l-valur tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ tal-arranġamenti ta' ppuljar ta' flus f'konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 429b(2) u (3) CRR. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal żieda fl-iskopertura, minħabba tranżazzjonijiet li huma rrappreżentati netti skont il-qafas kontabilistiku applikabbli iżda li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-preżentazzjoni netta skont l-Artikolu 429b(2) u (3) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan bħala ammont pożittiv. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal tnaqqis fl-iskopertura, minħabba tranżazzjonijiet li mhumiex irrappreżentati netti skont il-qafas kontabilistiku applikabbli iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-preżentazzjoni netta skont l-Artikolu 429b(2) u (3) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
8	**Aġġustament għal strumenti finanzjarji derivattivi** Għad-derivattivi u għall-kuntratti ta' kreditu elenkati fl-Anness II tas-CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw id-differenza fil-valur bejn il-valur kontabilistiku tad-derivattivi rikonoxxuti bħala assi u l-valur tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ kif iddeterminata bl-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 429(4), tal-Artikolu 429c, 429d, tal-punti (g) u (h) tal-Artikolu 429a(1) u tal-Artikolu 429(5) CRR. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal żieda fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan bħala ammont pożittiv. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal tnaqqis fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
9	**Aġġustament għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (securities financing transactions, SFTs)** Għall-SFTs, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw id-differenza fil-valur bejn il-valur kontabilistiku tal-SFTs rikonoxxuti bħala assi u l-valur tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ kif iddeterminata bl-applikazzjoni tal-punti (a) u (c) tal-Artikolu 429(4) flimkien mal-Artikolu 429e, mal-punt (b) tal-Artikolu 429(7) u mal-punt (b) tal-Artikolu 429b(1), mal-Artikolu 429b(4), u mal-punti (g) u (h) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal żieda fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan bħala ammont pożittiv. Jekk dan l-aġġustament iwassal għal tnaqqis fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
10	**Aġġustament għall-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali (jiġifieri konverżjoni għal ammonti ekwivalenti għal kreditu ta' skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw id-differenza fil-valur bejn l-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ kif iddikjarata fir-ringiela 13 tal-Mudell EU LR1 - LRSum u l-assi kontabilistiċi totali kif iddikjarati fir-ringiela 1 tal-Mudell EU LR1 - LRSum li tirriżulta mill-inklużjoni ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali fil-kejl tal-iskopertura totali tal-proporzjon ta' ingranaġġ. Dan jinkludi l-impenji għall-ħlas relatati ma' xiri mħallas fi żmien regolari permezz ta' kontabbiltà skont id-data tas-saldu kif ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 429g(3) CRR. Billi dan l-aġġustament iżid il-kejl tal-iskopertura totali, dan għandu jiġi ddikjarat bħala ammont pożittiv.
11	**(Aġġustament għal aġġustamenti prudenti tal-valwazzjoni u għal provvedimenti speċifiċi u ġenerali li naqqsu l-kapital tal-Grad 1)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' aġġustamenti ta' valwazzjoni prudenti f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 429a(1) CRR u l-ammont ta' aġġustamenti speċifiċi (jekk rilevanti) u ġenerali għar-riskju ta' kreditu għal entrati fil-karta bilanċjali u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali skont l-aħħar sentenza tal-Artikolu 429(4) u l-Artikolu 429f(2) CRR li naqqsu l-kapital tal-Grad 1. Dispożizzjonijiet speċifiċi għandhom jiġu inklużi biss jekk, f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli, dawn ma jkunux diġà tnaqqsu mill-valuri tal-ammont riportat gross. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-11a	**(Aġġustament għall-iskoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 429a(1) CRR)** Il-punt (c) tal-Artikolu 429a(1) u l-Artikolu 113(6) u(7) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-porzjon fil-karta bilanċjali tal-iskoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-11b	**(Aġġustament għall-iskoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (j) tal-Artikolu 429a(1) CRR** Il-punt (j) tal-Artikolu 429a(1), Artikolu 116(4) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-porzjon fil-karta bilanċjali tal-iskoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (j) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valuri f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
12	**Aġġustamenti oħra** L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe differenza li jifdal fil-valur bejn il-kejl tal-iskopertura totali u l-assi kontabilistiċi totali. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-aġġustamenti tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 429(8) CRR u l-aġġustamenti tal-iskopertura l-oħra msemmija fil-punti (d), (e), (f), (h), (k), (l), (o), (p) tal-Artikolu 429a(1) CRR li ma jiġux iddikjarati xi mkien ieħor fil-mudell. Jekk dawn l-aġġustamenti jwasslu għal żieda fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw dan bħala ammont pożittiv. Jekk dawn l-aġġustamenti jwasslu għal tnaqqis fl-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
13	**Kejl tal-iskopertura totali** Il-kejl tal-iskopertura totali (iddikjarat ukoll fir-ringiela 24 tal-Mudell EU LR2 - LRCom), li huwa s-somma tal-entrati preċedenti.

Mudell EULR2 - LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġġ. Mudell b'format fiss

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti f'din it-taqsima sabiex jimlew il-Mudell EU LR2 - LRCom b'applikazzjoni tal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 451(1) CRR u tal-Artikolu 451(3) CRR, filwaqt li jqisu, fejn applikabbli, il-punt (c) tal-Artikolu 451(1) u l-Artikolu 451(2) CRR.

3. Fil-kolonna "a", l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valuri tar-ringieli differenti għall-perjodu ta' divulgazzjoni u fil-kolonna "b" il-valuri tar-ringieli għall-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti.

4. Fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-kompożizzjoni tas-self promozzjonali ddikjarat fir-ringieli EU-22d u EU-22e ta' dan il-mudell, inkluża informazzjoni skont it-tip ta' kontroparti.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Entrati li jidhru fil-karta bilanċjali (esklużi derivattivi, SFTs, iżda inkluż il-kollateral)** L-Artikolu 429 u 429b CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-assi kollha, minbarra l-kuntratti elenkati fl-Anness II CRR, id-derivattivi ta' kreditu, u l-SFTs. L-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw il-valwazzjoni ta' dawn l-assi fuq il-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 429(7) u 429b(1) CRR. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu f'dan il-kalkolu, jekk applikabbli, il-punti (i), (m) u (n) tal-Artikolu 429(1) CRR, l-Artikolu 429g u l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 429(4) CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu f'din iċ-ċellola l-flus riċevuti jew kwalunkwe titolu li jiġi pprovdut lil kontroparti permezz ta' SFTs u li jinżamm fil-karta bilanċjali (jiġifieri l-kriterji kontabilistiċi għall-irtirar tar-rikonoxximent skont il-qafas kontabilistiku applikabbli ma jkunux issodisfati). L-istituzzjonijiet ma għandhomx iqisu f'dan il-kalkolu l-Artikolu 429(8) u l-punti (a)-(h), (j) u (k) tal-Artikolu 429a(1) CRR, jiġifieri ma għandhomx inaqqsu l-ammont li għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela b'dawk l-eżenzjonijiet.
2	**Ingrossar għall-kollateral tad-derivattivi pprovdut, meta mnaqqas mill-assi tal-karta bilanċjali skont il-qafas kontabilistiku applikabbli** L-Artikolu 429c(2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' kwalunkwe kollateral tad-derivattivi pprovdut meta l-provvediment ta' dak il-kollateral inaqqas l-ammont ta' assi skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, kif stabbilit fl-Artikolu 429c(2) CRR. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu f'dan il-marġni inizjali taċ-ċellola għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklirjati mill-klijenti b'CCP kwalifikanti (QCCP) jew b'marġni ta' varjazzjoni tal-flus eliġibbli, kif iddefinit fl-Artikolu 429c(3) CRR.
3	**(Tnaqqis tal-assi riċevibbli għall-marġni ta' varjazzjoni tal-flus ipprovdut fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi)** L-Artikolu 429c(3) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ir-riċevibbli għall-marġni tal-varjazzjoni mħallsa fi flus lill-kontroparti fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi jekk l-istituzzjoni tkun meħtieġa, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, tirrikonoxxi dawn ir-riċevibbli bħala assi, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 429c(3) CRR. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
4	**(Aġġustament għat-titoli riċevuti taħt tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli li huma rikonoxxut bħala assi)** **Aġġustament għat-titoli riċevuti taħt tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli meta l-bank ikun irrikonoxxa t-titoli bħala assi fil-karta bilanċjali tiegħu. Dawn l-ammonti għandhom jiġu eskluży mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-Artikolu 429e(6) CRR.** **Billi l-aġġustamenti f'din ir-ringiela jnaqqsu l-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).**
5	**(Aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu għall-entrati fil-karta bilanċjali)** L-ammont ta' aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu li jikkorrispondu għall-entrati fil-karta bilanċjali msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 429(4) CRR, li l-istituzzjonijiet inaqqsu f'konformità mal-aħħar paragrafu tal-Artikolu 429(4) CRR. Billi l-aġġustamenti f'din ir-ringiela jnaqqsu l-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
6	**(Ammonti tal-assi mnaqqsa fid-determinazzjoni tal-kapital tal-Grad 1)** Il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 429a(1) u l-Artikolu 499(2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' aġġustamenti fil-valur regolatorju magħmula fl-ammonti tal-Grad 1 f'konformità mal-għażla magħmula skont l-Artikolu 499(2) CRR. B'mod aktar speċifiku, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur tas-somma tal-aġġustamenti kollha li jimmiraw il-valur ta' assi u li huma meħtieġa minn: — L-Artikoli minn 32 sa 35 CRR, jew — L-Artikoli minn 36 sa 47 CRR, jew — L-Artikoli minn 56 sa 60 CRR, kif applikabbli. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu f'din iċ-ċellola l-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Meta l-għażla li jiġi ddikjarat il-kapital tal-Grad 1 issir f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 499(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-eżenzjonijiet, l-alternattivi u r-rinunzji għal tali tnaqqis stabbiliti fl-Artikoli 48, 49 u 79 CRR, minħajr ma jqisu d-deroga stabbilita fil-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu I tal-Parti Għaxra tas-CRR. Għall-kuntrarju, meta l-għażla li jiġi ddikjarat il-kapital tal-Grad 1 issir f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 499(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-eżenzjonijiet, l-alternattivi u r-rinunzji għal tali tnaqqis stabbiliti fl-Artikoli 48, 49 u 79 CRR, minbarra li jqisu d-derogi stabbiliti fil-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu I tal-Parti Għaxra tas-CRR. Sabiex jevitaw għadd doppju, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jiddikjaraw aġġustamenti diġà applikati skont l-Artikolu 111 CRR meta jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura, u lanqas ma għandhom jiddikjaraw kwalunkwe aġġustament li ma jnaqqasx il-valur ta' assi speċifiku. Billi l-ammont f'din ir-ringiela jnaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din iċ-ċellola bejn il-parentesi (ammont negattiv).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
7	**Skoperturi totali fil-karta bilanċjali (eskluż derivattivi u SFTs)** Somma tar-ringieli minn 1 sa 6
8	**Spiża ta' sostituzzjoni assoċjat ma' tranżazzjonijiet tal-SA-CCR (jiġifieri nett mill-marġni ta' varjazzjoni tal-flus eliġibbli)** L-Artikoli 274, 275, 295, 296, 297, 298, 429c u 429c(3) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ispiża ta' sostituzzjoni kurrenti kif speċifikat fl-Artikolu 275(1) tal-kuntratti elenkati fl-Anness II CRR u d-derivattivi ta' kreditu inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali. Dawn l-ispejjeż ta' sostituzzjoni għandhom ikunu netti mill-marġni ta' varjazzjoni tal-flus eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 429c(3) CRR filwaqt li kwalunkwe marġni ta' varjazzjoni tal-flus riċevut fuq komponent tas-CCP eżentat f'konformità mal-punt (g) jew (h) tal-Artikolu 429a(1) CRR ma għandux jiġi inkluż. Kif iddeterminat mill-Artikolu 429c(1) CRR, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-effetti tal-kuntratti għan-novazzjoni u ftehimiet oħrajn ta' netting f'konformità mal-Artikolu 295 CRR. In-netting bejn prodotti differenti ma japplikax. Madankollu, l-istituzzjonijiet jistgħu jinnettjaw fil-kategorija ta' prodott imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 272(25) CRR u d-derivattivi tal-kreditu meta jkunu soġġetti għal ftehim kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti msemmi fl-Artikolu 295 CRR. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu f'din iċ-ċellola dawk il-kuntratti mkejla bl-applikazzjoni tal-approċċi f'konformità mal-Artikoli 429c(6), jiġifieri l-approċċi fit-Taqsima 4 jew 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR (il-metodu simplifikat ta' SA-CCR jew il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali). Meta jikkalkolaw l-ispejjeż ta' sostituzzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu, f'konformità mal-Artikolu 429c(4) CRR, l-effett tar-rikonoxximent tal-kollateral fuq l-NICA fuq kuntratti tad-derivattivi ma' klijenti fejn dawk il-kuntratti jiġu kklirjati minn QCCP. L-ammont għandu jiġi ddikjarat bil-fattur alfa ta' 1,4 applikat kif speċifikat fl-Artikolu 274(2) CRR.
EU-8a	**Deroga għad-derivattivi: kontribuzzjoni għall-ispejjeż ta' sostituzzjoni skont l-approċċ standardizzat simplifikat** Artikoli 429c(6) u 281 CRR Din iċ-ċellola tipprovdi l-kejl tal-iskopertura tal-kuntratti elenkati fil-punti 1 u 2 tal-Anness II CRR, ikkalkolat f'konformità mal-approċċ standardizzat simplifikat stabbilit fl-Artikolu 281 CRR, mingħajr l-effett ta' kollateral fuq l-NICA. L-ammont għandu jiġi rrapportat bil-fattur alfa ta' 1,4 applikat kif speċifikat fl-Artikolu 274(2) CRR. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ standardizzat simplifikat ma għandhomx inaqqsu l-kejl tal-iskopertura totali bl-ammont ta' marġni riċevut f'konformità mal-Artikolu 429c(6) CRR. Għalhekk, l-eċċezzjoni għal kuntratti tad-derivattivi ma' klijenti meta dawk il-kuntratti jiġu kklirjati minn QCCP fl-Artikolu 429c(4) CRR ma għandhiex tapplika. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jikkunsidraw f'din iċ-ċellola l-kuntratti mkejla b'applikazzjoni tal-SA-CCR jew il-metodu ta' skopertura oriġinali.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
9	**Ammonti supplimentari għal skopertura futura potenzjali assoċjata ma' tranżazzjonijiet ta' derivattivi tal-SA-CCR** L-Artikoli 274, 275, 295, 296, 297, 298, 299 (2) u 429c CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-suppliment għall-iskopertura futura potenzjali tal-kuntratti elenkati fl-Anness II CRR u tad-derivattivi ta' kreditu inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 278 CRR għall-kuntratti elenkati fl-Anness II CRR u l-Artikolu 299(2) CRR għal derivattivi ta' kreditu filwaqt li japplikaw ir-regoli dwar in-netting f'konformità mal-Artikolu 429c(1) CRR. Fid-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura ta' dawk il-kuntratti, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu l-effetti tal-kuntratti għan-novazzjoni u ftehimiet oħrajn ta' netting f'konformità mal-Artikolu 295 CRR. In-netting bejn prodotti differenti ma japplikax. Madankollu, l-istituzzjonijiet jistgħu jinnettjaw fil-kategorija ta' prodott imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 272(25) CRR u d-derivattivi tal-kreditu meta jkunu soġġetti għal ftehim kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti msemmi fl-Artikolu 295 CRR. F'konformità mal-Artikolu 429c(5) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-valur tal-moltiplikatur użat fil-kalkolu tal-iskopertura futura potenzjali f'konformità mal-Artikolu 278(1) CRR għal wieħed, ħlief fil-każ ta' kuntratti ta' derivattivi ma' klijenti meta dawk il-kuntratti jiġu kklirjati minn QCCP. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu f'din iċ-ċellola dawk il-kuntratti mkejla bl-applikazzjoni tal-approċċi f'konformità mal-Artikoli 429c(6), jiġifieri l-approċċi fit-Taqsima 4 jew 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR (il-metodu simplifikat ta' SA-CCR jew il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali).
EU-9a	**Deroga għad-derivattivi: Kontribuzzjoni għall-iskopertura potenzjali futura skont l-approċċ standardizzat simplifikat** Artikolu 429c(5) CRR L-iskopertura futura potenzjali f'konformità mal-approċċ standardizzat simplifikat stabbilit fl-Artikolu 281 CRR, jekk wieħed jassumi moltiplikatur ta' 1. L-ammont għandu jiġi rrapportat bil-fattur alfa ta' 1,4 applikat kif speċifikat fl-Artikolu 274(2) CRR. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ standardizzat simplifikat ma għandhomx inaqqsu l-kejl tal-iskopertura totali bl-ammont ta' marġni riċevut f'konformità mal-Artikolu 429c(6) CRR. Għalhekk, l-eċċezzjoni għal kuntratti tad-derivattivi ma' klijenti meta dawk il-kuntratti jiġu kklirjati minn QCCP fl-Artikolu 429c(5) CRR ma għandhiex tapplika. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jikkunsidraw f'din iċ-ċellola l-kuntratti mkejla b'applikazzjoni tal-SA-CCR jew il-metodu ta' skopertura oriġinali.
EU-9b	**Skopertura ddeterminata skont il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali** Artikolu 429c(6) u Taqsima 4 jew 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-kejl tal-iskopertura tal-kuntratti elenkati fil-punti 1 u 2 tal-Anness II CRR ikkalkolat f'konformità mal-Metodu ta' Skopertura Oriġinali stabbilit fit-Taqsima 4 jew 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR. L-istituzzjonijiet li japplikaw il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali ma għandhomx inaqqsu l-kejl tal-iskopertura bl-ammont ta' marġni li jkunu rċivew f'konformità mal-Artikolu 429c(6) CRR. L-istituzzjonijiet li ma jużawx il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali ma għandhomx jiddikjaraw din iċ-ċellola.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
10	**(Komponent tas-CCP eżentat tal-iskoperturi tan-negozjar ikklirjati mill-klijent) (SA-CCR)** Il-punti (g) u (h) tal-Artikolu 429a(1) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskoperturi tan-negozjar eżentati lil QCCP minn tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklirjati mill-klijenti (SA-CCR), dment li dawk l-entrati jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 306(1) CRR. Billi dan inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din iċ-ċellola bejn il-parentesi (ammont negattiv). L-ammont iddikjarat irid jiġi inkluż ukoll fiċ-ċelloli applikabbli hawn fuq daqslikieku ma kienet tapplika l-ebda eżenzjoni.
EU-10a	**(Komponent tas-CCP eżentat tal-iskoperturi tan-negozjar ikklirjati mill-klijent) (approċċ standardizzat simplifikat)** Il-punti (g) u (h) tal-Artikolu 429a(1) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskoperturi tan-negozjar eżentati lil QCCP minn tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklirjati mill-klijenti (approċċ standardizzat simplifikat), dment li dawk l-entrati jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 306(1) CRR. L-ammont għandu jiġi ddikjarat bil-fattur alfa ta' 1,4 applikat kif speċifikat fl-Artikolu 274(2) CRR (ammont negattiv). L-ammont irrapportat irid jiġi inkluż ukoll fiċ-ċelloli applikabbli hawn fuq daqslikieku ma applikat l-ebda eżenzjoni.
EU-10b	**(Komponent tas-CCP eżentat tal-iskoperturi tan-negozjar ikklirjati mill-klijent) (Metodu ta' Skopertura Oriġinali)** Il-punti (g) u (h) tal-Artikolu 429a(1) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskoperturi tan-negozjar eżentati lil QCCP minn tranżazzjonijiet ta' derivattivi kklirjati mill-klijenti (metodu ta' skopertura oriġinali), dment li dawk l-entrati jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 306(1) CRR. Billi dan inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din iċ-ċellola bejn il-parentesi (ammont negattiv). L-ammont irrapportat irid jiġi inkluż ukoll fiċ-ċelloli applikabbli hawn fuq daqslikieku ma applikat l-ebda eżenzjoni.
11	**Ammont nozzjonali effettiv aġġustat ta' derivattivi ta' kreditu mibjugħa** L-Artikolu 429d CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur nozzjonali limitat ta' derivattivi ta' kreditu mibjugħa (jiġifieri meta l-istituzzjoni tkun qed tipprovdi protezzjoni ta' kreditu lil kontroparti) kif stabbilit fl-Artikolu 429d CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
12	**(Kumpensi nozzjonali effettivi aġġustati u tnaqqis supplimentari għal derivattivi ta' kreditu mibjugħa)** L-Artikolu 429d CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur nozzjonali limitat ta' derivattivi ta' kreditu mixtrija (jiġifieri meta l-istituzzjoni tkun qed tixtri protezzjoni ta' kreditu mingħand kontroparti) bl-istess ismijiet ta' referenza bħal dawk id-derivattivi ta' kreditu mibjugħa mill-istituzzjoni, meta l-maturità li jifdal tal-protezzjoni mixtrija tkun daqs jew akbar mill-maturità li jifdal tal-protezzjoni mibjugħa. Għalhekk, il-valur ma għandux ikun akbar mill-valur imdaħħal fir-ringiela 11 tal-Mudell EU LR2 - LRCom għal kull isem ta' referenza. Billi l-ammont iddikjarat inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din iċ-ċellola bejn il-parentesi (ammont negattiv). L-ammont iddikjarat irid jiġi inkluż ukoll fiċ-ċellola preċedenti daqslikieku ma kien japplika l-ebda aġġustament.
13	**Skoperturi totali tad-derivattivi** Somma tar-ringieli minn 8 sa 12
14	**L-assi grossi tal-SFTs (mingħajr rikonoxximent tan-netting), wara aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ** Il-punt (77) tal-Artikolu 4(1), l-Artikoli 206 u 429e(6) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur skont il-karta bilanċjali, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, ta' SFTs kemm koperti kif ukoll mhux koperti minn ftehim prinċipali ta' netting eliġibbli skont l-Artikolu 206 CRR, meta l-kuntratti jiġu rrikonoxxuti bħala assi fil-karta bilanċjali jekk ma jiġi assunt l-ebda effett tan-netting prudenzjali jew kontabilistiku jew tal-mitigazzjoni tar-riskju (jiġifieri l-valur skont il-karta bilanċjali aġġustat għall-effetti tan-netting kontabilistiku jew tal-mitigazzjoni tar-riskju). Barra minn hekk, meta l-kontabilità tal-bejgħ tinkiseb għal SFT skont il-qafas kontabilistiku applikabbli, l-istituzzjonijiet għandhom ireġġgħu lura l-entrati kontabilistiċi kollha relatati mal-bejgħ f'konformità mal-Artikolu 429e(6) CRR. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu f'din iċ-ċellola l-flus riċevuti jew kwalunkwe titolu li jiġi pprovdut lil kontroparti permezz tat-tranżazzjonijiet imsemmija hawn fuq u li jinżamm fil-karta bilanċjali (jiġifieri l-kriterji kontabilistiċi għall-irtirar tar-rikonoxximent ma jkunux issodisfati).
15	**(Ammonti nettjati ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus ta' assi ta' SFTs gross)** Il-punt (77) tal-Artikolu 4(1), l-Artikolu 206, il-punt (b) tal-Artikolu 429b(1), l-Artikoli 429b(4) u 429e(6) CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' pagabbli fi flus tal-assi ta' SFTs gross li ġew innettjati f'konformità mal-Artikolu 429b(4) CRR. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
16	**Skopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti għall-assi ta' SFTs** L-Artikolu 429e(1) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-suppliment għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tal-SFTs, inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 429e(2) jew (3) CRR, kif ikun applikabbli. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu f'din iċ-ċellola tranżazzjonijiet skont il-punt (c) tal-Artikolu 429e(7) CRR. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu f'din iċ-ċellola SFTs effettwati bħala aġenti meta l-istituzzjoni tipprovdi indennizz jew garanzija lil klijent jew lil kontroparti limitata għal kwalunkwe differenza bejn il-valur tat-titolu jew tal-flus li l-klijent ikun sellef u l-valur tal-kollateral li l-mutwatarju jkun ipprovda f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 429e(7) CRR.
EU-16a	**Deroga għal SFTs: Skopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti f'konformità mal-Artikoli 429e(5) u 222 CRR** L-Artikoli 429e(5) u 222 CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-suppliment għall-SFTs inklużi dawk li ma jidhrux fil-karta bilanċjali kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 222 CRR, soġġetti għal limitu minimu ta' 20 % għall-piż tar-riskju applikabbli. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu f'din iċ-ċellola tranżazzjonijiet skont il-punt (c) tal-Artikolu 429e(7) CRR. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu f'din iċ-ċellola tranżazzjonijiet li għalihom il-parti tas-suppliment tal-valur tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ tiġi ddeterminata f'konformità mal-metodu ddefinit fl-Artikolu 429e(1) CRR.
17	**Skoperturi ta' tranżazzjonijiet minn aġenti** L-Artikolu 429e(2)(3) u l-punt (a) tal-Artikolu 429e(7) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur tal-iskopertura għall-SFTs effettwati bħala aġenti meta l-istituzzjoni tipprovdi indennizz jew garanzija lil klijent jew lil kontroparti limitata għal kwalunkwe differenza bejn il-valur tat-titolu jew tal-flus li l-klijent ikun sellef u l-valur tal-kollateral li l-mutwatarju jkun ipprovda f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 429e(7) CRR. Il-valur tal-iskopertura għandu jikkonsisti biss mis-suppliment determinat f'konformità mal-Artikolu 429e(2) jew (3) CRR, kif applikabbli. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jinkludu f'din iċ-ċellola tranżazzjonijiet f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 429e(7) CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-17a	**(Komponent tas-CCP eżentat tal-iskopertura ta' SFTs ikklirjata mill-klijent)** Il-punti (g) u (h) tal-Artikolu 429a(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 306(1) CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-komponent tas-CCP eżentat tal-iskoperturi tan-negozjar ikklirjati mill-klijent ta' SFTs, dment li dawk l-entrati jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 306(1) CRR. Meta l-komponent eżentat tas-CCP ikun titolu, dan ma għandux jiġi inkluż f'din iċ-ċellola, sakemm ma jkunx titolu mirhun mill-ġdid li, skont il-qafas kontabilistiku applikabbli (jiġifieri f'konformità mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 111(1) CRR), ikun inkluż bil-valur sħiħ. Billi dan l-aġġustament inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv). L-ammont irrapportat irid jiġi inkluż ukoll fiċ-ċelloli applikabbli hawn fuq daqslikieku ma applikat l-ebda eżenzjoni.
18	**Skoperturi totali ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli** Somma tar-ringieli minn 14 sa EU-17a
19	**Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali f'ammont nozzjonali gross** L-Artikolu 429f CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur nominali tal-entrati kollha li ma jidhrux fil-karta bilanċjali kif iddefiniti fl-Artikolu 429f CRR, qabel xi aġġustament għall-fatturi ta' konverżjoni u l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu.
20	**(Aġġustamenti għall-konverżjoni għal ammonti ta' kreditu ekwivalenti)** L-Artikolu 429f CRR Tnaqqis fl-ammont gross ta' skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali minħabba l-applikazzjoni tas-CCFs. Billi jnaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, il-valur iddikjarat f'din ir-ringiela għandu jikkontribwixxi b'mod negattiv fil-kalkolu tas-somma li għandha tiġi ddikjarata fir-ringiela 22 tal-Mudell EU LR2 - LRCom.
21	**(Provvedimenti ġenerali mnaqqsa fid-determinazzjoni tal-kapital tal-Grad 1 u provvedimenti speċifiċi assoċjati ma' skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali)** L-Artikoli 429(4) u 429f(1) u (2) CRR L-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-ammont ekwivalenti ta' skopertura ta' kreditu ta' entrata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali bl-ammont korrispondenti ta' aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu li jitnaqqsu mill-kapital tal-Grad 1. Dan il-kalkolu huwa soġġett għal minimu ta' żero. L-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-ammont ekwivalenti ta' skopertura ta' kreditu ta' entrata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali bl-ammont korrispondenti ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu. Dan il-kalkolu huwa soġġett għal minimu ta' żero. Il-valur assolut ta' dawn l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu ma għandux jaqbeż is-somma tar-ringieli 19 u 20. Billi dawn l-aġġustamenti jnaqqsu l-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv). L-ammont iddikjarat għandu jiġi inkluż ukoll fiċ-ċelloli applikabbli hawn fuq daqslikieku ma kienx japplika dan it-tnaqqis.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
22	**Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** L-Artikoli 429f, 111(1) u 166(9) CRR; somma tar-ringieli minn 19 sa 21 L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valuri tal-iskopertura tal-proporzjon ta' ingranaġġ għall-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 429f CRR filwaqt li jqisu l-fatturi ta' konverżjoni rilevanti. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu li r-ringieli 20-21 tal-Mudell EU LR2 - LRCom jikkontribwixxu b'mod negattiv fil-kalkolu ta' din is-somma.
EU-22a	**(Skoperturi esklużi mill-kejl tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 429a(1) CRR))** Il-punt (c) tal-Artikolu 429a(1) u l-Artikolu 113(6) u(7) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskoperturi eżentati f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 429a(1). L-ammont irrapportat għandu jkun inkluż ukoll fiċ-ċelloli applikabbli hawn fuq daqslikieku ma tapplika l-ebda eżenzjoni. Billi dan l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22b	**(Skoperturi eżentati f'konformità mal-punt (j) tal-Artikolu 429a(1) CRR (fil-karta bilanċjali u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali)** Il-punt (j) tal-Artikolu 429a(1) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskoperturi eżentati f'konformità mal-punt (j) tal-Artikolu 429a(1) CRR soġġetti għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet stipulati fih. L-ammont irrapportat għandu jkun inkluż ukoll fiċ-ċelloli applikabbli hawn fuq daqslikieku ma tapplika l-ebda eżenzjoni. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22c	**(Skoperturi esklużi ta' banek (jew unitajiet) tal-iżvilupp pubbliku – Investimenti tas-settur pubbliku)** Il-punt (d) tal-Artikolu 429a(1) u l-Artikolu 429a(2) CRR L-iskoperturi li jirriżultaw minn assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali, fuq gvernijiet reġjonali, fuq awtoritajiet lokali jew fuq entitajiet tas-settur pubbliku fir-rigward ta' investimenti tas-settur pubbliku, li jistgħu jiġu esklużi f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Din għandha tinkludi biss każijiet li fihom l-istituzzjoni tkun istituzzjoni ta' kreditu tal-iżvilupp pubbliku, jew l-iskoperturi jkunu miżmuma f'unità ttrattata bħala unità tal-iżvilupp pubbliku f'konformità mal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 429a(2) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din iċ-ċellola bejn il-parentesi (ammont negattiv).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-22d	**(Skoperturi eskluži ta' banek (jew unitajiet) tal-iżvilupp pubbliku – Self promozzjonali)** Il-punt (d) tal-Artikolu 429a(1) u l-Artikolu 429a(2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-self promozzjonali eskluż f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Din għandha tinkludi biss każijiet li fihom l-istituzzjoni tkun istituzzjoni ta' kreditu tal-iżvilupp pubbliku jew is-self promozzjonali jkun miżmum f'unità ttrattata bħala unità tal-iżvilupp pubbliku f'konformità mal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 429a(2) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22e	**(Skoperturi eskluži ta' self promozzjonali ttrasferit minn banek (jew unitajiet) tal-iżvilupp mhux pubbliċi)** Il-punt (e) tal-Artikolu 429a(1) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskoperturi eskluži f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu429a(1) CRR relatati mal-partijiet tal-iskoperturi li jirriżultaw minn self promozzjonali ttrasferit lil istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn. Din għandha tinkludi biss każijiet li fihom l-istituzzjoni ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu tal-iżvilupp pubbliku u l-attività ma tkunx ma' xi unità ttrattata bħala unità tal-iżvilupp pubbliku f'konformità mal-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 429a(2) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22f	**(Partijiet iggarantiti eskluži ta' skoperturi li jirriżultaw minn krediti għall-esportazzjoni)** Il-punt (f) tal-Artikolu 429a(1) CRR Il-partijiet iggarantiti ta' skoperturi li jirriżultaw minn krediti għall-esportazzjoni li jistgħu jiġu eskluži meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet tal-punt (f) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22g	**(Kollateral eċċessiv eskluż iddepożitat ma' aġenti bi tliet partijiet)** Il-punt (k) tal-Artikolu 429a(1) CRR Il-kollateral eċċessiv iddepożitat ma' aġenti bi tliet partijiet li ma jkunx ġie misluf, li jista' jiġi eskluż f'konformità mal-punt (k) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22h	**(Servizzi eskluži relatati mas-CSD li jkunu ta' CSD/istituzzjonijiet f'konformità mal-punt (o) tal-Artikolu 429a(1) CRR)** Il-punt (o) tal-Artikolu 429a(1) CRR Is-servizzi relatati mad-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSD) ta' CSD/istituzzjonijiet li jistgħu jiġu eskluži f'konformità mal-punt (o) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-22i	**(Servizzi esklużi relatati mas-CSD ta' istituzzjonijiet iddeżinjati f'konformità mal-punt (p) tal-Artikolu 429a(1) CRR)** Il-punt (p) tal-Artikolu 429a(1) CRR Is-servizzi relatati mas-CSD ta' istituzzjonijiet iddeżinjati li jistgħu jiġu eskluż f'konformità mal-punt (p) tal-Artikolu 429a(1) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22j	**(Tnaqqis tal-valur tal-iskopertura ta' prefinanzjament jew ta' self intermedju)** L-Artikolu 429(8) CRR L-ammont imnaqqas mill-valur tal-iskopertura ta' self ta' prefinanzjament jew ta' self intermedju, f'konformità mal-Artikolu 429(8) CRR. Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
EU-22k	**(Skoperturi esklużi totali)** **Somma tar-ringieli minn EU-22a sa EU-22j** Billi l-ammont inaqqas il-kejl tal-iskopertura totali, l-istituzzjonijiet għandhom iqiegħdu l-valur f'din ir-ringiela bejn il-parentesi (ammont negattiv).
23	**Kapital tal-Grad 1** L-Artikoli 429(3) u 499(1) u (2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' kapital tal-Grad 1 ikkalkolat f'konformità mal-għażla li tkun għamlet l-istituzzjoni skont l-Artikolu 499(2) CRR, kif iddikjarat fir-ringiela EU-27 tal-Mudell EU LR2 - LRCom. B'mod aktar speċifiku, meta l-istituzzjoni tkun għażlet li tiddikjara l-kapital tal-Grad 1 f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 499(1) CRR, hija għandha tiddikjara l-ammont ta' kapital tal-Grad 1 kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 25 CRR, minħajr ma jitqiesu d-derogi stabbiliti fil-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu I tal-Parti Għaxra tas-CRR. Għall-kuntrarju, meta l-istituzzjoni tkun għażlet li tiddikjara l-kapital tal-Grad 1 f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 499(1) CRR, hija għandha tiddikjara l-ammont ta' kapital tal-Grad 1 kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 25 CRR, wara li jitqiesu d-derogi stabbiliti fil-Kapitoli 1 u 2 tat-Titolu I tal-Parti Għaxra tas-CRR.
24	**Kejl tal-iskopertura totali** Somma tal-ammonti fir-ringieli 7, 13, 18, 22, u EU-22k ta' EU LR2 - LRCom
25	**Proporzjon ta' ingranaġġ (%)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont fir-ringiela 23 tal-Mudell EU LR2 - LRCom espress bħala perċentwal tal-ammont fir-ringiela 24 tal-Mudell EU LR2 - LRCom.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-25	**Proporzjon ta' ingranaġġ (eskluż l-impatt tal-eżenzjoni tal-investimenti tas-settur pubbliku u tas-self promozzjonali) (%)** F'konformità mal-Artikolu 451(2) CRR, l-istituzzjonijiet ta' kreditu tal-iżvilupp pubbliku kif iddefiniti fl-Artikolu 429a(2) CRR għandhom jiddikjaraw il-proporzjon ta' ingranaġġ mingħajr l-aġġustament għall-kejl tal-iskopertura totali ddeterminat f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 429a(1) CRR, jiġifieri l-aġġustament li jiġi ddikjarat fir-ringieli EU-22c u EU-22d ta' dan il-mudell.
25a	**Proporzjon ta' ingranaġġ (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-banek ċentrali) (%)** Jekk il-kejl tal-iskopertura totali ta' istituzzjoni jkun soġġett għall-eżenzjoni temporanja tar-riżervi tal-banek ċentrali stabbilita fil-punt (n) tal-Artikolu 429a(1) CRR, dan il-proporzjon jiġi ddefinit bħala l-kalkolu tal-kapital tal-Grad 1 diviż bis-somma tal-kejl tal-iskopertura totali u tal-ammont tal-eżenzjoni tar-riżervi tal-banek ċentrali, b'dan il-proporzjon espress bħala perċentwal. Jekk il-kejl tal-iskopertura totali tal-istituzzjoni ma jkunx soġġett għal eżenzjoni temporanja tar-riżervi tal-banek ċentrali, dan il-proporzjon ikun identiku għall-proporzjon iddikjarat fir-ringiela 25.
26	**Rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ minimu regolatorju (%)** Il-punt (d) tal-Artikolu 92(1), il-punt (n) tal-Artikolu 429a(1) u l-Artikolu 429a(7) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 92(1) CRR. Meta istituzzjoni teskludi l-iskoperturi msemmija fil-punt (n) tal-Artikolu 429a(1) CRR, hija għandha tiddikjara r-rekwiżit tal-proporzjon ta' ingranaġġ aġġustat ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 429a(7) CRR.
EU-26a	**Rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv (%)** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE ("CRD"), espressi bħala perċentwal tal-kejl tal-iskopertura totali
EU-26b	**li minnhom: iridu jkunu magħmula minn kapital tas-CET1 ta' ekwità komuni (punti perċentwali)** Il-parti tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali sabiex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv imposti mill-awtorità kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 104(1) CRD, li trid tiġi ssodisfata bil-kapital tas-CET1 f'konformità mat-tielet subparagrafi tal-Artikolu 104a(4)
27	**Rekwiżit ta' buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja (%)** L-Artikolu 92(1a) CRR L-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-Artikolu 92(1a) CRR għandhom jiddikjaraw ir-rekwiżit tal-buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja applikabbli tagħhom.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-27a	**Rekwiżit ġenerali tal-proporzjon ta' ingranaġġ (%)** Somma tar-ringieli 26, EU-26a, u 27 ta' dan il-mudell
EU-27b	**Għażla dwar arranġamenti tranżizzjonali għad-definizzjoni tal-kalkolu tal-kapital** L-Artikolu 499(2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw l-għażla tagħhom ta' arranġamenti tranżizzjonali għall-kapital għall-fini ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni billi jiddikjaraw waħda miż-żewġ tikketti li ġejjin: — "Introduzzjoni kompluta" jekk l-istituzzjoni tagħżel li tiddikjara l-proporzjon ta' ingranaġġ f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 499(1) CRR; — "Tranżizzjonali" jekk l-istituzzjoni tagħżel li tiddikjara l-proporzjon ta' ingranaġġ f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 499(1) CRR.
28	**Il-medja tal-valuri ta' kuljum tal-assi gross ta' SFTs, wara l-aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati** L-Artikolu 451(3) CRR; medja tas-somom tar-ringieli 14 u 15, ibbażata fuq is-somom ikkalkolati minn kull jum tat-trimestru ta' divulgazzjoni
29	**Il-valur ta' tmiem it-trimestru tal-assi gross ta' SFTs, wara l-aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati** Jekk ir-ringieli 14 u 15 huma bbażati fuq valuri ta' tmiem it-trimestru, dan l-ammont ikun is-somma tar-ringieli 14 u 15. Jekk ir-ringieli 14 u 15 huma bbażati fuq valuri medji, dan l-ammont ikun is-somma tal-valuri ta' tmiem it-trimestru li jikkorrispondu għall-kontenut tar-ringieli 14 u 15.
30	**Kejl tal-iskopertura totali (inkluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-banek ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi gross ta' SFTs (wara aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati)** L-Artikolu 451(3) CRR Il-kejl tal-iskopertura totali (inkluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-banek ċentrali), bl-użu tal-valuri medji kkalkolati sa kull jum tat-trimestru ta' divulgazzjoni għall-ammonti tal-kejl tal-iskopertura assoċjata mal-assi gross ta' SFTs (wara aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
30a	**Kejl tal-iskopertura totali (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-banek ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi gross ta' SFTs (wara aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati)** L-Artikolu 451(3) CRR Il-kejl tal-iskopertura totali (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-banek ċentrali), bl-użu tal-valuri medji kkalkolati sa kull jum tat-trimestru ta' divulgazzjoni għall-ammonti tal-kejl tal-iskopertura assoċjat mal-assi gross ta' SFTs (wara aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati). Jekk il-kejl tal-iskopertura totali ta' istituzzjoni ma jkunx soġġett għal eżenzjoni temporanja tar-riżervi tal-banek ċentrali, dan il-valur ikun identiku għall-valur iddikjarat fir-ringiela 30 ta' dan il-mudell.
31	**Proporzjon ta' ingranaġġ (inkluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-banek ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi gross ta' SFTs (wara aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati)** L-Artikolu 451(3) CRR
31a	**Proporzjon ta' ingranaġġ (eskluż l-impatt ta' kwalunkwe eżenzjoni temporanja applikabbli ta' riżervi tal-banek ċentrali) li jinkorpora l-valuri medji mir-ringiela 28 tal-assi gross ta' SFTs (wara aġġustament għat-tranżazzjonijiet tal-kontabilità tal-bejgħ u netti mill-ammonti ta' ammonti pagabbli fi flus u ta' riċevibbli fi flus assoċjati)** L-Artikolu 451(3) CRR

Mudell EU LR3 - LRSpl: Tqassim tal-iskoperturi tal-karta bilanċjali (esklużi d-derivattivi, l-SFTs u l-iskoperturi eżentati). Format fiss

5. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti f'din it-taqsima sabiex jimlew il-Mudell LRSpl b'applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 451(1) CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-1	**Skoperturi totali fil-karta bilanċjali (esklużi derivattivi u SFTs, u skoperturi eżentati), li minnhom:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-ammonti fir-ringieli EU-2 u EU-3 tal-Mudell EU LR3 - LRSpl.
EU-2	**Skoperturi tal-portafoll tan-negozjar** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskoperturi li huma parti mill-valur tal-iskopertura totali tal-assi li jappartjenu għall-portafoll tan-negozjar esklużi d-derivattivi, l-SFTs u l-iskoperturi eżentati.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-3	**Skoperturi tal-portafoll bankarju, li minnhom:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-valuri fir-ringieli minn EU-4 sa EU-12 tal-Mudell EU LR3-LRSpl.
EU-4	**Bonds Koperti** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura totali tal-assi li jkunu fil-forma ta' bonds koperti kif iddefiniti fl-Artikolu 129 u fil-punt (d) tal-Artikolu 161(1) CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura totali tal-bonds koperti netta mill-iskoperturi inadempjenti.
EU-5	**Skoperturi ttrattati bħala sovrani** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura totali lejn l-entitajiet li jiġu ttrattati bħala sovrani skont is-CRR. (Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali (l-Artikolu 114, u l-punt (a) tal-Artikolu 147(2) CRR); gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali ttrattati bħala sovrani (l-Artikolu 115(2) u (4), u l-punt (a) tal-Artikolu 147(3) CRR), banek multilaterali tal-iżvilupp u organizzazzjonijiet internazzjonali ttrattati bħala sovrani (l-Artikoli 117(2) u 118, u l-punti (b) u (c) tal-Artikolu 147(3) CRR), l-entitajiet tas-settur pubbliku (l-Artikolu 116(4) u l-punt (a) tal-Artikolu 147(3) CRR) L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura totali tas-sovrani netta mill-iskoperturi inadempjenti.
EU-6	**Skoperturi għal gvernijiet reġjonali, għal MDB, għal Organizzazzjonijiet internazzjonali u għal PSE, mhux ittrattati bħala sovrani** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur totali tal-iskopertura lejn il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali kif iddefinit fl-Artikolu 115(1), (3) u (5) CRR għall-iskoperturi tal-SA u fil-punt (a) tal-Artikolu 147(4) CRR għall-iskoperturi tal-IRB; banek multilaterali tal-iżvilupp kif iddefiniti fl-Artikolu 117(1) u (3) CRR għall-iskoperturi tal-SA u fil-punt (c) tal-Artikolu 147(4) CRR għall-iskoperturi tal-IRB; organizzazzjonijiet internazzjonali u entitajiet tas-settur pubbliku kif iddefiniti fl-Artikolu 116(1), (2), (3) u (5) CRR għal skoperturi tal-SA u fil-punt (b) tal-Artikolu 147(4) CRR għal skoperturi tal-IRB li mhumiex it-trattati bħala sovrani taħt is-CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura totali msemmija hawn fuq netta mill-iskoperturi inadempjenti.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-7	**Istituzzjonijiet** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi lejn l-istituzzjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikoli minn 119 sa 121 CRR għall-iskoperturi tal-SA u għall-iskoperturi tal-IRB - li jaqgħu taħt il-punt (b) tal-Artikolu 147(2) CRR u li mhumiex skoperturi fil-forma ta' bonds koperti taħt il-punt (d) tal-Artikolu 161(1) CRR u ma jaqgħux taħt il-punti minn (a) sa (c) tal-Artikolu 147(4) CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura totali netta mill-iskoperturi inadempjenti.
EU-8	**Iggarantiti b'ipoteki fuq proprjetajiet immobbli** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura tal-assi li huma skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetajiet immobbli li jaqgħu taħt l-Artikolu 124 CRR fil-każ ta' skoperturi tal-SA u li huma skoperturi għal korporattivi skont il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR jew skoperturi fil-livell tal-konsumatur skont il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR jekk dawn l-iskoperturi jkunu ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 199(1) CRR għall-iskoperturi tal-IRB. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura totali netta mill-iskoperturi inadempjenti.
EU-9	**Skoperturi fil-livell tal-konsumatur** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura totali tal-assi li huma skoperturi fil-livell tal-konsumatur skont l-Artikolu 123 CRR fil-każ ta' skoperturi tal-SA u li huma skoperturi skont il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR, jekk dawn l-iskoperturi **ma jkunux** iggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 199(1) CRR – għall-iskoperturi tal-IRB. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura totali netta mill-iskoperturi inadempjenti.
EU-10	**Korporattivi** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura totali tal-assi li huma skopertura korporattiva (jiġifieri finanzjarja u mhux finanzjarja). Għall-iskoperturi tal-SA, dawn huma skoperturi għal korporattivi li jaqgħu taħt l-Artikolu 122 CRR u għal skoperturi tal-IRB - li huma skoperturi għal korporattivi skont il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR jekk dawn l-iskoperturi **ma jkunux** iggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 199(1) CRR. Korporattivi finanzjarji għandhom ifissru impriżi rregolati u mhux irregolati minbarra l-istituzzjonijiet imsemmija fl-EU-7 ta' dan il-mudell, li l-attività prinċipali tagħhom hija li jakkwistaw parteċipazzjonijiet jew li jwettqu waħda jew aktar mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I CRD, kif ukoll impriżi kif iddefiniti fil-punt (27) tal-Artikolu 4(1) CRR, minbarra l-istituzzjonijiet imsemmija fl-EU-7 ta' dan il-mudell. Għall-fini ta' din iċ-ċellola, it-terminu "intrapriża żgħira u medja" huwa ddefinit f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 501(2) CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura totali netta mill-iskoperturi inadempjenti.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-11	**Skoperturi f'inadempjenza** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura totali tal-assi li huma f'inadempjenza u – għall-iskoperturi tal-SA – jaqgħu taħt l-Artikolu 127 CRR jew, fil-każ ta' skoperturi tal-IRB, huma kkategorizzati fil-klassijiet tal-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 147(2) CRR jekk tkun seħħet inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR.
EU-12	**Skoperturi oħrajn (pereż. ekwità, titolizzazzjonijiet, u assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-iskoperturi, li hija l-valur tal-iskopertura totali ta' skoperturi oħrajn fil-portafoll mhux tan-negozjar skont is-CRR (pereż. ekwità, titolizzazzjonijiet u assi b'obbligi mhux ta' kreditu; fil-każ ta' skoperturi tal-SA, dawn huma assi kkategorizzati fil-klassijiet tal-iskoperturi elenkati fil-punti (k), (m), (n), (o), (p) u (q) tal-Artikolu 112 CRR, u fil-każ ta' skoperturi tal-IRB – fil-punti (e), (f) u (g) tal-Artikolu 147(2) CRR). L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu assi li jitnaqqsu fid-determinazzjoni tal-kapital tal-Grad 1 u, għalhekk, jiġu ddikjarati fir-ringiela 2 tal-Mudell EU LR2-LRCom, sakemm dawn l-assi ma jkunux inklużi fir-ringiela EU-2, minn EU-4 sa EU-11 tal-Mudell EU LR3- LRSpl.

Tabella EU LRA - Divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva tal-LR. Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

6. L-istituzzjonijiet għandhom jimlew it-Tabella EU LRA billi japplikaw l-istruzzjonijiet li ġejjin, b'applikazzjoni tal-punti (d) u (e) tal-Artikolu 451(1) CRR

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	**Deskrizzjoni tal-proċessi użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv** Il-punt (d) tal-Artikolu 451(1) CRR "Deskrizzjoni tal-proċessi użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv" għandha tinkludi kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar: (a) il-proċeduri u r-riżorsi użati għall-valutazzjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv; (b) għodod kwantitattivi, jekk ikun hemm, użati sabiex jiġi vvalutat ir-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv inklużi dettalji dwar miri interni potenzjali, u jekk humiex qed jintużaw indikaturi oħra minbarra l-proporzjon ta' ingranaġġ tas-CRR; (c) modi ta' kif jiġu kkunsidrati d-diskrepanzi fil-maturità u fl-assi mirhuna fil-ġestjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv; (d) proċessi għar-reazzjoni għal tibdiliet fil-proporzjon ta' ingranaġġ, inklużi proċessi u skedi ta' żmien għal żieda potenzjali fil-kapital tal-Grad 1 għall-ġestjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv; jew proċessi u skedi ta' żmien għall-aġġustament tad-denominatur tal-proporzjon ta' ingranaġġ (kejl tal-iskopertura totali) għall-ġestjoni tar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(b)	**Deskrizzjoni tal-fatturi li kellhom impatt fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ matul il-perjodu li għalih jirreferi l-proporzjon ta' ingranaġġ iddikjarat** Il-punt (e) tal-Artikolu 451(1) CRR "Deskrizzjoni tal-fatturi li kellhom impatt fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ matul il-perjodu li għalih jirreferi l-proporzjon ta' ingranaġġ iddikjarat" għandha tinkludi kwalunkwe informazzjoni materjali dwar: (a) il-kwantifikazzjoni tat-tibdil fil-proporzjon ta' ingranaġġ mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni preċedenti; (b) il-fatturi ewlenin tal-proporzjon ta' ingranaġġ mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni preċedenti b'kummenti ta' spjegazzjoni dwar: (1) in-natura tat-tibdil u jekk kienx tibdil fin-numeratur tal-proporzjon, fid-denominatur tal-proporzjon, jew fit-tnejn li huma; (2) jekk dan irriżultax minn deċiżjoni strateġika interna u, jekk iva, jekk dik id-deċiżjoni strateġika kinitx immirata direttament lejn il-proporzjon ta' ingranaġġ jew jekk kinitx taffettwa l-proporzjon ta' ingranaġġ b'mod indirett biss; (3) l-aktar fatturi esterni sinifikanti relatati mal-ambjenti ekonomiċi u finanzjarji li kellhom impatt fuq il-proporzjon ta' ingranaġġ.

ANNESS XIII

Tabella EU LIQA - Gestjoni tar-riskju tal-likwidità

f'konformità mal-Artikolu 451a(4) CRR

Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva – Format liberu	
(a)	Strateġiji u proċessi fil-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità, inklużi politiki dwar id-diversifikazzjoni fis-sorsi u l-perjodu tal-finanzjament ippjanat;	
(b)	Struttura u organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità (awtorità, statut, arranġamenti oħra).	
(c)	Deskrizzjoni tal-grad ta' ċentralizzazzjoni tal-ġestjoni tal-likwidità u interazzjoni bejn l-unitajiet tal-grupp	
(d)	Ambitu tal-applikazzjoni u natura tas-sistemi ta' rapportar u kejl tar-riskju tal-likwidità.	
(e)	Politiki għall-iħħeġġjar u l-mitigazzjoni tar-riskju tal-likwidità u strateġiji u proċessi għall-monitoraġġ tal-effikaċja kontinwa tal-ħeġġijiet u l-mitiganti.	
(f)	Deskrizzjoni ġenerali tal-pjanijiet ta' finanzjament ta' kontinġenza tal-bank.	
(g)	Spjegazzjoni ta' kif jintuża l-ittestjar tal-istress.	
(h)	Dikjarazzjoni approvata mill-korp maniġerjali dwar l-adegwatezza tal-arranġamenti tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni li tipprovdi assigurazzjoni li s-sistemi tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità stabbiliti huma adegwati fir-rigward tal-profil u l-istrateġija tal-istituzzjoni.	
(i)	Dikjarazzjoni konċiża tar-riskju tal-likwidità approvata mill-korp maniġerjali li tiddeskrivi fil-qosor il-profil tar-riskju tal-likwidità ġenerali tal-istituzzjoni assoċjat mal-istrateġija tan-negozju. Din id-dikjarazzjoni għandha tinkludi proporzjonijiet u ċifri ewlenin (minbarra dawk diġà koperti fil-mudell EU LIQ1 taħt dan l-ITS) li jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati esterni b'perspettiva komprensiva tal-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità mill-istituzzjoni, inkluż kif il-profil tar-riskju tal-likwidità tal-istituzzjoni jinteraġixxi mat-tolleranza tar-riskju stabbilita mill-korp maniġerjali. Dawn il-proporzjonijiet jistgħu jinkludu:	
	— Limiti ta' konċentrazzjoni fuq aggregazzjonijiet ta' kollateral u sorsi ta' finanzjament (kemm prodotti kif ukoll kontropartijiet)	
	— Għodod jew metriċi ta' kejl personalizzati li jivvalutaw l-istruttura tal-karta bilanċjali tal-bank jew li l-flussi tal-flus tal-proġett u l-pożizzjonijiet futuri tal-likwidità, b'kunsiderazzjoni tar-riskji li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li huma speċifiċi għal dak il-bank	
	— Skoperturi ta' likwidità u ħtiġijiet ta' finanzjament fil-livell ta' entitajiet legali individwali, fergħat barranin u sussidjarji, b'kunsiderazzjoni tal-limitazzjonijiet legali, regolatorji u operattivi dwar it-trasferibbiltà tal-likwidità	
	— Entrati tal-karta bilanċjali u entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali mqassma f'meded ta' maturità u d-diskrepanzi tal-likwidità li jirriżultaw	

Mudell EU LIQ1 — Informazzjoni kwantitattiva tal-LCR

Ambitu tal-konsolidazzjoni: (individwali/konsolidat)

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Valur totali mhux ponderat (medja)				Valur totali ponderat (medja)			
EU 1a	Trimestru li jintemm fi (JJ Xahar SSSS)	T	T-1	T-2	T-3	T	T-1	T-2	T-3
EU 1b	L-għadd ta' punti ta' *data* użati fil-kalkolu tal-medji								
ASSI LIKWIDI TA' KWALITÀ GĦOLJA									
1	Assi likwidi totali ta' kwalità għolja (HQLA)								
ĦRUĠ TA' FLUS									
2	Depożiti fil-livell tal-konsumatur u depożiti minn klijenti kummerċjali żgħar, li minnhom:								
3	*Depożiti stabbli*								
4	*Depożiti inqas stabbli*								
5	Finanzjament tal-operaturi mhux garantit								
6	*Depożiti operazzjonali (il-kontropartijiet kollha) u depożiti f'networks ta' banek kooperattivi*								
7	*Depożiti mhux operazzjonali (il-kontropartijiet kollha)*								
8	*Dejn mhux garantit*								
9	*Finanzjament tal-operaturi garantit*								

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Valur totali mhux ponderat (medja)				Valur totali ponderat (medja)			
10	Rekwiżiti addizzjonali								
11	*Flussi ta' ħruġ relatati ma' skoperturi ta' derivattivi u rekwiżiti oħra ta' kollateral*								
12	*Flussi ta' ħruġ relatati mat-telf ta' finanzjament fuq prodotti ta' dejn*								
13	*Faċilitajiet ta' kreditu u likwidità*								
14	Obbligi oħra ta' finanzjament kuntrattwali								
15	Obbligi oħra ta' finanzjament kontinġenti								
16	ĦRUĠ TA' FLUS TOTALI								
INFLUSSI TAL-FLUS									
17	Self garantit (eż. repo ta' riakkwisti)								
18	Influssi minn skoperturi kompletament produttivi								
19	Influssi oħra								
EU-19a	(Id-differenza bejn it-total ta' influssi ponderati u t-total ta' flussi ta' ħruġ ponderati li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq trasferimenti jew li jkunu ddenominati f'muniti mhux konvertibbli)								
EU-19b	(Eċċess ta' influssi minn istituzzjoni ta' kreditu speċjalizzata relatata)								

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Valur totali mhux ponderat (medja)				Valur totali ponderat (medja)			
20	INFLUSSI TAL-FLUS TOTALI								
EU-20a	*Influssi Kompletament eżentati*								
EU-20b	*Influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 %*								
EU-20c	*Influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 %*								
VALUR TOTALI AĠĠUSTAT									
EU-21	RIŻERVA TA' LIKWIDITÀ								
22	ĦRUĠ TA' FLUS NETT TOTALI								
23	PROPORZJON TAL-KOPERTURA TAL-LIKWIDITÀ (%)								

Tabella EU LIQB dwar informazzjoni kwalitattiva dwar l-LCR, li tikkomplementa l-mudell EU LIQ1.

f'konformità mal-Artikolu 451a(2) CRR

Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva – Format liberu	
(a)	Spjegazzjonijiet dwar l-aġenti ewlenin tar-riżultati tal-LCR u l-evoluzzjoni tal-kontribuzzjoni tal-inputs fil-kalkolu tal-LCR maż-żmien	
(b)	Spjegazzjonijiet dwar il-bidliet fl-LCR maż-żmien	
(c)	Spjegazzjonijiet dwar il-konċentrazzjoni attwali tas-sorsi ta' finanzjament	
(d)	Deskrizzjoni ta' livell għoli tal-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità tal-istituzzjoni.	

Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva – Format liberu	
(e)	Skoperturi ta' derivattivi u sejħiet potenzjali għall-kollateral	
(f)	Diskrepanza fil-munita fl-LCR	
(g)	Entrati oħra fil-kalkolu tal-LCR li ma jinqabdux fil-mudell tad-divulgazzjoni tal-LCR iżda li l-istituzzjoni tqis rilevanti għall-profil tal-likwidità tagħha	

Mudell EU LIQ2: Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett

F'konformità mal-Artikolu 451a(3) CRR

		a	b	c	d	e
(f'ammont ta' valuta)		Valur mhux ponderat skont il-maturità residwa				Valur ponderat
		L-ebda maturità	< 6 xhur	6 xhur sa < 1 sena	≥ 1 sena	
Entrati ta' finanzjament stabbli disponibbli (ASF)						
1	Entrati u strumenti kapitali					
2	*Fondi proprji*					
3	*Strumenti kapitali oħra*					
4	Depożiti fil-livell tal-konsumatur					
5	*Depożiti stabbli*					
6	*Depożiti inqas stabbli*					
7	Finanzjament tal-operaturi:					
8	*Depożiti operazzjonali*					
9	*Finanzjament ieħor tal-operaturi*					
10	Obbligazzjonijiet interdipendenti					

		a	b	c	d	e
(f'ammont ta' valuta)		Valur mhux ponderat skont il-maturità residwa				Valur ponderat
		L-ebda maturità	< 6 xhur	6 xhur sa < 1 sena	≥ 1 sena	
11	Obbligazzjonijiet oħra:					
12	*Obbligazzjonijiet derivattivi tal-NSFR*					
13	*L-obbligazzjonijiet u l-istrumenti kapitali l-oħrajn kollha mhux inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq*					
14	**Finanzjament stabbli disponibbli (ASF) totali**					
Entrati ta' finanzjament stabbli meħtieġ (RSF)						
15	Assi likwidi totali ta' kwalità għolja (HQLA)					
EU-15a	L-assi vinkolati għal maturità residwa għal sena jew aktar f'aggregazzjoni ta' kopertura					
16	Depożiti miżmuma f'istituzzjonijiet finanzjarji oħra għal finijiet operazzjonali					
17	Self u titoli produttivi:					
18	*Tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli produttivi ma' klijenti finanzjarji kollateralizzati mil-Livell 1 HQLA soġġett għal telf impost ta' 0 %*					
19	*Tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli produttivi ma' klijenti finanzjarji kollateralizzati minn assi u self u avvanzi oħra lil istituzzjonijiet finanzjarji*					
20	*Self produttiv lil klijenti korporattivi mhux finanzjarji, self lil klijenti fil-livell tal-konsumaturi u kummerċjali żgħar, u self lil sovrani, u PSEs, li minnhom:*					
21	*B'piż tar-riskju ta' inqas minn jew ugwali għal 35 % skont l-Approċċ Standardizzat Basel II għar-riskju ta' kreditu*					

		a	b	c	d	e
(f'ammont ta' valuta)		Valur mhux ponderat skont il-maturità residwa				Valur ponderat
		L-ebda maturità	< 6 xhur	6 xhur sa < 1 sena	≥ 1 sena	
22	*Ipoteki residenzjali produttivi, li minnhom:*					
23	*B'piż tar-riskju ta' inqas minn jew ugwali għal 35 % skont l-Approċċ Standardizzat Basel II għar-riskju ta' kreditu*					
24	*Self u titoli oħra li ma jkunux inadempjenti u li ma jikkwalifikawx bħala HQLA, inklużi ekwitajiet innegozjati fil-borża u prodotti ta' finanzjament kummerċjali fil-karta bilanċjali*					
25	Assi interdipendenti					
26	Assi oħra:					
27	*Prodotti bażiċi fiżiċi negozjati*					
28	*Assi depożitati bħala marġni inizjali għal kuntratti u kontribuzzjonijiet tad-derivattivi għal fondi tal-inadempjenza tas-CCPs*					
29	*Assi derivattivi NSFR*					
30	*Obbligazzjonijiet derivattivi NSFR qabel it-tnaqqis tal-marġni ta' varjazzjoni depożitat*					
31	*L-assi l-oħra kollha mhux inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq*					
32	Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali					
33	**RSF Totali**					
34	**Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett (%)**					

ANNESS XIV

Struzzjonijiet għall-mudelli tar-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità

Struzzjonijiet dwar it-Tabella EU LIQA dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità u dwar il-Mudell EU LIQ1 dwar l-LCR

1. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451a CRR billi jimlew it-Tabella EU LIQA, il-Mudell EU LIQ1 u t-Tabella EU LIQB.

Tabella EU LIQA - Ġestjoni tar-riskju ta' likwidità

2. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tas-CRR għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451a(4) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU LIQA li hija ppreżentata fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

3. Għall-finijiet tat-Tabella EU LIQA, l-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tas-CRR għandhom jikkunsidraw il-kaxxi testwali pprovduti fit-tabella bħala kaxxi b'test liberu. Huma għandhom jipprovdu informazzjoni rilevanti, kemm kwalitattiva kif ukoll kwantitattiva, dwar l-objettivi u l-politiki ta' ġestjoni tar-riskju għar-riskju ta' likwidità, skont il-mudelli tan-negozju u l-profili tar-riskju ta' likwidità tagħhom, l-organizzazzjoni u l-funzjonijiet involuti fil-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità, f'konformità mal-Artikolu 435(1) CRR u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ([2]) fir-rigward tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu.

Mudell EU LIQ1 - Informazzjoni kwantitattiva tal-LCR

4. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tas-CRR għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451a(2) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU LIQ1 li huwa ppreżentat fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

5. Meta jiddikjaraw l-informazzjoni meħtieġa f'dan il-mudell, l-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tas-CRR għandhom jinkludu l-valuri u ċ-ċifri meħtieġa għal kull wieħed mill-erba' trimestri kalendarji (Jannar-Marzu, April-Ġunju, Lulju-Settembru, Ottubru-Diċembru) li jippreċedu d-data tad-divulgazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw dawn il-valuri u ċ-ċifri bħala l-medji sempliċi tal-osservazzjonijiet ta' tmiem ix-xahar matul it-tnax-il xahar ta' qabel it-tmiem ta' kull trimestru.

6. L-informazzjoni meħtieġa fil-Mudell EU LIQ1 għandha tinkludi l-entrati kollha irrispettivament mill-munita li fiha jkunu ddenominati u għandha tiġi ddikjarata fil-munita tar-rapportar kif iddefinita fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.

7. Sabiex jiġu kkalkolati d-dħul u l-ħruġ mhux ponderati u ponderati u l-HQLA ponderati għall-finijiet tal-Mudell EU LIQ1, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet li ġejjin:

   (a) Dħul/ħruġ: il-valur mhux ponderat tad-dħul u tal-ħruġ għandu jiġi kkalkolat bħala l-bilanċi pendenti ta' diversi kategoriji jew tipi ta' obbligazzjonijiet, ta' entrati li ma jidħrux fil-karta bilanċjali jew ta' riċevibbli kuntrattwali. Il-valur "ponderat" għad-dħul u għall-ħruġ għandu jiġi kkalkolat bħala l-valur wara li jiġu applikati r-rati tad-dħul u tal-ħruġ.

   (b) HQLA: il-valur "ponderat" ta' Assi Likwidi ta' Kwalità Għolja (High Quality Liquid Assets, HQLA) għandu jiġi kkalkolat bħala l-valur wara li jiġi applikat it-telf impost.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) IR-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

8. Sabiex jiġi kkalkolat il-valur aġġustat tar-riżerva ta' likwidità fl-entrata 21 u l-valur aġġustat tal-ħruġ nett totali ta' flus fl-entrata 22 tal-Mudell EU LIQ1, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw kull waħda mill-istruzzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur aġġustat tar-riżerva ta' likwidità huwa l-valur tal-HQLA totali wara l-applikazzjoni kemm tat-telf impost kif ukoll ta' kwalunkwe limitu massimu applikabbli;

(b) il-valur aġġustat tal-ħruġ nett ta' flus għandu jiġi kkalkolat wara li jiġi applikat il-limitu fuq id-dħul, fejn applikabbli.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Assi likwidi ta' kwalità għolja totali (HQLA)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat l-ammont f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-assi likwidi qabel ma japplikaw il-mekkaniżmu ta' aġġustament kif imsemmi fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
2	**Depożiti fil-livell tal-konsumatur u depożiti minn negozji żgħar klijenti, li minnhom:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat l-ammont ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur f'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat il-ħruġ ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur f'konformità mal-Artikoli 24 u 25 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn fuq id-depożiti fil-livell tal-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 411(2) CRR. F'konformità mal-Artikolu 28(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ukoll fil-kategorija xierqa tad-depożiti fil-livell tal-konsumatur l-ammont tan-noti, tal-bonds u ta' titoli oħra maħruġa li jinbiegħu esklussivament fis-suq tal-konsumaturi u miżmuma f'kont fil-livell tal-konsumatur. Għal din il-kategorija ta' obbligazzjonijiet, l-istituzzjonijiet se jikkunsidraw ir-rati ta' ħruġ applikabbli previsti mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 għall-kategoriji differenti ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur.
3	**Depożiti stabbli** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat is-somma tal-ammont tad-depożiti stabbli f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat s-somma tal-ħruġ tad-depożiti stabbli f'konformità mal-Artikolu 24 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawnhekk il-parti tal-ammonti ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti f'konformità mad-Direttiva 94/19/UE ([3]) jew mad-Direttiva 2014/49/UE ([4]) jew minn skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz u jew tkun parti minn relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli jew tkun miżmuma f'kont tranżazzjonali f'konformità mal-Artikolu 24(2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 rispettivament u fejn: — Dawn id-depożiti ma jissodisfawx il-kriterji għal rata ta' ħruġ oġħla f'konformità mal-Artikolu 25(2), (3), jew (5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, u — Dawn id-depożiti ma ttiħdux f'pajjiżi terzi fejn jiġi applikat ħruġ oġħla f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.

([3]) ID-DIRETTIVA 94/19/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5).

([4]) ID-DIRETTIVA 2014/49/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
4	**Depożiti anqas stabbli** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat is-somma tal-ammont tad-depożiti fil-livell tal-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 25(1), (2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat s-somma tal-ħruġ tad-depożiti fil-livell tal-konsumatur f'konformità mal-Artikolu 25(1), (2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
5	**Finanzjament tal-operaturi mhux iggarantit** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somom tal-ammonti mhux ponderati u ponderati li huma meħtieġa li jiġu ddikjarati fir-ringiela 6 "Depożiti operazzjonali (il-kontropartijiet kollha) u depożiti f'networks ta' banek kooperattivi", ir-ringiela 7 "Depożiti mhux operazzjonali (il-kontropartijiet kollha)" u r-ringiela 8 "Dejn mhux iggarantit" ta' dan il-mudell.
6	**Depożiti operazzjonali (il-kontropartijiet kollha) u depożiti f'networks ta' banek kooperattivi** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat l-ammont tad-depożiti operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat il-ħruġ ta' depożiti operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawnhekk il-parti tad-depożiti operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, li hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi operazzjonali. Id-depożiti li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-provvista ta' servizzi ta' senserija primarja għandhom jitqiesu bħala depożiti mhux operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-parti tad-depożiti operazzjonali li taqbeż l-ammont meħtieġ għall-provvista ta' servizzi operazzjonali ma għandhiex tiġi ddikjarata hawnhekk.
7	**Depożiti mhux operazzjonali (il-kontropartijiet kollha)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat l-ammont tad-depożiti mhux operazzjonali skont l-Artikolu 27(5), l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31A(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat il-ħruġ tad-depożiti mhux operazzjonali skont l-Artikolu 27(5), l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31A(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawnhekk id-depożiti li jirriżultaw minn ibbankjar korrispondenti jew mill-provvista ta' servizzi ta' senserija primarja f'konformità mal-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-parti tad-depożiti operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, li taqbeż dawk meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali, għandha tiġi ddikjarata hawnhekk.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
8	**Dejn mhux iggarantit** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat il-bilanċ pendenti ta' noti, ta' bonds u ta' titoli ta' dejn oħrajn, maħruġa mill-istituzzjoni għajr dawk iddikjarati bħala depożiti fil-livell tal-konsumatur kif imsemmi fl-Artikolu 28(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Dan l-ammont jinkludi wkoll kupuni li jkunu dovuti fit-30 jum kalendarju li jmiss meta jirreferu għal dawn it-titoli kollha. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat il-ħruġ ta' dawk in-noti, il-bonds u titoli oħrajn ta' dejn indikati fil-paragrafu preċedenti.
9	**Finanzjament tal-Operaturi ggarantit** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat is-somma tal-ħruġ li jirriżulta minn self iggarantit jew minn tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif imsemmi fl-Artikolu 28(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u minn swaps kollaterali u minn tranżazzjonijiet oħra b'forma simili f'konformità mal-Artikolu 28(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
10	**Rekwiżiti addizzjonali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somom tal-ammonti mhux ponderati u ponderati li huma meħtieġa li jiġu ddikjarati fir-ringiela 11 "Ħruġ relatat ma' skoperturi ta' derivattivi u rekwiżiti ta' kollateral oħrajn", fir-ringiela 12 "Ħruġ relatat mat-telf ta' finanzjament fuq prodotti ta' dejn" u fir-ringiela 13 "Faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità" ta' dan il-mudell.
11	**Ħruġ relatat ma' skoperturi ta' derivattivi u rekwiżiti ta' kollateral oħrajn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat is-somma tal-ammonti u tal-ħruġ li ġejjin rispettivament: — Il-valur tas-suq u l-ħruġ rilevanti ta' kollateral għajr il-kollateral tal-Livell 1 li jiġi ddepożitat għal kuntratti elenkati fl-Anness II CRR u derivattivi ta' kreditu, skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — Il-valur tas-suq u l-ħruġ rilevanti ta' assi ta' Bonds Koperti ta' EHQ tal-Livell 1 iddepożitati għal kuntratti elenkati fl-Anness II CRR u derivattivi ta' kreditu skont l-Artikolu 30(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — L-ammont totali ta' ħruġ addizzjonali kkalkolat u nnotifikat lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 30(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 bħala ħruġ materjali minħabba deterjorament tal-kwalità tal-kreditu proprja. — L-ammont ta' ħruġ li jirriżulta minn impatt ta' xenarju avvers tas-suq fuq it-tranżazzjonijiet ta' derivattivi kif previst fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u kkalkolat f'konformità mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/208 ([5]). — L-ammont ta' ħruġ mistenni fuq 30 jum kalendarju minn kuntratti elenkati fl-Anness II CRR u minn derivattivi ta' kreditu kif previst fl-Artikolu 30(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.

([5]) IR-REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/208 tal-31 ta' Ottubru 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji għal flussi ta' ħruġ ta' likwidità addizzjonali li jikkorrispondu għal ħtiġijiet ta' kollateral li jirriżultaw mill-impatt ta' xenarju negattiv tas-suq fuq it-tranżazzjonijiet derivattivi ta' istituzzjoni (ĠU L 33, 8.2.2017, p. 14).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	— Il-valur tas-suq, u l-ħruġ rilevanti, ta' kollateral eċċessiv li jkollha l-istituzzjoni u li jista' jintalab kuntrattwalment fi kwalunkwe ħin mill-kontroparti kif prevista fil-punt (a) tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
	— Il-valur tas-suq, u l-ħruġ rilevanti, ta' kollateral li għandu jiġi ddepożitat mal-kontroparti fil-perjodu ta' 30 jum kalendarju kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
	— Il-valur tas-suq, u l-ħruġ rilevanti, ta' kollateral li jikkwalifika bħala assi likwidi għall-finijiet tat-Titolu II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 li jista' jiġi ssostitwit għal assi li jikkorrispondu għal assi li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi għall-fini tat-Titolu II tal-istess Regolament mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni, kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 30(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
12	**Ħruġ relatat mat-telf ta' finanzjament fuq prodotti ta' dejn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat l-ammont u l-ħruġ rispettivament, tat-telf ta' finanzjament fuq attivitajiet ta' finanzjament strutturat, kif previst fl-Artikolu 30 minn (8) sa 30(10) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jassumu ħruġ ta' 100 % għal telf ta' finanzjament fuq titoli ggarantiti b'assi, fuq bonds koperti u fuq strumenti ta' finanzjament strutturat oħrajn li jimmaturaw fil-perjodu ta' 30 jum kalendarju maħruġa mill-istituzzjoni ta' kreditu jew minn veikoli jew minn SPVs sponsorjati. Istituzzjonijiet li huma fornituri ta' faċilitajiet ta' likwidità assoċjati ma' programmi ta' finanzjament iddikjarati hawnhekk ma għandhomx bżonn jgħoddu darbtejn l-istrument ta' finanzjament li qed jimmatura u l-faċilità ta' likwidità għal programmi konsolidati.
13	**Faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat l-ammont u l-ħruġ rispettivament, tal-faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ukoll hawn fuq il-faċilitajiet impenjati f'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
14	**Obbligi ta' finanzjament kuntrattwali oħrajn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat is-somma tal-ammonti u l-ħruġ rispettivament, tal-entrati li ġejjin: — Assi mislufa fuq bażi mhux iggarantita, u li jimmaturaw fi żmien 30 jum kif previst fl-Artikolu 28(7) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Dawn l-assi għandhom jiġu prežunti li jiġu paċuti bis-sħiħ, li jwasslu għal ħruġ ta' 100 %. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur tas-suq tal-assi mislufa fuq bażi mhux iggarantita u li jimmaturaw fil-perjodu ta' 30 jum meta l-istituzzjoni ta' kreditu ma jkollhiex is-sjieda tat-titoli u ma tifformax parti mir-riżerva ta' likwidità tal-istituzzjonijiet.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	— Pożizzjonijiet qosra koperti minn teħid b'self ta' titoli mhux iggarantit. Kif stabbilit fl-Artikolu 30(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu ħruġ addizzjonali li jikkorrispondi għal 100 % tal-valur tas-suq tat-titoli jew ta' assi oħra mibjugħa qosra sakemm it-termini li fuqhom l-istituzzjoni ta' kreditu tkun issellfet ma jirrikjedux ir-redditu tagħhom wara 30 jum kalendarju biss. Jekk il-pożizzjoni qasira tkun koperta minn tranżazzjoni kollateralizzata ta' finanzjament tat-titoli, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tassumi li l-pożizzjoni qasira se tinżamm matul il-perjodu ta' 30 jum kalendarju u rċiviet ħruġ ta' 0 %. — Obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn spejjeż operatorji. Kif stabbilit fl-Artikolu 28(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont tal-bilanċ pendenti tal-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-ispejjeż operatorji proprji tal-istituzzjoni ta' kreditu. Dawn l-obbligazzjonijiet ma jagħtux lok għal flussi ta' ħruġ. — Tranżazzjonijiet mhux iggarantiti oħrajn li jsiru dovuti fit-30 jum kalendarju li jmiss u mhumiex inklużi fl-Artikoli minn 24 sa 31 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, li, kif stabbilit fl-Artikolu 31A(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, jiskattaw ħruġ ta' 100 %.
15	**Obbligi ta' finanzjament kontinġenti oħrajn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat is-somma tal-ammonti u l-ħruġ rispettivament, tal-entrati li ġejjin: — Prodotti u servizzi oħra kif imsemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn dwar dawk il-prodotti jew is-servizzi msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-ammont li għandu jiġi ddikjarat għandu jkun l-ammont massimu li jista' jittieħed minn dawk il-prodotti jew is-servizzi msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — Eċċess tal-impenji kuntrattwali sabiex jiġi estiż il-finanzjament lil klijenti mhux finanzjarji fi żmien 30 jum kalendarju kif previst fl-Artikolu 31A(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — Netting intern tal-pożizzjonijiet tal-klijenti f'konformità mal-Artikolu 30(11) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn il-valur tas-suq tal-assi mhux likwidi ta' klijent li, fir-rigward tas-servizzi ta' senserija primarja, l-istituzzjoni ta' kreditu użat sabiex tkopri bejgħ qasir ta' klijent ieħor billi tqabbilhom internament.
16	**ĦRUĠ TOTALI TA' FLUS** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-valur ponderat tal-entrati li ġejjin skont dawn l-istruzzjonijiet: — Ringiela 2: Depożiti fil-livell tal-konsumatur u depożiti minn negozji żgħar klijenti ta' dan il-mudell; — Ringiela 5: Finanzjament tal-operaturi mhux iggarantit ta' dan il-mudell, — Ringiela 9: Finanzjament tal-operaturi iggarantit ta' dan il-mudell, — Ringiela 10: Rekwiżiti addizzjonali ta' dan il-mudell, — Ringiela 14: Obbligi ta' finanzjament kuntrattwali oħrajn ta' dan il-mudell; — Ringiela 15: Obbligi ta' finanzjament kontinġenti oħrajn ta' dan il-mudell.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
17	**Self iggarantit (pereż. retro riakkwist)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat is-somma ta': — L-ammonti ta' self iggarantit u ta' tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum kif previst fil-punti (b), (c) u (f) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — Il-valur tas-suq tal-kollateral misluf fi swaps kollaterali kif previst fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat is-somma ta': — Dħul minn self iggarantit u minn tranżazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum kif previst fil-punti (b), (c) u (f) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — Id-dħul minn swaps kollaterali kif previst fl-Artikolu 32(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
18	**Dħul minn skoperturi kompletament produttivi** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat is-somma tal-ammonti u tad-dħul totali, rispettivament, tal-entrati: — il-flejjes dovuti minn klijenti mhux finanzjarji (ħlief għall-banek ċentrali) kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — il-flejjes dovuti mill-banek ċentrali u mill-klijenti finanzjarji kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — il-flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tan-negozju kif previst fil-punt (b) tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 b'maturità residwa ta' mhux aktar minn 30 jum. — dħul li jikkorrispondi għal ħruġ f'konformità mal-impenji ta' self promozzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 31(9) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
19	**Dħul ieħor ta' flus** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat is-somma tal-ammonti u tad-dħul totali, rispettivament, tal-entrati: — il-flejjes dovuti minn titoli li jimmaturaw fi żmien 30 jum kif previst fil-punt (c) tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — is-self b'data tat-tmiem kuntrattwali mhux definita kif previst fil-punt (i) tal-Artikolu 32(3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	— il-flejjes dovuti minn pożizzjonijiet fi strumenti ta' ekwità ta' indiċi maġġuri dment li ma jkunx hemm għadd doppju b'assi likwidi kif previsti fil-punt (d) tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-pożizzjoni għandha tinkludi l-flejjes dovuti kuntrattwalment fi żmien 30 jum kalendarju, bħal dividendi fi flus minn dawk l-indiċijiet maġġuri u flus dovuti minn dawk l-istrumenti azzjonarji mibjugħa iżda li għadhom ma ġewx saldati, jekk ma jiġux rikonoxxuti bħala assi likwidi f'konformità mat-Titolu II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — dħul mir-rilaxx tal-bilanċi miżmuma f'kontijiet segregati f'konformità mar-rekwiżiti regolatorji għall-protezzjoni tal-assi tan-negozjar tal-klijenti kif previst fl-Artikolu 32(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Id-dħul għandu jiġi kkunsidrat biss jekk dawn il-bilanċi jinżammu f'assi likwidi kif speċifikat fit-Titolu II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — dħul minn derivattivi kif previst fl-Artikolu 32(5) flimkien mal-Artikolu 21 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — dħul minn faċilitajiet ta' kreditu jew ta' likwidità mhux prelevati pprovduti minn membri ta' grupp jew minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw permess sabiex tiġi applikata rata ta' dħul oħla f'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. — dħul ieħor skont l-Artikolu 32(2) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
EU-19a	**(Differenza bejn id-dħul ponderat totali u l-ħruġ ponderat totali li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq it-trasferimenti jew li huma ddenominati f'muniti mhux konvertibbli)** Kif previst fl-Artikolu 32(8) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat l-eċċess ta' dak id-dħul ponderat fir-rigward ta' dak il-ħruġ.
EU-19b	**(Dħul eċċessiv minn istituzzjoni ta' kreditu speċjalizzata relatata)** Kif previst fil-punt (e) tal-Artikolu 2(3) u fl-Artikolu 33(6) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, l-istituzzjonijiet ta' kreditu, għall-finijiet ta' divulgazzjoni f'bażi konsolidata, għandhom jiddikjaraw bħala l-valur ponderat id-dħul li jirriżulta minn istituzzjoni ta' kreditu speċjalizzata relatata msemmija fl-Artikolu 33(3) u (4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 li jkunu oħla mill-ammont ta' ħruġ li jirriżulta mill-istess impriża.
20	**DĦUL TOTALI TA' FLUS** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-valur mhux ponderat u ponderat tal-entrati li ġejjin skont dawn l-istruzzjonijiet: — Ringiela 17: Self iggarantit (pereż. retro riakkwist) ta' dan il-mudell — Ringiela 18: Dħul minn skoperturi kompletament produttivi ta' dan il-mudell — Ringiela 19: Dħul ieħor ta' flus ta' dan il-mudell

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	— li minnha jitnaqqas: — Ringiela EU-19a: (Differenza bejn id-dħul ponderat totali u l-ħruġ ponderat totali li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq it-trasferimenti jew li huma ddenominati f'muniti mhux konvertibbli) ta' dan il-mudell — Ringiela Eu-19b: (Dħul eċċessiv minn istituzzjoni ta' kreditu speċjalizzata relatata) ta' dan il-mudell.
EU-20a	**Dħul kompletament eżentat** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat l-ammont totali ta' assi/flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi pprelevat u d-dħul totali rilevanti tagħhom, rispettivament, li huma eżentati mil-limitu massimu fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 32, mal-Artikolu 33 u mal-Artikolu 34 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
EU-20b	**Dħul soġġett għal limitu massimu ta' 90 %** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat l-ammont totali ta' assi/flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi pprelevat u d-dħul totali rilevanti tagħhom, rispettivament, li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 32, mal-Artikolu 33 u mal-Artikolu 34 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
EU-20c	**Dħul soġġett għal limitu massimu ta' 75 %** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur mhux ponderat u bħala l-valur ponderat l-ammont totali ta' assi/flejjes dovuti/ammont massimu li jista' jiġi pprelevat u d-dħul totali rilevanti tagħhom, rispettivament, li huma soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 % fuq id-dħul f'konformità mal-Artikolu 32, mal-Artikolu 33 u mal-Artikolu 34 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
EU-21	**RIŻERVA TA' LIKWIDITÀ** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur aġġustat il-valur tar-Riżerva ta' likwidità tal-istituzzjoni kkalkolat f'konformità mal-Anness I – Formuli għad-determinazzjoni tal-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
22	**ĦRUĠ NETT TOTALI TA' FLUS** L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw bħala l-valur aġġustat, il-fluss ta' ħruġ nett tal-likwidità li huwa ugwali għall-flussi ta' ħruġ totali nieqes it-tnaqqis għall-influssi eżentati kompletament nieqes it-tnaqqis għall-influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 90 % nieqes it-tnaqqis għall-influssi soġġetti għal-limitu massimu ta' 75 %.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
23	**PROPORZJON TA' KOPERTURA TAL-LIKWIDITÀ (%)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw bħala l-valur aġġustat il-perċentwal tal-entrata "Proporzjon ta' kopertura tal-likwidità (%)" kif iddefinit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità għandu jkun ugwali għall-proporzjon tar-riżerva ta' likwidità ta' istituzzjoni ta' kreditu mal-ħruġ nett ta' likwidità tagħha fuq perjodu ta' stress ta' 30 jum kalendarju u għandu jkun espress bħala perċentwal.

Tabella EU LIQB dwar l-informazzjoni kwalitattiva dwar l-LCR, li tikkomplementa l-Mudell EU LIQ1.

9. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tas-CRR għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 451a(2) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella EU LIQB li hija ppreżentata fl-Anness XIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

10. It-Tabella EU LIQB għandha tipprovdi informazzjoni kwalitattiva dwar l-entrati inklużi fil-Mudell EU LIQ1 dwar l-informazzjoni kwantitattiva dwar l-LCR.

11. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tas-CRR għandhom jikkunsidraw il-kaxxi testwali pprovduti f'din it-tabella bħala kaxxi b'test liberu u jiddikjaraw l-entrati inklużi hemm, fejn possibbli, f'konformità mal-kunsiderazzjoni tagħhom fil-kuntest tad-definizzjoni tal-LCR fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u tal-metrika addizzjonali għall-monitoraġġ tal-likwidità kif stabbilit fil-Kapitolu 7b tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([6]).

Struzzjonijiet dwar il-Mudell EU LIQ2 dwar id-divulgazzjoni ta' Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett (Net Stable Funding Ratio, NSFR)

12. L-istituzzjonijiet soġġetti għall-Parti Sitta tas-CRR għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni inkluża fil-Mudell EU LIQ2 fl-applikazzjoni tal-Artikolu 451a(3) CRR f'konformità mal-istruzzjonijiet inklużi f'dan l-Anness. Iċ-ċifri ta' tmiem it-trimestru għal kull trimestru tal-perjodu ta' divulgazzjoni rilevanti għandhom jiġu ddikjarati. Pereżempju, id-divulgazzjoni annwali tinkludi erba' settijiet ta' *data* li jkopru l-aħħar trimestru u t-tliet trimestri preċedenti.

13. L-informazzjoni meħtieġa fil-Mudell EU LIQ2 għandha tinkludi l-assi, l-obbligazzjonijiet u l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali kollha irrispettivament mill-munita li fiha jkunu ddenominati u għandha tiġi ddikjarata fil-munita tar-rapportar kif iddefinita fl-Artikolu 411(15) CRR.

14. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe għadd doppju, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jiddikjaraw assi jew obbligazzjonijiet li huma assoċjati mal-kollateral iddepożitat jew riċevut bħala marġni ta' varjazzjoni f'konformità mal-Artikoli 428k(4) u mal-Artikolu 428ah(2) CRR, marġni inizjali u kontribuzzjoni għall-fond ta' inadempjenza ta' CCP f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 428ag u mal-punt (b) tal-Artikolu 428ag CRR.

15. Id-depożiti miżmuma fil-kuntest ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali jew ta' network kooperattiv li jitqiesu bħala assi likwidi għandhom jiġu ddikjarati bħala tali. Entrati oħrajn fi grupp jew fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali għandhom jiġu ddikjarati fil-kategoriji ġenerali rilevanti fil-mudell ta' finanzjament stabbli meħtieġ jew disponibbli.

([6]) IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

16. L-istituzzjonijiet dejjem għandhom jiddikjaraw bħala "Valur mhux ponderat skont il-maturità residwa" fil-kolonni a, b, c u d tal-mudell il-valuri kontabilistiċi, ħlief għall-każijiet ta' kuntratti tad-derivattivi, li għalihom l-istituzzjonijiet għandhom jirreferu għall-valur ġust kif speċifikat fl-Artikolu 428d(2) CRR.

17. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-"valur ponderat" fil-kolonna e ta' dan il-mudell. Dan il-valur għandu jirrifletti l-valur f'konformità mal-Artikolu 428c(2) CRR li huwa r-riżultat tal-valur mhux ponderat immoltiplikat bil-fatturi ta' finanzjament stabbli.

18. L-ammont ta' assi u ta' obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli (SFT) ma' kontroparti waħda għandu jiġi kkunsidrat fuq bażi netta fejn japplika l-Artikolu 428e CRR. Fil-każ li t-tranżazzjonijiet individwali nnettjati kienu soġġetti għal fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ (RSF) differenti jekk dawn tqiesu separatament, l-ammont innettjat li għandu jiġi ddikjarat, jekk assi, għandu jkun soġġett għall-ogħla fattur tal-RSF minnhom.

19. Fin-narrattiva li takkumpanja dan il-mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu kwalunkwe spjegazzjoni meħtieġa sabiex jiġi ffaċilitat fehim tar-riżultati u tad-*data* li takkumpanja. Tal-anqas, l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw:

    a. il-fatturi ewlenin li wasslu għar-riżultati tal-NSFR tagħhom u r-raġunijiet għat-tibdiliet fil-perjodu kif ukoll it-tibdiliet maż-żmien (pereż. tibdiliet fl-istrateġiji, fl-istruttura ta' finanzjament, fiċ-ċirkustanzi); u

    b. il-kompożizzjoni tal-assi u tal-obbligazzjonijiet interdipendenti tal-istituzzjoni u sa liema punt dawn it-tranżazzjonijiet huma relatati ma' xulxin.

Entrati ta' finanzjament stabbli disponibbli (ASF)

20. F'konformità mal-Artikolu 428i CRR, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR, l-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli (ASF) għandu jiġi kkalkolat bil-moltiplikazzjoni tal-ammont ta' obbligazzjonijiet u ta' fondi proprji, bħala valur mhux ponderat, bil-fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli. Il-valur ponderat fil-kolonna "e" ta' dan il-mudell jirrifletti l-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli.

21. L-obbligazzjonijiet u l-fondi proprji kollha għandhom jiġu ddikjarati b'diżaggregazzjoni skont il-maturità residwa tagħhom fil-kolonni a, b, c u d ta' dan il-mudell, ikkalkolati f'konformità mal-Artikoli 428j, 428o u 428ak CRR, bid-diżaggregazzjoni li ġejja f'termini tal-meded ta' maturità:

    a. ebda maturità: L-entrati li għandhom jiġu ddikjarati fil-medda taż-żmien "ebda maturità" ma għandhomx maturità ddikjarata jew huma perpetwi;

    b. maturità residwa ta' anqas minn sitt xhur;

    c. maturità residwa ta' minimu ta' sitt xhur iżda ta' anqas minn sena; u

    d. maturità residwa ta' sena jew aktar.

Entrati ta' finanzjament stabbli meħtieġ (RSF)

22. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw fil-kategorija xierqa l-assi kollha li fuqhom iżommu sjieda benefiċjarja anki jekk ma jiġux ikkontabbilizzati fil-karta bilanċjali tagħhom. L-assi li fuqhom l-istituzzjonijiet ma jkollhomx sjieda benefiċjarja ma għandhomx jiġu ddikjarati anki jekk dawn l-assi jiġu kkontabbilizzati fil-karta bilanċjali tagħhom.

23. F'konformità mal-Artikolu 428p CRR, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR, l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ (RSF) għandu jiġi kkalkolat bil-moltiplikazzjoni tal-valur mhux ponderat tal-assi u tal-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali bil-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ.

24. L-assi li huma eliġibbli bħala assi likwidi ta' kwalità għolja (HQLA) f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 għandhom jiġu ddikjarati bħala tali, f'ringiela ddeżinjata irrispettivament mill-maturità residwa tagħhom.

25. L-assi mhux HQLA u l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali kollha għandhom jiġu ddikjarati b'diżaggregazzjoni skont il-maturità residwa tagħhom f'konformità mal-Artikolu 428q CRR. Il-meded ta' maturità tal-ammonti, il-fatturi standard u l-fatturi applikabbli huma dawn li ġejjin:

    a. maturità residwa ta' anqas minn sitt xhur jew mingħajr maturità ddikjarata;

    b. maturità residwa ta' minimu ta' sitt xhur iżda ta' anqas minn sena; u

    c. maturità residwa ta' sena jew aktar.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
	Entrati ta' finanzjament stabbli disponibbli (ASF)
1	**Entrati u strumenti kapitali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma tal-ammonti fir-ringiela 2 u fir-ringiela 3 ta' dan il-mudell.
2	**Fondi proprji** Il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 428o CRR Hawnhekk, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu s-somma tal-entrati li ġejjin: — entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni (CET1) qabel l-applikazzjoni ta' filtri prudenzjali, ta' tnaqqis u ta' eżenzjoni jew tal-alternattivi stipulati fl-Artikoli minn 32 sa 36, 48, 49 u 79 CRR; — entrati tal-Grad 1 addizzjonali (AT1) qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis u tal-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 56 u 79 CRR; u — entrati tal-grad 2 (T2) qabel l-applikazzjoni tat-tnaqqis u tal-eżenzjonijiet stipulati fl-Artikoli 66 u 79 CRR u li jkollhom maturità residwa ta' sena jew aktar fid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni. L-entrati tas-CET1 u tal-AT1 huma strumenti perpetwi li għandhom jiġu ddikjarati fil-medda ta' "ebda maturità". Fil-każ ta' entrati tal-AT1 eżerċitabbli mill-istituzzjoni, huwa biss jekk il-perjodu ta' żmien sad-data tal-opzjonijiet ta' xiri jkun ta' anqas minn sena li dawn ma jiġux iddikjarati fil-medda ta' maturità iżda fil-medda ta' żmien applikabbli (jiġifieri, maturità residwa ta' anqas minn sitt xhur jew maturità residwa ta' minimu ta' sitt xhur iżda ta' anqas minn sena). Dan huwa irrispettivament minn jekk l-opzjoni tkunx ġiet eżerċitata jew le. Fir-rigward tal-entrati tat-T2, il-medda ta' maturità ta' sena jew aktar għandha tinkludi dawk l-istrumenti b'maturità residwa ekwivalenti u, fil-każijiet eċċezzjonali ta' strumenti tat-T2 mingħajr maturità, dawn l-istrumenti wkoll. Fil-każ li l-entrati tat-T2 kienu eżerċitabbli mill-istituzzjoni, u irrispettivament minn jekk l-istituzzjoni tkunx eżerċitat l-opzjoni ta' xiri, il-maturità residwa tal-istrument tiġi ddeterminata sad-data tal-opzjoni ta' xiri. F'dan il-każ, l-istituzzjoni għandha tiddikjara dawn l-entrati fit-taqsima ta' żmien rilevanti u ma għandhiex tapplika fattur ASF ta' 100 % jekk l-għażla tista' tiġi eżerċitata fi żmien sena.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
3	**Strumenti kapitali oħrajn** Il-punt (d) tal-Artikolu 428o u l-punt (d) tal-Artikolu 428k(3) CRR Strumenti kapitali oħrajn b'maturità residwa ta' sena jew aktar fid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni. Fil-każ li strumenti kapitali oħrajn kienu eżerċitabbli mill-istituzzjoni, u irrispettivament minn jekk l-istituzzjoni tkunx eżerċitat l-opzjoni ta' xiri, il-maturità residwa tal-istrument tiġi ddeterminata sad-data tal-opzjoni ta' xiri. F'dan il-każ, l-istituzzjoni għandha tiddikjara dawn l-entrati fit-taqsima ta' żmien rilevanti u ma għandhiex tapplika fattur ASF ta' 100 % jekk l-għażla tista' tiġi eżerċitata fi żmien sena.
4	**Depożiti fil-livell tal-konsumatur** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma tal-ammonti fir-ringiela 5 u fir-ringiela 6 ta' dan il-mudell.
5	**Depożiti stabbli fil-livell tal-konsumatur** L-Artikolu 428n CRR L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-parti tal-ammonti ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti f'konformità mad-Direttiva 94/19/UE jew mad-Direttiva 2014/49/UE jew minn skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz u jew tkun parti minn relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli jew tkun miżmuma f'kont tranżazzjonali f'konformità mal-Artikolu 24(2) u (3) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 rispettivament u fejn: — dawn id-depożiti ma jissodisfawx il-kriterji għal rata ta' ħruġ oġħla f'konformità mal-Artikolu 25(2), (3) u (5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 f'liema każ għandhom jiġu inklużi bħala "depożiti anqas stabbli"; jew — dawn id-depożiti ma ttiħdux f'pajjiżi terzi fejn jiġi applikat ħruġ oġħla f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 f'liema każ għandhom jiġu inklużi bħala "depożiti anqas stabbli".
6	**Depożiti anqas stabbli fil-livell tal-konsumatur** L-Artikolu 428m CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' depożiti oħrajn fil-livell tal-konsumatur minbarra dawk koperti bħala "depożiti stabbli fil-livell tal-konsumatur" fir-ringiela 5 ta' dan il-mudell.
7	**Finanzjament tal-operaturi:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma tal-ammonti fir-ringiela 8 u fir-ringiela 9 ta' dan il-mudell.
8	**Depożiti operazzjonali** Il-punt (a) tal-Artikolu 428l CRR

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
	L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn il-parti tad-depożiti riċevuti (kemm minn klijenti finanzjarji kif ukoll minn klijenti mhux finanzjarji oħrajn) li jissodisfaw il-kriterji għad-depożiti operazzjonali stabbiliti fl-Artikolu 27 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 li hija meħtieġa għall-provvista ta' servizzi operazzjonali. Depożiti operazzjonali li jaqbżu l-ammont meħtieġ għall-provvista ta' servizzi operazzjonali ma għandhomx jiġu inklużi hawn iżda fir-ringiela 9, "Finanzjament ieħor tal-operaturi" ta' dan il-mudell. Id-depożiti li jirriżultaw minn relazzjoni bankarja korrispondenti jew mill-provvista ta' servizzi ta' senserija primarja għandhom jitqiesu bħala depożiti mhux operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 27(5) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u għandhom jiġu ddikjarati taħt ir-ringiela 9 "Finanzjament ieħor tal-operaturi" ta' dan il-mudell.
9	**Finanzjament ieħor tal-operaturi** Il-punti minn (b) sa (d) tal-Artikolu 428l, l-Artikolu 428g u l-punti (c) u (d) tal-Artikolu 428k(3) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn il-finanzjament tal-operaturi minbarra l-ammont ta' depożiti operazzjonali li huwa meħtieġ għall-forniment ta' servizzi operazzjonali. Dan għandu jinkludi obbligazzjonijiet ipprovduti minn gvernijiet ċentrali, minn gvernijiet reġjonali, minn awtoritajiet lokali, minn entitajiet tas-settur pubbliku, minn banek multilaterali tal-iżvilupp, minn organizzazzjonijiet internazzjonali, minn banek ċentrali u minn kwalunkwe klijent mhux finanzjarju jew finanzjarju ieħor kif ukoll obbligazzjonijiet li fihom il-kontroparti ma tistax tiġi ddeterminata, inklużi titoli maħruġa meta d-detentur ma jkunx jista' jiġi identifikat.
10	**Obbligazzjonijiet interdipendenti** Il-punt (b) tal-Artikolu 428k(3) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw obbligazzjonijiet li, wara li jkunu ġew approvati mill-awtorità kompetenti rilevanti, jiġu ttrattati bħala interdipendenti mal-assi f'konformità mal-Artikolu 428f CRR.
11	**Obbligazzjonijiet oħrajn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma tal-ammonti fir-ringieli 12 u 13 ta' dan il-mudell.
12	**Obbligazzjonijiet derivattivi tal-NSFR** Artikolu 428k(4) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont assolut tad-differenza negattiva bejn is-settijiet ta' netting ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 428k(4) CRR.
13	**L-obbligazzjonijiet u l-istrumenti kapitali l-oħrajn kollha mhux inklużi fil- kategoriji ta' hawn fuq** L-Artikoli 428k(1) u 428k(3) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawnhekk is-somma tal-entrati li ġejjin: — id-data tan-negozju pagabbli li jinħolqu mix-xiri ta' strumenti finanzjarji, ta' muniti barranin u ta' komoditajiet li huma mistennija jsaldaw fiċ-ċiklu jew fil-perjodu standard tas-saldu li huwa abitwali għall-kambju jew għat-tip ta' tranżazzjonijiet rilevanti jew li jkunu naqsu milli jagħmlu dan, iżda li jkunu għadhom mistennija jsaldaw, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 428k(3) CRR;

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
	— obbligazzjonijiet ta' taxxa differita, meta titqies l-eqreb data possibbli li fiha l-ammont tagħhom jista' jiġi rrealizzat bħala maturità residwa, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 428k(2) CRR; — interessi minoritarji, filwaqt li jitqies it-terminu tal-istrument bħala maturità residwa, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 428k(1) CRR; u — obbligazzjonijiet oħrajn, pereżempju pożizzjonijiet qosra u pożizzjonijiet b'maturità miftuħa, f'konformità mal-Artikoli 428k(1) u 428k(3) CRR.
14	**Finanzjament stabbli disponibbli totali (ASF)** Il-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR Hawn l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw it-total tal-entrati li jipprovdu finanzjament stabbli disponibbli f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR (somma tal-ammonti fir-ringieli 1, 4, 7, 10 u 11 ta' dan il-mudell).
	Entrati ta' finanzjament stabbli meħtieġ (RSF)
15	**Assi likwidi ta' kwalità għolja totali (HQLA)** L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu wkoll hawn assi likwidi ta' kwalità għolja mirhuna u mhux mirhuna skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali msemmija fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament ta' Delega, f'konformità mal-Artikoli minn 428r sa 428ae CRR.
EU-15a	**Assi mirhuna għal maturità residwa ta' sena jew aktar f'aggregazzjoni ta' kopertura** L-Artikolu 428ag(h) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn l-ammont ta' flejjes dovuti minn self li ma jkunx f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR u assi likwidi, li huma mirhuna għal maturità residwa ta' sena jew aktar f'aggregazzjoni ta' kopertura ffinanzjata b'bonds koperti kif imsemmija fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva (KE) 2009/65 [7] jew b'bonds koperti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għat-trattament kif stabbiliti fl-Artikolu 129(4) jew (5) CRR.
16	**Depożiti miżmuma f'istituzzjonijiet finanzjarji oħra għal finijiet operazzjonali** Il-punt (b) tal-Artikolu 428ad CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn dawk l-ammonti ta' flejjes dovuti minn self li mhuwiex f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, li huma depożiti operazzjonali skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u meħtieġa għall-forniment ta' servizzi operazzjonali.
17	**Self u titoli produttivi:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma tal-ammonti fir-ringieli 18, 19, 20, 22 u 24 ta' dan il-mudell.

[7] ID-DIRETTIVA 2009/65/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
18	**Tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli produttivi ma' klijenti finanzjarji kkollateralizzat b'HQLA tal-Livell 1 soġġetti għal telf impost ta' 0 %** L-Artikolu 428e, il-punt (g) tal-Artikolu 428r(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 428s CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn l-ammont ta' flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, li mhumiex f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, ma' klijenti finanzjarji u li huma kkollateralizzati permezz ta' assi tal-livell 1 eliġibbli għal telf impost ta' 0 % skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.
19	**Tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli produttivi ma' klijenti finanzjarji kkollateralizzati b'assi oħrajn u b'self u b'avvanzi oħrajn lil istituzzjonijiet finanzjarji** Il-punt (b) tal-Artikolu 428s, il-punt (d) tal-Artikolu 428ad, il-punt (b) tal-Artikolu 428ah(1) u l-punt (a) tal-Artikolu 428v CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawnhekk is-somma tal-entrati li ġejjin: — l-ammont ta' flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, li mhumiex f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, ma' klijenti finanzjarji u li huma kkollateralizzati permezz ta' assi li mhumiex assi tal-livell 1 eliġibbli għal telf impost ta' 0 % skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61; u — l-ammont ta' flejjes dovuti minn self u minn avvanzi oħrajn, li mhumiex f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, lil klijenti finanzjarji, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 428v u mal-punt (d)(iii) tal-Artikolu 428ad CRR.
20	**L-għoti ta' self produttiv lil klijenti korporattivi mhux finanzjarji, ta' self lil klijenti kummerċjali fil-livell tal-konsumatur u żgħar, u self lil sovrani, u lil PSEs, li minnhom:** Il-punt (c) tal-Artikolu 428ad, 428af u l-punt (c) tal-Artikolu 428ag CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn dawk l-ammonti ta' flejjes dovuti minn self li ma jkunx f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, li huwa self residenzjali ggarantit bis-sħiħ minn fornitur tal-protezzjoni eliġibbli kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 129(1) CRR jew self, eskluż self lil klijenti finanzjarji u self imsemmi fl-Artikoli minn 428r sa 428ad ħlief il-punt (c) tal-Artikolu 428ad CRR, irrispettivament mill-piżijiet tar-riskju assenjati għal dan is-self. Dan l-ammont ma għandux jinkludi skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali.
21	**B'piż tar-riskju ta' anqas minn jew daqs 35 % skont l-Approċċ Standardizzat ta' Basel II għar-riskju ta' kreditu** Il-punt (c) tal-Artikolu 428ad u 428af CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn dawk l-ammonti ta' self mir-ringiela 21 ta' dan il-mudell li huma assenjati piż tar-riskju ta' anqas minn jew ugwali għal 35 % f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
22	**Ipoteki residenzjali produttivi, li minnhom:** Il-punt (c) tal-Artikolu 428ad, il-punt (a) ta' 428af u l-punt (c) ta' 428ag CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn dawk l-ammonti ta' flejjes dovuti minn self li ma jkunx f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, li huma self iggarantit b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali, minbarra self lil klijenti finanzjarji u self imsemmi fl-Artikolu minn 428r sa 428ad CRR, ħlief il-paragrafu (c) tal-Artikolu 428ad CRR, irrispettivament mill-piżijiet tar-riskju assenjati għal dan is-self.
23	**B'piż tar-riskju ta' anqas minn jew daqs 35 % skont l-Approċċ Standardizzat ta' Basel II għar-riskju ta' kreditu** Il-punt (c) tal-Artikolu 428ad u l-punt (a) ta' 428af CRR L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu hawn dawk l-ammonti ta' self mir-ringiela 22 ta' dan il-mudell li huma assenjati piż tar-riskju ta' anqas minn jew ugwali għal 35 % f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
24	**Self u titoli oħrajn li mhumiex f'inadempjenza u li ma jikkwalifikawx bħala HQLA, inklużi ekwitajiet innegozjati fil-borża u prodotti ta' finanzjament tal-kummerċ fil-karta bilanċjali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma ta': — skont il-punti (e) u (f) tal-Artikolu 428ag CRR, titoli li mhumiex f'inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR u li mhumiex assi likwidi skont ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali stabbiliti fih; u — prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ fil-karta bilanċjali f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 428v, mal-punt (e) tal-Artikolu 428ad u mal-punt (d) tal-Artikolu 428ag CRR.
25	**Assi interdipendenti** L-Artikolu 428f u l-punt (f) tal-Artikolu 428r(1) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn l-assi li, wara li jkunu ġew awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti, ikunu interdipendenti ma' obbligazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 428f CRR.
26	**Assi oħrajn:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma tal-ammonti fir-ringieli 27, 28, 29, 30, u 31 ta' dan il-mudell.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
27	**Komoditajiet innegozjati fiżikament** Il-punt (g) tal-Artikolu 428ag CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn l-amont tal-komoditajiet innegozjati fiżikament. Dan l-ammont ma għandux jinkludi derivattivi ta' komoditajiet.
28	**Assi ddepożitati bħala marġni inizjali għal kuntratti ta' derivattivi u kontribuzzjonijiet għal fondi ta' inadempjenza tas-CCPs** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn is-somma tal-ammonti li ġejjin: — l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ li jirriżulta minn derivattivi, f'konformità mal-Artikoli 428d, 428s(2), mal-punt (a) tal-Artikolu 428ag u 428ah(2) CRR, li huwa relatat mal-marġini inizjali għal kuntratti tad-derivattivi; u — L-ammont relatat mal-entrati ddepożitati bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' inadempjenza ta' CCP, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 428ag CRR.
29	**Assi derivattivi tal-NSFR** L-Artikolu 428d u 428h(2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu hawn l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ li jirriżulta minn derivattivi, f'konformità mal-Artikolu 428d, 428s(2), mal-punt (a) tal-Artikolu 428ag u 428ah(2) CRR, li huwa kkalkolat bħala l-ammont assolut tad-differenza pożittiva bejn is-settijiet ta' netting ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 428ah(2) CRR.
30	**Obbligazzjonijiet derivattivi tal-NSFR qabel it-tnaqqis tal-marġni tal-varjazzjoni ddepożitat** L-Artikolu 428s(2) CRR L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ relatat mal-obbligazzjonijiet derivattivi, f'konformità mal-Artikolu 428d, 428s(2) u mal-punt (a) ta' 428ag u 428ah(2) CRR, li huwa l-valur ġust assolut tas-settijiet ta' netting b'valur ġust negattiv ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 428s(2) CRR.
31	**L-assi l-oħra kollha mhux inklużi fil-kategoriji ta' hawn fuq** Hawnhekk, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu s-somma tal-entrati li ġejjin: — riċevibbli tad-data tan-negozju f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 428r(1) CRR; — assi improduttivi f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 428ah(1) CRR; — riżervi f'banek ċentrali li mhumiex meqjusa bħala HQLA; u — assi oħrajn mhux imsemmija fl-entrati preċedenti elenkati hawn fuq.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Ringiela	**Spjegazzjoni**
32	**Entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw hawn l-ammont ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' finanzjament stabbli meħtieġ.
33	**Finanzjament stabbli meħtieġ (RSF) totali** Il-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR Hawn l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-entrati totali soġġetti għall-finanzjament stabbli meħtieġ f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta tas-CRR (somma tal-ammonti fir-ringieli 15, EU-15a, 16, 17, 25, 26, u 32 ta' dan il-mudell).
34	**Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett (%)** L-NSFR ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 428b(1) CRR

ANNESS XV

Tabella EU CRA: Informazzjoni kwalitattiva ġenerali dwar ir-riskju tal-kreditu

L-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu l-objettivi tagħhom għall-immaniġġjar tar-riskju u l-politiki dwar ir-riskju tal-kreditu billi jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

Divulgazzjonijiet kwalitattivi	
(a)	Fir-rendikont konċiż dwar ir-riskji skont il-punt (f) tal-Artikolu 435(1) CRR, kif il-mudell ta' negozju jiġi tradott fil-komponenti tal-profil tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni.
(b)	Meta jiddiskutu l-istrateġiji u l-proċessi tagħhom għall-immaniġġjar tar-riskju ta' kreditu u l-politiki għall-iħħeġġjar u l-mitigazzjoni ta' dak ir-riskju f'konformità mal-punti (a) u (d) tal-Artikolu 435(1) CRR, il-kriterji u l-approċċ użati għad-definizzjoni tal-politika għall-immaniġġjar tar-riskju ta' kreditu u għall-iffissar ta' limiti għar-riskju tal-kreditu.
(c)	Meta jagħtu informazzjoni dwar l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju skont il-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR, l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju ta' kreditu u l-funzjoni ta' kontroll.
(d)	Meta jagħtu informazzjoni dwar l-awtorità, l-istatus u arranġamenti oħrajn għall-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju skont il-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR, ir-relazzjonijiet ta' bejn l-immaniġġjar tar-riskju ta' kreditu, il-kontroll tar-riskju, il-konformità u l-funzjonijiet tal-awditjar intern.

Tabella EU CRB: Divulgazzjoni addizzjonali relatata mal-kwalità tal-kreditu tal-assi

Divulgazzjonijiet kwalitattivi	
(a)	Il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet ta' skoperturi "skaduti" u "danneġġati" użati għall-finijiet ta' kontabilità u d-differenzi, jekk ikun hemm, bejn id-definizzjonijiet ta' wara d-data tal-għeluq u inadempjenza għal finijiet ta' kontabilità u regolatorji kif speċifikati fil-Linji Gwida tal-EBA dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR.
(b)	Il-limitu għal skoperturi skaduti (aktar minn 90 jum) li mhumiex meqjusa danneġġati u r-raġunijiet għal dan.
(c)	Deskrizzjoni tal-metodi użati għad-determinazzjoni ta' aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu.
(d)	Id-definizzjoni tal-istituzzjoni ta' skopertura ristrutturata użata għall-implimentazzjoni tal-punt (d) tal-Artikolu 178(3) CRR kif speċifikata fil-Linji Gwida tal-EBA dwar inadempjenza skont l-Artikolu 178 CRR meta tkun differenti mid-definizzjoni ta' skopertura mrażżna definita fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.

Mudell EU CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.

		a	b	c	d	e	f
		Valur riportat gross/ammont nominali					
		Skoperturi produttivi			Skoperturi improduttivi		
			Li minnhom fi stadju 1	Li minnhom fi stadju 2		Li minnhom fi stadju 2	Li minnhom fi stadju 3
005	Bilanċi ta' flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn						
010	Self u avvanzi						
020	*Banek ċentrali*						
030	*Gvernijiet estiżi*						
040	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
050	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
060	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
070	*Li minnhom SMEs*						
080	*Unitajiet domestiċi*						
090	Titoli ta' dejn						
100	*Banek ċentrali*						
110	*Gvernijiet estiżi*						
120	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
130	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						

		a	b	c	d	e	f
		Valur riportat gross/ammont nominali					
		Skoperturi produttivi			Skoperturi improduttivi		
			Li minnhom fi stadju 1	Li minnhom fi stadju 2		Li minnhom fi stadju 2	Li minnhom fi stadju 3
140	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
150	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ						
160	*Banek ċentrali*						
170	*Gvernijiet estiżi*						
180	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
190	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
200	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
210	*Unitajiet domestiċi*						
220	***Total***						

		g	h	i	j	k	l
		Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu u dispożizzjonijiet					
		Skoperturi produttivi – indeboliment akkumulat u dispożizzjonijiet			Skoperturi improduttivi – indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu u dispożizzjonijiet		
			Li minnhom fi stadju 1	Li minnhom fi stadju 2		Li minnhom fi stadju 2	Li minnhom fi stadju 3
005	Bilanċi ta' flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn						
010	Self u avvanzi						
020	*Banek ċentrali*						
030	*Gvernijiet estiżi*						
040	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
050	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
060	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
070	*Li minnhom SMEs*						
080	*Unitajiet domestiċi*						
090	Titoli ta' dejn						
100	*Banek ċentrali*						
110	*Gvernijiet estiżi*						
120	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
130	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						

		g	h	i	j	k	l
		Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu u dispożizzjonijiet					
		Skoperturi produttivi – indeboliment akkumulat u dispożizzjonijiet			Skoperturi improduttivi – indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu u dispożizzjonijiet		
			Li minnhom fi stadju 1	Li minnhom fi stadju 2		Li minnhom fi stadju 2	Li minnhom fi stadju 3
140	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
150	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ						
160	*Banek ċentrali*						
170	*Gvernijiet estiżi*						
180	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
190	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
200	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
210	*Unitajiet domestiċi*						
220	***Total***						

		m	n	o
		Tħassir parzjali akkumulat	Kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti	
			Dwar skoperturi produttivi	Dwar skoperturi improduttivi
005	Bilanċi ta' flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn			
010	Self u avvanzi			
020	*Banek ċentrali*			
030	*Gvernijiet estiżi*			
040	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*			
050	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*			
060	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*			
070	*Li minnhom SMEs*			
080	*Unitajiet domestiċi*			
090	Titoli ta' dejn			
100	*Banek ċentrali*			
110	*Gvernijiet estiżi*			
120	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*			
130	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*			

		m	n	o
		Tħassir parzjali akkumulat	Kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti	
			Dwar skoperturi produttivi	Dwar skoperturi improduttivi
140	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*			
150	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ			
160	*Banek ċentrali*			
170	*Gvernijiet estiżi*			
180	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*			
190	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*			
200	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*			
210	*Unitajiet domestiċi*			
220	***Total***			

Mudell EU CR1-A: Maturità tal-iskoperturi

		a	b	c	d	e	f
		Valur nett tal-iskoperturi					
		Fuq talba	<= 1 sena	> 1 sena <= 5 snin	> 5 snin	Ebda maturità ddikjarata	Total
1	Self u avvanzi						
2	Titoli ta' dejn						
3	***Total***						

Mudell EU CR2: Bidliet fl-istokk ta' self u avvanzi improduttivi

		a
		Valur riportat gross
010	**Stokk inizjali ta' self u avvanzi improduttivi**	
020	Dħul għal portafolji improduttivi	
030	Ħruġ minn portafolji improduttivi	
040	Ħruġ minħabba tħassir	
050	Ħruġ minħabba sitwazzjonijiet oħra	
060	**Stokk finali ta' self u avvanzi improduttivi**	

Mudell EU CR2a: Bidliet fl-istokk ta' self u avvanzi improduttivi u rkupri netti akkumulati relatati

		a	b
		Valur riportat gross	Irkupri netti akkumulati relatati
010	**Stokk inizjali ta' self u avvanzi improduttivi**		
020	Dħul għal portafolji improduttivi		
030	Ħruġ minn portafolji improduttivi		
040	Ħruġ għal portafoll produttiv		
050	Ħruġ minħabba ripagament ta' self, parzjali jew totali		
060	Ħruġ minħabba likwidazzjonijiet kollaterali		
070	Ħruġ minħabba pussess ta' kollateral		
080	Ħruġ minħabba bejgħ ta' strumenti		
090	Ħruġ minħabba trasferimenti tar-riskju		
100	Ħruġ minħabba tħassir		
110	Ħruġ minħabba sitwazzjonijiet oħra		
120	Ħruġ minħabba riklassifikazzjoni bħala miżmuma għall-bejgħ		
130	**Stokk finali ta' self u avvanzi improduttivi**		

Mudell EU CQ1: Il-kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi mrażżna

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Valur riportat gross/ammont nominali ta' skoperturi b'miżuri ta' trażżin				Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu u dispożizzjonijiet		Kollateral riċevut u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi mrażżna	
		Trażżin produttiv	Trażżin improduttiv			Dwar skoperturi produttivi mrażżna	Dwar skoperturi improduttivi mrażżna		Li minnhom kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi improduttivi b'miżuri ta' trażżin
				Li minnhom inadempjenti	Li minnhom indeboliti				
005	Bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn								
010	Self u avvanzi								
020	*Banek ċentrali*								
030	*Gvernijiet estiżi*								
040	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*								
050	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*								
060	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*								
070	*Unitajiet domestiċi*								
080	Titoli ta' dejn								
090	Impenji ta' self mogħtija								
100	***Total***								

Mudell EU CQ2: Il-kwalità ta' tolleranza

		a
		Valur riportat gross tal-iskoperturi mrażżna
010	Self u avvanzi li ġew imrażżna aktar minn darbtejn	
020	Self u avvanzi improduttvi mrażżna li ma ssodisfawx il-kriterji ta' ħruġ improduttiv	

Mudell EU CQ3: Il-kwalità tal-kreditu ta' skoperturi produttivi u improduttivi skont b'kemm jiem skadew

		a	b	c	d	e	f
		Valur riportat gross/ammont nominali					
			Skoperturi produttivi			Skoperturi improduttivi	
			Mhux skaduti jew skaduti ≤ 30 jum	Skaduti > 30 jum ≤ 90 jum		Improbabbli li jrendu li mhumiex skaduti jew li huma skaduti ≤ 90 jum	Skaduti > 90 jum ≤ 180 jum
005	Bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn						
010	Self u avvanzi						
020	*Banek ċentrali*						
030	*Gvernijiet estiżi*						
040	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
050	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
060	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
070	*Li minnhom SMEs*						
080	*Unitajiet domestiċi*						
090	Titoli ta' dejn						
100	*Banek ċentrali*						
110	*Gvernijiet estiżi*						
120	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
130	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						

		a	b	c	d	e	f
		Valur riportat gross/ammont nominali					
			Skoperturi produttivi		Skoperturi improduttivi		
			Mhux skaduti jew skaduti ≤ 30 jum	Skaduti > 30 jum ≤ 90 jum		Improbabbli li jrendu li mhumiex skaduti jew li huma skaduti ≤ 90 jum	Skaduti > 90 jum ≤ 180 jum
140	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
150	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ						
160	*Banek ċentrali*						
170	*Gvernijiet estiżi*						
180	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
190	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
200	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
210	*Unitajiet domestiċi*						
220	***Total***						

		g	h	i	j	k	l
		Valur riportat gross/ammont nominali					
		Skoperturi improduttivi					
		Skaduti > 180 jum ≤ 1 sena	Skaduti > 1 sena ≤ sentejn	Skaduti > sentejn ≤ 5 snin	Skaduti > 5 snin ≤ 7 snin	Skaduti > 7 snin	Li minnhom inadempjenti
005	Bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn						
010	Self u avvanzi						
020	*Banek ċentrali*						
030	*Gvernijiet estiżi*						
040	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
050	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
060	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
070	*Li minnhom SMEs*						
080	*Unitajiet domestiċi*						
090	Titoli ta' dejn						
100	*Banek ċentrali*						
110	*Gvernijiet estiżi*						
120	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
130	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						

		g	h	i	j	k	l
		Valur riportat gross/ammont nominali					
		Skoperturi improduttivi					
		Skaduti > 180 jum ≤ 1 sena	Skaduti > 1 sena ≤ sentejn	Skaduti > sentejn ≤ 5 snin	Skaduti > 5 snin ≤ 7 snin	Skaduti > 7 snin	Li minnhom inadempjenti
140	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
150	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ						
160	*Banek ċentrali*						
170	*Gvernijiet estiżi*						
180	*Istituzzjonijiet ta' kreditu*						
190	*Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn*						
200	*Korporazzjonijiet mhux finanzjarji*						
210	*Unitajiet domestiċi*						
220	***Total***						

Mudell EU CQ4: Il-kwalità ta' skoperturi improduttivi skont il-ġeografija

		a	b	c	d	e	f	g
		Valur riportat gross/ammont nominali				Indeboliment akkumulat	Dispożizzjonijiet fuq impenji li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u garanziji finanzjarji mogħtija	Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi
			Li minnhom improduttivi		Li minnhom soġġetti għal indeboliment			
				Li minnhom inadempjenti				
010	***Skoperturi fil-karta tal-bilanċ***							
020	*Pajjiż 1*							
030	*Pajjiż 2*							
040	*Pajjiż 3*							
050	*Pajjiż 4*							
060	*Pajjiż N*							
070	*Pajjiżi oħra*							
080	***Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ***							
090	*Pajjiż 1*							
100	*Pajjiż 2*							
110	*Pajjiż 3*							
120	*Pajjiż 4*							
130	*Pajjiż N*							
140	*Pajjiżi oħra*							
150	***Total***							

Mudell EU CQ5: Il-kwalità tal-kreditu ta' self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji skont l-industrija

		a	b	c	d	e	f
		Valur riportat gross				Indeboliment akkumulat	Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi
			Li minnhom improduttivi		Li minnhom self u avvanzi soġġetti għal indeboliment		
				Li minnhom inadempjenti			
010	Agrikoltura, forestrija u sajd						
020	Minjieri u barrieri						
030	Manifattura						
040	Provvista ta' elettriku, gass, fwar u arja kundizzjonata						
050	Provvista tal-ilma						
060	Kostruzzjoni						
070	Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut						
080	Trasport u ħżin						
090	Akkomodazzjoni u attivitajiet ta' servizzi tal-ikel						
100	Informazzjoni u komunikazzjoni						
110	Attivitajiet finanzjarji u tal-assigurazzjoni						
120	Attivitajiet immobiljari						
130	Attivitajiet professjonali, xjentifiċi u tekniċi						
140	Attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' appoġġ						

		a	b	c	d	e	f
		Valur riportat gross				Indeboliment akkumulat	Bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi
			Li minnhom improduttivi		Li minnhom self u avvanzi soġġetti għal indeboliment		
				Li minnhom inadempjenti			
150	Amministrazzjoni pubblika u difiża, sigurtà soċjali obbligatorja						
160	Edukazzjoni						
170	Servizzi tas-saħħa tal-bniedem u attivitajiet relatati mal-ħidma soċjali						
180	Arti, divertiment u rikreazzjoni						
190	Servizzi oħra						
200	***Total***						

Mudell EU CQ6: Valutazzjoni tal-kollateral - self u avvanzi

		a	b	c	d	e
		Self u avvanzi				
			Produttivi		Improduttivi	
				Li huma skaduti > 30 jum ≤ 90 jum		Improbabbli li jrendu li mhumiex skaduti jew li huma skaduti ≤ 90 jum
010	Valur riportat gross					
020	*Li minnu garantit*					
030	*Li minnu garantit bi proprjetà immobbli*					
040	*Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 60 % u inqas minn jew ugwali għal 80 %*					
050	*Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 80 % u inqas minn jew ugwali għal 100 %*					
060	*Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 100 %*					
070	Indeboliment akkumulat għal assi garantiti					
080	Kollateral					
090	*Li minnu valur massimu ffissat skont il-valur tal-iskopertura*					
100	*Li minnu proprjetà immobbli*					
110	*Li minnu valur ogħla mil-limitu massimu ffissat*					
120	*Li minnu proprjetà immobbli*					
130	Garanziji finanzjarji riċevuti					
140	Thassir parzjali akkumulat					

		f	g	h	i	j	k	l
		Self u avvanzi						
		Improduttivi						
		Skaduti > 90 jum						
			Li huma skaduti > 90 jum ≤ 180 jum	Li minnhom: skaduti > 180 jum ≤ 1 sena	Li minnhom: skaduti > 1 sena ≤ sentejn	Li minnhom: skaduti > sentejn ≤ 5 snin	Li minnhom: skaduti > 5 snin ≤ 7 snin	Li minnhom: skaduti > 7 snin
010	Valur riportat gross							
020	*Li minnu garantit*							
030	*Li minnu garantit bi proprjetà immobbli*							
040	*Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 60 % u inqas minn jew ugwali għal 80 %*							
050	*Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 80 % u inqas minn jew ugwali għal 100 %*							
060	*Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 100 %*							
070	Indeboliment akkumulat għal assi garantiti							
080	Kollateral							
090	*Li minnu valur massimu ffissat skont il-valur tal-iskopertura*							
100	*Li minnu proprjetà immobbli*							
110	*Li minnu valur ogħla mil-limitu massimu ffissat*							
120	*Li minnu proprjetà immobbli*							
130	Garanziji finanzjarji riċevuti							
140	Thassir parzjali akkumulat							

Mudell EU CQ7: Kollateral miksub b'pussess u proċessi ta' eżekuzzjoni

		a	b
		Kollateral miksub b'pussess	
		Valur fir-rikonoxximent inizjali	Bidliet negattivi akkumulati
010	Proprjetà, impjanti u tagħmir (PP&E)		
020	Minbarra PP&E		
030	*Proprjetà immobbli residenzjali*		
040	*Proprjetà immobbli kummerċjali*		
050	*Proprjetà mobbli (auto, tbaħħir, eċċ.)*		
060	*Ekwità u titoli ta' dejn*		
070	*Kollateral ieħor*		
080	***Total***		

Mudell EU CQ8: Kollateral miksub b'pussess u proċessi ta' eżekuzzjoni - analiżi inizjali

		a	b	c	d	e	f	g
		Tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn		Kollateral totali miksub b'pussess				
						Preklużi ≤ sentejn		Preklużi > sentejn ≤ 5 snin
		Valur riportat gross	Bidliet negattivi akkumulati	Valur fir-rikonoxximent inizjali	Bidliet negattivi akkumulati	Valur fir-rikonoxximent inizjali	Bidliet negattivi akkumulati	Valur fir-rikonoxximent inizjali
010	Kollateral miksub b'pussess ikklassifikat bħala PP&E							
020	Kollateral miksub b'pussess minbarra dak ikklassifikat bħala PP&E							
030	*Proprjetà immobbli residenzjali*							
040	*Proprjetà immobbli kummerċjali*							
050	*Proprjetà mobbli (auto, tbaħħir, eċċ.)*							
060	*Ekwità u titoli ta' dejn*							
070	*Kollateral ieħor*							
080	***Total***							

		g	h	i	j	k	l
		Kollateral totali miksub b'pussess					
		Prekluži > sentejn ≤ 5 snin		Prekluži > 5 snin		Li minnhom assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ	
		Bidliet negattivi akkumulati		Valur fir-rikonoxximent inizjali	Bidliet negattivi akkumulati	Valur fir-rikonoxximent inizjali	Bidliet negattivi akkumulati
010	Kollateral miksub b'pussess ikklassifikat bħala PP&E						
020	Kollateral miksub b'pussess minbarra dak ikklassifikat bħala PP&E						
030	*Proprjetà immobbli residenzjali*						
040	*Proprjetà immobbli kummerċjali*						
050	*Proprjetà mobbli (auto, tbaħħir, eċċ.)*						
060	*Ekwità u titoli ta' dejn*						
070	*Kollateral ieħor*						
080	***Total***						

ANNESS XVI

Struzzjonijiet għad-divulgazzjoni tal-objettivi u tal-politiki ta' ġestjoni tar-riskju, tal-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu, tar-riskju ta' dilwizzjoni u tal-kwalità tal-kreditu

1. L-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jinkludi sett ta' mudelli li huma applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha soġġetti għall-Artikolu 442 CRR. Jinkludi wkoll xi mudelli addizzjonali meħtieġa għal istituzzjonijiet kbar li għandhom proporzjon bejn l-ammont riportat gross ta' self u avvanzi li jaqgħu taħt l-Artikolu 47a(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-ammont riportat gross totali ta' self u avvanzi li jaqgħu taħt l-Artikolu 47a(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ugwali għal 5 % jew aktar. Għall-fini ta' dan il-proporzjon, u tal-mudelli inklużi fl-Anness XV, self u avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, bilanċi tal-flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn għandhom jiġu esklużi kemm mid-denominatur kif ukoll min-numeratur tal-proporzjonijiet, u mir-ringieli dwar is-self u l-avvanzi inklużi fil-mudelli. L-informazzjoni dwar il-bilanċi tal-flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn tiġi ddikjarata separatament f'xi wħud minnhom.

2. Il-mudelli addizzjonali huma meħtieġa sabiex iwasslu informazzjoni komprensiva u komparabbli biżżejjed għall-utenti ta' dik l-informazzjoni sabiex jivvalutaw il-profili tar-riskju tal-istituzzjonijiet. Għal din ir-raġuni, meta jaqraw dawn l-istruzzjonijiet, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-kriterji ta' proporzjonalità inklużi fl-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni.

Tabella EU CRA: Informazzjoni kwalitattiva ġenerali dwar ir-riskju ta' kreditu

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (d) u (f) tal-Artikolu 435(1) tar-Regolament (UE) 575/2013 [1] ("CRR") dwar l-objettivi u l-politiki ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom għar-riskju ta' kreditu billi jsegwu l-istruzzjonijiet stabbiliti f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU CRA li hija ppreżentata fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	Fir-rapport tar-riskju konċiż f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 435(1) CRR, kif il-mudell tan-negozju jissarraf fil-komponenti tal-profil tar-riskju ta' kreditu tal-istituzzjoni.
(b)	Meta jiddiskutu l-istrateġiji u l-proċessi tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu u l-politiki għall-iħħeġġjar u għall-mitigazzjoni ta' dak ir-riskju f'konformità mal-punti (a) u (d) tal-Artikolu 435(1) CRR, il-kriterji u l-approċċ użati għad-definizzjoni tal-politika ta' ġestjoni tar-riskju ta' kreditu u għall-issettjar tal-limiti tar-riskju ta' kreditu.
(c)	Meta jinformaw dwar l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR, l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu u l-funzjoni ta' kontroll.
(d)	Meta jinformaw dwar l-awtorità, l-i*status* u arranġamenti oħra għall-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR, ir-relazzjonijiet bejn il-funzjonijiet tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu, tal-kontroll tar-riskju, tal-konformità u tal-awditjar intern.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Tabella EU CRB: Divulgazzjoni addizzjonali relatata mal-kwalità tal-kreditu tal-assi

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt sabiex jimlew it-Tabella EU CRB li hija ppreżentata fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	Il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet ta' skoperturi "skaduti" u "indeboliti" użati għall-finijiet kontabilistiċi u d-differenzi, jekk ikun hemm, bejn id-definizzjonijiet ta' skaduti u ta' inadempjenti għal finijiet kontabilistiċi u regolatorji f'konformità mal-Artikolu 178 CRR.
(b)	Il-firxa ta' skoperturi skaduti (aktar minn 90 jum) li ma jitqisux bħala indeboliti u r-raġunijiet għal dan.
(c)	Deskrizzjoni tal-metodi użati għad-determinazzjoni tal-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu.
(d)	Id-definizzjoni proprja tal-istituzzjoni ta' skopertura ristrutturata użata għall-implimentazzjoni tal-punt (d) tal-Artikolu 178(3) CRR f'konformità mal-Artikolu 178 CRR meta tkun differenti mid-definizzjoni ta' skoperturi b'miżuri ta' trażżin kif iddefiniti fl-Artikolu 47b CRR.

Mudell EU CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u provvedimenti relatati

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness għall-Mudell komplut EU CR1 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
005	**Bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw din l-informazzjoni f'konformità mal-informazzjoni rrapportata fl-Annessi III u IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014 [2].

[2] IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Self u avvanzi** Self u avvanzi huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjonijiet li mhumiex titoli. din l-entrata tinkludi "self" f'konformità mar-Regolament (UE) 1071/2013 ("Regolament tal-BĊE dwar il-BSI") ([3]) kif ukoll avvanzi li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "self" f'konformità mar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI, kif iddefinit fil-paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, iżda eskludi s-self u l-avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, il-bilanċi tal-flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn.
020 – 060, 080, 100 – 140, 160 –210	**Diżaggregazzjoni skont il-kontroparti** L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw id-diżaggregazzjoni skont il-kontroparti kif iddefinita fil-paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklussivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed għandha ssir fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-aktar rilevanti, jew determinanti, għad-deċiżjoni tal-istituzzjoni li tagħti l-iskopertura. Fost klassifikazzjonijiet oħrajn, id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrba b'mod konġunt skont is-settur tal-kontroparti, il-pajjiż ta' residenza u l-kodiċi NACE għandha tkun xprunata mill-karatteristiċi tal-obbligant l-aktar rilevanti jew determinanti.
070	**SMEs** Kif iddefiniti fil-paragrafu 5(i) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014
090	**Titoli ta' dejn** Titoli ta' dejn huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni maħruġa bħala titoli li mhumiex self skont ir-Regolament BSI tal-BĊE, kif definit fil-paragrafu 31 tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
150	**Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** L-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali għandhom jinkludu l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali elenkati fl-Anness I CRR.
220	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross/ammont nominali fuq l-iskoperturi produttivi** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; l-*ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014*

([3]) IR-REGOLAMENT (UE) Nru 1071/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
b, c, e, f, h, i, k u l	**Li minnu tal-istadju 1/tal-istadju 2/tal-istadju 3** Għall-istituzzjonijiet li japplikaw l-IFRS, il-kategoriji ta' indeboliment, kif iddefiniti fl-IFRS 9.5.5. "Stadju 1" tirreferi għal indeboliment imkejjel f'konformità mal-IFRS 9.5.5.5. "Stadju 2" tirreferi għal indeboliment imkejjel f'konformità mal-IFRS 9.5.5.3. "Stadju 3" tirreferi għal indeboliment fuq assi bi kreditu indebolit, kif iddefinit fl-Appendiċi A tal-IFRS 9. Il-kolonni "Li minnhom tal-istadju 1", "Li minnhom tal-istadju 2" u "Li minnhom tal-istadju 3" ma għandhomx jiġu ddikjarati minn istituzzjonijiet li japplikaw prinċipji nazzjonali tal-kontabilità ġeneralment aċċettati bbażati fuq id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) 86/635 ([4]) dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u ta' istituzzjonijiet finanzjarji oħra.
d	**Ammont riportat gross/ammont nominali fuq skoperturi improduttivi** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; *l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014*; skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR.
g	**Skoperturi produttivi – indeboliment akkumulat u provvedimenti** Dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
j	**Indeboliment improduttiv - akkumulat, tibdiliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u provvedimenti** Skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR Dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
m	**Tħassir parzjali akkumulat** Dan għandu jinkludi l-ammont parzjali akkumulat fid-data ta' referenza tal-imgħax u t-tariffi fuq l-ammont kapitali u li ilhom dovuti għal kwalunkwe strument ta' dejn li ma jkunx baqa' rikonoxxut sa issa bl-użu ta' wieħed mill-metodi deskritti fil-paragrafu 74 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, li għandhom jiġu ddikjarati minħabba li l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda aspettattiva raġonevoli li tirkupra l-flussi tal-flus kuntrattwali. Dawn l-ammonti għandhom jiġu ddikjarati sakemm jiġu totalment eżawriti d-drittijiet kollha tal-istituzzjoni sal-iskadenza tal-perjodu tal-istatut ta' limitazzjonijiet, maħfra jew kawżi oħrajn, jew sal-irkupru. Għaldaqstant, meta l-ammonti mħassra ma jiġux irkuprati, għandhom jiġu ddikjarati waqt li jkunu soġġetti għal attivitajiet ta' infurzar. It-tħassir jikkostitwixxi każ ta' rtirar tar-rikonoxximent u jirrigwarda assi finanzjarju fl-intier tiegħu jew (fil-każ ta' tħassir parzjali) porzjon minnu, inkluż meta l-modifika ta' assi twassal sabiex l-istituzzjoni tirrinunzja għad-dritt tagħha li tiġbor flussi tal-flus fuq porzjon minn dak l-assi jew fuq dak l-assi kollu.

([4]) ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 86/635/KEE tat-8 ta' Diċembru 1986 dwar il-kontijiet annwali u l-kontijiet konsolidati ta' banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħrajn (ĠU L 372, 31.12.1986, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
n	**Kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi produttivi** L-ammonti għall-kollateral riċevut u għall-garanziji riċevuti għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Is-somma tal-ammonti kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata.
o	**Kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi improduttivi** Skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR L-ammonti għall-kollateral riċevut u għall-garanziji riċevuti għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Is-somma tal-ammonti kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata.

Mudell EU CR1-A: Maturità tal-iskoperturi

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti aktar 'il quddiem sabiex jimlew il-Mudell EU CR1-A li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Self u avvanzi** Self u avvanzi huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjonijiet li mhumiex titoli. din l-entrata tinkludi "self" f'konformità mar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI kif ukoll avvanzi li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "self" f'konformità mar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI, kif iddefinit fil-paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, iżda eskluż s-self u l-avvanzi kklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ, il-bilanċi tal-flus fil-banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn.
020	**Titoli ta' dejn** Titoli ta' dejn huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni maħruġa bħala titoli li mhumiex self skont ir-Regolament BSI tal-BĊE, kif definit fil-paragrafu 31 tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
030	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
minn a sa e	**Valuri netti tal-iskoperturi** Il-valuri netti għandhom jiġu ddikjarati b'maturitajiet kuntrattwali residwi. Valur nett tal-iskopertura: Għall-entrati fil-karta bilanċjali, il-valur nett huwa l-valur riportat gross tal-iskopertura wara li jitnaqqsu l-allowances/l-indebolimenti. Għall-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, il-valur nett huwa l-valur riportat gross tal-iskopertura wara li jitnaqqsu l-provvedimenti.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
	Skopertura: F'konformità mal-Artikolu 5 CRR, l-iskopertura tirreferi għal assi jew għal entrata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali li twassal għal skopertura għar-riskju ta' kreditu f'konformità mas-CRR. Valuri riportati gross: Il-valur kontabilistiku qabel kwalunkwe provvediment/indebolimenti iżda wara li jitqies it-tħassir. L-istituzzjonijiet ma għandhom iqisu xi teknika tas-CRM fl-applikazzjoni tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR. L-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali għandhom jiġu ddikjarati għall-ammont nominali gross ta' kwalunkwe CCF applikabbli f'konformità mal-Artikolu 111 u 166 CRR jew tekniki tas-CRM, u gross minn kwalunkwe provvediment, b'mod partikolari (a) il-garanziji mogħtija (l-ammont massimu li l-istituzzjoni jkollha tħallas li kieku l-garanzija tiġi eżerċitata) u (b) l-impenji ta' self u impenji oħrajn (l-ammont totali li l-istituzzjoni impenjat li tagħti b'self). F'din id-divulgazzjoni: — Meta kontroparti jkollha għażla ta' meta ammont jitħallas lura, l-ammont jiġi allokat għall-kolonna "fuq talba". Il-kolonna tinkludi bilanċi riċevibbli fuq talba (eżerċitar), fuq avviż qasir, kontijiet kurrenti u bilanċi simili (li jistgħu jinkludu self li huma depożiti għall-għada għall-mutwatarju, irrispettivament mill-forma ġuridika tiegħu). Tinkludi wkoll "self kurrenti" li hija bilanċi ta' debitu fuq bilanċi tal-kont kurrenti; — Meta skopertura ma jkollha l-ebda maturità ddikjarata għal raġunijiet oħra għajr il-kontroparti li jkollha l-għażla tad-data tat-tifdija, l-ammont ta' din l-iskopertura għandu jiġi ddikjarat fil-kolonna "ebda maturità ddikjarata". — Meta l-ammont jitħallas lura f'pagamenti parzjali, l-iskopertura għandha tiġi allokata fil-medda ta' maturità li tikkorrispondi għall-aħħar pagament parzjali.
f	**Total**

Mudell EU CR2: Tibdiliet fl-istokk ta' self u ta' avvanzi improduttivi

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti aktar 'il quddiem sabiex jimlew il-Mudell EU CR2 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Fin-narrattiva li takkumpanja dawn il-mudelli, l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw kwalunkwe differenza materjali bejn il-valuri improduttivi ddikjarati f'kull ringiela u l-valuri bħallikieku ġiet applikata d-definizzjoni ta' inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Stokk inizjali ta' self u ta' avvanzi improduttivi** L-ammont riportat gross tal-istokk ta' self u ta' avvanzi improduttivi fi tmiem l-aħħar sena finanzjarja
020	**Dħul għal portofolli improduttivi** L-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li daħlu fi *status* improduttiv matul il-perjodu (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja)
030	**Ħruġ minn portofolli improduttivi** L-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li ħarġu minn *status* improduttiv

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
040	**Ħruġ minħabba tħassir** Tħassir sħiħ jew parzjali ta' self u ta' avvanzi totali rreġistrati matul il-perjodu ta' referenza Tħassir (sħiħ jew parzjali) jikkostitwixxi avveniment ta' rtirar tar-rikonoxximent. Għalhekk, l-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi jitnaqqas bl-ammont tat-tħassir. Barra minn hekk, il-maħfra ta' dejn fil-kuntest ta' miżuri ta' trażżin, jiġifieri tħassir li għalih ġie kkanċellat l-ammont ta' dejn pendenti mill-mutwatarju (l-istituzzjoni titlef id-dritt li tirkuprah legalment), għandha tiġi inkluża wkoll f'din il-kategorija.
050	**Ħruġ minħabba sitwazzjonijiet oħrajn** Kwalunkwe tnaqqis ieħor fl-ammont riportat ta' self u ta' avvanzi minbarra t-tħassir għandu jiġi inkluż f'din ir-ringiela. Dawk l-aġġustamenti jistgħu jinkludu, pereżempju, il-ħruġ minħabba: i) ripagament, parzjali jew totali, ta' self; ii) likwidazzjonijiet tal-kollateral; iii) it-teħid tal-pussess ta' kollateral, iv) il-bejgħ ta' strumenti; v) trasferimenti tar-riskju; vi) tibdiliet fl-FX; vii) azzjonijiet oħra ta' għeluq; viii) riklassifikazzjonijiet bejn il-klassijiet ta' assi, eċċ. Barra minn hekk, l-aġġustamenti għandhom jinkludu l-ħruġ minħabba r-riklassifikazzjoni bħala miżmuma għall-bejgħ. Meta l-ammont għal din il-kategorija jkun sinifikanti, l-istituzzjonijiet jintalbu jipprovdu informazzjoni addizzjonali fin-narrattiva li takkumpanja dan il-mudell.
060	**Stokk finali ta' self u ta' avvanzi improduttivi** L-ammont riportat gross tal-istokk ta' self u ta' avvanzi improduttivi fid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross** Ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.

Mudell EU CR2a: Tibdiliet fl-istokk ta' self u ta' avvanzi improduttivi u rkupri akkumulati netti relatati

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (c) u (f) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti aktar 'il quddiem sabiex jimlew il-Mudell EU CR2a li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Fin-narrattiva li takkumpanja dawn il-mudelli, l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw kwalunkwe differenza materjali bejn il-valuri improduttivi ddikjarati f'kull ringiela u l-valuri bħallikieku ġiet applikata d-definizzjoni ta' inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, b'mod partikolari għar-ringieli 010, 030, 100 u 130.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Stokk inizjali ta' self u ta' avvanzi improduttivi** L-ammont riportat gross tal-istokk ta' self u ta' avvanzi improduttivi fi tmiem l-aħħar sena finanzjarja

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
020	**Dħul għal portofolli improduttivi** L-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li daħlu fi *status* improduttiv matul il-perjodu (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja)
030	**Ħruġ minn portofolli improduttivi** L-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li ħarġu minn *status* improduttiv
040	**Ħruġ għall-portafoll produttiv** L-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li ħarġu minn *status* improduttiv u saru produttivi matul il-perjodu (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja)
050	**Ħruġ minħabba ripagament, parzjali jew totali, ta' self** It-tnaqqis fl-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi improduttivi dovuti għal pagamenti fi flus, jiġifieri pagamenti regolari ta' kapital u kwalunkwe ripagament *ad hoc* matul il-perjodu (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja)
060	**Ħruġ minħabba likwidazzjonijiet tal-kollateral** L-effett fuq l-ammont riportat gross ta' strument mil-likwidazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' kollateral għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela. Il-ħruġ minħabba proċeduri legali jew ta' likwidazzjoni oħrajn u l-bejgħ volontarju tal-proprjetà għandhom jiġu inklużi wkoll f'din ir-ringiela. Sabiex jiġi evitat id-dubju, innota li l-ammont riportat gross tal-istrument għandu jiġi ddikjarat, inkluż kwalunkwe tħassir parzjali potenzjali li jakkumpanjah. Kun af ukoll li l-ħruġ jista' ma jkunx daqs is-somma tal-irkupri kumulati netti u t-tħassir parzjali.
060 kolonna b	**Irkupri akkumulati netti relatati** Irkupri ta' flus jew ekwivalenti ta' flus miġbura minħabba likwidazzjonijiet tal-kollateral (netti mill-ispejjeż tal-likwidazzjoni tal-kollateral rispettivi) għandhom jiġu ddikjarati f'din ir-ringiela.
070	**Ħruġ minħabba t-teħid tal-pussess ta' kollateral** L-effett fuq l-ammont riportat gross ta' strument minħabba l-preklużjoni ta' xi tip ta' kollateral għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela. It-teħid tal-pussess jirreferi għall-akkwiżizzjoni ta' kollateral mhux fi flus li l-istituzzjoni jew sussidjarja ta' grupp tkun akkwistat is-sjieda tiegħu u li tkun għadha ma bigħetx lil terza persuna. Swaps ta' assi ta' dejn, ċessjonijiet volontarji u swaps ta' ekwità ma' dejn għandhom jiġu inklużi wkoll f'din il-kategorija. Sabiex jiġi evitat id-dubju, kun af li l-valur riportat gross tal-istrument għandu jiġi ddikjarat, inkluż kwalunkwe tħassir parzjali potenzjali li jakkumpanjah. Kun af ukoll li l-ħruġ jista' ma jkunx daqs is-somma tal-irkupri akkumulati netti u t-tħassir parzjali.
070 kolonna b	**Irkupri akkumulati netti relatati** Ir-rikonoxximent inizjali fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni tal-valur ġust tal-kollateral fil-mument li jittieħed il-pussess għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela. L-irkupri ta' flus jew ekwivalenti ta' flus miġbura fil-kuntest tat-teħid tal-pussess ta' kollateral nett tal-ispejjeż ma għandhomx jiġu inklużi f'din ir-ringiela iżda jiġu ddikjarati taħt il-Ħruġ minħabba r-ripagament, parzjali jew totali, ta' self.
080	**Ħruġ minħabba l-bejgħ ta' strumenti** Tibdiliet fil-bilanċ totali li jirriżultaw minn self u minn avvanzi mibjugħa lil istituzzjonijiet oħra, esklużi tranżazzjonijiet intragrupp

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	Sabiex jiġi evitat id-dubju, l-istituzzjonijiet għandhom jinnotaw li l-ammont riportat gross tas-self u tal-avvanzi mibjugħa għandu jiġi ddikjarat (inkluż kwalunkwe tħassir parzjali potenzjali li jakkumpanja) u mhux il-valwazzjoni jew il-prezz tagħhom matul it-tranżazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom ikunu jafu wkoll li l-ħruġ jista' ma jkunx daqs is-somma tal-irkupri akkumulati netti u t-tħassir parzjali.
080 kolonna b	**Irkupri akkumulati netti relatati** L-irkupri ta' flus jew l-ekwivalenti ta' flus miġbura fil-kuntest tal-bejgħ ta' self u ta' avvanzi, netti mill-ispejjeż tal-bejgħ, għandhom jiġu inklużi f'din ir-ringiela.
090	**Ħruġ minħabba trasferimenti ta' riskju** It-tnaqqis gross f'self u f'avvanzi improduttivi minħabba titolizzazzjoni jew trasferimenti ta' riskju oħrajn li jikkwalifikaw għall-irtirar tar-rikonoxximent mill- karta bilanċjali L-istituzzjonijiet għandhom ikunu jafu li l-ħruġ jista' ma jkunx daqs is-somma tal-irkupri akkumulati netti u t-tħassir parzjali.
090 kolonna b	**Irkupri akkumulati netti relatati** L-irkupri ta' flus jew l-ekwivalenti ta' flus miġbura fil-kuntest tal-ħruġ minħabba trasferimenti ta' riskju sinifikanti għandhom jiġu ddikjarati f'din ir-ringiela.
100	**Ħruġ minħabba tħassir** Tħassir sħiħ jew parzjali ta' self u ta' avvanzi totali rreġistrati matul il-perjodu ta' referenza Tħassir (sħiħ jew parzjali) jikkostitwixxi avveniment ta' rtirar tar-rikonoxximent. Għalhekk, l-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi jitnaqqas bl-ammont tat-tħassir. Sabiex jiġu evitati d-dubji, jekk jogħġbok kun af li din ir-ringiela tirrifletti tibdiliet fl-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi, u kull tħassir parzjali potenzjali li jkun diġà ġie ddikjarat f'ringieli preċedenti (pereż. il-bejgħ ta' self u ta' avvanzi, il-likwidazzjoni tal-kollateral, it-teħid tal-pussess ta' kollateral jew it-trasferiment ta' riskju sinifikanti li jakkumpanja) ma għandux jiġi inkluż f'din ir-ringiela. Barra minn hekk, il-maħfra ta' dejn fil-kuntest ta' miżuri ta' trażżin, jiġifieri tħassir li għalih ġie kkanċellat l-ammont ta' dejn pendenti mill-mutwatarju (l-istituzzjoni titlef id-dritt li tirkuprah legalment), għandha tiġi inkluża wkoll f'din il-kategorija.
110	**Ħruġ minħabba sitwazzjonijiet oħrajn** Kwalunkwe tnaqqis ieħor fl-ammont riportat ta' self u ta' avvanzi li mhuwiex kopert mill-avvenimenti msemmija hawn fuq għandu jiġi inkluż f'din ir-ringiela. Dawk l-aġġustamenti jistgħu jinkludu, pereżempju, tibdiliet tal-FX, azzjonijiet oħra ta' għeluq, riklassifikazzjonijiet bejn il-klassijiet tal-assi, eċċ. Meta l-ammont għal din il-kategorija jkun sinifikanti, l-istituzzjonijiet jintalbu jipprovdu informazzjoni addizzjonali finnarrattiva li takkumpanja dan il-mudell.
120	**Ħruġ minħabba riklassifikazzjoni bħala miżmuma għall-bejgħ** Tnaqqis fl-ammont riportat ta' self u ta' avvanzi improduttivi minħabba r-riklassifikazzjoni tagħhom bħala strumenti miżmuma għall-bejgħ
130	**Stokk finali ta' self u ta' avvanzi improduttivi** L-ammont riportat gross tal-istokk ta' self u ta' avvanzi improduttivi fid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross** Ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
b	**Irkupri akkumulati netti relatati** Jekk jogħġbok irreferi għad-definizzjonijiet għar-ringieli f'dan il-mudell.

Mudell EU CQ1: Kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi mrażżna

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti aktar 'il quddiem sabiex jimlew il-Mudell EU CQ1 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
005	**Bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw din l-informazzjoni f'konformità mal-informazzjoni rrapportata fl-Annessi III u IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
010	**Self u avvanzi** Ara d-definizzjoni f'EU-CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
020 - 070	**Diżaggregazzjoni skont il-kontroparti** L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw id-diżaggregazzjoni skont il-kontroparti kif iddefinita fil-paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklussivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed għandha ssir fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-aktar rilevanti, jew determinanti, għad-deċiżjoni tal-istituzzjoni li tagħti l-iskopertura. Fost klassifikazzjonijiet oħrajn, id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrba b'mod konġunt skont is-settur tal-kontroparti, il-pajjiż ta' residenza u l-kodiċi NACE għandha tkun xprunata mill-karatteristiċi tal-obbligant l-aktar rilevanti jew determinanti.
080	**Titoli ta' dejn** Ara d-definizzjoni f'EU-CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
090	**Impenji ta' self mogħtija** Għal impenji ta' self mogħtija, għandu jiġi ddikjarat l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
100	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross/ammont nominali ta' skoperturi b'miżuri ta' trażżin – li minnhom produttivi mrażżna** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; skoperturi b'miżuri ta' trażżin kif iddefiniti fl-Artikolu 47b CRR L-ammont riportat gross relatat mal-iskoperturi soġġetti għal indeboliment huwa nett mit-tħassir parzjali u totali akkumulat. Skont jekk l-iskoperturi mrażżna jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fl-Artikolu 47a CRR, dawn jistgħu jiġu identifikati bħala produttivi jew improduttivi.
b	**Ammont riportat gross/ammont nominali ta' skoperturi b'miżuri ta' trażżin – li minnhom improduttivi mrażżna** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 L-ammont riportat gross relatat mal-iskoperturi soġġetti għal indeboliment huwa nett mit-tħassir parzjali u totali akkumulat. Skoperturi improduttivi b'miżuri ta' trażżin (skoperturi improduttivi mrażżna) għandhom jinkludu skoperturi mrażżna li jissodisfaw il-kriterji sabiex ikunu kkunsidrati bħala improduttivi u huma inklużi fil-kategorija ta' skoperturi improduttivi. Dawk l-iskoperturi mrażżna improduttivi għandhom jinkludu dawn li ġejjin: (a) skoperturi li saru improduttivi minħabba l-applikazzjoni tal-miżuri ta' trażżin; (b) skoperturi li kienu improduttivi qabel l-estensjoni tal-miżuri ta' trażżin; (c) skoperturi mrażżna li ġew irriklassifikati mill-kategorija produttiva, inklużi skoperturi rriklassifikati skont l-Artikolu 47a CRR.
c	**Li minnhom inadempjenti** Skoperturi mrażżna li huma kklassifikati wkoll bħala inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 CRR
d	**Li minnhom indeboliti** Skoperturi mrażżna li huma wkoll indeboliti f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli skont il-paragrafu 215 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014
e	**Indebolimenti akkumulati, tibdiliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u provvedimenti fuq skoperturi produttivi mrażżna** Skoperturi b'miżuri ta' trażżin kif iddefiniti fl-Artikolu 47b CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Skont jekk l-iskoperturi mrażżna jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fl-Artikolu 47a u 47b CRR, dawn jistgħu jiġu identifikati bħala produttivi jew improduttivi.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
f	**Indebolimenti akkumulati, tibdiliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu u provvedimenti fuq skoperturi improduttivi mrażżna** Dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Skoperturi improduttivi b'miżuri ta' trażżin (skoperturi improduttivi mrażżna) għandhom jinkludu skoperturi mrażżna li jissodisfaw il-kriterji sabiex ikunu kkunsidrati bħala improduttivi u huma inklużi fil-kategorija ta' skoperturi improduttivi. Dawk l-iskoperturi mrażżna improduttivi għandhom jinkludu dawn li ġejjin: (a) skoperturi li saru improduttivi minħabba l-applikazzjoni tal-miżuri ta' trażżin; (b) skoperturi li kienu improduttivi qabel l-estensjoni tal-miżuri ta' trażżin; (c) skoperturi mrażżna li ġew irriklassifikati mill-kategorija produttiva, inklużi skoperturi rriklassifikati skont l-Artikolu 47a CRR.
g	**Kollateral riċevut u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi mrażżna** Dawn għandhom jiġu ddikjarati għall-iskoperturi kollha b'miżuri ta' trażżin, irrispettivament mill-i*status* tagħhom ta' produttivi jew ta' improduttivi. L-ammonti għall-kollateral riċevut u għall-garanziji riċevuti għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Is-somma tal-ammonti kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata.
h	**Li minnhom kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti fuq skoperturi improduttivi b'miżuri ta' trażżin** L-ammonti għall-kollateral riċevut u għall-garanziji riċevuti għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Is-somma tal-ammonti kemm għall-kollateral kif ukoll għall-garanziji għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata. Skoperturi improduttivi b'miżuri ta' trażżin (skoperturi improduttivi mrażżna) għandhom jinkludu skoperturi mrażżna li jissodisfaw il-kriterji sabiex ikunu kkunsidrati bħala improduttivi u huma inklużi fil-kategorija ta' skoperturi improduttivi. Dawk l-iskoperturi mrażżna improduttivi għandhom jinkludu dawn li ġejjin: (a) skoperturi li saru improduttivi minħabba l-applikazzjoni tal-miżuri ta' trażżin; (b) skoperturi li kienu improduttivi qabel l-estensjoni tal-miżuri ta' trażżin; (c) skoperturi mrażżna li ġew irriklassifikati mill-kategorija produttiva, inklużi skoperturi rriklassifikati skont l-Artikolu 47a CRR.

Mudell EU CQ2: Kwalità tat-trażżin

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CQ2 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Self u avvanzi li trażżnu aktar minn darbtejn** Ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li kienu ngħataw miżuri ta' trażżin fil-passat u aktar minn darbtejn Is-self u l-avvanzi li għalihom ingħata trażżin li ħarġu mill-kategorija tal-imrażżna (jiġifieri s-self u l-avvanzi mrażżna rimedjati) jiġu inklużi hawn ukoll meta tkun ingħatat miżura ġdida ta' trażżin.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
020	**Self u avvanzi mrażżna improduttivi li naqsu milli jissodisfaw il-kriterji ta' ħruġ tal-improduttivi** Ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi mrażżna improduttivi li huma fil-kategorija ta' self u ta' avvanzi improduttivi taħt il-perjodu ta' rimedju ta' sena u li ma rnexxilhomx jikkonformaw mal-miżuri ta' trażżin wara l-perjodu ta' rimedju ta' 12-il xahar u, għalhekk, ma rnexxilhomx jimxu lejn *status* ta' produttivi mrażżna iżda żammew *status* ta' improduttivi mrażżna fil-perjodu ta' rimedju

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross ta' skoperturi mrażżna** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; skoperturi b'miżuri ta' trażżin kif iddefiniti fl-Artikolu 47b CRR Skont jekk l-iskoperturi mrażżna jissodisfawx il-kundizzjonijiet meħtieġa stabbiliti fl-Artikolu 47a jew 47b CRR, dawn jistgħu jiġu identifikati bħala produttivi jew improduttivi.

Mudell EU CQ3: Kwalità tal-kreditu tal-iskoperturi produttivi u improduttivi sad-dati tal-iskadenza

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CQ3 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
005	**Bilanċi ta' flus f'banek ċentrali u depożiti ta' domanda oħrajn** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw din l-informazzjoni f'konformità mal-informazzjoni rrapportata fl-Annessi III u IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
010	**Self u avvanzi** Ara d-definizzjoni f'EU-CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
020 – 060, 080, 100 – 140, 160 –210	**Diżaggregazzjoni skont il-kontroparti** L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw id-diżaggregazzjoni skont il-kontroparti kif iddefinita fil-paragrafu 42 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklussivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed għandha ssir fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-aktar rilevanti, jew determinanti, għad-deċiżjoni tal-istituzzjoni li tagħti l-iskopertura. Fost klassifikazzjonijiet oħrajn, id-distribuzzjoni ta' skoperturi mġarrba b'mod konġunt skont is-settur tal-kontroparti, il-pajjiż ta' residenza u l-kodiċi NACE għandha tkun xprunata mill-karatteristiċi tal-obbligant l-aktar rilevanti jew determinanti.
070	**SMEs** Kif iddefiniti fil-paragrafu 5(i) tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
090	**Titoli ta' dejn** Ara d-definizzjoni f'EU-CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
150	**Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** Ara d-definizzjoni f'EU-CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
210	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross/ammont nominali fuq l-iskoperturi produttivi** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014;
b	**Li minnhom: Mhux skaduti jew skaduti ≤ 30 jum** Subkategorija ta' skoperturi produttivi mhux skaduti jew ilhom skaduti bejn jum u 30 jum
c	**Li minnhom: Skaduti > 30 jum ≤ 90 jum** Subkategorija ta' skoperturi produttivi li ilhom skaduti 31–90 jum Barra minn hekk, skoperturi li jkunu skaduti b'aktar minn 90 jum minħabba li mhumiex materjali jiġu inklużi f'din is-subkategorija.
d	**Ammont riportat gross/ammont nominali fuq skoperturi improduttivi** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; *l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014*; skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR.
e	**Li minnhom: Improbabbli li jħallsu li mhumiex skaduti jew ilhom skaduti ≤ 90 jum** Subkategorija ta' skoperturi li jew ma mhumiex skaduti jew li ilhom skaduti sa 90 jum iżda li xorta waħda huma identifikati bħala improduttivi, skont l-Artikolu 47a CRR
f	**Li minnhom: Skaduti > 90 jum ≤ 180 jum** Subkategorija ta' skoperturi improduttivi li ilhom skaduti aktar minn 90 jum, iżda mhux aktar minn 180 jum
g	**Li minnhom: Skaduti > 180 jum ≤ sena** Subkategorija ta' skoperturi improduttivi li ilhom skaduti aktar minn 180 jum, iżda mhux aktar minn sena (1)
h	**Li minnhom: Skaduti > sena ≤ sentejn** Subkategorija ta' skoperturi improduttivi li ilhom skaduti aktar minn sena (1), iżda mhux aktar minn sentejn (2)

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
i	**Li minnhom: Skaduti > sentejn ≤ 5 snin** Subkategorija ta' skoperturi improduttivi li ilhom skaduti aktar minn sentejn (2), iżda mhux aktar minn 5 snin
j	**Li minnhom: Skaduti > 5 snin ≤ 7 snin** Subkategorija ta' skoperturi improduttivi li ilhom skaduti aktar minn 5 snin, iżda mhux aktar minn 7 snin
k	**Li minnhom: Skaduti > 7 snin** Subkategorija ta' skoperturi improduttivi li ilhom skaduti aktar minn 7 snin
l	**Li minnhom inadempjenti** Skoperturi inadempjenti skont l-Artikoli 178 CRR

Mudell EU CQ4: Kwalità tal-iskoperturi improduttivi skont il-ġeografija

5. Meta l-iskoperturi oriġinali mhux domestiċi fil-pajjiżi mhux domestiċi kollha fil-klassijiet tal-iskoperturi kollha jkunu daqs jew ogħla minn 10 % tal-iskoperturi oriġinali totali (domestiċi u mhux domestiċi), l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CQ4 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Skoperturi fil-karta bilanċjali** Skoperturi totali fil-karta bilanċjali
020 – 070 u 090 - 140	**Pajjiż** Pajjiż li fih jinsabu l-iskoperturi tal-istituzzjoni huma materjali f'konformità mal-Artikolu 432 CRR Meta l-materjalità tal-pajjiżi tiġi ddeterminata bl-użu ta' limitu ta' materjalità, dak il-limitu għandu jiġi ddikjarat, u hekk ukoll il-lista ta' pajjiżi immaterjali inklużi fir-ringieli ta' "Pajjiżi oħra". L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw skoperturi għal pajjiż sinifikanti fuq il-bażi tar-residenza tal-kontroparti immedjata. Skoperturi għal organizzazzjonijiet supranazzjonali għandhom jiġu assenjati mhux lill-pajjiż ta' residenza tal-istituzzjoni iżda lil "Pajjiżi oħra".
080	**Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** Ara d-definizzjoni f'EU-CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
150	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross/ammont nominali** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 L-ammont riportat gross relatat mal-iskoperturi soġġetti għal indeboliment huwa nett mit-tħassir parzjali u totali akkumulat.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
b	**Ammont riportat gross/ammont nominali – li minnu improduttivi** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; l-ammont nominali kif iddefinit fil-paragrafu 118 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR.
c	**Li minnhom inadempjenti** Skoperturi inadempjenti skont l-Artikoli 178 CRR
d	**Ammont riportat gross/ammont nominali – li minnu soġġetti għal indeboliment** L-ammont riportat gross jew l-ammont nominali relatat mal-iskoperturi li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-qafas kontabilistiku applikabbli
e	**Indeboliment akkumulat** Dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014
f	**Provvedimenti fuq l-impenji u l-garanziji finanzjarji li ma jidhrux fil-karta bilanċjali mogħtija** Din ir-ringiela għandha tinkludi l-provvedimenti tal-impenji li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u l-garanziji finanzjarji mogħtija.
g	**Tibdil negattiv akkumulat fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi** Dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.

Mudell EU CQ5: Kwalità tal-kreditu tas-self u tal-avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji mill-industrija

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (c) u (e) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness għall-Mudell komplut EU CQ5 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010 - 190	**Diżaggregazzjoni tal-kontropartijiet skont l-industrija** L-allokazzjoni tas-settur tal-kontropartijiet tinkludi biss is-setturi relatati ma' kontroparti ta' korporazzjonijiet mhux finanzjarji. L-allokazzjoni tas-settur tal-kontroparti għandha tkun ibbażata esklussivament fuq in-natura tal-kontroparti immedjata. Il-klassifikazzjoni tal-iskoperturi mġarrba b'mod konġunt minn iktar minn obbligant wieħed għandha ssir fuq il-bażi tal-karatteristiċi tal-obbligant li kien l-aktar rilevanti, jew determinanti, għad-deċiżjoni tal-istituzzjoni li tagħti l-iskopertura. Ir-ringieli għandhom jintużaw sabiex jiġu żvelati s-setturi tal-industrija materjali jew it-tipi ta' kontropartijiet li għalihom l-istituzzjonijiet ikollhom skoperturi. Il-materjalità għandha tiġi vvalutata f'konformità mal-Artikolu 432 CRR, u s-setturi tal-industrija jew it-tipi ta' kontropartijiet immaterjali għandhom jiġu aggregati fir-ringiela "Servizzi oħrajn".
200	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont riportat gross** Ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 L-ammont riportat gross relatat mal-iskoperturi soġġetti għal indeboliment huwa nett mit-tħassir parzjali u totali akkumulat.
b	**Ammont riportat gross – li minnu improduttiv** L-ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014; skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR
c	**Li minnhom inadempjenti** Skoperturi inadempjenti skont l-Artikoli 178 CRR
d	**Ammont riportat gross – li minnu self u avvanzi soġġetti għal indeboliment** L-ammont riportat gross relatat ma' self u ma' avvanzi li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' indeboliment tal-qafas kontabilistiku applikabbli
e	**Indeboliment akkumulat** Dan għandu jinkludi l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
f	**Tibdil negattiv akkumulat fil-valur ġust minħabba r-riskju ta' kreditu fuq skoperturi improduttivi** Skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-ammonti ddeterminati f'konformità mal-paragrafi 11, minn 69 sa 71, 106 u 110 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.

Mudell EU CQ6: Valwazzjoni tal-kollateral - self u avvanzi

7. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CQ6 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Ammont riportat gross** Ammont riportat gross kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014
020	**Li minnu koperti** L-ammont riportat gross, kif iddefinit fil-paragrafu 34 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, ta' self kopert u parzjalment kopert għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela. Self u avvanzi mhux koperti għandhom jinkludu skoperturi li għalihom la jkun ġie mirhun kollateral u lanqas ma jkunu ġew riċevuti garanziji finanzjarji; il-parti mhux koperta ta' skopertura parzjalment koperta jew parzjalment iggarantita għandha tiġi inkluża f'din ir-ringiela, f'konformità mal-paragrafu 323 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	Għalhekk, is-self u l-avvanzi koperti jridu jiġu kkalkolati bħala d-differenza bejn l-ammont riportat gross tas-self u tal-avvanzi kollha u l-ammont riportat gross tas-self u tal-avvanzi mhux koperti, u se jinkludu kemm il-parti koperta kif ukoll dik mhux koperta tas-self. Fil-każ ta' kollateralizzazzjoni żejda, l-ammont riportat gross tas-self għandu jiġi ddikjarat.
030	**Li minnu kopert bi proprjetà immobbli** Self kollateralizzat bi proprjetà immobbli għandu jinkludi self u avvanzi formalment koperti b'kollateral ta' proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali, indipendentement mill-proporzjon ta' self/kollateral tagħhom (komunement imsejjaħ "proporzjon bejn is-self u l-valur") u l-forma ġuridika tal-kollateral, kif iddefiniti fil-paragrafu 86(a) tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.
040	**Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 60 % u anqas jew ugwali għal 80 %** Il-proporzjon bejn is-self u l-valur (LTV) għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodu ta' kalkolu speċifikat għal-"LTV Attwali" fir-Rakkomandazzjoni tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku dwar l-għeluq ta' lakuni fid-*data* dwar il-proprjetà immobbli (BERS/2016/14) [5]. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li għandhom proporzjon tal-LTV ogħla minn 60 % u anqas jew ugwali għal 80 %.
050	**Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 80 % u anqas jew ugwali għal 100 %** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li għandhom proporzjon tal-LTV ogħla minn 80 % u anqas jew ugwali għal 100 %.
060	**Li minnu strumenti b'LTV ogħla minn 100 %** Ammont riportat gross ta' self u ta' avvanzi li għandhom proporzjon tal-LTV ogħla minn 100 %
070	**Indeboliment akkumulat għall-assi koperti** Għall-istrumenti ta' dejn koperti, l-indeboliment akkumulat għandu jiġi kkalkolat bħala l-ammont kumulattiv ta' telf minn indeboliment, nett mill-użu u mit-treġġigħ lura li jkunu ġew rikonoxxuti, fejn xieraq għal kull wieħed mill-istadji ta' indeboliment (il-paragrafu 70 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014). L-indeboliment akkumulat relatat mal-parti mhux iggarantita ta' skopertura parzjalment koperta jew parzjalment iggarantita għandu jiġi inkluż f'din ir-ringiela.
090	**Kollateral – b'valur limitat għall-valur tal-iskopertura** L-ammonti għall-kollateral riċevut għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Is-somma tal-ammonti għall-kollateral f'din ir-ringiela għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata.
100	**Li minnu proprjetà immobbli** Il-parti tal-kollateral li tikkonsisti fi proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali (il-punt (a) tal-paragrafu 173 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014) Is-somma tal-ammonti għall-kollateral f'din ir-ringiela għandha tkun limitata sal-ammont riportat tal-iskopertura relatata.
110	**Kollateral – li minnu valur ogħla mil-limitu massimu** F'din ir-ringiela, għandha tiġi ddikjarata d-differenza bejn il-valur attwali tal-kollateral u l-valur ta' limitu tal-kollateral (ammont riportat tal-iskopertura relatata) (għall-kalkolu tal-valur attwali tal-kollateral, l-istituzzjonijiet ma għandhomx japplikaw il-paragrafu 239 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014).

[5] IR-RAKKOMANDAZZJONI TAL-BORD EWROPEW DWAR IR-RISKJU SISTEMIKU tal-31 ta' Ottubru 2016 dwar l-għeluq ta' lakuni fid-data dwar il-proprjetà immobbli (ESRB/2016/14) (ĠU C 31, 31.1.2017, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
120	**Li minnu proprjetà immobbli** Id-differenza bejn il-valur attwali u l-valur ta' limitu tal-parti tal-kollateral li tikkonsisti fi proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali (il-punt (a) tal-paragrafu 173 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014)
130	**Garanziji finanzjarji riċevuti** Kif iddefiniti fil-paragrafu 114 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014
140	**Tħassir parzjali akkumulat** Dan għandu jinkludi l-ammont parzjali akkumulat fid-data ta' referenza tal-imgħax u t-tariffi fuq l-ammont kapitali u li ilhom dovuti għal kwalunkwe strument ta' dejn li ma jkunx baqa' rikonoxxut sal-lum bl-użu ta' wieħed mill-metodi deskritti fil-paragrafu 74 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, li għandhom jiġu ddikjarati minħabba li l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda aspettattiva raġonevoli li tirkupra l-flussi tal-flus kuntrattwali. Dawn l-ammonti għandhom jiġu rrapportati sakemm jiġu totalment eżawriti d-drittijiet kollha tal-istituzzjoni sal-iskadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni, mahfra jew kawżi oħrajn, jew sal-irkupru. Għaldaqstant, meta l-ammonti mħassra ma jiġux rkuprati, għandhom jiġu rrapportati waqt li jkunu soġġetti għal attivitajiet ta' infurzar. It-tħassir għandu jikkostitwixxi każ ta' rtirar tar-rikonoxximent u għandu jirrigwarda assi finanzjarju fl-intier tiegħu jew (fil-każ ta' tħassir parzjali) porzjon minnu, inkluż meta l-modifika ta' assi twassal sabiex l-istituzzjoni tirrinunzja għad-dritt tagħha li tiġbor flussi tal-flus fuq porzjon minn dak l-assi jew fuq dak l-assi kollu.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Self u avvanzi** Ara d-definizzjoni fil-Mudell EU CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
b	**Self u avvanzi – li minnhom produttivi** Ara d-definizzjoni fil-Mudell EU CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
c	**Li minnhom ilhom li skadew > 30 jum ≤ 90 jum** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi produttivi li ilhom skaduti 31–90 jum
d	**Self u avvanzi – li minnhom skoperturi improduttivi** Skoperturi improduttivi kif iddefiniti fl-Artikolu 47a CRR Ara d-definizzjoni fil-Mudell EU CR1: Skoperturi produttivi u improduttivi u dispożizzjonijiet relatati.
e	**Li minnhom improbabbli li jħallsu li mhumiex skaduti jew ilhom skaduti ≤ 90 jum** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li jew ma mhumiex skaduti jew li ilhom skaduti sa 90 jum iżda li xorta waħda huma identifikati bħala improduttivi, minħabba l-probabbiltà ta' nuqqas ta' ripagament shiħ skont l-Artikolu 47a CRR
f	**Skaduti > 90 jum** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li ilhom skaduti aktar minn 90 jum

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
g	**Li minnhom ilhom li skadew > 90 jum ≤ 180 jum** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li ilhom skaduti 91–180 jum
h	**Li minnhom ilhom li skadew > 180 jum ≤ sena** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li ilhom skaduti 181 jum sa sena
i	**Li minnhom ilhom li skadew > sena ≤ sentejn** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li ilhom skaduti sena–sentejn
j	**Li minnhom ilhom li skadew > sentejn ≤ 5 snin** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li ilhom skaduti sentejn–5 snin
k	**Li minnhom ilhom li skadew > 5 snin ≤ 7 snin** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li ilhom skaduti 5–7 snin
l	**Li minnhom ilhom li skadew > 7 snin** Subkategorija ta' self u ta' avvanzi li ilhom skaduti aktar minn 7 snin.

Mudell EU CQ7: Kollateral miksub bi proċessi ta' teħid tal-pussess u ta' eżekuzzjoni

8. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CQ7 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Proprjetà, impjanti u tagħmir (Property, plant and equipment, PP&E)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-istokk tal-kollateral miksub billi jieħdu pussess li jibqa' rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza tar-rapportar u li huwa kklassifikat bħala PP&E.
020	**Minbarra PP&E** L-istokk ta' kollateral miksub billi jittieħed pussess li jibqa' rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza tar-rapportar u mhuwiex klassifikat bħala PP&E se jiġi ddikjarat awtomatikament f'din ir-ringiela. L-istokk totali se jiġi kkalkolat billi jitqiesu l-istokk inizjali (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja), u d-dħul u l-ħruġ li seħħew matul il-perjodu ta' divulgazzjoni (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja). Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess (minbarra PP&E) huwa f'ringieli skont it-tip ta' kollateral.
030	**Proprjetà immobbli residenzjali** Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' proprjetà residenzjali (pereż. djar, appartamenti, eċċ.) jew proprjetà b'użu potenzjali fil-futur bħala tali (pereż. proprjetà residenzjali mhux mitmuma eċċ.)
040	**Proprjetà immobbli kummerċjali** Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' proprjetà kummerċjali jew industrijali li tista' tintuża għal finijiet ta' negozju u/jew ta' investiment, jew ta' kwalunkwe proprjetà immobbli li mhijiex proprjetà residenzjali, kif deskritt hawn fuq L-art (kemm mhux agrikola kif ukoll agrikola) għandha tiġi inkluża wkoll f'din il-kategorija.
050	**Proprjetà mobbli (auto, tbaħħir, eċċ.)** Il-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' proprjetà minbarra proprjetà immobbli għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
060	**Strumenti azzjonarji u strumenti ta' dejn** Il-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' strumenti ta' ekwità jew ta' dejn għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela.
070	**Kollateral ieħor** Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess li ma jaqax fil-kategoriji mir-ringieli l-oħra Jekk l-ammont f'din ir-ringiela jkun relattivament materjali, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali fin-narrattiva li takkumpanja dan il-mudell.
080	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess - Valur mar-rikonoxximent inizjali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw f'din il-kolonna l-ammont riportat gross tal-kollateral miksub billi jieħdu l-pussess mar-rikonoxximent inizjali fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni.
b	**Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess - Tibdiliet negattivi akkumulati** Indeboliment akkumulat jew tibdiliet negattivi akkumulati fil-valur tar-rikonoxximent inizjali tal-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess, kif deskritt hawn fuq L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu tibdiliet negattivi akkumulati minħabba amortizzament fil-każ ta' PP&E u ta' proprjetajiet ta' investiment, jekk applikabbli.

Mudell EU CQ8: Kollateral miksub bi proċessi ta' teħid tal-pussess u ta' eżekuzzjoni – diżaggregazzjoni inizjali

9. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 442 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CQ8 li huwa ppreżentat fl-Anness XV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Proprjetà, impjanti u tagħmir (PP&E)** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-istokk tal-kollateral miksub billi jieħdu pussess li jibqa' rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza tar-rapportar u li huwa kklassifikat bħala PP&E.
020	**Minbarra PP&E** L-istokk ta' kollateral miksub billi jittieħed pussess li jibqa' rikonoxxut fil-karta bilanċjali fid-data ta' referenza tar-rapportar u mhuwiex klassifikat bħala PP&E se jiġi ddikjarat awtomatikament f'din ir-ringiela. L-istokk totali se jiġi kkalkolat billi jitqiesu l-istokk inizjali (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja), u d-dħul u l-ħruġ li seħħew matul il-perjodu ta' divulgazzjoni (minn tmiem l-aħħar sena finanzjarja). Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess (minbarra PP&E) huwa f'ringieli skont it-tip ta' kollateral.
030	**Proprjetà immobbli residenzjali** Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' proprjetà residenzjali (pereż. djar, appartamenti, eċċ.) jew proprjetà b'użu potenzjali fil-futur bħala tali (pereż. proprjetà residenzjali mhux mitmuma eċċ.)

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
040	**Proprjetà immobbli kummerċjali** Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' proprjetà kummerċjali jew industrijali li tista' tintuża għal finijiet ta' negozju u/jew ta' investiment, jew ta' kwalunkwe proprjetà immobbli li mhijiex proprjetà residenzjali, kif deskritt hawn fuq L-art (kemm mhux agrikola kif ukoll agrikola) għandha tiġi inkluża wkoll f'din il-kategorija.
050	**Proprjetà mobbli (auto, tbaħħir, eċċ.)** Il-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' proprjetà minbarra proprjetà immobbli għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela.
060	**Strumenti azzjonarji u strumenti ta' dejn** Il-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess ta' strumenti ta' ekwità jew ta' dejn għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela.
070	**Kollateral ieħor** Kollateral miksub bit-teħid tal-pussess li ma jaqax fil-kategoriji tar-ringieli l-oħra. Jekk l-ammont f'din ir-ringiela jkun relattivament materjali, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni addizzjonali fin-narrattiva li takkumpanja dan il-mudell.
080	**Total**

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn - Ammont riportat gross** L-ammont gross tad-dejn li ġie kkanċellat bi skambju għall-kollateral miksub billi jittieħed pussess, fil-mument eżatt tal-iskambju, permezz ta' proċeduri ġudizzjarji jew permezz ta' ftehim bilaterali L-ammont gross għandu jiġi kkalkolat bħala t-tnaqqis gross tal-bilanċ tal-istrument, mingħajr ma jitqiesu ebda provvedimenti. Sabiex jiġu evitati d-dubji, it-tnaqqis fil-bilanċ minħabba raġunijiet oħra (pereż. ġbir ta' flus) ma għandux ikun f'din il-kolonna.
b	**Tnaqqis fil-bilanċ tad-dejn - Tibdiliet negattivi akkumulati** Indeboliment akkumulat jew tibdiliet negattivi akkumulati fil-valur tar-rikonoxximent inizjali tal-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess, kif deskritt hawn fuq Ara d-definizzjoni fil-Mudell tal-CQ7, "Kollateral miksub bi proċessi ta' teħid tal-pussess u ta' eżekuzzjoni". L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu tibdiliet negattivi akkumulati minħabba amortizzament fil-każ ta' PP&E u proprjetajiet ta' investiment, jekk applikabbli.
c	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Valur mar-rikonoxximent inizjali** L-ammont riportat gross tal-kollateral miksub billi jieħdu l-pussess mar-rikonoxximent inizjali fil-karta bilanċjali tal-istituzzjoni għandu jiġi ddikjarat f'din il-kolonna.
d	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Tibdiliet negattivi akkumulati** Indeboliment akkumulat jew tibdiliet negattivi akkumulati fil-valur tar-rikonoxximent inizjali tal-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess, kif deskritt hawn fuq L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu tibdiliet negattivi akkumulati minħabba amortizzament fil-każ ta' PP&E u proprjetajiet ta' investiment, jekk applikabbli.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
e	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Preklużi ≤ sentejn (2) – li minnu l-valur mar-rikonoxximent inizjali** Il-valur mar-rikonoxximent inizjali għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess u rikonoxxut fil-karta bilanċjali għal sentejn (2) jew anqas fid-data ta' referenza tar-rapportar
f	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Preklużi ≤ sentejn – li minnhom tibdiliet negattivi akkumulati** Tibdiliet negattivi akkumulati għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess u rikonoxxut fil-karta bilanċjali għal sentejn jew anqas fid-data ta' referenza tar-rapportar
g	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Preklużi > sentejn ≤ 5 snin – li minnhom il-valur mar-rikonoxximent inizjali** Il-valur mar-rikonoxximent inizjali għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess u rikonoxxut fil-karta bilanċjali għal aktar minn sentejn jew sa 5 snin fid-data ta' referenza tar-rapportar
h	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Preklużi > sentejn ≤ 5 snin – li minnhom tibdiliet negattivi akkumulati** Tibdiliet negattivi akkumulati għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess u rikonoxxut fil-karta bilanċjali għal aktar minn sentejn jew sa 5 snin fid-data ta' referenza tar-rapportar
i	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Preklużi > 5 snin – li minnhom il-valur mar-rikonoxximent inizjali** Il-valur mar-rikonoxximent inizjali għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess u rikonoxxut fil-karta bilanċjali għal aktar minn 5 snin fid-data ta' referenza tar-rapportar
j	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Preklużi > 5 snin – li minnhom tibdiliet negattivi akkumulati** Tibdiliet negattivi akkumulati għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess u rikonoxxut fil-karta bilanċjali għal aktar minn 5 snin fid-data ta' referenza tar-rapportar
k	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Li minnu assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ – li minnu l-valur mar-rikonoxximent inizjali** Il-valur inizjali għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess li huwa kklassifikat bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ għandu jiġi ddikjarat. Jekk din il-klassifikazzjoni ma tkunx rilevanti f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli għall-istituzzjoni, din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta.
l	**Kollateral totali miksub bit-teħid tal-pussess - Li minnu assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ – li minnu tibdiliet negattivi akkumulati** Tibdiliet negattivi akkumulati għall-kollateral miksub bit-teħid tal-pussess li huwa kklassifikat bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ għandu jiġi ddikjarat. Jekk din il-klassifikazzjoni ma tkunx rilevanti f'konformità mal-qafas kontabilistiku applikabbli għall-istituzzjoni, din l-informazzjoni ma għandhiex tiġi pprovduta.

ANNESS XVII

Tabella EU CRC — Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattivi relatati mat-tekniki tas-CRM

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni kwalitattiva

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Format liberu
Artikolu 453 (a) CRR	(a)	Deskrizzjoni tal-karatteristiċi tal-politiki u tal-proċessi prinċipali għan-netting li jidher fil-karta tal-bilanċ u dak li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ u indikazzjoni li turi sa fejn l-istituzzjonijiet jagħmlu użu min-netting tal-karta tal-bilanċ;
Artikolu 453 (b) CRR	(b)	Il-karatteristiċi prinċipali tal-politiki u tal-proċessi għall-evalwazzjoni u l-immaniġġjar ta' kollateral eliġibbli;
Artikolu 453(c) CRR	(c)	Deskrizzjoni tat-tipi ewlenin ta' kollateral meħuda mill-istituzzjoni biex jimmitigaw ir-riskju tal-kreditu;
Artikolu 453 (d) CRR	(d)	Għal garanziji u derivattivi tal-kreditu użati bħala protezzjoni tal-kreditu, it-tipi ewlenin ta' garantur u kontroparti tad-derivattivi tal-kreditu u l-affidabbiltà tal-kreditu tagħhom użati għall-finijiet ta' tnaqqis tar-rekwiżiti ta' kapital, eskluż dawk użati bħala parti minn strutturi ta' titolizzazzjoni sintetika;
Artikolu 453(e) CRR	(e)	Informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet tar-riskji tas-suq jew tal-kreditu fil-mitigazzjoni tal-kreditu meħuda;

Mudell EU CR3 — ħarsa ġenerali lejn it-tekniki CRM: Divulgazzjoni tal-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

		Ammont riportat mhux garantit	**Ammont riportat mhux garantit**			
				Li minnu **garantit b'kollateral**	Li minnu **garantit b'garanziji finanzjarji**	Li minnu **garantiti b'derivattivi ta' kreditu**
		a	b	c	d	e
1	Self u avvanzi					
2	Titoli ta' dejn					
3	Total					
4	*Li minnhom skoperturi improduttivi*					
EU-5	*Li minnhom inadempjenti*					

ANNESS XVIII

Divulgazzjoni tal-użu tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu

Tabella EU CRC – Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatati mat-tekniki tas-CRM. Tabella flessibbli

L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (e) tal-Artikolu 453 tar- Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU CRC li hija ppreżentata fl-Anness XVII.

Ringiela referenza	Referenzi legali u struzzjonijiet	
	Spjegazzjoni	
(a)	Il-punt (a) tal-Artikolu 453 CRR	Meta jiddikjaraw informazzjoni dwar il-politiki ta' netting tagħhom u l-użu tan-netting f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 453 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni ċara tal-politiki u tal-proċessi dwar is-CRM li jikkonċernaw il-ftehimiet ta' netting fil-karta bilanċjali, ta' netting barra l-karta bilanċjali u l-ftehimiet prinċipali ta' netting. Dawn għandhom jindikaw ukoll sa liema punt intużaw ftehimiet ta' netting fil-karta bilanċjali, ta' netting barra l-karta bilanċjali u ftehimiet prinċipali ta' netting u l-importanza tagħhom fir-rigward tal-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu. L-istituzzjonijiet jistgħu jsemmu b'mod speċjali d-dettalji dwar it-tekniki fl-użu kif ukoll il-pożizzjonijiet koperti minn ftehimiet ta' netting fil-karta bilanċjali u l-istrumenti finanzjarji inklużi fil-ftehimiet prinċipali ta' netting. Barra minn hekk, il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn it-tekniki u l-kontrolli fis-seħħ għar-riskju legali jistgħu jiġu deskritti wkoll.
(b)	Il-punt (b) tal-Artikolu 453 CRR	Bħala parti mid-divulgazzjonijiet tagħhom dwar il-karatteristiċi ewlenin tal-politiki u tal-proċessi tagħhom għall-valwazzjoni u għall-ġestjoni tal-kollateral eliġibbli f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 453 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw: — il-bażi għall-valutazzjoni u għall-evalwazzjoni tal-kollateral mirhun inkluża l-valutazzjoni taċ-ċertezza tad-dritt tat-tekniki tas-CRM; — it-tip ta' valwazzjoni (valur tas-suq, valur tas-self ipotekarju, tipi oħra ta' valuri); — sa liema punt il-valur ikkalkolat tal-kollateral jitnaqqas b'telf impost; — il-proċess, il-frekwenza u l-metodi fis-seħħ għall-monitoraġġ tal-valur tal-kollateral ipotekarju u ta' kollateral fiżiku ieħor. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet jistgħu jiddikjaraw ukoll jekk hemmx sistema ta' limiti ta' skopertura ta' kreditu fis-seħħ u l-impatt tal-kollateral aċċettat fil-kwantifikazzjoni ta' dawk il-limiti.
(c)	Il-punt (c) tal-Artikolu 453 CRR	Meta jiddeskrivu l-kollateral meħud f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 453 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni dettaljata tat-tipi ewlenin ta' kollateral aċċettati sabiex itaffu r-riskju ta' kreditu, skont it-tip ta' skoperturi.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Ringiela referenza	Referenzi legali u struzzjonijiet	
	Spjegazzjoni	
(d)	Il-punt (d) tal-Artikolu 453 CRR	Id-deskrizzjoni tat-tipi ewlenin ta' garanti u ta' kontropartijiet f'derivattivi ta' kreditu u l-affidabbiltà kreditizja tagħhom li għandhom jiġu ddikjarati f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 453 CRR għandha tkopri derivattivi ta' kreditu użati għall-finijiet tat-tnaqqis tar-rekwiżiti kapitali, esklużi dawk użati bħala parti minn strutturi ta' titolizzazzjoni sintetiċi. L-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu wkoll deskrizzjoni tal-metodi użati għar-rikonoxximent tal-effetti tal-garanziji jew tad-derivattivi ta' kreditu pprovduti mit-tipi ewlenin ta' garanti u ta' kontropartijiet.
(e)	Il-punt (e) tal-Artikolu 453 CRR	Meta jiddikjaraw informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq jew tal-kreditu fis-CRM meħuda f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 453 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu analiżi ta' xi konċentrazzjoni li tirriżulta minħabba l-miżuri tas-CRM u jistgħu jipprevjenu milli l-istrumenti tas-CRM ikunu effettivi. Il-konċentrazzjonijiet fl-ambitu ta' dawk id-dikjarazzjonijiet jistgħu jinkludu konċentrazzjonijiet skont it-tip ta' strument użat bħala kollateral, l-entità (konċentrazzjoni skont it-tip ta' garanti u l-forniturì ta' derivattivi ta' kreditu), is-settur, iż-żona ġeografika, il-munita, il-klassifikazzjoni jew fatturi oħra li potenzjalment jaffettwaw il-valur tal-protezzjoni u b'hekk inaqqsu din il-protezzjoni.

Mudell EU CR3 – Ħarsa ġenerali lejn it-tekniki tas-CRM: Divulgazzjoni tal-użu tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu. Mudell fiss.

L-istituzzjoni għandha tiddikjara l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 453 CRR billi ssegwi l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex timla l-Mudell EU CR3 li huwa ppreżentat fl-Anness XVII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Dan il-mudell ikopri t-tekniki kollha tas-CRM rikonoxxuti skont il-qafas kontabilistiku applikabbli irrispettivament minn jekk dawn it-tekniki humiex rikonoxxuti skont is-CRR, inklużi, iżda mhux biss, it-tipi kollha ta' kollateral, il-garanziji finanzjarji u d-derivattivi ta' kreditu użati għall-iskoperturi koperti kollha, irrispettivament minn jekk jintużax l-approċċ standardizzat jew l-approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju (RWEA). L-istituzzjonijiet għandhom jissupplimentaw il-mudell b'kummentarju narrattiv sabiex jispjegaw kwalunkwe tibdil sinifikanti matul il-perjodu ta' divulgazzjoni u l-fatturi ewlenin ta' tali tibdiliet.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
	Spjegazzjoni
a	**Ammont riportat mhux kopert:** L-ammont riportat ta' skoperturi (netti mill-allowances/indebolimenti) li ma jibbenefikawx minn kwalunkwe teknika tas-CRM, irrispettivament minn jekk din it-teknika tkunx rikonoxxuta skont is-CRR B'mod partikolari, dan jirreferi għal skoperturi li għalihom la ġie mirhun kollateral u lanqas ma ġiet riċevuta garanzija finanzjarja. Il-parti mhux koperta ta' skopertura parzjalment koperta jew parzjalment iggarantita ma għandhiex tiġi inkluża.
b	**Ammont riportat kopert:** Ammont riportat ta' skoperturi li għandhom tal-anqas teknika waħda tas-CRM (kollateral, garanziji finanzjarji, derivattivi ta' kreditu) assoċjata magħhom F'każ li l-valur tal-kollateral, tal-garanziji finanzjarji u tad-derivattivi ta' kreditu li jkopru skopertura jaqbeż l-ammont riportat ta' dik l-iskopertura, għandhom jiġu inklużi biss il-valuri sal-ammont riportat ta' dik l-iskopertura. F'każ li l-ammont riportat ta' skopertura jaqbeż il-valur tal-kollateral, tal-garanziji finanzjarji u tad-derivattivi ta' kreditu li jkopru dik l-iskopertura, għandu jiġi inkluż l-ammont riportat sħiħ ta' dik l-iskopertura.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
	Għall-fini tal-kolonni c, d u e li ġejjin, l-allokazzjoni tal-ammont riportat ta' skoperturi b'aktar minn kopertura waħda għat-tekniki tas-CRM differenti tagħhom issir skont l-ordni ta' prijorità, billi tibda bit-teknika tas-CRM li mistennija tiġi eżerċitata l-ewwel fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, u fil-limiti tal-ammont riportat tal-iskoperturi koperti. Kwalunkwe parti mill-iskopertura għandha tiġi inkluża f'waħda biss mill-kolonni c, d jew e ta' dan il-mudell.
c	**Li minnu kopert b'kollateral:** Dan huwa subsett tal-kolonna b ta' dan il-mudell u jirrappreżenta l-ammont riportat ta' skoperturi (netti mill-allowances/indebolimenti) jew partijiet ta' skoperturi koperti b'kollateral. F'każ li skopertura tkun koperta b'kollateral u b'teknika(i) oħra tas-CRM li tkun/ikunu mistennija tiġi eżerċitata/jiġu eżerċitati minn qabel fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-ammont riportat tal-iskopertura koperta bil-kollateral ikun is-sehem li jifdal tal-iskopertura wara kunsiderazzjoni tal-ishma tal-iskoperturi diġà koperti b'tekniki ta' mitigazzjoni oħrajn, sal-ammont riportat ta' dik l-iskopertura.
d	**Li minnu kopert b'garanziji finanzjarji:** Dan huwa subsett tal-kolonna b ta' dan il-mudell u jirrappreżenta l-ammont riportat ta' skoperturi (netti mill-allowances/indebolimenti) jew partijiet ta' skoperturi koperti b'garanziji. F'każ li skopertura tkun koperta b'garanziji u b'tekniki oħra tas-CRM li jkunu mistennija jiġu eżerċitati minn qabel fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-ammont riportat tal-iskopertura koperta bil-garanziji jkun il-parti li jifdal tal-iskopertura wara kunsiderazzjoni tal-ishma tal-iskopertura diġà koperta b'tekniki ta' mitigazzjoni oħrajn, sal-ammont riportat ta' dik l-iskopertura.
e	**Li minnhom koperti b'derivattivi ta' kreditu:** Dan huwa subsett tal-kolonna d (garanziji finanzjarji) ta' dan il-mudell u jirrappreżenta l-ammont riportat ta' skoperturi (netti mill-allowances/indebolimenti) jew partijiet ta' skoperturi koperti b'derivattivi ta' kreditu. F'każ li skopertura tkun koperta b'derivattivi ta' kreditu u b'tekniki oħra tas-CRM li jkunu mistennija jiġu eżerċitati minn qabel fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, l-ammont riportat tal-iskopertura koperta b'derivattivi ta' kreditu jkun is-sehem li jifdal tal-iskopertura wara kunsiderazzjoni tal-ishma tal-iskopertura diġà koperta b'tekniki ta' mitigazzjoni oħrajn, sal-ammont riportat ta' dik l-iskopertura.

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
1	**Self u avvanzi** "Self u avvanzi" huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjonijiet li ma jkunux titoli; din l-entrata tinkludi "self" f'konformità mar-Regolament (UE) 1071/2013 ("Regolament tal-BĊE dwar il-BSI") ([2]) kif ukoll avvanzi li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "self" f'konformità mar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI, kif iddefinit fil-paragrafu 32 tal-Parti 1 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014 ([3]).
2	**Titoli ta' dejn** Titoli ta' dejn huma strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni maħruġa bħala titoli li mhumiex self skont ir-Regolament BSI tal-BĊE, kif definit fil-paragrafu 31 tal-Parti 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014.

([2]) IR-REGOLAMENT (UE) Nru 1071/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

([3]) IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
3	**Total** Somma tal-ammonti fir-ringieli 1 u 2 ta' dan il-mudell
4	**Li minnhom skoperturi improduttivi** Skoperturi improduttivi f'konformità mal-Artikolu 47a CRR.
EU-5	**Li minnhom inadempjenti** Skoperturi inadempjenti skont l-Artikoli 178 CRR

ANNESS XIX

Tabella EU CRD — Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattivi relatati mal-mudell standardizzat

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva — Format liberu
Artikolu 444 (a) CRR	(a)	L-ismijiet tal-istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs) u tal-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni (ECAs) nominati mill-istituzzjoni, u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla matul il-perjodu ta' divulgazzjoni;
Artikolu 444 (b) CRR	(b)	Il-klassijiet ta' skopertura li għalihom tintuża kull ECAI jew ECA;
Artikolu 444(c) CRR	(c)	Deskrizzjoni tal-proċess użat biex jittrasferixxi lill-emittent u joħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq assi komparabbli mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar;
Artikolu 444 (d) CRR	(d)	L-assoċjazzjoni tal-klassifikazzjoni esterna ta' kull ECAI jew ECA nominata (kif imsemmi fir-ringiela (a)) bil-ponderazzjonijiet tar-riskju li jikkorrispondu għall-iskali tal-kwalità kreditizja kif stabbilit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR (ħlief meta l-istituzzjoni tikkonforma mal-assoċjazzjoni standard ippubblikata mill-EBA).

Mudell EU CR4 — approċċ standardizzat — Skopertura għar-riskju ta' kreditu u effetti CRM

	Klassijiet ta' skopertura	**Skoperturi qabel is-CCF u qabel is-CRM**		**Skoperturi wara s-CCF u wara s-CRM**		**Densità ta' RWAs u RWAs**	
		Skoperturi fil-karta bilanċjali	**Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali**	**Skoperturi fil-karta bilanċjali**	**Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali**	**RWAs**	**Densità tal-RWAs (%)**
		a	b	c	d	e	f
1	Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali						
2	Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali						
3	Entitajiet tas-settur pubbliku						
4	Banek multilaterali tal-iżvilupp						
5	Organizzazzjonijiet internazzjonali						

	Klassijiet ta' skopertura	Skoperturi qabel is-CCF u qabel is-CRM		Skoperturi wara s-CCF u wara s-CRM		Densità ta' RWAs u RWAs	
		Skoperturi fil-karta bilanċjali	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali	Skoperturi fil-karta bilanċjali	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali	RWAs	Densità tal-RWAs (%)
		a	b	c	d	e	f
6	Istituzzjonijiet						
7	Korporazzjonijiet						
8	Livell tal-konsumatur						
9	Garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli						
10	Skoperturi f'inadempjenza						
11	Skoperturi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli						
12	Bonds koperti						
13	Istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir						
14	Intrapriżi ta' investiment kollettiv						
15	Ekwità						
16	Fatturi oħrajn						
17	**TOTAL**						

Mudell EU CR5 — approċċ standardizzat

	Klassijiet ta' skopertura	Ponderazzjoni tar-riskju															Total	Li minnhom mhux ikklassifikati
		0 %	2 %	4 %	10 %	20 %	35 %	50 %	70 %	75 %	100 %	150 %	250 %	370 %	1 250 %	Oħrajn		
		a	b	c	d	e	f	g	h	I	j	K	l	m	n	o	p	q
1	Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali																	
2	Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali																	
3	Entitajiet tas-settur pubbliku																	
4	Banek multilaterali tal-iżvilupp																	
5	Organizzazzjonijiet internazzjonali																	
6	Istituzzjonijiet																	
7	Korporazzjonijiet																	
8	Skoperturi fil-livell ta' konsumatur																	
9	Skoperturi garantiti b' ipoteki fuq proprjetà immobbli																	
10	Skoperturi f'inadempjenza																	
11	Skoperturi assoċjati ma' riskju partikolarment għoli																	

	Klassijiet ta' skopertura	Ponderazzjoni tar-riskju															Total	Li minnhom mhux ikklassifikati
		0 %	2 %	4 %	10 %	20 %	35 %	50 %	70 %	75 %	100 %	150 %	250 %	370 %	1 250 %	Oħrajn		
		a	b	c	d	e	f	g	h	I	j	K	l	m	n	o	p	q
12	Bonds koperti																	
13	Skoperturi għal istituzzjonijiet u impriżi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir																	
14	Unitajiet u ishma f'intrapriżi ta' investiment kollettiv																	
15	Skoperturi ta' ekwità																	
16	Fatturi oħrajn																	
17	**TOTAL**																	

ANNESS XX

Struzzjonijiet dwar id-divulgazzjoni tal-użu tal-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu (eskluži r-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni)

1. L-istrumenti soġġetti għall-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR (skoperturi għas-CCR), kif ukoll l-istrumenti li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR (skoperturi tat-titolizzazzjoni), mhumiex koperti mill-mudelli li għalihom l-istruzzjonijiet huma pprovduti f'dan l-Anness.

Tabella EU CRD – Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatati mal-approċċ standardizzat. Format flessibbli

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-Artikolu 444 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU CRD li hija ppreżentata fl-Anness XIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Ringiela referenza	Referenzi legali u struzzjonijiet	
	Spjegazzjoni	
(a)	Il-punt (a) tal-Artikolu 444 CRR	L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ismijiet tal-istituzzjonijiet esterni tal-valutazzjoni tal-kreditu (ECAIs) nominati u tal-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni (ECAs) użati u r-raġunijiet għal kwalunkwe tibdil f'dawk in-nomini matul il-perjodu ta' divulgazzjoni.
(b)	Il-punt (b) tal-Artikolu 444 CRR	L-istituzzjonijiet għandhom jindikaw il-klassijiet tal-iskoperturi, speċifikati fl-Artikolu 112 CRR, li għalihom l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR bl-użu tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI nominata jew tal-ECA.
(c)	Il-punt (c) tal-Artikolu 444 CRR	Meta jintuża emittent jew valutazzjoni tal-kreditu tal-ħruġ sabiex jiġi ddeterminat il-piż tar-riskju li għandu jiġi assenjat għal skopertura mhux inkluża fil-portafoll tan-negozjar f'konformità mal-Artikolu 139 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu l-proċess użat.
(d)	Il-punt (d) tal-Artikolu 444 CRR	Għal kull waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi speċifikati fl-Artikolu 112 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jindikaw l-iskala alfanumerika ta' kull ECAI nominata/ECA (kif imsemmi fir-ringiela (a) ta' dan il-mudell) bil-piżijiet tar-riskju li jikkorrispondu għall-istadji tal-kwalità tal-kreditu kif stabbiliti fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, ħlief meta l-istituzzjoni tikkonforma mal-assoċjazzjoni standard ippubblikata mill-EBA

Mudell EU CR4 – Skopertura għar-riskju ta' kreditu u l-effetti tas-CRM. Format fiss

3. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (g), (h) u (i) tal-Artikolu 453 CRR u fil-punt (e) tal-Artikolu 444 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR4 li huwa ppreżentat fl-Anness XIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
a	**Skoperturi qabel is-CCF u qabel is-CRM – Skoperturi fil-karta bilanċjali:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-iskopertura fil-karta bilanċjali skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali f'konformità mal-Artikolu 111 CRR, wara l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110 CRR, l-aġġustamenti addizzjonali fil-valur f'konformità mal-Artikoli 34 u 105 CRR, l-ammonti mnaqqsa f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1) CRR, tnaqqis fil-fondi proprji u tħassir oħrajn (kif iddefiniti fil-qafas kontabilistiku applikabbli), iżda qabel (i) l-applikazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu kif speċifikati fl-istess Artikolu u (ii) l-applikazzjoni tat-tekniki tas-CRM speċifikati fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR. Il-valuri tal-iskopertura għal-lokazzjonijiet huma soġġetti għall-Artikolu 134(7) CRR.
b	**Skoperturi qabel is-CCF u qabel is-CRM – Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur tal-iskopertura li ma tidhirx fil-karta bilanċjali skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali, wara t-tnaqqis tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u l-ammonti mnaqqsa f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1) CRR, iżda qabel l-applikazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu f'konformità mal-Artikolu 111 CRR u qabel l-effett tat-tekniki tas-CRM (b'applikazzjoni tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR).
c	**Skoperturi wara s-CCF u wara s-CRM – Skoperturi fil-karta bilanċjali:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont tal-iskopertura fil-karta bilanċjali skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali (f'konformità mal-Artikolu 111 CRR), wara l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110 CRR, l-aġġustamenti addizzjonali fil-valur f'konformità mal-Artikoli 34 u 105 CRR, l-ammonti mnaqqsa f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1) CRR, tnaqqis fil-fondi proprji u tħassir ieħor kif iddefiniti fil-qafas kontabilistiku applikabbli, wara l-applikazzjoni tal-mitiganti tar-riskju ta' kreditu u tal-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu kollha. Dan huwa l-ammont li għalih jiġu applikati l-piżijiet tar-riskju (f'konformità mal-Artikolu 113 CRR u mat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR). Huwa ammont nett ekwivalenti ta' kreditu, wara li jiġu applikati t-tekniki tas-CRM u s-CCF.
d	**Skoperturi wara s-CCF u wara s-CRM – Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-ammont tal-iskopertura li ma tidhirx fil-karta bilanċjali wara li jqisu l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu kif iddefiniti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 183/2014 ([2]), l-aġġustamenti addizzjonali fil-valur u tnaqqis ieħor fil-fondi proprji, wara l-applikazzjoni tal-mitiganti tar-riskju ta' kreditu u tal-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu kollha. Dan huwa l-ammont li għalih jiġu applikati l-piżijiet tar-riskju (f'konformità mal-Artikolu 113 CRR u mat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR). Huwa ammont nett ekwivalenti ta' kreditu, wara li jiġu applikati t-tekniki tas-CRM u s-CCF.
e	**RWEAs** L-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju (RWEAs) ikkalkolati f'konformità mat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
f	**Densità tal-RWEA** (Kolonna e/Kolonni(c+d) ta' dan il-mudell) Il-proporzjon għandu jiġi kkalkolat billi l-RWEAs tal-klassi tal-iskopertura rispettiva (kolonna e ta' dan il-mudell) jiġu diviżi bl-ammont tal-iskopertura rispettivi wara li jitqiesu l-mitiganti tar-riskju ta' kreditu u l-fatturi ta' konverżjoni tal-kreditu kollha (somma tal-ammonti fil-kolonni c u d ta' dan il-mudell).

([2]) IR-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 183/2014 tal-20 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat il-kalkolu tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu speċifiċi u ġenerali (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 3).

Numru tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
1 - 16	Klassijiet tal-iskoperturi kif iddefiniti f'konformità mal-Artikolu 112 CRR L-iskoperturi assenjati għall-klassi tal-iskoperturi "entrati li jirrappreżentaw il-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni" li jissemmew fil-punt (m) tal-Artikolu 112 CRR mhumiex inklużi.
16	Il-klassi tal-iskoperturi ta' "Entrati oħrajn" tirreferi għal: — assi soġġetti għal piż tar-riskju speċifiku stabbilit fl-Artikolu 134 CRR; — assi mhux imnaqqsa b'applikazzjoni tal-Artikolu 39 CRR (pagamenti eċċessivi ta' taxxa, riport lura ta' telf ta' taxxa u assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profittabilità futura), tal-Artikolu 41 CRR (assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti), tal-Artikolu 46 CRR (investimenti mhux sinifikanti f'CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju), tal-Artikolu 48 CRR (assi ta' taxxa differita u investimenti diretti, indiretti u sintetiċi fi strumenti tas-CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju sal-limitu definit), tal-Artikolu 49 CRR u tal-Artikolu 471 CRR (parteċipazzjonijiet f'entitajiet tal-assigurazzjoni kemm jekk entitajiet tal-assigurazzjoni jkunu taħt superviżjoni skont id-direttiva dwar il-konglomerati kif ukoll jekk le), tal-Artikolu 60 CRR u tal-Artikolu 475 CRR (investimenti diretti, indiretti u sintetiċi mhux sinifikanti u sinifikanti fi strumenti tas-CET1, tal-grad 1 addizzjonali (AT1) u tal-Grad 2 (T2) maħruġa minn entitajiet tas-settur finanzjarju), tal-Artikolu 70 CRR (parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi insinifikanti u sinifikanti tat-T2 (T2) maħruġa minn entità tas-settur finanzjarju) meta ma jkunux allokati għal klassijiet tal-iskoperturi oħrajn, u għal parteċipazzjonijiet kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju meta ma jkunux ponderati b'1 250 % għar-riskju (b'applikazzjoni tal-punt (k) tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu I tal-Parti Tnejn tas-CRR).

Mudell EU CR5 – Approċċ standardizzat. Format fiss

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 444 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR5 li huwa ppreżentat fl-Anness XIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
a - o	**Piż tar-riskju:** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni dwar l-allokazzjoni tal-piżijiet tar-riskju fil-klassi tal-iskopertura rispettiva skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
p	**Total:** L-ammont totali ta' skoperturi fil-karta bilanċjali u li ma jidhrux fil-karta bilanċjali skont l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali: — wara l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110 CRR, l-aġġustamenti addizzjonali tal-valur f'konformità mal-Artikoli 34 u 105 CRR, l-ammonti mnaqqsa f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1) CRR, fondi proprji u tħassir oħrajn (kif iddefiniti fil-qafas kontabilistiku applikabbli) għal skoperturi fil-karta bilanċjali, f'konformità mal-Artikolu 111 CRR; — wara t-tnaqqis tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u l-ammonti mnaqqsa f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1) CRR għal skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, f'konformità mal-Artikolu 111 CRR; — wara (i) l-applikazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni kif speċifikati fl-istess Artikolu u (ii) l-applikazzjoni tat-tekniki tas-CRM speċifikati fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR kemm għall-iskoperturi fil-karta bilanċjali kif ukoll għall-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
q	**Li minnhom mhux klassifikati:** Skoperturi li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u li jiġu applikati pożijiet tar-riskju speċifiċi skont il-klassi tal-iskopertura tagħhom, kif speċifikati fl-Artikolu 113 sal-Artikolu 134 CRR

Numru tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
1 - 16	Klassijiet tal-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 112 CRR L-iskoperturi assenjati għall-klassi tal-iskoperturi "entrati li jirrappreżentaw il-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni" li huma msemmija fil-punt (m) tal-Artikolu 112 CRR mhumiex inklużi.
16	Il-klassi tal-iskoperturi ta' "Entrati oħrajn" tirreferi għal: — assi soġġetti għal piż tar-riskju speċifiku stabbilit fl-Artikolu 134 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR; — assi mhux imnaqqsa b'applikazzjoni tal-Artikolu 39 CRR (pagamenti eċċessivi ta' taxxa, riport lura ta' telf ta' taxxa u assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profittabilità futura), tal-Artikolu 41 CRR (assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti), tal-Artikolu 46 u tal-Artikolu 469 CRR (investimenti mhux sinifikanti f'CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju), tal-Artikolu 49 u tal-Artikolu 471 CRR (parteċipazzjonijiet f'entitajiet tal-assigurazzjoni kemm jekk l-entitajiet tal-assigurazzjoni jkunu taħt superviżjoni skont id-direttiva dwar il-konglomerati kif ukoll jekk le), tal-Artikolu 60 u l-Artikolu 475 CRR (investimenti diretti, indiretti u sintetiċi mhux sinifikanti u sinifikanti f'livell 1 addizzjonali (AT1) ta' entitajiet tas-settur finanzjarju), tal-Artikolu 70 u tal-Artikolu 477 CRR (parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi insinifikanti u sinifikanti ta' T2 minn entità tas-settur finanzjarju) meta ma jkunux allokati għal klassijiet tal-iskoperturi oħrajn, u għal parteċipazzjonijiet kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju meta ma jkunux ponderati b'1 250 % għar-riskju (b'applikazzjoni tal-punt (k) tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 1 tat-Titolu I tal-Parti Tnejn tas-CRR).

ANNESS XXI

Tabella EU CRE – Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatati mal-approċċ IRB

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

Bażi Legali	Numru tar-ringiela	Format liberu
Artikolu 452(a) CRR	(a)	L-awtorizzazzjoni tal-approċċ jew tranżazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti
Artikolu 452(c) CRR	(b)	(c) Il-mekkaniżmi ta' kontroll għal sistemi ta' klassifikazzjoni fl-istadji differenti tal-iżvilupp tal-mudell, il-kontrolli u l-bidliet, li għandhom jinkludu informazzjoni dwar: (i) ir-relazzjoni bejn il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskju u l-funzjoni tal-awditjar intern; (ii) ir-rieżami tas-sistema ta' klassifikazzjoni; (iii) proċedura biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-funzjoni responsabbli għar-rieżami tal-mudelli mill-funzjonijiet responsabbli għall-iżvilupp tal-mudelli; (iv) il-proċedura biex tiġi żgurata l-akkontabilità tal-funzjonijiet responsabbli għall-iżvilupp u r-rieżami tal-mudelli
Artikolu 452(d) CRR	(c)	Ir-rwol tal-funzjonijiet involuti fl-iżvilupp, l-approvazzjoni u l-bidliet sussegwenti tal-mudelli tar-riskju ta' kreditu;
Artikolu 452(e) CRR	(d)	Il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut ewlieni tar-rapportar relatat mal-mudelli tar-riskju ta' kreditu;
Artikolu 452(f) CRR	(e)	Deskrizzjoni tal-proċess ta' klassifikazzjonijiet interni skont il-klassi tal-iskoperturi, inkluż in-numru ta' mudelli ewlenin użati fir-rigward ta' kull portafoll u diskussjoni qasira dwar id-differenzi ewlenin bejn il-mudelli fl-istess portafoll, li jkopru: (i) id-definizzjonijiet, il-metodi u d-*data* għall-istima u l-validazzjoni tal-PD, li għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif il-PDs huma stmati għal portafolji b'riskju baxx ta' inadempjenza, jekk hemmx bażijiet regolatorji u l-kawżi għad-differenzi osservati bejn il-PD u r-rati ta' inadempjenza reali tal-inqas fl-aħħar tliet perjodi; (ii) fejn applikabbli, id-definizzjonijiet, il-metodi u d-*data* għall-istima u l-validazzjoni tal-LGD, bħal metodi għall-kalkolu tat-tnaqqis fir-ritmu tal-LGD, kif l-LGDs jiġu stmati għal portafoll b'riskju baxx ta' inadempjenza u t-tul ta' żmien bejn l-avveniment ta' inadempjenza u l-għeluq tal-iskopertura; (iii) fejn applikabbli, id-definizzjonijiet, il-metodi u d-*data* għall-istima u l-validazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni ta' kreditu, inklużi s-suppożizzjonijiet użati fid-derivazzjoni ta' dawk il-varjabbli.

Mudell EU CR6 – Approċċ IRB – L-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu skont il-klassi tal-iskoperturi u l-firxa tal-PD

A-IRB	Firxa tal-PD	Skoperturi fil-karta tal-bilanċ	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ qabel CCF	CCF medju ponderat skont l-iskopertura	Skopertura wara CCF u wara CRM	PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Għadd ta' debituri	LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Maturità medja ponderata skont l-iskopertura (snin)	Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju wara fatturi ta' sostenn	Densità tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju	Ammont ta' telf mistenni	Aġġustamenti fil-valur u dispożizzjonijiet
	a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m
Klassi tal-iskoperturi X													
	0,00 sa < 0,15												
	0,00 sa < 0,10												
	0,10 sa < 0,15												
	0,15 sa < 0,25												
	0,25 sa < 0,50												
	0,50 to < 0,75												
	0,75 sa < 2,50												
	0,75 sa < 1,75												
	1,75 sa < 2,5												

A-IRB	Firxa tal-PD	Skoperturi fil-karta tal-bilanċ	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ qabel CCF	CCF medju ponderat skont l-iskopertura	Skopertura wara CCF u wara CRM	PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Għadd ta' debituri	LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Maturità medja ponderata skont l-iskopertura (snin)	Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju wara fatturi ta' sostenn	Densità tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju	Ammont ta' telf mistenni	Aġġustamenti fil-valur u dispożizzjonijiet
	a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m
	2,50 sa < 10,00												
	2,5 sa < 5												
	5 sa < 10												
	10,00 sa < 100,00												
	10 sa < 20												
	20 sa < 30												
	30.00 sa < 100.00												
	100,00 (Inadempjenza)												
Subtotal (klassi tal-iskoperturi)													
Total (il-klassijiet kollha tal-iskoperturi)													

F-IRB	Firxa tal-PD	Skoperturi fil-karta tal-bilanċ	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ qabel CCF	CCF medju ponderat skont l-iskopertura	Skopertura wara CCF u wara CRM	PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Għadd ta' debituri	LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Maturità medja ponderata skont l-iskopertura (snin)	Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju wara fatturi ta' sostenn	Densità tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju	Ammont ta' telf mistenni	Aġġustamenti fil-valur u dispożizzjonijiet
	a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m
Klassi tal-iskoperturi X													
	0,00 sa < 0,15												
	0,00 sa < 0,10												
	0,10 sa < 0,15												
	0,15 sa < 0,25												
	0,25 sa < 0,50												
	0,50 sa < 0,75												
	0,75 sa < 2,50												
	0,75 sa < 1,75												
	1,75 sa < 2,5												

F-IRB	Firxa tal-PD	Skoperturi fil-karta tal-bilanċ	Skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ qabel CCF	CCF medju ponderat skont l-iskopertura	Skopertura wara CCF u wara CRM	PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Għadd ta' debituri	LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Maturità medja ponderata skont l-iskopertura (snin)	Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju wara fatturi ta' sostenn	Densità tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju	Ammont ta' telf mistenni	Aġġustamenti fil-valur u dispożizzjonijiet
	a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l	m
	2,50 sa < 10,00												
	2,5 sa < 5												
	5 sa < 10												
	10,00 sa < 100,00												
	10 sa < 20												
	20 sa < 30												
	30,00 sa < 100,00												
	100,00 (Inadempjenza)												
Subtotal (klassi tal-iskoperturi)													
Total (il-klassijiet kollha tal-iskoperturi)													

Mudell EU CR6-A – L-ambitu tal-użu tal-IRB u l-approċċi SA

		Il-valur tal-iskopertura kif definit fl-Artikolu 166 CRR għal skoperturi soġġetti għall-approċċ IRB	Il-valur tal-iskoperturi totali għal skoperturi soġġetti għall-Approċċ standardizzat u għall-approċċ IRB	Perċentwal tal-valur tal-iskoperturi totali soġġetti għall-użu parzjali permanenti tal-SA (%)	Perċentwal tal-valur tal-iskopertura totali soġġett għall-approċċ IRB (%)	Perċentwal tal-valur tal-iskopertura totali soġġett għal pjan ta' implimentazzjoni (%)
		a	b	c	d	e
1	Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali					
1,1	*Li minnhom Gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali*					
1,2	*Li minnhom Entitajiet tas-settur pubbliku*					
2	Istituzzjonijiet					
3	Korporattivi					
3,1	*Li minnhom Korporattivi - Self speċjalizzat, eskluż l-approċċ ta' klassifikazzjoni*					
3,2	*Li minnhom Korporattivi - Self speċjalizzat skont l-approċċ ta' klassifikazzjoni*					
4	Bejgħ bl-imnut					
4,1	*li minnu fil-livell tal-konsumatur – Garantit minn SMEs tal-proprjetà immobbli*					
4,2	*li minnu fil-livell tal-konsumatur – Garantit minn impriża tal-proprjetà immobbli li mhijiex SME*					
4,3	*li minnu fil-livell tal-konsumatur - Rotanti kwalifikanti*					
4,4	*li minnu fil-livell tal-konsumatur – SMEs oħrajn*					
4,5	*li minnu fil-livell tal-konsumatur – Oħrajn mhux SMEs*					
5	Ekwità					
6	Assi b'obbligi mhux ta' kreditu oħrajn					
7	**Total**					

Mudell EU CR7 – Approċċ IRB – L-effett fuq l-RWEAs ta' derivattivi ta' kreditu użati bħala tekniki tas-CRM

		Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ta' derivattivi ta' qabel il-kreditu	Ammont proprju tal-iskopertura ponderat għar-riskju
		a	b
1	**Skoperturi skont l-F-IRB**		
2	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali		
3	Istituzzjonijiet		
4	Korporattivi		
4,1	*li minnhom Korporattivi - SMEs*		
4,2	*li minnhom Korporattivi – Self speċjalizzat*		
5	**Skoperturi skont l-F-IRB**		
6	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali		
7	Istituzzjonijiet		
8	Korporattivi		
8,1	*li minnhom Korporattivi - SMEs*		
8,2	*li minnhom Korporattivi – Self speċjalizzat*		
9	Bejgħ bl-imnut		
9,1	*li minnu fil-livell tal-konsumatur - SMEs - Garantit minn kollateral tal-proprjetà immobbli*		
9,2	*li minnu fil-livell tal-konsumatur - mhux SMEs - Garantit minn kollateral tal-proprjetà immobbli*		
9,3	*li minnu fil-livell tal-konsumatur - Rotanti kwalifikanti*		
9,4	*li minnu fil-livell tal-konsumatur - SMEs - Oħrajn*		
9,5	*li minnu fil-livell tal-konsumatur Oħrajn – Mhux SMEs*		
10	**TOTAL (inklużi l-iskoperturi tal-F-IRB u l-iskoperturi tal-A-IRB)**		

Mudell EU CR7-A – Approċċ IRB – Divulgazzjoni tal-limitu tal-użu tat-tekniki tas-CRM

A-IRB		Skoperturi totali	**Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu**					
			Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu (FCP)					
			Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali Finanzjarji (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali eliġibbli oħra (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali ta' Proprjetà Immobbli (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Riċevibbli (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollateral fiżiku ieħor (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta bi **Protezzjoni oħra ffinanzjata tal-kreditu (%)**
		a	b	c	d	e	f	g
1	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali							
2	Istituzzjonijiet							
3	Korporattivi							
3,1	*Li minnhom Korporattivi - SMEs*							
3,2	*Li minnhom Korporattivi - Self speċjalizzat*							
3,3	*Li minnhom Korporattivi - Oħrajn*							
4	Bejgħ bl-imnut							
4,1	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Proprjetà immobbli ta' SMEs*							

A-IRB		Skoperturi totali	**Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu**					
			Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu (FCP)					
			Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali Finanzjarji (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali eliġibbli oħra (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali ta' Proprjetà Immobbli (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Riċevibbli (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollateral fiżiku ieħor (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta bi **Protezzjoni oħra ffinanzjata tal-kreditu (%)**
		a	b	c	d	e	f	g
4,2	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Proprjetà immobbli mhux ta' SMEs*							
4,3	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Rotanti kwalifikanti*							
4,4	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - SMEs oħrajn*							
4,5	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Oħrajn mhux SMEs*							
5	Total							

A-IRB		Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu					Metodi ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fil-kalkolu ta' RWEAs	
		Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu (FCP)			Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata (UFCP)		**RWEA mingħajr effetti ta' sostituzzjoni** (effetti ta' tnaqqis biss)	**RWEA b'effetti ta' sostituzzjoni** (kemm effetti ta' tnaqqis kif ukoll effetti ta' sostituzzjoni)
		Parti mill-iskoperturi koperta bi **Flus f'depożitu (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Poloz tal-Assigurazzjoni tal-Ħajja (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta bi **Strumenti miżmuma minn parti terza (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Garanziji (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Derivattivi ta' Kreditu (%)**		
		h	i	j	k	l	m	n
1	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali							
2	Istituzzjonijiet							
3	Korporattivi							
3,1	*Li minnhom Korporattivi - SMEs*							
3,2	*Li minnhom Korporattivi - Self speċjalizzat*							
3,3	*Li minnhom Korporattivi - Oħrajn*							
4	Bejgħ bl-imnut							
4,1	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Proprjetà immobbli ta' SMEs*							

A-IRB		Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu					Metodi ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fil-kalkolu ta' RWEAs	
		Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu (FCP)			Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata (UFCP)		**RWEA mingħajr effetti ta' sostituzzjoni** (effetti ta' tnaqqis biss)	**RWEA b'effetti ta' sostituzzjoni** (kemm effetti ta' tnaqqis kif ukoll effetti ta' sostituzzjoni)
		Parti mill-iskoperturi koperta bi **Flus f'depożitu (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Poloz tal-Assigurazzjoni tal-Ħajja (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta bi **Strumenti miżmuma minn parti terza (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Garanziji (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Derivattivi ta' Kreditu (%)**		
		h	i	j	k	l	m	n
4,2	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Proprjetà immobbli mhux ta' SMEs*							
4,3	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Rotanti kwalifikanti*							
4,4	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - SMEs oħrajn*							
4,5	*Li minnu fil-livell tal-konsumatur - Oħrajn mhux SMEs*							
5	Total							

F-IRB		Skoperturi totali	**Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu**					
			Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu (FCP)					
			Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali Finanzjarji (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali eliġibbli oħra (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollaterali ta' Proprjetà Immobbli (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Riċevibbli (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Kollateral fiżiku ieħor (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta bi **Protezzjoni oħra ffinanzjata tal-kreditu (%)**
		a	b	c	d	e	f	g
1	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali							
2	Istituzzjonijiet							
3	Korporattivi							
3,1	*Li minnhom Korporattivi - SMEs*							
3,2	*Li minnhom Korporattivi - Self speċjalizzat*							
3,3	*Li minnhom Korporattivi - Oħrajn*							
4	Total							

F-IRB		Tekniki ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu					Metodi ta' Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fil-kalkolu ta' RWEAs	
		Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu (FCP)			Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata (UFCP)		**RWEA mingħajr effetti ta' sostituzzjoni** (effetti ta' tnaqqis biss)	**RWEA b'effetti ta' sostituzzjoni** (kemm effetti ta' tnaqqis kif ukoll effetti ta' sostituzzjoni)
		Parti mill-iskoperturi koperta bi **Flus f'depożitu (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Poloz tal-Assigurazzjoni tal-Ħajja (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta bi **Strumenti miżmuma minn parti terza (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Garanziji (%)**	Parti mill-iskoperturi koperta b'**Derivattivi ta' Kreditu (%)**		
		h	i	j	k	l	m	n
1	Gvernijiet ċentrali u banek ċentrali							
2	Istituzzjonijiet							
3	Korporattivi							
3,1	*Li minnhom Korporattivi - SMEs*							
3,2	*Li minnhom Korporattivi - Self speċjalizzat*							
3,3	*Li minnhom Korporattivi - Oħrajn*							
4	Total							

Mudell EU CR8 – Rapporti tal-flussi RWEA dwar l-iskoperturi tar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ IRB

		Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju
		a
1	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju fl-għeluq tal-perjodu ta' rapportar preċedenti**	
2	Daqs tal-assi (+/-)	
3	Kwalità tal-assi (+/-)	
4	Aġġornamenti tal-mudell (+/-)	
5	Metodoloġija u politika (+/-)	
6	Akkwiżizzjonijiet u disponimenti (+/-)	
7	Ċaqliq fir-rata tal-kambju (+/-)	
8	Oħrajn (+/-)	
9	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju fl-għeluq tal-perjodu ta' rapportar**	

Mudell CR9 – Approċċ IRB – Ittestjar retrospettiv tal-PD għal kull klassi tal-iskoperturi (skala tal-PD fissa)

A-IRB

Klassi tal-iskoperturi	Firxa tal-PD	Għadd ta' debituri fl-għeluq tas-sena preċedenti		Rata medja ta' inadempjenza osservata (%)	PD medju ponderat skont l-iskoperturi (%)	PD medju (%)	Medja storika annwali rata ta' inadempjenza (%)
			Li tinkludi l-għadd ta' debituri inadempjenti fis-sena				
a	b	c	d	e	f	g	h
	0,00 sa < 0,15						
	0,00 sa < 0,10						
	0,10 sa < 0,15						
	0,15 sa < 0,25						
	0,25 sa < 0,50						
	0,50 sa < 0,75						
	0,75 sa < 2,50						
	0,75 sa < 1,75						
	1,75 sa < 2,5						
	2,50 sa < 10,00						
	2,5 sa < 5						
	5 sa < 10						
	10,00 sa < 100,00						
	10 sa < 20						
	20 sa < 30						
	30,00 sa < 100,00						
	100,00 (Inadempjenza)						

F-IRB

Klassi tal-iskoperturi	Firxa tal-PD	Għadd ta' debituri fl-għeluq tas-sena preċedenti		Rata medja ta' inadempjenza osservata (%)	PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	PD medju (%)	Medja storika annwali rata ta' inadempjenza (%)
			Li tinkludi l-għadd ta' debituri inadempjenti fis-sena				
a	b	c	d	e	f	g	h
	0,00 sa < 0,15						
	0,00 sa < 0,10						
	0,10 sa < 0,15						
	0,15 sa < 0,25						
	0,25 sa < 0,50						
	0,50 sa < 0,75						
	0,75 sa < 2,50						
	0,75 sa < 1,75						
	1,75 sa < 2,5						
	2,50 sa < 10,00						
	2,5 sa < 5						
	5 sa < 10						
	10,00 sa < 100,00						
	10 sa < 20						
	20 sa < 30						
	30,00 sa < 100.00						
	100,00 (Inadempjenza)						

Mudell CR9.1 – Approċċ IRB – Ittestjar retrospettiv tal-PD għal kull klassi tal-iskoperturi (għal stimi tal-PD biss skont il-punt (f) tal-Artikolu 180(1) CRR)

A-IRB

Klassi tal-iskoperturi	Firxa tal-PD	Klassifikazzjoni esterna ekwivalenti	Għadd ta' debituri fl-għeluq tas-sena preċedenti		Rata medja ta' inadempjenza osservata (%)	PD medju (%)	Medja storika annwali rata ta' inadempjenza (%)
				Li tinkludi l-għadd ta' debituri inadempjenti fis-sena			
a	b	c	d	e	f	g	h

F-IRB

Klassi tal-iskoperturi	Firxa tal-PD	Klassifikazzjoni esterna ekwivalenti	Għadd ta' debituri fl-għeluq tas-sena preċedenti		Rata medja ta' inadempjenza osservata (%)	PD medju (%)	Medja storika annwali rata ta' inadempjenza (%)
				Li tinkludi l-għadd ta' debituri inadempjenti fis-sena			
a	b	c	d	e	f	g	h

ANNESS XXII

Divulgazzjoni tal-użu tal-Approċċ IRB għar-riskju ta' kreditu (eskluż ir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti)

Tabella EU CRE – Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatati mal-Approċċ IRB. Tabella flessibbli.

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (f) tal-Artikolu 452 tar-Regolament (UE) 575/2013 [1] ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU CRE li hija ppreżentata fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet	
		Spjegazzjoni
(a)	Il-punt (a) tal-Artikolu 452 CRR	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-permess tal-approċċ jew tat-tranżizzjoni approvata tal-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 452 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu l-karatteristiċi ewlenin tas-sistemi ta' klassifikazzjoni użati skont l-Approċċ IRB li għalihom ingħata l-permess minn awtorità kompetenti u t-tipi ta' skoperturi koperti minn dawn is-sistemi ta' klassifikazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu wkoll it-tipi ta' skoperturi li għalihom ikollhom permess jagħmlu użu parzjali permanenti mill-Approċċ Standardizzat f'konformità mal-Artikolu 150 CRR u li jkunu taħt il-pjanijiet ta' tnedija tal-IRB tagħhom f'konformità mal-Artikolu 148 CRR. Id-deskrizzjoni għandha tiġi pprovduta fil-livell tal-grupp.
(b)	Il-punt (c)(i)-(iv) tal-Artikolu 452 CRR	Id-deskrizzjoni tal-mekkaniżmi ta' kontroll għas-sistemi ta' klassifikazzjoni għandha tkopri l-istima tal-parametri tar-riskju, inklużi l-iżvilupp u l-kalibrar tal-mudell intern, kif ukoll il-kontrolli fl-applikazzjoni tal-mudelli u tat-tibdiliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni. F'konformità mal-punt (c)(i)-(iv) tal-Artikolu 452 CRR, id-deskrizzjoni tar-rwol tal-funzjonijiet imsemmija hawn fuq għandha tinkludi wkoll: (i) ir-relazzjonijiet bejn il-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji u l-uffiċċju tal-awditjar intern, (ii) Il-proċessi u l-metodi għar-rieżamijiet tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, inklużi rieżamijiet regolari tal-istimi f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 179(1) CRR u validazzjonijiet, (iii) il-proċeduri u l-arranġamenti organizzazzjonali sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tal-funzjoni inkarigata mir-rieżami tal-mudelli (funzjoni ta' validazzjoni) mill-funzjonijiet responsabbli għall-iżvilupp u għall-kalibrar tal-mudelli, (iv) u l-proċedura sabiex tiġi żgurata l-akkontabilità tal-funzjonijiet inkarigati mill-iżvilupp u mir-rieżami tal-mudelli.
(c)	Il-punt (d) tal-Artikolu 452 CRR	L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw ir-rwol tal-funzjonijiet involuti fl-iżvilupp tal-mudell, fil-kalibrar, fl-approvazzjoni u fit-tibdiliet sussegwenti tas-sistemi ta' klassifikazzjoni.
(d)	Il-punt (e) tal-Artikolu 452 CRR	L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut ewlieni tar-rapportar tal-ġestjoni relatat mal-mudelli tal-IRB imsemmija fl-Artikolu 189 CRR, kif ukoll id-destinatarji u l-frekwenza ta' tali rapportar.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet	
		Spjegazzjoni
(e)	Il-punt (f) tal-Artikolu 452 CRR	Id-divulgazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni interna skont il-klassi tal-iskopertura għandha tinkludi n-numru ta' mudelli ewlenin użati f'kull klassi tal-iskopertura fir-rigward ta' tipi differenti ta' skoperturi, b'deskrizzjoni qasira tad-differenzi ewlenin fost il-mudelli fl-istess klassi tal-iskopertura. Din għandha tinkludi wkoll deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-mudelli ewlenin approvati, b'mod partikolari: (i) id-definizzjonijiet, il-metodi u d-*data* għall-istima u għall-validazzjoni tal-PD, inklużi l-istima u l-validazzjoni tal-PDs għal portafolli b'riskju baxx ta' inadempjenza, kwalunkwe minimu regolatorju applikabbli, u l-fatturi ewlenin għad-differenzi osservati bejn l-istimi tal-PDs u r-rati ta' inadempjenza attwali tal-anqas għall-aħħar tliet snin; (ii) fejn applikabbli, id-definizzjonijiet, il-metodi u d-*data* għall-istima u għall-validazzjoni tal-LGD, inklużi l-istima u l-validazzjoni tal-LGD waqt reċessjoni, informazzjoni dwar kif l-LGDs jiġu stmati għal portafoll b'riskju baxx ta' inadempjenza, u l-perjodu medju ta' żmien bejn l-event ta' inadempjenza u l-għeluq tal-iskopertura; (iii) id-definizzjonijiet, il-metodi u d-*data* għall-istima u għall-validazzjoni tal-fatturi ta' konverżjoni, inklużi s-suppożizzjonijiet użati fid-derivazzjoni ta' dawk l-istimi.

Mudell EU CR6 – Approċċ IRB – Skoperturi għar-riskju ta' kreditu skont il-klassi tal-iskopertura u l-medda tal-PDs. Mudell fiss.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (g)(i)-(v) tal-Artikolu 452 CRR dwar il-parametri ewlenin użati għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għall-approċċ IRB billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR6 li huwa ppreżentat fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. L-informazzjoni ddikjarata f'dan il-mudell ma għandhiex tinkludi *data* dwar self speċjalizzat imsemmi fl-Artikolu 153(4) CRR. Dan il-mudell jeskludi l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti (CCR) (il-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR), l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni u l-iskoperturi tal-ekwità.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
	Spjegazzjoni
a	**Medda tal-PD** Din hija medda fissa tal-PDs li ma għandhiex tinbidel. F'każ li d-*data* dwar l-iskoperturi inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 CRR tiġi diżaggregata aktar f'konformità mad-definizzjonijiet possibbli għall-kategoriji ta' skoperturi inadempjenti, id-definizzjonijiet u l-ammonti għall-kategoriji ta' skoperturi inadempjenti għandhom jiġu spjegati f'narrattiva li takkumpanja. L-iskoperturi għandhom jiġu allokati għal medda xierqa tal-medda fissa ta' PDs ibbażata fuq il-PD stmat għal kull obbligant assenjat għal din il-klassi tal-iskoperturi (minħajr ma jitqies l-ebda effett ta' sostituzzjoni minħabba s-CRM). L-iskoperturi inadempjenti kollha għandhom jiġu inklużi fit-taqsima li tirrappreżenta PD ta' 100 %.
b	**Skoperturi fil-karta bilanċjali** Valur tal-iskopertura kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 166 minn (1) sa (7) CRR minħajr ma jitqiesu kwalunkwe aġġustament tar-riskju ta' kreditu u kwalunkwe fattur ta' konverżjoni
c	**Fatturi ta' qabel il-konverżjoni (CCF) ta' skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** Il-valur tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 166 minn (1) sa (7) CRR, minħajr ma jitqiesu kwalunkwe aġġustament għar-riskju ta' kreditu u kwalunkwe fattur ta' konverżjoni, la l-istimi proprji u lanqas il-fatturi ta' konverżjoni speċifikati fl-Artikolu 166(8) CRR, u lanqas kwalunkwe perċentwal speċifikat fl-Artikolu 166(10) CRR L-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali għandhom jinkludu l-ammonti kollha impenjati iżda mhux prelevati u l-entrati kollha li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, kif elenkati fl-Anness I CRR.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
d	**CCF medju ponderat skont l-iskopertura** Għall-iskoperturi kollha inklużi f'kull medda tal-iskala fissa ta' PDs, il-fattur ta' konverżjoni medju użat mill-istituzzjonijiet fil-kalkolu tagħhom tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, ponderati skont l-iskopertura li ma tidhirx fil-karta bilanċjali qabel is-CCF bħal fil-kolonna c ta' dan il-mudell
e	**Valur tal-iskopertura wara s-CCF u wara s-CRM** Valur tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 166 CRR Din il-kolonna tinkludi s-somma tal-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi fil-karta bilanċjali u tal-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali wara l-fatturi ta' konverżjoni u l-perċentwali f'konformità mal-Artikolu 166 minn (8) sa (10) CRR.
f	**PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)** Għall-iskoperturi kollha inklużi f'kull medda tal-medda fissa ta' PDs, l-istima tal-PD medju ta' kull obbligant, ponderata skont il-valur tal-iskopertura wara s-CCF u s-CRM bħal fil-kolonna e ta' dan il-mudell
g	**Numru ta' obbliganti** In-numru ta' entitajiet ġuridiċi jew ta' obbliganti allokati għal kull medda tal-medda fissa ta' PDs, li ġew ikklassifikati separatament, irrispettivament min-numru ta' self jew ta' skoperturi differenti mogħtija L-obbliganti konġunti għandhom jiġu ttrattati l-istess bħal għall-fini tal-kalibrar tal-PD. Meta skoperturi differenti għall-istess obbligant ikunu kklassifikati separatament, għandhom jingħaddu separatament. Tali sitwazzjoni tista' sseħħ fil-klassi tal-iskopertura fil-livell tal-konsumatur jekk id-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi applikata fil-livell ta' faċilità ta' kreditu individwali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 178(1) CRR, jew jekk skoperturi separati għall-istess obbligant jiġu assenjati fi gradi differenti ta' obbligant f'konformità mat-tieni sentenza tal-punt (e) tal-Artikolu 172(1) CRR fi klassijiet tal-iskoperturi oħrajn.
h	**LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%)** Għall-iskoperturi kollha inklużi f'kull medda tal-medda fissa ta' PDs, il-medja tal-istimi tal-LGD għal kull skopertura, ponderata skont il-valur tal-iskopertura wara s-CCF u wara s-CRM bħal fil-kolonna e ta' dan il-mudell L-LGD iddikjarat għandu jikkorrispondi għall-istima finali tal-LGD użata fil-kalkolu tal-ammonti ponderati għar-riskju miksuba wara li jitqiesu kwalunkwe effetti CRM u kundizzjonijiet ta' reċessjoni fejn rilevanti. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur koperti bi proprjetajiet immobbli, l-LGD iddikjarat għandu jqis il-minimi speċifikati fl-Artikolu 164(4) CRR. Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, l-LGD li għandu jiġi rrapportat jikkorrispondi għal dak magħżul f'konformità mal-Artikolu 161(4) CRR. Għal skoperturi inadempjenti skont l-Approċċ A-IRB, jitqiesu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 181(1) CRR. L-LGD iddikjarat għandu jikkorrispondi għall-istima tal-LGD f'inadempjenza f'konformità mal-metodoloġiji ta' stima applikabbli.
i	**Maturità medja ponderata skont l-iskopertura (snin)** Għall-iskoperturi kollha inklużi f'kull medda tal-medda fissa ta' PDs, il-maturità medja ta' kull skopertura, ponderata skont il-valur tal-iskopertura wara s-CCF bħal fil-kolonna e ta' dan il-mudell Il-valur iddikjarat tal-maturità jirrifletti l-Artikolu 162 CRR. Il-maturità medja għandha tiġi ddikjarata fi snin. Din id-data ma għandhiex tiġi ddikjarata għall-valuri tal-iskopertura li għalihom il-maturità ma tkunx element fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR. Dan ifisser li din il-kolonna ma għandhiex timtela għall-klassi tal-iskoperturi "fil-livell tal-konsumatur".

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
j	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju wara l-fatturi ta' sostenn** Għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali, għal istituzzjonijiet u għal korporattivi, l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 153 minn (1) sa (4) CRR; għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 154 CRR Għandhom jitqiesu l-fatturi ta' sostenn għall-SMEs u għall-infrastruttura f'konformità mal-Artikolu 501 u mal-Artikolu 501a CRR.
k	**Densità tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju** Proporzjon bejn is-somma tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju wara l-fatturi ta' sostenn bħal fil-kolonna j ta' dan il-mudell u l-valur tal-iskopertura bħal fil-kolonna e ta' dan il-mudell
l	**Ammont ta' telf mistenni** L-ammont ta' telf mistenni kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 158 CRR L-ammont ta' telf mistenni li għandu jiġi ddikjarat għandu jkun ibbażat fuq il-parametri tar-riskju attwali użati fis-sistema ta' klassifikazzjoni interna approvata mill-awtorità kompetenti rispettiva.
m	**Aġġustamenti tal-valur u provvedimenti** Aġġustamenti speċifiċi u ġenerali għar-riskju ta' kreditu f'konformità mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 183/2014 [2], aġġustamenti addizzjonali tal-valur f'konformità mal-Artikoli 34 u 110 CRR, kif ukoll tnaqqis ieħor fil-fondi proprji relatat mal-iskoperturi allokati għal kull medda fuq il-medda fissa ta' PD Dawn l-aġġustamenti tal-valur u l-provvedimenti għandhom ikunu dawk ikkunsidrati għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 159 CRR. Il-provvedimenti ġenerali għandhom jiġu ddikjarati billi jiġi assenjat l-ammont pro rata – f'konformità mat-telf mistenni ta' gradi differenti ta' obbliganti.

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
Klassi tal-iskopertura X	Meta l-istituzzjonijiet ikunu rċivew permess sabiex jużaw l-LGDs u l-fatturi ta' konverżazzjoni proprji għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, dawn għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni meħtieġa f'dan il-mudell separatament għall-klassijiet tal-iskoperturi soġġetti għal dan il-permess (A-IRB). Għall-klassijiet tal-iskoperturi li għalihom l-istituzzjoni ma jkollhiex permess tuża l-istimi proprji tal-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni (F-IRB) l-istituzzjoni għandha tiddikjara l-informazzjoni dwar l-iskoperturi rilevanti separatament bl-użu tal-Mudell F-IRB.
A-IRB	**Klassi tal-iskopertura X** Għal kull klassi tal-iskopertura elenkata fl-Artikolu 147(2) CRR, bl-eċċezzjonijiet indikati hawn fuq, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw mudell separat, b'diżaggregazzjoni ulterjuri għall-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin: — fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi għal korporattivi" (il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR), disaggregazzjoni fi: a. Skoperturi għal korporattivi– SMEs, skont il-klassifikazzjoni interna tal-iskoperturi għal korporattivi fuq il-bażi tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju; b. skoperturi għal korporazzjonijiet– self speċjalizzat, skont l-Artikolu 147(8) CRR; c. skoperturi għal korporattivi– oħrajn.

[2] IR-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 183/2014 tal-20 ta' Diċembru 2013 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment, fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat il-kalkolu tal-aġġustamenti għar-riskju ta' kreditu speċifiċi u ġenerali (ĠU L 57, 27.2.2014, p. 3).

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
	— fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi fil-livell tal-konsumatur" (il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) u l-Artikolu 147(5) CRR), diżaggregazzjoni fi: a. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– SME ggarantita b'kollateral ta' proprjetà immobbli (il-punt (d) tal-Artikolu 147 (2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(2) u (3) CRR); b. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– SMEs oħrajn; c. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SME iggarantita b'kollateral ta' proprjetà immobbli (punt (d) tal-Artikolu 147 (2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(3) CRR); d. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– Rotanti kwalifikanti (il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(4) CRR). e. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SMEs oħrajn. Ir-ringiela tal-iskoperturi totali għandha tiġi inkluża fl-aħħar ta' kull mudell separat għal kull klassi tal-iskoperturi.
F-IRB	**Klassi tal-iskopertura X** Għal kull klassi tal-iskopertura elenkata fl-Artikolu 147(2) CRR, bl-eċċezzjonijiet indikati hawn fuq, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw mudell separat, b'diżaggregazzjoni ulterjuri għall-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin: — fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi għal korporattivi" (il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR), diżaggregazzjoni fi: a. Skoperturi għal korporattivi– SMEs, skont il-klassifikazzjoni interna tal-iskoperturi għal korporattivi fuq il-bażi tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju; b. skoperturi għal korporazzjonijiet– self speċjalizzat, skont l-Artikolu 147(8) CRR; c. skoperturi għal korporattivi– oħrajn.

Mudell EU CR6-A – Approċċ IRB – Kamp ta' applikazzjoni tal-użu tal-approċċi IRB u SA. Mudell fiss

3. L-istituzzjonijiet li jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-Approċċ IRB għar-riskju ta' kreditu għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 452 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR6-A li huwa ppreżentat fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

4. Għall-finijiet ta' dan il-mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jallokaw l-iskoperturi tagħhom soġġetti għall-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta jew għall-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta għall-klassijiet tal-iskoperturi kif iddefiniti skont l-Approċċ IRB. Dan il-mudell jeskludi l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti (CCR) (il-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR) u l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni.

5. Fin-narrattiva li takkumpanja, l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw kwalunkwe differenza materjali bejn il-valur tal-iskopertura kif iddefinit fl-Artikolu 166 għall-iskoperturi tal-IRB bħal fil-kolonna a tal-mudell u l-valur tal-iskopertura għall-istess skoperturi f'konformità mal-Artikolu 429(4) CRR, bħal fil-kolonni b u d ta' dan il-mudell.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Il-valur tal-iskopertura kif iddefinit fl-Artikolu 166 CRR għall-iskoperturi soġġetti għall-approċċ IRB** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw f'din il-kolonna l-valur tal-iskopertura kif iddefinit fl-Artikolu 166 CRR, għal dawk l-iskoperturi biss skont l-approċċ IRB.
b	**Valur tal-iskopertura totali għall-iskoperturi soġġetti għall-Approċċ standardizzat u għall-approċċ IRB** L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-valur tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 429(4) CRR sabiex jiddikjaraw il-valur tal-iskopertura totali, inklużi kemm l-iskoperturi skont l-approċċ standardizzat kif ukoll l-iskoperturi skont l-approċċ IRB.
c	**Perċentwal tal-valur totali tal-iskopertura soġġett għall-użu parzjali permanenti tal-SA (%)** Parti mill-iskopertura għal kull klassi tal-iskopertura soġġetta għall-Approċċ Standardizzat (skopertura soġġetta għall-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, f'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni tal-permess għall-użu parzjali permanenti tal-Approċċ Standardizzat riċevut minn awtorità kompetenti f'konformità mal-Artikolu 150 CRR), fuq l-iskopertura totali f'dik il-klassi tal-iskopertura bħal fil-kolonna b ta' dan il-mudell.
d	**Perċentwal tal-valur tal-iskopertura totali soġġett għall-Approċċ IRB (%)** Parti mill-iskopertura għal kull klassi tal-iskopertura soġġetta għall-approċċ IRB (skopertura soġġetta għall-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta fuq l-iskopertura totali f'dik il-klassi tal-iskopertura), filwaqt li jiġi rrispettat il-kamp ta' applikazzjoni tal-permess riċevut minn awtorità kompetenti sabiex jintuża l-Approċċ IRB f'konformità mal-Artikolu 143 CRR, fuq l-iskopertura totali f'dik il-klassi tal-iskopertura bħal fil-kolonna b ta' dan il-mudell. Dan għandu jinkludi kemm skoperturi meta l-istituzzjonijiet ikollhom il-permess li jużaw l-istima tal-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni tagħhom stess jew le (F-IRB u A-IRB), inkluż approċċ ta' klassifikar prudenzjali superviżorju għal skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self u għal skoperturi ta' ekwità skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji.
e	**Perċentwal tal-valur tal-iskopertura totali soġġett għal pjan ta' introduzzjoni (%)** Parti mill-iskopertura għal kull klassi ta' assi soġġetta għall-implimentazzjoni sekwenzjali tal-approċċ IRB skont l-Artikolu 148 CRR, fuq l-iskopertura totali f'dik il-klassi tal-iskopertura bħal fil-kolonna b. Din għandha tinkludi: — iż-żewġ skoperturi meta l-istituzzjonijiet jippjanaw li japplikaw approċċ IRB bl-istima proprja tal-LGD jew mingħajrha u bl-fatturi ta' konverżjoni (F-IRB jew A-IRB) — Skoperturi ta' ekwità immaterjali mhux inklużi fil-kolonni c u d ta' dan il-mudell — skoperturi diġà taħt l-F-IRB meta istituzzjoni tkun qed tippjana li tapplika l-A-IRB fil-futur. — skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self taħt l-approċċ ta' klassifikar prudenzjali superviżorju mhux inklużi fil-kolonna d ta' dan il-mudell.

Numru tar-ringiela	**Referenzi legali u struzzjonijiet**
	Spjegazzjoni
Klassijiet tal-iskoperturi	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni fil-Mudell CR 6-A skont il-klassijiet tal-iskoperturi, f'konformità mad-diżaggregazzjoni tal-klassijiet tal-iskoperturi inklużi fir-ringieli tal-mudell.

Mudell EU CR7 – Approċċ IRB – Effett fuq l-ammonti ta' Skoperturi Ponderati għar-Riskju ta' derivattivi ta' kreditu użati bħala tekniki tas-CRM. Mudell fiss.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 453 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR7 kif ippreżentat fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jissupplimentaw il-mudell b'narrattiva sabiex jispjegaw l-effett tad-derivattivi ta' kreditu fuq l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju. Dan il-mudell jeskludi l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti (CCR) (il-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR), l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni, assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu u l-iskoperturi tal-ekwità.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
a	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ta' derivattivi ta' qabel il-kreditu** L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ipotetiku kkalkola l-RWEA attwali billi ġie preżunt biss innuqqas ta' rikonoxximent tad-derivattiv ta' kreditu bħala teknika tas-CRM kif speċifikat fl-Artikolu 204 CRR. L-ammonti għandhom jiġu ppreżentati fil-klassijiet tal-iskoperturi rilevanti għall-iskoperturi għall-obbligant oriġinali.
b	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju attwali** L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat billi jitqies l-impatt tad-derivattivi ta' kreditu. Meta l-istituzzjonijiet jissostitwixxu l-piż tar-riskju jew il-parametri tar-riskju tal-obbligant bil-piż tar-riskju jew bil-parametri tar-riskju tal-fornitur tal-protezzjoni, l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu ppreżentati fil-klassi tal-iskoperturi rilevanti għal skoperturi diretti għall-fornitur tal-protezzjoni.

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
minn 1 sa 9	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu d-diżaggregazzjoni tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju ta' derivattivi ta' qabel il-kreditu u l-iskopertura ponderata għar-riskju attwali skont il-klassi tal-iskopertura, f'konformità mal-klassijiet tal-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 147 CRR b'aktar diżaggregazzjoni kif inkluż fil-mudell, u separatament għall-iskoperturi skont l-approċċ F-IRB u l-iskoperturi skont l-approċċ A-IRB. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw taħt ir-ringieli 1 u 6 ta' dan il-mudell is-subtotali għall-iskoperturi F-IRB u għall-iskoperturi A-IRB. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw aktar diżaggregazzjoni għall-klassi tal-iskoperturi "skoperturi għal korporattivi" (il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR) f'konformità ma' dan ta' hawn taħt: a. Skoperturi għal korporattivi– SMEs, skont il-klassifikazzjoni interna tal-iskoperturi għal korporattivi fuq il-bażi tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju; b. skoperturi għal korporattivi– self speċjalizzat, f'konformità mal-Artikolu 147(8) CRR, eskluż skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self skont l-approċċ ta' klassifikar prudenzjali; c. skoperturi għal korporattivi– oħrajn. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw aktar diżaggregazzjoni għall-klassi tal-iskoperturi "skoperturi fil-livell tal-konsumatur" (il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) u l-Artikolu 147(5) CRR). L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw aktar diżaggregazzjoni għal: a. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– SME ggarantita b'kollateral ta' proprjetà immobbli (flimkien mal-Artikolu 154(2) u (3) CRR); b. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SMEs iggarantiti b'kollateral ta' proprjetà immobbli (flimkien mal-Artikolu 154(3) CRR);

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
	c. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– Rotanti kwalifikanti (flimkien mal-Artikolu 154(4) CRR); d. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– SMEs oħrajn; e. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SMEs oħrajn.
10	L-AMMONT TOTALI TAL-ISKOPERTURI (inklużi l-iskoperturi F-IRB u l-iskoperturi A-IRB) L-ammont totali tal-iskopertura ponderata għar-riskju ta' derivattivi ta' qabel il-kreditu, u l-ammont totali tal-iskopertura ponderata għar-riskju attwali għall-iskoperturi IRB kollha (inklużi l-F-IRB u l-A-IRB)

Mudell EU CR7 -Approċċ A IRB – Divulgazzjoni tal-firxa tal-użu tat-tekniki tas-CRM

7. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 453 CRR b'mod separat għall-iskoperturi taħt A-IRB u F-IRB billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR7-A li huwa ppreżentat fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. F'każ li entrata ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu tapplika għal aktar minn skopertura waħda, is-somma tal-iskoperturi meqjusa koperti minnha ma tistax taqbeż il-valur tal-entrata tal-protezzjoni tal-kreditu.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
a	**Skoperturi totali** Valur tal-iskopertura (fatturi ta' wara l-konverżjoni) f'konformità mal-Artikoli minn 166 sa 167 CRR L-iskoperturi għandhom jiġu ddikjarati f'konformità mal-klassi tal-iskoperturi applikabbli għall-obbligant, mingħajr ma jitqies kwalunkwe effett ta' sostituzzjoni minħabba l-eżistenza ta' garanzija. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji għandhom jikkunsidraw ukoll il-provvedimenti ta' tpaċija msemmija fl-Artikolu 155(2) CRR.
b	**FCP - Parti mill-iskoperturi koperta b'kollateral finanzjarju (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'kollateral finanzjarju fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell. Kollateral finanzjarju, inkluż kollateral fi flus, titoli ta' dejn, u deheb, kif elenkat fl-Artikoli 197 u 198 CRR, għandu jiġi inkluż fin-numeratur meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 207 minn (2) sa (4) CRR. Il-valur tal-kollateral iddikjarat għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali. Meta jintużaw stimi proprji tal-LGD: kollateral finanzjarju kkunsidrat fl-istimi tal-LGD f'konformità mal-punti (e) u (f) tal-Artikolu 181(1) CRR. L-ammont li għandu jiġi ddikjarat għandu jkun il-valur stmat tas-suq tal-kollateral.
c	**FCP - Parti mill-iskoperturi koperta b'kollaterali eliġibbli oħra (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'kollateral eliġibbli ieħor fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell Il-valuri ddikjarati f'din il-kolonna għandhom ikunu s-somma tal-valuri fil-kolonni minn d sa f ta' dan il-mudell. Meta ma jintużawx stimi proprji tal-LGD: L-Artikolu 199 minn (1) sa (8) CRR u l-Artikolu 229 CRR.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
	Meta jintużaw stimi proprji tal-LGD: kollateral ieħor ikkunsidrat fl-istimi tal-LGD f'konformità mal-punti (e) u (f) tal-Artikolu 181(1) CRR.
d	**FCP - Parti mill-iskoperturi koperta b'kollaterali ta' proprjetà immobbli (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'kollateral ta' proprjetà immobbli inkluża lokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 199(7) CRR fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell Il-kollateral ta' proprjetà immobbli għandu jiġi inkluż fin-numeratur meta jissodisfa r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha stabbiliti fl-Artikolu 208 minn (2) sa (5) CRR. Il-lokazzjoni fuq proprjetà immobbli għandha tiġi inkluża fin-numeratur meta tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 211 CRR. Il-valur tal-kollateral irrapportat għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali.
e	**Parti mill-iskoperturi koperta b'Riċevibbli (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'riċevibbli f'konformità mal-Artikolu 199(5) CRR fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell Ir-riċevibbli għandhom jiġu inklużi fin-numeratur meta jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 209 CRR. Il-valur iddikjarat tal-kollateral għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali.
f	**Parti mill-iskoperturi koperta b'Kollateral fiżiku ieħor (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'kollateral fiżiku ieħor inkluża lokazzjoni ta' dawk il-kollaterali f'konformità mal-Artikolu 199(6) u (8) CRR fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell Kollateral fiżiku ieħor għandu jiġi inkluż fin-numeratur meta jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 210 CRR. Il-valur tal-kollateral irrapportat għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali.
g	**FCP - Parti mill-iskoperturi koperta bi Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu oħra (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'FCP oħra fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a Il-valuri f'din il-kolonna għandhom ikunu s-somma tal-valuri fil-kolonni h, i u j ta' dan il-mudell.
h	**FCP - Parti mill-iskoperturi koperta bi flus f'depożitu (%)** Il-perċentwal ta' skoperturi koperti bi flus jew bi strumenti assimilati ta' flus miżmuma minn istituzzjoni terza fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell; f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 200 CRR, protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu tinkludi flus f'depożitu ma' istituzzjoni terza, jew strumenti assimilati ta' flus miżmuma minn istituzzjoni terza f'arranġament mhux ta' kustodja u mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti. Il-valur tal-kollateral irrapportat għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali.
i	**FCP - Parti mill-iskoperturi koperta b'poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja (%)** Perċentwal tal-iskoperturi koperti b'poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell F'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 200 CRR, protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu tinkludi poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti. Il-valur tal-kollateral irrapportat għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
j	**FCP - Parti mill-iskoperturi koperta bi strument miżmum minn terza persuna (%)** Perċentwal tal-iskoperturi koperti b'kollateral fil-forma ta' strumenti miżmuma minn parti terza fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell; parti mill-iskoperturi koperti bi strumenti maħruġa minn terza persuna fuq l-iskoperturi totali F'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 200 CRR, il-valur iddikjarat għandu jinkludi l-istrumenti maħruġa minn istituzzjoni ta' terza persuna li se jiġu riakkwistati minn dik l-istituzzjoni fuq talba. Il-valur tal-kollateral għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali. Il-perċentwal għandu jeskludi dawk l-iskoperturi koperti bi strumenti miżmuma minn terza persuna meta, skont l-Artikolu 232(4) CRR, l-istituzzjonijiet jittrattaw l-istrumenti riakkwistati fuq talba li jkunu eliġibbli skont il-punt (c) tal-Artikolu 200 CRR bħala garanzija mill-istituzzjoni emittenti.
k	**UFCP - Parti mill-iskoperturi koperta b'garanziji (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'garanziji fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell. Il-garanziji għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikoli 213, 214, 215 u, meta rilevanti, 217 u 232(4) CRR. Il-valur tal-garanziji għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali.
l	**UFCP - Parti mill-iskoperturi koperta b'derivattivi ta' kreditu (%)** Perċentwal ta' skoperturi koperti b'derivattivi ta' kreditu fuq l-iskoperturi totali bħal fil-kolonna a ta' dan il-mudell. Id-derivattivi ta' kreditu jinkludu dawn li ġejjin: — swaps ta' inadempjenza ta' kreditu — swaps tar-redditu totali — noti marbuta ma' kreditu sal-limitu tal-finanzjament fi flus tagħhom. Dawn l-istrumenti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikoli 204(1) u (2), 213, 216, u fejn rilevanti, l-Artikolu 217 CRR. Il-valur tad-derivattivi ta' kreditu għandu jkun limitat għall-valur tal-iskopertura fil-livell ta' skopertura individwali.
m	**RWEA mingħajr effetti ta' sostituzzjoni (effetti ta' tnaqqis biss)** L-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju kkalkolati f'konformità mal-punti (a) u (f) tal-Artikolu 92(3) CRR, inkluż kwalunkwe tnaqqis tal-RWEA minħabba l-eżistenza ta' protezzjoni ffinanzjata jew mhux iffinanzjata tal-kreditu, inkluż meta l-PD u l-LGD jew il-piż tar-riskju jiġi ssostitwit minħabba l-eżistenza ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu. Madankollu, fil-każijiet kollha, inkluż meta jintuża l-approċċ ta' sostituzzjoni, l-iskoperturi jiġu ddikjarati fil-klassijiet tal-iskoperturi oriġinali applikabbli għall-obbligant.
n	**RWEA b'effetti ta' sostituzzjoni (kemm effetti ta' tnaqqis kif ukoll ta' sostituzzjoni)** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju kkalkolati f'konformità mal-Artikoli minn 153 sa 157 CRR, inkluż kwalunkwe tnaqqis tal-RWEA minħabba l-eżistenza ta' protezzjoni ffinanzjata jew mhux iffinanzjata tal-kreditu. Meta l-PD u l-LGD jew il-piż tar-riskju jiġi ssostitwit minħabba l-eżistenza ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, l-iskoperturi jiġu ddikjarati fil-klassi tal-iskopertura applikabbli għall-fornitur tal-protezzjoni.

Referenza tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
	Din id-divulgazzjoni għandha ssir b'mod separat għall-iskoperturi skont l-approċċ A-IRB, l-approċċ F-IRB kif ukoll għal ta' għoti ta' self speċjalizzat skont l-approċċ ta' klassifikar prudenzjali u għal skoperturi ta' ekwità.
A-IRB	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu inklużi f'dan il-mudell skont il-klassi tal-iskoperturi, f'konformità mal-klassijiet tal-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 147 CRR b'diżaggregazzjoni ulterjuri għall-klassi tal-iskoperturi "Korporattivi" (il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR) f'konformità ma' dan ta' hawn taħt: a. Skoperturi għal korporattivi– SMEs, skont il-klassifikazzjoni interna tal-iskoperturi għal korporattivi fuq il-bażi tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju; b. skoperturi għal impriżi– self speċjalizzat, skont l-Artikolu 147(8) CRR eskluż skoperturi ta' self speċjalizzat skont l-approċċ tal-entitajiet bla skop ta' qligħ; c. skoperturi għal korporattivi– oħrajn. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw aktar diżaggregazzjoni għall-klassi tal-iskoperturi "Fil-livell tal-konsumatur" (il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) u l-Artikolu 147(5) CRR). L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw aktar diżaggregazzjoni għal: a. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– SME ggarantita b'kollateral ta' proprjetà immobbli (flimkien mal-Artikolu 154(2) u (3) CRR); b. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SMEs iggarantiti b'kollateral ta' proprjetà immobbli (flimkien mal-Artikolu 154(3) CRR); c. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– Rotanti kwalifikanti (flimkien mal-Artikolu 154(4) CRR); d. koperturi fil-livell tal-konsumatur– SMEs oħrajn; e. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SMEs oħrajn.
F-IRB	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar it-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu inklużi f'dan il-mudell skont il-klassi tal-iskoperturi, f'konformità mal-klassijiet tal-iskoperturi elenkati fl-Artikolu 147 CRR b'diżaggregazzjoni ulterjuri għall-klassi tal-iskoperturi "Korporattivi" (il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR) f'konformità ma' dan ta' hawn taħt: a. Skoperturi għal korporattivi– SMEs, skont il-klassifikazzjoni interna tal-iskoperturi għal korporattivi fuq il-bażi tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju; b. skoperturi għal impriżi– self speċjalizzat, skont l-Artikolu 147(8) CRR eskluż skoperturi ta' self speċjalizzat skont l-approċċ tal-entitajiet bla skop ta' qligħ; c. skoperturi għal korporattivi– oħrajn.

Mudell EU CR8 – Rapporti tal-fluss tal-RWEA tal-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu skont l-approċċ IRB. Mudell fiss.

8. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 438 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR8 li huwa ppreżentat fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. L-informazzjoni f'dan il-mudell jeskludi l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti (CCR) (il-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR).

9. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-flussi tal-RWEA bħala t-tibdiliet bejn l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju fi tmiem il-perjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni (kif speċifikat hawn taħt fir-ringiela 9 ta' dan il-mudell) u l-ammonti tal-iskopertura ponderati fi tmiem il-perjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni preċedenti (kif speċifikati hawn taħt fir-ringiela 1 ta' dan il-mudell; fil-każ ta' divulgazzjonijiet trimestrali, tmiem it-trimestru qabel it-trimestru tal-perjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni). L-istituzzjonijiet jistgħu jikkomplementaw id-divulgazzjonijiet tal-Pilastru 3 tagħhom billi jiddikjaraw l-istess informazzjoni għat-tliet trimestri preċedenti.

10. L-istituzzjonijiet għandhom jissupplimentaw il-mudell b'kummentarju narrattiv sabiex jispjegaw iċ-ċifri fir-ringiela 8 ta' dan il-mudell, jiġifieri kwalunwke fattur ewlieni ieħor li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-varjazzjonijiet tal-RWEA.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
	Spjegazzjoni
a	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju** L-ammont totali tal-iskopertura ponderata għar-riskju ta' kreditu kkalkolat skont l-approċċ IRB, filwaqt li jitqiesu l-fatturi ta' sostenn f'konformità mal-Artikoli 501 u 501a CRR.

Numru tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet
	Spjegazzjoni
1	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju fi tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti**
2	**Daqs tal-assi (+/-)** Tibdil fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju bejn it-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti u t-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti, minħabba d-daqs tal-assi, jiġifieri tibdiliet organiċi fid-daqs u fil-kompożizzjoni tal-kotba (inkluża l-oriġinazzjoni ta' negozji ġodda u ta' self li jimmatura) iżda esklużi tibdiliet fid-daqs tal-kotba minħabba akkwiżizzjonijiet u disponiment tal-entitajiet Żidiet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont pożittiv u tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont negattiv.
3	**Kwalità tal-assi (+/-)** Tibdil fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju bejn it-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti u t-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti, minħabba l-kwalità tal-assi, jiġifieri tibdiliet fil-kwalità vvalutata tal-assi tal-istituzzjoni minħabba tibdiliet fir-riskju tal-mutwatarju, bħal migrazzjoni tal-grad ta' klassifikazzjoni jew effetti simili Żidiet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont pożittiv u tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont negattiv.
4	**Aġġornamenti tal-mudell (+/-)** Tibdil fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju bejn it-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti u t-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti, minħabba aġġornamenti fil-mudell, jiġifieri tibdiliet minħabba l-implimentazzjoni ta' mudelli ġodda, tibdiliet fil-mudelli, tibdiliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell, jew kwalunkwe tibdil ieħor maħsub sabiex jindirizza dgħufijiet fil-mudell Żidiet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għandhom jiġu ddikjarati bħala ammont pożittiv u tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu ddikjarati bħala ammont negattiv.
5	**Metodoloġija u politika (+/-)** Tibdil fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju bejn it-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti u t-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti, minħabba l-metodoloġija u l-politika, jiġifieri tibdiliet minħabba tibdiliet metodoloġiċi fil-kalkoli mmotivati minn tibdiliet fil-politika regolatorja, inklużi kemm reviżjonijiet f'regolamenti eżistenti kif ukoll f'regolamenti ġodda, esklużi tibdiliet fil-mudelli, li huma inklużi fir-ringiela 4 ta' dan il-mudell

Numru tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
	Żidiet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont pożittiv u tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont negattiv.
6	**Akkwiżizzjonijiet u disponimenti (+/-)** Tibdil fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju bejn it-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti u t-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti, minħabba akkwiżizzjonijiet u disponimenti, jiġifieri tibdiliet fid-daqsijiet tal-kotba dovuti għal akkwiżizzjonijiet u/jew għal disponimenti Żidiet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont pożittiv u tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont negattiv.
7	**Ċaqliq fil-kambju (+/-)** Tibdil fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju bejn it-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti u t-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti, minħabba ċaqliq fil-kambju, jiġifieri tibdiliet li jirriżultaw minn ċaqliq fil-qlib ta' munita barranija Żidiet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont pożittiv u tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont negattiv.
8	**Oħrajn (+/-)** Tibdil fl-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju bejn it-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti u t-tmiem tal-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti, minħabba fatturi oħrajn Din il-kategorija għandha tintuża sabiex tkopri tibdiliet li ma jistgħux jiġu attribwiti għal xi kategorija oħra. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu wkoll kwalunkwe fattur ewlieni materjali ieħor ta' ċaqliq ta' ammonti ponderati għar-riskju matul il-perjodu ta' divulgazzjoni inkluż f'din ir-ringiela fin-narrattiva li takkumpanja dan il-mudell. Żidiet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont pożittiv u tnaqqis fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandhom jiġu rrapportati bħala ammont negattiv.
9	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju fi tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni**

Mudell EU CR9 – Approċċ IRB – Ittestjar retrospettiv tal-PD għal kull klassi tal-iskoperturi. Mudell fiss.

11. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 452 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR9 li huwa ppreżentat fl-Anness XXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Meta istituzzjoni tagħmel użu kemm mill-approċċ F-IRB kif ukoll mill-approċċ A-IRB, hija għandha tiddikjara żewġ settijiet separati ta' mudelli, wieħed għall-F-IRB u l-ieħor għall-A-IRB, b'mudell wieħed għal kull klassi ta' skoperturi f'kull sett.

12. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-mudelli użati f'kull klassi tal-iskoperturi u għandha tispjega l-perċentwal tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju tal-klassi tal-iskoperturi rilevanti kopert mill-mudelli li għalihom jiġu ddikjarati r-riżultati tal-ittestjar retrospettiv hawn.

13. L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw, fin-narrattiva li takkumpanja, in-numru totali ta' obbliganti b'kuntratti ta' terminu qasir fid-data tad-divulgazzjoni, filwaqt li jindikaw liema klassijiet tal-iskoperturi għandhom numru akbar ta' obbliganti kuntrattwali ta' terminu qasir. Kuntratti ta' terminu qasir jirreferu għal kuntratti li l-maturità residwa tagħhom hija ta' anqas minn 12-il xahar. L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw ukoll jekk hemmx perjodi li jikkoinċidu fil-kalkolu tar-rati medji tal-PD fit-tul.

14. Dan il-mudell jeskludi l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti (CCR) (il-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR), il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu u l-iskoperturi tal-ekwità.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
a (A-IRB)	**Klassijiet tal-iskoperturi** Għal kull klassi tal-iskopertura elenkata fl-Artikolu 147(2) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw mudell separat, b'diżaggregazzjoni ulterjuri għall-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin: — fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi għal korporattivi" (il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR), disaggregazzjoni fi: a. Skoperturi għal korporattivi– SMEs, skont il-klassifikazzjoni interna tal-iskoperturi għal korporattivi fuq il-bażi tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju; b. skoperturi għal korporazzjonijiet– self speċjalizzat, skont l-Artikolu 147(8) CRR; c. skoperturi għal korporattivi– oħrajn. — fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi fil-livell tal-konsumatur" (il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) u l-Artikolu 147(5) CRR), diżaggregazzjoni fi: a. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– SME ggarantita b'kollateral ta' proprjetà immobbli (il-punt (d) tal-Artikolu 147 (2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(2) u (3) CRR); b. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SME iggarantita b'kollateral ta' proprjetà immobbli (punt (d) tal-Artikolu 147 (2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(3) CRR); c. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– Rotanti kwalifikanti (il-punt (d) tal-Artikolu 147(2) CRR flimkien mal-Artikolu 154(4) CRR). d. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– SMEs oħrajn; e. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur– mhux SMEs oħrajn.
a (F-IRB)	**Klassijiet tal-iskoperturi** Għal kull klassi tal-iskopertura elenkata fl-Artikolu 147(2) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw mudell separat, b'diżaggregazzjoni ulterjuri għall-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin: — fil-klassi tal-iskoperturi "skoperturi għal korporattivi" (il-punt (c) tal-Artikolu 147(2) CRR), diżaggregazzjoni fi: a. Skoperturi għal korporattivi– SMEs, skont il-klassifikazzjoni interna tal-iskoperturi għal korporattivi fuq il-bażi tal-politiki dwar il-ġestjoni tar-riskju; b. skoperturi għal korporazzjonijiet– self speċjalizzat, skont l-Artikolu 147(8) CRR; c. skoperturi għal korporattivi– oħrajn.
b	**Medda tal-PD** Din hija medda fissa tal-PDs li ma għandhiex tinbidel. L-iskoperturi għandhom jiġu allokati għal medda xierqa tal-medda fissa ta' PDs ibbażata fuq il-PD stmat fil-bidu tal-perjodu ta' divulgazzjoni għal kull obbligant assenjat għal din il-klassi tal-iskoperturi (minħajr ma jitqies l-ebda effett ta' sostituzzjoni minħabba s-CRM). L-iskoperturi inadempjenti kollha għandhom jiġu inklużi fit-taqsima li tirrappreżenta PD ta' 100 %.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
c, d	**Numru ta' obbliganti fi tmiem is-sena ta' qabel** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw iż-żewġ settijiet ta' informazzjoni li ġejjin: (i) in-numru ta' obbliganti fi tmiem is-sena preċedenti (il-kolonna C ta' dan il-mudell); Numru ta' obbliganti fi tmiem is-sena soġġetti għad-divulgazzjoni Fiż-żewġ każijiet, l-obbliganti kollha li jġorru obbligu ta' kreditu fil-mument rilevanti għandhom jiġu inklużi. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw in-numru ta' entitajiet ġuridiċi jew ta' obbliganti allokati għal kull medda tal-medda fissa ta' PDs sa tmiem is-sena ta' qabel, li ġew ikklassifikati separatament, irrispettivament min-numru ta' self jew ta' skoperturi differenti mogħtija. L-obbliganti konġunti għandhom jiġu ttrattati l-istess bħal għall-fini tal-kalibrar tal-PD. Meta skoperturi differenti għall-istess debitur ikunu kklassifikati separatament, għandhom jingħaddu separatament. Tali sitwazzjoni tista' sseħħ fil-klassi tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, meta d-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi applikata fil-livell ta' faċilità ta' kreditu individwali f'konformità mal-aħħar sentenza tal-Artikolu 178(1) CRR. Tali sitwazzjoni tista' sseħħ ukoll jekk skoperturi separati għall-istess obbligant jiġu assenjati fi gradi differenti ta' obbliganti f'konformità mat-tieni sentenza tal-punt (e) tal-Artikolu 172(1) CRR fi klassijiet tal-iskoperturi oħrajn. (ii) li minnhom in-numru ta' obbliganti li jsiru inadempjenti matul is-sena qabel id-data tad-divulgazzjoni (il-kolonna d ta' dan il-mudell) Dan għandu jkun subsett tal-kolonna C ta' dan il-mudell u jirrappreżenta n-numru ta' obbliganti li jkunu saru inadempjenti matul is-sena. L-inadempjenzi għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 178 CRR. Kull obbligant inadempjenti għandu jingħadd darba biss fin-numeratur u fid-denominatur tal-kalkolu tar-rata ta' inadempjenza ta' sena, anki jekk l-obbligant ikun sar inadempjenti aktar minn darba matul il-perjodu rilevanti ta' sena.
e	**Rata medja osservata ta' inadempjenza** Il-medja aritmetika tar-rati ta' inadempjenza ta' sena kif iddefiniti fil-punt (78) tal-Artikolu 4(1) CRR, osservata fis-sett tad-*data* disponibbli. Meta jikkalkolaw rati ta' inadempjenza ta' sena, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw dawn it-tnejn li ġejjin: (a) li d-denominatur jikkonsisti fin-numru ta' debituri mhux inadempjenti bi kwalunkwe obbligu ta' kreditu osservat fil-bidu tal-perjodu ta' osservazzjoni ta' sena (il-bidu tal-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti, jiġifieri l-bidu tas-sena qabel id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni); f'dan il-kuntest, obbligu ta' kreditu jirreferi għat-tnejn li ġejjin: (i) kwalunkwe entrata fil-karta bilanċjali, inkluż kwalunkwe ammont ta' kapital, ta' mgħax u ta' tariffi; (ii) kwalunkwe entrata li ma tidhirx fil-karta bilanċjali, inklużi garanziji maħruġa mill-istituzzjoni bħala garanti. (b) li n-numeratur jinkludi dawk l-obbliganti kollha kkunsidrati fid-denominatur li kellhom tal-anqas event ta' inadempjenza wieħed matul il-perjodu ta' osservazzjoni ta' sena (sena qabel id-data ta' referenza tad-divulgazzjoni). L-istituzzjonijiet għandhom jagħżlu approċċ xieraq bejn approċċ ibbażat fuq perjodi ta' żmien ta' sena li huma koinċidenti u approċċ ibbażat fuq perjodi ta' żmien ta' sena li mhumiex koinċidenti, sabiex jikkalkolaw ir-rata medja osservata ta' inadempjenza.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet
	Spjegazzjoni
f	**PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)** Il-PD medju ponderat skont l-iskopertura (%) bħal fil-kolonna f tal-mudell EU CR6; għall-iskoperturi kollha inklużi f'kull medda tal-medda fissa ta' PDs, l-istima tal-PD medju ta' kull obbligant, ponderata skont il-valur tal-iskopertura wara s-CCF u s-CRM bħal fil-kolonna e tal-Mudell EU CR6
g	**PD medju fid-data tad-divulgazzjoni (%)** Il-medja aritmetika tal-PD fil-bidu tal-perjodu ta' divulgazzjoni tal-obbliganti li jaqgħu fil-barmil tal-medda fissa tal-PDs u magħduda f'd (medja ponderata skont in-numru ta' debituri)
h	**Rata ta' inadempjenza annwali storika medja (%)** Il-medja sempliċi tar-rata ta' inadempjenza annwali ta' mill-inqas l-aktar ħames snin riċenti (debituri fil-bidu ta' kull sena li jsiru inadempjenti matul dik is-sena/in-numru totali ta' debituri fil-bidu is-sena) L-istituzzjoni tista' tuża perjodu storiku itwal li jkun konsistenti mal-prattiki attwali ta' ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni. Jekk l-istituzzjoni tuża perjodu storiku itwal, għandha tispjega u tiċċara dan fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell.

Mudell EU CR9.1 – Approċċ IRB– Ittestjar retrospettiv tal-PD għal kull klassi tal-iskoperturi (għall-istimi tal-PD biss f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 180(1) CRR

15. Minbarra l-Mudell EU CR9, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni fil-Mudell EU CR9.1 fil-każ meta japplikaw il-punt (f) tal-Artikolu 180(1) CRR għall-istima tal-PD u biss għall-istimi tal-PD f'konformità mal-istess Artikolu. L-istruzzjonijiet huma l-istess bħal fil-Mudell EU CR9, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

    a. Fil-kolonna b ta' dan il-mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-meded tal-PD f'konformità mal-gradi interni tagħhom li jimmappjaw għall-iskala użata mill-ECAI esterna, minflok medda esterna fissa tal-PD;

    b. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw kolonna waħda għal kull ECAI meqjusa skont il-punt (f) tal-Artikolu 180(1) CRR. F'dawn il-kolonni, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu l-klassifikazzjoni esterna li għaliha jiġu mmappjati l-meded interni tagħhom tal-PD.

ANNESS XXIII

Mudell EU CR10 — Skoperturi ta' self speċjalizzat u ta' ekwità skont l-approċċ sempliċi ponderat għar-riskju

Mudell EU CR10.1

Self Speċjalizzat: Finanzjament ta' proġetti (Approċċ ta' slotting)

Kategoriji regolatorji	**Maturità li jifdal**	**Skopertura fil-karta tal-bilanċ**	**Skopertura barra l-karta tal-bilanċ**	**Ponderazzjoni tar-riskju**	**Valur tal-iskopertura**	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju**	**Ammonti ta' telf mistenni**
		a	b	c	d	e	f
Kategorija 1	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			50 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			70 %			
Kategorija 2	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			70 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			90 %			
Kategorija 3	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			115 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			115 %			
Kategorija 4	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			250 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			250 %			
Kategorija 5	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			—			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			—			
Total	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)						
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar						

Mudell EU CR10.2

Self speċjalizzat: Proprjetà immobbli li tipproduċi dħul u proprjetà immobbli kummerċjali b'volatilità għolja (Approċċ ta' slotting)

Kategoriji regolatorji	**Maturità li jifdal**	**Skopertura fil-karta tal-bilanċ**	**Skopertura barra l-karta tal-bilanċ**	**Ponderazzjoni tar-riskju**	**Valur tal-iskopertura**	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju**	**Ammonti ta' telf mistenni**
		a	b	c	d	e	f
Kategorija 1	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			50 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			70 %			
Kategorija 2	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			70 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			90 %			
Kategorija 3	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			115 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			115 %			
Kategorija 4	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			250 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			250 %			
Kategorija 5	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			—			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			—			
Total	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)						
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar						

Mudell EU CR10.3

Self speċjalizzat: Finanzjament ta' oġġetti (Approċċ ta' slotting)

Kategoriji regolatorji	**Maturità li jifdal**	**Skopertura fil-karta tal-bilanċ**	**Skopertura barra l-karta tal-bilanċ**	**Ponderazzjoni tar-riskju**	**Valur tal-iskopertura**	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju**	**Ammonti ta' telf mistenni**
		a	b	c	d	e	f
Kategorija 1	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			50 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			70 %			
Kategorija 2	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			70 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			90 %			
Kategorija 3	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			115 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			115 %			
Kategorija 4	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			250 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			250 %			
Kategorija 5	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			—			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			—			
Total	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)						
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar						

Mudell EU CR10.4

Self speċjalizzat: Finanzjament tal-komoditajiet (Approċċ ta' Slotting)

Kategoriji regolatorji	Maturità li jifdal	Skopertura fil-karta tal-bilanċ	Skopertura barra l-karta tal-bilanċ	Ponderazzjoni tar-riskju	Valur tal-iskopertura	Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju	Ammonti ta' telf mistenni
		a	b	c	d	e	f
Kategorija 1	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			50 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			70 %			
Kategorija 2	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			70 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			90 %			
Kategorija 3	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			115 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			115 %			
Kategorija 4	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			250 %			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			250 %			
Kategorija 5	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)			—			
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar			—			
Total	Inqas minn sentejn u nofs (2,5)						
	Daqs sentejn u nofs (2,5) jew aktar						

Mudell EU CR10.5

Skoperturi tal-ekwità skont l-approċċ sempliċi ponderat għar-riskju

Kategoriji	Skopertura fil-karta tal-bilanċ	Skopertura barra l-karta tal-bilanċ	Ponderazzjoni tar-riskju	Valur tal-iskopertura	Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju	Ammonti ta' telf mistenni
	a	b	c	d	e	f
Skoperturi ta' ekwità privata			190 %			
Skoperturi ta' ekwità nnegozjati f'kambju			290 %			
Skoperturi oħra ta' ekwità			370 %			
Total						

ANNESS XXIV

Divulgazzjoni ta' skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self u ta' ekwità skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji

Mudell EU CR10 – Skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self u ta' ekwità skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji. Mudell fiss.

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 438 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CR10 li huwa ppreżentat fl-Anness XXIII ta' dan ir-Regolament ta Implimentazzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw:

   a. informazzjoni dwar it-tipi li ġejjin ta' skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self imsemmija fit-Tabella 1 tal-Artikolu 153(5):

      — "Finanzjament tal-proġetti" fil-Mudell EU CR10.1;

      — "Proprjetà immobbli li tipproduċi l-introjtu u proprjetà immobbli kummerċjali b'volatilità għolja" fil-Mudell EU CR10.2;

      — "Finanzjament tal-oġġetti" fil-Mudell EU CR10.3;

      — "Finanzjament tal-komoditajiet" fil-Mudell EU CR 10.4;

   b. informazzjoni dwar l-iskoperturi ta' ekwità skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji fil-Mudell EU CR10.5.

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
a	**Skoperturi fil-karta bilanċjali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur tal-iskoperturi fil-karta bilanċjali f'konformità mal-Artikolu 166 minn (1) sa (7) u mal-Artikolu 167(1) CRR.
b	**Skoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valur tal-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali f'konformità mal-Artikoli 166 u 167(2) CRR minħajr ma jqisu l-ebda fattur ta' konverżjoni speċifikat fl-Artikolu 166(8) jew (9) CRR, jew kull perċentwal speċifikat fl-Artikolu 166(10) CRR. L-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali għandhom jinkludu l-ammonti kollha impenjati iżda mhux prelevati u l-entrati kollha li ma jidhrux fil-karta bilanċjali, kif elenkati fl-Anness I CRR.
c	**Piż tar-riskju** Din hija kolonna fissa. Ma għandhiex tinbidel. Din il-kolonna ġiet speċifikata f'konformità mal-Artikolu 153(5) CRR għall-Mudelli minn EU CR10.1 sa EU CR10.4 u f'konformità mal-Artikolu 155(2) CRR għall-Mudell EU CR10.5.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenza tal-kolonna	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
d	**Valur tal-iskopertura** Valur tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 166 jew mal-Artikolu 167 CRR Din il-kolonna għandha tinkludi s-somma tal-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi fil-karta bilanċjali u l-valur tal-iskoperturi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali wara l-fatturi ta' konverżjoni u l-perċentwali f'konformità mal-Artikolu 166 minn (8) sa (10) CRR.
e (il-Mudelli minn EU CR10.1 sa EU CR10.4)	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju (skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self skont l-approċċ ta' klassifikar prudenzjali)** L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 153(5) CRR, wara l-fatturi ta' sostenn f'konformità mal-Artikoli 501 u 501a CRR, fejn rilevanti
e (il-Mudell EU CR10.5)	**Ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju (skoperturi ta' ekwità skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji)** L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 155(2) CRR
f (il-Mudelli minn EU-CR10.1 sa EU-CR10.4)	**Ammont ta' telf mistenni (skoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self skont l-approċċ ta' klassifikar prudenzjali)** Ammont ta' telf mistenni kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 158(6) CRR
f (il-Mudell EU CR10.5)	**Ammont ta' telf mistenni (skoperturi ta' ekwità skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji)** Ammont ta' telf mistenni kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 158(7) CRR

Numru tar-ringiela	Referenzi legali u struzzjonijiet Spjegazzjoni
Kategorija regolatorja	**Mudelli EU CR10.1 – EU CR10.4** Kategoriji regolatorji applikabbli għal self speċjalizzat skont l-approċċ ta' klassifikar prudenzjali għal kull klassi tal-iskoperturi speċjalizzati ta' għoti ta' self; kif speċifikat fl-Artikolu 153(5) CRR u fl-abbozz finali tal-RTS dwar l-approċċ ta' klassifikar prudenzjali
Kategoriji	**Mudell EU CR10.5** Kategoriji regolatorji applikabbli għall-ekwitajiet skont l-approċċ sempliċi ta' ponderazzjoni tar-riskji f'konformità mal-Artikolu 155(2) CRR

Tabella EU CCRA – Divulgazzjoni kwalitattiva relatata ma' CCR

		Divulgazzjoni f'format flessibbli
(a)	**Artikolu 439(a) CRR** Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata biex jiġu assenjati limiti interni tal-kapital u l-kreditu għall-iskoperturi ta' kreditu tal-kontroparti, inklużi l-metodi biex dawk il-limitijiġu assenjati lil skoperturi għal kontropartijiet ċentrali	
(b)	**Artikolu 439(b) CRR** Deskrizzjoni tal-politiki relatati ma' garanziji u mitiganti oħra tar-riskju ta' kreditu, bħall-politiki għall-iżgurar tal-kollateral u l-istabbiliment tar-riżervi tal-kreditu	
(c)	**Artikolu 439(c) CRR** Deskrizzjoni tal-politiki fir-rigward tar-Riskju ta' Korrelazzjoni Ħażina kif definiti fl-Artikolu 291 tas-CRR	
(d)	**Artikolu 431(3) u (4) CRR** Kwalunkwe objettiv ieħor għall-immaniġġjar tar-riskju u politiki rilevanti relatati mas-CCR	
(e)	**Artikolu 439(d) CRR** L-ammont ta' kollateral li l-istituzzjoni trid tipprovdi jekk il-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha tkun degradata	

Mudell EU CCR1 – Analiżi tal-iskopertura għas-CCR skont l-approċċ

Format fiss

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Kost tas-sostituzzjoni (RC)	Skopertura potenzjali futura (PFE)	EEPE	Alfa użata għall-komputazzjoni tal-valur tal-iskoperturi regolatorji	Valur tal-iskopertura qabel is-CRM	Valur tal-iskopertura wara s-CRM	Valur tal-iskopertura	RWEA
EU-1	UE - Metodu ta' Skopertura Oriġinali (għad-derivattivi)				1,4				
EU-2	UE - SA-CCR issimplifikat (għad-derivattivi)				1,4				
1	SA-CRR (għad-derivattivi)				1,4				
2	IMM (għad-derivattivi u l-SFTs)								
2a	*Li minnu settijiet tan-netting ta' tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli*								
2b	*Li minnu derivattivi u settijiet tan-netting ta' tranżazzjonijiet ta' saldu twil*								
2c	*Li minnu settijiet tan-netting kuntrattwali bejn prodotti differenti*								
3	Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju (għall-SFTs)								
4	Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju (għall-SFTs)								
5	VaR għall-SFTs								
6	**Total**								

Mudell EU CCR2 – Tranżazzjonijiet soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji minħabba r-riskju ta' CVA

Format fiss

		a	b
		Valur tal-iskopertura	RWEA
1	Tranżazzjonijiet totali soġġetti għall-Metodu Avvanzat		
2	(i) il-komponent VaR (inkluż il-multiplikatur ta' 3×)		
3	(ii) il-komponent VaR taħt stress (inkluż il-multiplikatur ta' 3×)		
4	Tranżazzjonijiet soġġetti għall-Metodu Standardizzat		
EU-4	Tranżazzjonijiet soġġetti għall-Approċċ Alternattiv (Ibbażat fuq il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali)		
5	**Total ta' tranżazzjonijiet soġġetti għaI rekwiżiti ta' fondi proprji minħabba r-riskju ta' CVA**		

Mudell EU CCR3 – Approċċ standardizzat – L-iskoperturi għas-CCR skont il-klassi tal-iskoperturi regolatorja u l-piżijiet tar-riskju

Format fiss

	Klassijiet tal-iskoperturi	Piż tar-riskju											
		a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l
		0 %	2 %	4 %	10 %	20 %	50 %	70 %	75 %	100 %	150 %	Oħrajn	Valur tal-iskoperturi totali
1	Gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali												
2	Gvern reġjonali jew awtoritajiet lokali												
3	Entitajiet tas-settur pubbliku												
4	Banek multilaterali tal-iżvilupp												
5	Organizzazzjonijiet internazzjonali												
6	Istituzzjonijiet												
7	Korporattivi												
8	Bejgħ bl-imnut												
9	Istituzzjonijiet u korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir												
10	Affarijiet oħrajn												
11	**Valur tal-iskoperturi totali**												

Mudell EU CCR4 – Approċċ IRB – Skoperturi għas-CCR skont il-klassi tal-iskoperturi u l-iskala tal-PD

Format fiss

			a	b	c	d	e	f	g
		Skala tal-PD	Valur tal-iskopertura	PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Għadd ta' debituri	LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%)	Maturità medja ponderata skont l-iskopertura (snin)	RWEA	Densità tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju
1 … x	Klassi tal-iskoperturi X								
1		0,00 sa < 0,15							
2		0,15 sa < 0,25							
3		0,25 sa < 0,50							
4		0,50 sa < 0,75							
5		0,75 sa < 2,50							
6		2,50 sa < 10,00							
7		10,00 sa < 100,00							
8		100,00 (Inadempjenza)							
x		Subtotal (Klassi tal-iskoperturi X)							
y	**Total (il-klassijiet kollha tal-iskoperturi rilevanti għas-CCR)**								

Mudell EU CCR5 – Il-Kompożizzjoni tal-kollateral għall-iskoperturi għas-CCR

Kolonni fissi

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Kollateral użat fi tranżazzjonijiet derivattivi				Kollateral użat f'SFTs			
	Tip ta' kollateral	Valur ġust tal-kollateral riċevut		Valur ġust tal-kollateral depożitat		Valur ġust tal-kollateral riċevut		Valur ġust tal-kollateral depożitat	
		Segregat	Mhux segregat	Segregat	Mhux segregat	Segregat	Mhux segregat	Segregat	Mhux segregat
1	Flus - munita domestika								
2	Flus - muniti oħrajn								
3	Dejn sovran domestiku								
4	Dejn sovran ieħor								
5	Dejn tal-aġenzija tal-gvern								
6	Bonds korporattivi								
7	Titoli ta' ekwità								
8	Kollateral ieħor								
9	**Total**								

Mudell EU CCR6 - Derivattivi ta' kreditu għall-iskoperturi

Fissi

		a	b
		Protezzjoni mixtrija	Protezzjoni mibjugħa
Ammont Nozzjonali			
1	Swaps ta' inadempjenza ta' kreditu taħt isem wieħed		
2	Swaps ta' inadempjenza ta' kreditu tal-indiċi		
3	Swaps tar-redditu totali		
4	Opzjonijiet ta' kreditu		
5	Derivattivi ta' kreditu oħrajn		
6	**Ammont nozzjonali totali**		
Valuri ġusti			
7	Valur ġust pożittiv (assi)		
8	Valur ġust negattiv (obbligazzjoni)		

Mudell EU CCR7 - Rapporti tal-flussi tar-RWEA tal-iskoperturi għas-CCR skont l-IMM

Format fiss

		a
		RWEA
1	**RWEA fi tmiem il-perjodu ta' rapportar preċedenti**	
2	Daqs tal-assi	
3	Kwalità tal-kreditu tal-kontropartijiet	
4	Aġġornamenti tal-formoli (IMM biss)	
5	Metodoloġija u politika (IMM biss)	
6	Akkwiżizzjonijiet u disponimenti	
7	Ċaqliq fir-rata tal-kambju	
8	Oħrajn	
9	**RWEA fi tmiem il-perjodu ta' rapportar preċedenti**	

Mudell EU CCR8 — Skoperturi għas-CCPs

Format fiss

		a	b
		Valur tal-iskopertura	RWEA
1	**Skoperturi għall-QCCPs (total)**		
2	Skoperturi għan-negozjar fi QCCPs (eskluży l-marġni inizjali u l-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza); li minnhom		
3	(i) derivattivi OTC		
4	(ii) derivattivi nnegozjati fil-borża		
5	(iii) SFTs		
6	(iv) Settijiet tan-netting fejn netting bejn prodotti differenti jkun ġie approvat		
7	Marġni inizjali segregat		
8	Marġni inizjali mhux segregat		
9	Kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza prefinanzjati		
10	Kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza mhux iffinanzjati		
11	**Skoperturi mhux għal QCCPs (total)**		
12	Skoperturi għal negozjar mhux f'livell ta' QCCPs (eskluży l-marġni inizjali u l-kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza); li minnhom		
13	(i) derivattivi OTC		
14	(ii) derivattivi nnegozjati fil-borża		

		a	b
		Valur tal-iskopertura	RWEA
15	(iii) SFTs		
16	(iv) Settijiet tan-netting fejn netting bejn prodotti differenti jkun ġie approvat		
17	Marġni inizjali segregat		
18	Marġni inizjali mhux segregat		
19	Kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza prefinanzjati		
20	Kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza mhux iffinanzjati		

ANNESS XXVI

Tabelli u mudelli ta' divulgazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti: Struzzjonijiet

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 439 CRR rigward l-iskopertura tagħhom għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif imsemmi fil-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabelli u l-mudelli li huma ppreżentati fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Tabella EU CCRA - Divulgazzjoni kwalitattiva relatata mar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti (counterparty credit risk, CCR): Kaxxi tat-test b'format liberu

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-Artikolu 439 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU CCRA li hija ppreżentata fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	Meta tiddikjara l-informazzjoni meħtieġa fil-punt (a) tal-Artikolu 439 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-metodoloġija użata sabiex jassenjaw il-limiti interni ta' kapital u ta' kreditu għall-iskoperturi ta' kreditu tal-kontroparti, inklużi l-metodi sabiex jassenjaw dawk il-limiti għall-iskoperturi lil kontropartijiet ċentrali.
(b)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni meħtieġa fil-punt (b) tal-Artikolu 439 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-politiki relatati mal-garanziji u ma' mitiganti oħrajn tar-riskju ta' kreditu, bħall-politiki għall-kopertura tal-kollateral u għall-istabbiliment tar-riżervi ta' kreditu.
(c)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni meħtieġa fil-punt (c) tal-Artikolu 439 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-politiki fir-rigward tar-riskju ta' Korrelazzjoni Ħażina kif iddefinit fl-Artikolu 291 CRR.
(d)	F'konformità mal-Artikolu 431(3) u (4) CRR l-istituzzjonijiet għandhom jikkomplementaw l-informazzjoni ta' hawn fuq bi kwalunkwe objettiv ieħor ta' ġestjoni tar-riskju u bil-politiki rilevanti relatati mas-CCR.
(e)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni meħtieġa fil-punt (d) tal-Artikolu 439 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-ammont ta' kollateral li l-istituzzjonijiet ikollhom jipprovdu li kieku l-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħhom tnaqqset. Meta l-bank ċentrali ta' Stat Membru jagħti assistenza ta' likwidità fil-forma ta' tranżazzjonijiet ta' swaps kollaterali, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lill-istituzzjonijiet milli jipprovdu din l-informazzjoni meta tqis li d-divulgazzjoni tal-informazzjoni msemmija fiha tista' tiżvela l-għoti ta' assistenza ta' likwidità f'emerġenza. Għal dawn il-finijiet, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limiti xierqa u kriterji oġġettivi.

Mudell EU CCR1 - Analiżi tal-iskopertura għas-CCR skont l-approċċ: Format fiss

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (f), (g) u (k) tal-Artikolu 439 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR1 li huwa ppreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

4. Dan il-mudell jeskludi r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA (it-Titolu VI tal-Parti Tlieta tas-CRR) u l-iskoperturi għal kontroparti ċentrali (it-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR) kif iddefiniti għall-fini tal-Mudell EU CCR8. Għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, dan jinkludi l-valuri tal-iskopertura qabel u wara l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu kif iddeterminat skont il-metodi stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, skont liema metodu jintuża, f'konformità mal-Artikolu 439(g) CRR, u l-ammonti tal-iskopertura għar-riskju assoċjati diżaggregati skont il-metodu applikabbli.

5. L-istituzzjonijiet li jużaw il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet minn 4 sa 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għandhom jindikaw, fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell, id-daqs tan-negozju tad-derivattivi fil-karta bilanċjali u li ma jidhirx fil-karta bilanċjali tagħhom kif ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 273a(1) jew (2) CRR, kif ikun applikabbli, b'applikazzjoni tal-punt (m) tal-Artikolu 439 CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-1	**Metodu ta' Skopertura Oriġinali (għad-derivattivi)** Derivattivi u tranżazzjonijiet ta' saldu twil li għalihom l-istituzzjonijiet għażlu li jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura bħala alfa*(RC+PFE) b'α=1,4, b'RC u b'PFE kkomputati f'konformità mal-Artikolu 282 tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR Dan il-metodu ssimplifikat għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet tad-derivattivi jista' jintuża biss mill-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(2) jew (4) tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
EU-2	**Approċċ Standardizzat Simplifikat għas-CCR (SA-CCR simplifikat għad-derivattivi)** Derivattivi u tranżazzjonijiet ta' saldu twil li għalihom l-istituzzjonijiet għażlu li jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura bħala alfa*(RC+PFE) b'α=1.4, b'RC u b'PFE kkomputati f'konformità mal-Artikolu 281 tat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR Dan l-approċċ standardizzat simplifikat għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet tad-derivattivi jista' jintuża biss mill-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(1) jew (4) tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
1	**Approċċ Standardizzat għas-CCR (SA-CCR għad-derivattivi)** Derivattivi u tranżazzjonijiet ta' saldu twil li għalihom l-istituzzjonijiet għażlu li jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura bħala alfa*(RC+PFE) b'α=1.4, b'RC u b'PFE kkomputati f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
2	**IMM (għad-derivattivi u għall-SFTs)** Derivattivi u tranżazzjonijiet ta' saldu twil u SFTs li għalihom l-istituzzjonijiet tħallew jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura billi jużaw il-Metodu tal-Mudell Intern (Internal Model Method, IMM) f'konformità mat-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
EU-2a	**Li minnhom settijiet ta' netting ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli** Settijiet ta' netting li fihom SFTs biss, kif iddefiniti fil-punt (139) tal-Artikolu 4(1) CRR, li għalihom l-istituzzjonijiet tħallew jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura billi jużaw l-IMM

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU-2b	**Li minnhom settijiet ta' netting ta' derivattivi u ta' tranżazzjonijiet ta' saldu twil** Settijiet ta' netting li fihom biss strumenti derivattivi elenkati fl-Anness II CRR u tranżazzjonijiet ta' saldu twil kif iddefiniti fil-punt (2) tal-Artikolu 272 CRR, li għalihom l-istituzzjonijiet tħallew jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura billi jużaw l-IMM
EU-2c	**Li minnhom minn settijiet ta' netting kuntrattwali bejn prodotti differenti** Settijiet ta' netting li fihom tranżazzjonijiet ta' kategoriji ta' prodotti differenti (il-punt (11) tal-Artikolu 272 CRR), jiġifieri derivattivi u SFTs li għalihom jeżisti ftehim ta' netting kuntrattwali bejn prodotti differenti kif iddefinit fil-punt (25) tal-Artikolu 272 CRR u li għalihom l-istituzzjonijiet tħallew jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura billi jużaw l-IMM
3, 4	**Metodu ssimplifikat tal-kollateral finanzjarju (għal SFTs) u Metodu komprensiv tal-kollateral finanzjarju (għal SFTs)** Tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet u tranżazzjonijiet mutwanti b'marġni li għalihom l-istituzzjonijiet għażlu li jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura f'konformità mal-Artikoli 222 u 223 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, għall-kuntrarju tal-Artikolu 271(2) tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
5	**VaR għall-SFTs** Tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, tranżazzjonijiet mutwanti b'marġni, jew tranżazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali għajr tranżazzjonijiet ta' derivattivi li għalihom (f'konformità mal-Artikolu 221 CRR) il-valur tal-iskopertura jiġi kkalkolat bl-użu ta' approċċ tal-mudell intern (IMA) li jqis l-effetti tal-korrelazzjoni bejn il-pożizzjonijiet tat-titoli soġġetti għall-ftehim prinċipali ta' netting, kif ukoll il-likwidità tal-istrumenti kkonċernati
6	**Total**
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a, b	**Spiża ta' sostituzzjoni (RC) u Skopertura futura potenzjali (PFE)** L-RC u l-PFE għandhom jiġu kkalkolati: — f'konformità mal-Artikolu 282(3) u (4) tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għall-Metodu ta' Skopertura Oriġinali (ir-ringiela EU-1 ta' dan il-mudell), — f'konformità mal-Artikolu 281 tat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għas-SA-CCR Simplifikat (ir-ringiela EU-2 ta' dan il-mudell), — f'konformità mal-Artikoli 275 u 278 tat-Taqsimiet 4 u 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għas-SA-CCR (ir-ringiela 1 ta' dan il-mudell) L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw is-somma tal-ispejjeż ta' sostituzzjoni għas-settijiet ta' netting kollha fir-ringieli korrispondenti.

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
c	**Skopertura pożittiva effettiva mistennija (EEPE)** L-EEPE għal kull sett ta' netting hija ddefinita fil-punt (22) tal-Artikolu 272 CRR u għandha tiġi kkalkolata f'konformità mal-Artikolu 284(6) CRR. L-EEPE li għandha tiġi ddikjarata hawn għandha tkun dik applikata għad-determinazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 284(3) CRR, jiġifieri jew l-EEPE kkalkolata bl-użu ta' *data* tas-suq kurrenti, jew l-EEPE kkalkolata bl-użu ta' kalibrar tal-istress, skont liema jwassal għal rekwiżit ta' fondi proprji ogħla. L-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw fin-narrattiva li takkumpanja dan il-mudell liema EEPE tkun iddaħħlet.
d	**Alfa użata għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura regolatorja** Il-valur ta' α huwa stabbilit għal 1,4 fir-ringieli EU-1, EU-2 u 1 ta' dan il-mudell f'konformità mal-Artikoli 282(2), 281(1) u 274(2) CRR Għall-finijiet tal-IMM, Il-valur ta' α jista' jkun jew l-inadempjenza ta' 1,4 jew differenti meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikjedu α ogħla f'konformità mal-Artikolu 284(4) CRR jew jippermetti lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi proprji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 284(9) tat-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tliet tas-CRR.
e	**Valur tal-iskopertura qabel is-CRM** Il-valur tal-iskopertura qabel is-CRM għan-negozju tas-CCR għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-metodi stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR filwaqt li jitqies l-effett tal-kalkolu tan-netting, iżda tiġi injorata kwalunkwe teknika oħra ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu (pereż. permezz ta' kollateral b'marġni). Fil-każ ta' SFTs, il-komponent tat-titolu ma għandux jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura ta' qabel is-CRM meta jiġi riċevut il-kollateral u, għalhekk, ma għandux inaqqas il-valur tal-iskopertura. Għall-kuntrarju, il-komponent tat-titolu tal-SFTs għandu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura ta' qabel is-CRM bil-mod regolari meta jiġi ddepożitat il-kollateral. Barra minn hekk, negozju kollateralizzat għandu jiġi ttrattat bħala mhux kollateralizzat, jiġifieri ma japplika l-ebda effett ta' marġinazzjoni. Għal tranżazzjonijiet li fihom ikun ġie identifikat riskju ta' korrelazzjoni ħażina speċifiku, il-valur tal-iskopertura qabel is-CRM irid jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 291 CRR. Il-valur tal-iskopertura qabel is-CRM ma għandux jikkunsidra t-tnaqqis tat-telf ta' CVA imġarrab f'konformità mal-Artikolu 273(6) CRR. L-istituzzjoni għandha tiddikjara s-somma tal-valuri kollha tal-iskopertura qabel is-CRM fir-ringiela rispettiva.
f	**Valur tal-iskopertura (wara s-CRM)** Il-valur tal-iskopertura wara s-CRM għan-negozju tas-CRM għandu jiġi kkalkolat f'konformità mal-metodi stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, wara li jiġu applikati t-tekniki tas-CRM kif applikabbli f'konformità mal-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR Għal tranżazzjonijiet li fihom ikun ġie identifikat riskju ta' korrelazzjoni ħażina speċifiku, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 291 CRR. F'konformità mal-Artikolu 273(6) CRR, it-telf ta' CVA imġarrab ma għandux jitnaqqas mill-valur tal-iskopertura wara s-CRM. L-istituzzjoni għandha tirrapporta s-somma tal-valuri kollha tal-iskopertura wara s-CRM fir-ringiela rispettiva.

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
g	**Valur tal-iskopertura** Il-valur tal-iskopertura għan-negozju tas-CCR ikkalkolat f'konformità mal-metodi stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, li huwa l-ammont rilevanti għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji, jiġifieri wara li jiġu applikati t-tekniki tas-CRM kif applikabbli f'konformità mal-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u b'kunsiderazzjoni tat-tnaqqis tat-telf imġarrab ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 273(6) CRR Il-valur tal-iskopertura għal tranżazzjonijiet li fihom ikun ġie identifikat riskju ta' korrelazzjoni ħażina speċifiku għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 291 CRR. Għal każijiet li fihom jintuża aktar minn approċċ wieħed tas-CCR għal kontroparti waħda, it-telf imġarrab ta' CVA, li jitnaqqas fil-livell tal-kontroparti, għandu jiġi assenjat għall-valur tal-iskopertura tas-settijiet ta' netting differenti f'kull approċċ tas-CCR li jirrifletti l-proporzjon tal-valur tal-iskopertura wara s-CRM tas-settijiet ta' netting rispettivi għall-valur tal-iskopertura totali wara s-CRM tal-kontroparti. L-istituzzjoni għandha tirrapporta s-somma tal-valuri kollha tal-iskopertura wara s-CRM fir-ringiela rispettiva.
h	**RWEA** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju kif iddefiniti fl-Artikolu 92(3) u (4) CRR ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 107 CRR, għall-elementi li l-piżijiet tar-riskju tagħhom huma stmati fuq il-bażi tar-rekwiżiti fil-Kapitoli 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u li għalihom il-valur tal-iskopertura għan-negozju tas-CCR huwa kkalkolat f'konformità mal-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR

Mudell EU CCR2 – Tranżazzjonijiet soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA: Format fiss

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 439 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR2 li huwa ppreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

7. Dan il-mudell għandu jimtela b'informazzjoni dwar is-CVA regolatorju għat-tranżazzjonijiet kollha soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA (it-Titolu VI tal-Parti Tlieta tas-CRR).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Tranżazzjonijiet totali soġġetti għall-Metodu avvanzat** Tranżazzjonijiet soġġetti għall-metodu avvanzat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 383 CRR
2	**Komponent tal-VaR (inkluż il-moltiplikatur ta' 3×)** Tranżazzjonijiet soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA li għalihom jinkisbu l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju permezz tal-formula fl-Artikolu 383 CRR, bl-użu ta' kalkolu tal-VaR ibbażat fuq mudelli interni għar-riskju tas-suq (b'kalibrazzjonijiet kurrenti tal-parametri għall-iskopertura mistennija kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 292(2) CRR). Il-kalkolu għandu jinkludi l-użu ta' moltiplikatur li jkun tal-anqas 3 (stabbilit mis-superviżur).
3	**Komponent tal-VaR taħt stress (inkluż il-moltiplikatur ta' 3×)** Tranżazzjonijiet soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA li għalihom jinkisbu l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju permezz tal-formula fl-Artikolu 383 CRR bl-użu ta' kalkolu tal-VaR taħt stress ibbażat fuq mudelli interni għar-riskju tas-suq (b'parametri taħt stress għall-kalibrar tal-formula kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 292(2) CRR). Il-kalkolu għandu jinkludi l-użu ta' moltiplikatur li jkun tal-anqas 3 (stabbilit mis-superviżur).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
4	**Tranżazzjonijiet soġġetti għall-Metodu standardizzat** Tranżazzjonijiet soġġetti għall-metodu standardizzat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 384 CRR
EU-4	**Tranżazzjonijiet soġġetti għall-Approċċ alternattiv (Ibbażat fuq il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali)** Tranżazzjonijiet soġġetti għall-approċċ alternattiv għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 385 CRR
5	**Tranżazzjonijiet totali soġġetti għal rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA**
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Valur tal-iskopertura** Valur tal-iskopertura li jiġi ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR (jew fil-każ ta' tranżazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 271(2) CRR, f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR) għal tranżazzjonijiet li huma fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Titolu VI tal-Parti Tlieta tas-CRR Il-valur tal-iskopertura għandu jkun il-valur użat fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA b'kunsiderazzjoni tal-effetti ta' mitigazzjoni f'konformità mat-Titolu VI tal-Parti Tlieta tas-CRR. Għal tranżazzjonijiet ittrattati skont il-Metodu ta' Skopertura Oriġinali (approċċ alternattiv), il-valur tal-iskopertura għandu jkun il-valur li ntuża għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju.
b	**RWEA** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 438 u mal-punt (d) tal-Artikolu 92(3) CRR, jiġifieri r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA ikkalkolati permezz tal-metodu magħżul immoltiplikati b'12,5 f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR

Mudell EU CCR3 - Approċċ standardizzat – Skoperturi tas-CCR skont il-klassi tal-iskopertura regolatorja u l-piżijiet tar-riskju: Format fiss

8. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 444 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR3 li huwa ppreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

9. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu sabiex jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju (esklużi dawk derivattivi mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA u għall-iskoperturi kklirjati permezz ta' CCP) għall-iskoperturi għas-CCRs kollha tagħhom jew għal parti minnhom f'konformità mal-Artikolu 107 CRR, irrispettivament mill-approċċ tas-CCR użat sabiex jiġu ddeterminati l-valuri tal-iskopertura f'konformità mal-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, għandha tiddikjara l-informazzjoni li ġejja.

10. Jekk istituzzjoni tqis li l-informazzjoni mitluba f'dan il-mudell ma tkunx sinifikanti minħabba li l-ammonti tal-iskopertura u tal-iskopertura ponderata għar-riskju mhumiex materjali, l-istituzzjoni tista' tagħżel li ma tiddikjarax il-mudell. Madankollu, l-istituzzjoni hija meħtieġa tispjega f'kummentarju narattiv għaliex tqis li l-informazzjoni ma tkunx sinifikattiva, inkluża deskrizzjoni tal-iskoperturi fil-portafolli kkonċernati u t-total aggregat tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju minn tali skoperturi.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1-9	**Klassijiet tal-iskoperturi** Dawn ir-ringieli jirreferu għall-klassijiet tal-iskoperturi regolatorji kif iddefiniti fl-Artikolu minn 112 sa 134 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR. F'kull linja, għandhom jiġu ddikjarati l-valuri tal-iskopertura korrispondenti (ara d-definizzjoni pprovduta fil-kolonna g tal-Mudell EU CCR1).
10	**Entrati oħrajn** Din tirreferi għal assi soġġetti għal piż tar-riskju speċifiku stabbilit fl-Artikolu 134 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR u xi entrata oħra mhux koperta fir-ringieli minn 1 sa 9 ta' dan il-mudell. Din tirreferi wkoll għal assi mhux imnaqqsa b'applikazzjoni tal-Artikolu 39 CRR (pagamenti eċċessivi ta' taxxa, riport lura ta' telf ta' taxxa u assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profittabilità futura), tal-Artikolu 41 CRR (assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċji definiti), tal-Artikolu 46 u tal-Artikolu 469 CRR (investimenti mhux sinifikanti f'CET1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju), tal-Artikolu 49 u tal-Artikolu 471 CRR (parteċipazzjonijiet f'entitajiet tal-assigurazzjoni kemm jekk l-entitajiet tal-assigurazzjoni jkunu taħt superviżjoni skont id-direttiva dwar il-konglomerati kif ukoll jekk le), tal-Artikolu 60 u l-Artikolu 475 CRR (investimenti diretti, indiretti u mhux sinifikanti u sinifikanti f'AT1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju), tal-Artikolu 70 u tal-Artikolu 477 CRR (parteċipazzjonijiet indiretti u sintetiċi insinifikanti u sinifikanti ta' T2 minn entità tas-settur finanzjarju) meta ma jkunux allokati għal klassijiet tal-iskoperturi oħrajn, u għal parteċipazzjonijiet kwalifikanti barra mis-settur finanzjarju meta ma jkunux ponderati b'1 250 % għar-riskju b'applikazzjoni tal-punt (k) tal-Artikolu 36 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu I tal-Parti Tnejn tas-CRR.
11	**Valur tal-iskopertura totali**
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a-k	Dawn il-kolonni jirreferu għall-istadji tal-kwalità/għall-piżijiet tar-riskju ta' kreditu kif stabbiliti fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR li għalihom għandhom jiġu ddikjarati l-valuri tal-iskopertura korrispondenti (ara d-definizzjoni pprovduta fil-kolonna g tal-Mudell EU CCR1).
(l)	**Valur tal-iskopertura totali**

Mudell EU CCR4 - Approċċ IRB – Skoperturi għas-CCR skont il-klassi tal-iskopertura u l-iskala tal-PD: Format fiss

11. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 452 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR4 li huwa ppreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

12. L-istituzzjonijiet li jużaw jew l-approċċ IRB avvanzat jew ta' fondazzjoni sabiex jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju (eskluż dawk derivattivi mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA u għall-iskoperturi kklirjati permezz ta' CCP) għall-iskoperturi għas-CCRs kollha tagħhom jew għal parti minnhom f'konformità mal-Artikolu 107 CRR, irrispettivament mill-approċċ tas-CCR użat sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-iskopertura f'konformità mal-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, għandha tiddikjara l-informazzjoni li ġejja.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
minn 1 sa 8	**Skala tal-PD** L-iskoperturi għas-CCR għandhom jiġu allokati għal medda xierqa tal-iskala fissa tal-PD ibbażata fuq il-PD stmat għal kull obbligant assenjat għal din il-klassi tal-iskoperturi (mingħajr ma titqies kwalunkwe sostituzzjoni minħabba l-eżistenza ta' garanzija jew ta' derivattiv ta' kreditu). L-istituzzjonijiet għandhom jimmappjaw skopertura, skopertura għall-iskala tal-PD ipprovduta fil-mudell, filwaqt li jqisu wkoll skali kontinwi. L-iskoperturi inadempjenti kollha għandhom jiġu inklużi fit-taqsima li tirrappreżenta PD ta' 100 %.
minn 1 sa x	**Klassi tal-iskopertura X** Din tirreferi għall-klassijiet tal-iskoperturi differenti elenkati fl-Artikolu 147 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
x u y	**Subtotal (Klassi tal-iskopertura X) / Total (il-klassijiet tal-iskoperturi rilevanti kollha għas-CCR)** It-total (jew subtotal) tal-valuri tal-iskopertura, tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tan-numru ta' obbliganti għandu jkun biss is-somma tal-kolonni rispettivi. Fir-rigward tal-parametri differenti PD Medju, LGD Medju, Maturità Medja u densità tal-RWEA japplikaw id-definizzjonijiet ta' hawn taħt fir-rigward tal-kampjun tal-klassi tal-iskopertura X jew tal-klassijiet tal-iskoperturi rilevanti kollha għas-CCR.
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Valur tal-iskopertura** Valur tal-iskopertura (ara d-definizzjoni pprovduta fil-kolonna g tal-Mudell EU CCR1), diżaggregata skont il-klassijiet tal-iskoperturi u l-iskala PD partikolari kif stabbiliti fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
b	**PD medju ponderat skont l-iskopertura (%)** Il-medja tal-PDs individwali tal-grad tal-obbligant ponderati skont il-valur tal-iskopertura korrispondenti tagħhom fil-kolonna a ta' dan il-mudell
c	**Numru ta' obbliganti** In-numru ta' entitajiet ġuridiċi jew ta' obbliganti allokati għal kull medda tal-iskala fissa ta' PDs, li ġew ikklassifikati separatament, irrispettivament min-numru ta' self jew ta' skoperturi differenti mogħtija Meta skoperturi differenti għall-istess obbligant ikunu kklassifikati separatament, għandhom jingħaddu separatament. Tali sitwazzjoni tista' ssehħ jekk separati għall-istess obbligant jiġu assenjati fi gradi differenti ta' obbliganti f'konformità mat-tieni sentenza tal-punt (e) tal-Artikolu 172(1) CRR.
d	**LGD medju ponderat skont l-iskopertura (%)** Il-medja tal-LGDs tal-grad tal-obbligant ponderati skont il-valur tal-iskopertura korrispondenti tagħhom L-LGD iddikjarat għandu jikkorrispondi għall-istima finali tal-LGD użata fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji miksuba wara li jitqiesu kwalunkwe effetti CRM u kundizzjonijiet ta' reċessjoni fejn rilevanti. Fil-każ ta' skoperturi soġġetti għat-trattament doppju ta' inadempjenza, l-LGD li għandu jiġi rrapportat jikkorrispondi għal dak magħżul f'konformità mal-Artikolu 161(4) CRR. Għal skoperturi inadempjenti skont l-Approċċ A-IRB, jitqiesu d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punt (h) tal-Artikolu 181(1) CRR. L-LGD iddikjarat għandu jikkorrispondi għall-istima tal-LGD f'inadempjenza.

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
e	**Maturità medja ponderata skont l-iskopertura (snin)** Il-medja tal-maturitajiet tal-obbligant fi snin ponderati skont il-valur tal-iskopertura korrispondenti tagħhom fil-kolonna a ta' dan il-mudell. Il-valur iddikjarat tal-maturità għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 162 CRR.
f	**RWEA** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju kkalkolati f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR; għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali, għal istituzzjonijiet u għal korporattivi, l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 153 minn (1) sa (4) CRR; għandu jitqies il-fattur ta' sostenn għall-SMEs u għall-infrastruttura ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 501 CRR u mal-Artikolu 501a CRR; għal skoperturi ta' ekwità skont l-approċċ tal-PD/LGD, l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 155(3) CRR
g	**Densità tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju** Proporzjon tal-ammonti totali tal-iskopertura ponderata għar-riskju (fil-kolonna f ta' dan il-mudell) għall-valur tal-iskopertura (fil-kolonna a ta' dan il-mudell)

Mudell EU CCR5 – Il-Kompożizzjoni tal-kollateral għall-iskoperturi tas-CCR Kolonni fissi

13. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 439 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR5 kif ippreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

14. Dan il-mudell għandu jimtela b'valuri ġusti ta' kollateral (iddepożitat jew riċevut) użat fl-iskoperturi għas-CCR relatati ma' tranżazzjonijiet ta' derivattivi jew ma' SFTs, kemm jekk it-tranżazzjonijiet jiġu kklirjati permezz ta' CCP kif ukoll jekk le u kemm jekk il-kollateral huwa ddepożitat f'CCP kif ukoll jekk le.

15. Meta l-bank ċentrali ta' Stat Membru jagħti assistenza ta' likwidità fil-forma ta' tranżazzjonijiet ta' swaps kollaterali, l-awtorità kompetenti tista' teżenta lill-istituzzjonijiet milli jipprovdu l-informazzjoni f'dan il-mudell meta tqis li d-divulgazzjoni ta' din l-informazzjoni tista' tiżvela l-għoti ta' assistenza ta' likwidità f'emerġenza. Għal dawn il-finijiet, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi limiti xierqa u kriterji oġġettivi.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1-8	**Tip ta' kollateral** Diżaggregazzjoni skont it-tip ta' kollateral
9	**Total**
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a, c, e u g	**Segregat** Kollateral li jinżamm b'mod protett mill-falliment kif iddefinit fl-Artikolu 300(1) CRR
b, d, f u h	**Mhux segregat** Kollateral li ma jinżammx b'mod protett mill-falliment kif iddefinit fl-Artikolu 300(1) CRR

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
minn a sa d	**Kollateral użat fi tranżazzjonijiet ta' derivattivi** Kollateral (inkluż il-marġni inizjali u l-kollateral tal-marġni ta' varjazzjoni) li jintuża fl-iskoperturi għas-CCR relatati ma' kwalunkwe strument derivattiv elenkat fl-Anness II CRR jew ma' tranżazzjoni ta' saldu twil skont l-Artikolu 271(2) CRR li ma jikkwalifikawx bħala SFTs
minn e sa h	**Kollateral użat f'SFTs** Kollateral (inkluż il-marġni inizjali u l-kollateral tal-marġni ta' varjazzjoni kif ukoll bħala l-kollateral li jidher fil-komponent tat-titolu tal-SFT) li jintuża fl-iskoperturi għas-CCR relatati ma' kwalunkwe SFT jew tranżazzjoni ta' saldu twil li ma jikkwalifikax bħala derivattiv

Mudell EU CCR6 - Skoperturi għal derivattivi ta' kreditu: Format fiss

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1-6	**Nozzjonali** Is-somma tal-ammonti ta' derivattivi nozzjonali assoluti qabel kwalunkwe netting diżaggregata skont it-tip ta' prodott
7-8	**Valuri ġusti** Valuri ġusti diżaggregati skont l-assi (valuri ġusti pożittivi) u l-obbligazzjonijiet (valuri ġusti negattivi)
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a-b	**Protezzjoni tad-derivattivi ta' kreditu** Protezzjoni tad-derivattivi ta' kreditu mixtrija jew mibjugħa f'konformità mal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR

16. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 439 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR6 li huwa ppreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Mudell EU CCR7 - Rapporti tal-fluss tal-RWEA tal-iskoperturi għas-CCR skont l-IMM: Format fiss

17. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 438 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR7 li huwa ppreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

18. L-istituzzjonijiet li jużaw l-IMM sabiex jikkalkolaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-iskoperturi kollha tagħhom għas-CCR jew għal parti minnhom f'konformità mal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, irrispettivament mill-approċċ tar-riskju ta' kreditu użat sabiex jiġu ddeterminati l-piżijiet tar-riskju korrispondenti għandhom jiddikjaraw rapport tal-fluss li jispjega t-tibdiliet fl-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju ta' derivattivi u ta' SFTs fil-kamp ta' applikazzjoni tal-IMM differenzjati skont il-fatturi ewlenin u bbażati fuq stimi raġonevoli.

19. Dan il-mudell jeskludi l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju ta' CVA (it-Titolu VI tal-Parti Tlieta tas-CRR) u l-iskoperturi għal kontroparti ċentrali (it-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR).

20. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-flussi tal-RWEA bħala t-tibdiliet bejn l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju fi tmiem iperjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni (kif speċifikati hawn taħt fir-ringiela 9 ta' dan il-mudell) u r-riskju-w tal-ammonti tal-iskopertura ponderati ta' dan il-mudell fi tmiem il-perjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni preċedenti (kif speċifikati hawn taħt fir-ringiela 1 ta' dan il-mudell; fil-każ ta' divulgazzjonijiet trimestrali, tmiem it-trimestru qabel it-trimestru tal-perjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni). L-istituzzjonijiet jistgħu jikkomplementaw id-divulgazzjonijiet tal-Pilastru 3 tagħhom billi jiddikjaraw l-istess informazzjoni għat-tliet trimestri preċedenti.

21. L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell iċ-ċifri dikjarati fir-ringiela 8 ta' dan il-mudell, jiġifieri kwalunkwe fattur ieħor li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-varjazzjonijiet tal-RWEA.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**RWEA fi tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-iskoperturi għas-CCR skont l-IMM sa tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni preċedenti
2	**Daqs tal-assi** Tibdiliet (pożittivi jew negattivi) fl-RWEA minħabba tibdiliet organiċi fid-daqs u fil-kompożizzjoni tal-kotba (inkluża l-oriġinazzjoni ta' negozji ġodda u ta' skoperturi li jimmaturaw) iżda esklużi tibdiliet fid-daqs tal-kotba minħabba l-akkwiżizzjonijiet u d-disponiment ta' entitajiet
3	**Kwalità tal-kreditu tal-kontropartijiet** Tibdiliet (pożittivi jew negattivi) fl-RWEA minħabba tibdiliet fil-kwalità vvalutata tal-kontropartijiet tal-istituzzjoni kif imkejla taħt il-qafas tar-riskju ta' kreditu, ikun xi jkun l-approċċ li tuża l-istituzzjoni Din ir-ringiela għandha tinkludi tibdiliet potenzjali fl-RWEA minħabba l-mudelli IRB meta l-istituzzjoni tuża approċċ IRB.
4	**Aġġornamenti tal-mudell (IMM biss)** Tibdiliet (pożittivi jew negattivi) fl-RWEA minħabba l-implimentazzjoni tal-mudell, tibdiliet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell, jew kwalunkwe tibdil maħsub sabiex jindirizza nuqqasijiet fil-mudell Din ir-ringiela għandha tirrifletti biss it-tibdiliet fl-IMM.
5	**Metodoloġija u politika (IMM biss)** Tibdiliet (pożittivi jew negattivi) fl-RWEA minħabba tibdiliet metodoloġiċi fil-kalkoli xprunati minn tibdiliet fil-politika regolatorja, bħal regolamenti ġodda (fl-IMM biss)
6	**Akkwiżizzjonijiet u disponimenti** Tibdiliet (pożittivi jew negattivi) fl-RWEA minħabba tibdiliet fid-daqsijiet tal-kotba minħabba akkwiżizzjonijiet u disponiment ta' entitajiet
7	**Ċaqliq fil-kambju** Tibdiliet (pożittivi jew negattivi) fl-RWEA minħabba tibdiliet li jinħolqu minn ċaqliq fil-qlib ta' munita barranija
8	**Oħrajn** Din il-kategorija għandha tintuża sabiex tkopri tibdiliet (pożittivi jew negattivi) fl-RWEA li ma jistgħux jiġu attribwiti għall-kategoriji ta' hawn fuq. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu s-somma ta' dawn it-tibdiliet fl-RWEA f'din ir-ringiela. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu wkoll kwalunkwe fattur ewlieni materjali ieħor ta' ċaqliq ta' ammonti ponderati għar-riskju matul il-perjodu ta' divulgazzjoni fin-narrattiva li takkumpanja dan il-mudell.
9	**RWEA fi tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-iskoperturi għas-CCR skont l-IMM sa tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni kurrenti
Ittra tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**RWEA**

Mudell EU CCR8 - Skoperturi għas-CCPs: Format fiss

22. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 439 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU CCR8 li huwa ppreżentat fl-Anness XXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

23. Skoperturi għas-CCPs: Kuntratti u tranżazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 301(1) CRR sakemm ikunu pendenti ma' CCP, inklużi skoperturi għal tranżazzjonijiet relatati mas-CCP f'konformità mal-Artikolu 300(2) CRR, li għalihom ir-rekwiżiti ta' fondi proprji jiġu kkalkolati f'konformità mat-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1-10	**CCP kwalifikanti (QCCP)** Kontroparti ċentrali kwalifikanti jew "QCCP" kif iddefinita fil-punt (88) tal-Artikolu 4(1) CRR
7 u 8 17 u 18	**Marġni inizjali** L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-valuri ġusti tal-kollateral riċevut jew iddepożitat bħala marġni inizjali ddefinit fil-punt (140) tal-Artikolu 4(1) CRR. Għall-finijiet ta' dan il-mudell, il-marġni inizjali ma jinkludix kontribuzzjonijiet lil CCP għal arranġamenti ta' kondiviżjoni tat-telf mutwalizzati (jiġifieri f'każijiet li fihom CCP tuża marġni inizjali sabiex tagħmel mutwalizzazzjoni tat-telf fost il-membri tal-ikklerjar, din se tiġi ttrattata bħala skopertura ta' fond tal-inadempjenza).
9 u 19	**Kontribuzzjonijiet prefinanzjati għal fond tal-inadempjenza** Il-kontribuzzjoni għall-fond tal-inadempjenza ta' CCP li titħallas mill-istituzzjonijiet "Fond tal-inadempjenza" huwa ddefinit fil-punt (89) tal-Artikolu 4(1) CRR.
20	**Kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati għal fond tal-inadempjenza** Kontribuzzjonijiet li istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar impenjat kuntrattwalment li tipprovdi lil CCP wara li s-CCP tkun battlet il-fond tal-inadempjenza tagħha sabiex tkopri t-telf li tkun ġarrbet wara l-inadempjenza ta' wieħed jew aktar mill-membri tal-ikklerjar tagħha. "Fond tal-inadempjenza" huwa ddefinit fil-punt (89) tal-Artikolu 4(1) CRR.
7 u 17	**Segregat** Ara d-definizzjoni inkluża fil-Mudell EU CCR5.
8 u 18	**Mhux segregat** Ara d-definizzjoni inkluża fil-Mudell EU CCR5.
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Valur tal-iskopertura** Il-valur tal-iskopertura kkalkolat f'konformità mal-metodi stabbiliti fil-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR għal tranżazzjonijiet rilevanti tat-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti rilevanti previsti fl-Artikoli 304, 306 u 308 ta' dik it-taqsima Skopertura tista' tkun skopertura tan-negozjar, kif iddefinita fil-punt (91) tal-Artikolu 4(1) CRR. Il-valur tal-iskopertura ddikjarat huwa l-ammont rilevanti għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mat-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti fl-Artikolu 497 CRR matul il-perjodu tranżitorju previst minn dak l-Artikolu.
b	**RWEA** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 92(3) CRR ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 107 tat-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.

ANNESS XXVII

Tabella EU-SECA - Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatata ma' skoperturi ta' titolizzazzjoni

Kaxxi tat-test b'format liberu għal divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva – Format liberu
Artikolu 449(a) tas-CRR	(a)	Deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni; inklużi l-objettivi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-investiment b'rabta ma' dawn l-attivitajiet, ir-rwol tagħhom fi tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u rititolizzazzjoni kemm jekk jużaw il-qafas ta' titolizzazzjoni Sempliċi u Trasparenti kif ukoll Standardizzat (STS), u l-limitu sa fejn jużaw tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni sabiex jittrasferixxu r-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi titolizzati lil partijiet terzi, b'deskrizzjoni separata fejn applikabbli, tal-politika tagħhom dwar it-trasferiment tar-riskju ta' titolizzazzjoni sintetika
Artikolu 449(b) tas-CRR	(b)	It-tip ta' riskju li l-istituzzjonijiet huma esposti għalih fl-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni tagħhom skont il-livell ta' superjorità tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni rilevanti, filwaqt li jipprovdu distinzjoni bejn il-pożizzjonijiet STS u mhux STS u: i) ir-riskju ritenut fi tranżazzjonijiet li oriġinaw minnhom stess; ii) ir-riskju mġarrab fir-rigward ta' tranżazzjonijiet li joriġinaw minn partijiet terzi
Artikolu 449(c) tas-CRR	(c)	L-approċċi tal-istituzzjonijiet għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati skont ir-riskju li huma japplikaw għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni tagħhom, inklużi t-tipi ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom japplika kull approċċ b'distinzjoni bejn il-pożizzjonijiet STS u dawk mhux STS
Artikolu 449(d) tas-CRR	(d)	Lista ta' SSPEs li jaqgħu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin, b'deskrizzjoni tat-tipi ta' skoperturi tal-istituzzjonijiet għal dawnk l-SSPEs, inklużi kuntratti tad-derivattivi: (i) SSPEs li jakkwistaw skoperturi li joriġinaw mill-istituzzjonijiet; (ii) SSPEs sponsorjati mill-istituzzjonijiet; (iii) SSPEs u entitajiet legali oħra li għalihom l-istituzzjonijiet jipprovdu servizzi relatati mat-titolizzazzjoni, bħal servizzi ta' konsulenza, servizzi ta' manutenzjoni jew immaniġġjar tal-assi; (iv) SSPEs inklużi fl-ambitu regolatorju ta' konsolidazzjoni tal-istituzzjonijiet
Artikolu 449(e) tas-CRR	(e)	Lista ta' kwalunkwe entità legali li fir-rigward tagħha l-istituzzjonijiet iddivulgaw li pprovdewlha appoġġ skont il-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR
Artikolu 449(f) tas-CRR	(f)	Lista ta' entitajiet legali affiljati mal-istituzzjonijiet u li jinvestu f'titolizzazzjonijiet li joriġinaw mill-istituzzjonijiet jew f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni maħruġa minn SSPEs sponsorjati mill-istituzzjonijiet

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva – Format liberu
Artikolu 449(g) tas-CRR	(g)	Sommarju tal-politiki kontabilistiċi tagħhom għall-attività ta' titolizzazzjoni, inkluża, fejn rilevanti, distinzjoni bejn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni
Artikolu 449(h) tas-CRR	(h)	L-ismijiet tal-ECAIs użati għat-titolizzazzjonijiet u t-tipi ta' skoperturi li għalihom tintuża kull aġenzija
Artikolu 449(i) tas-CRR	(i)	Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna kif stipulat fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR inkluża l-istruttura tal-proċess ta' valutazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-valutazzjoni interna u l-klassifikazzjonijiet esterni tal-ECAI rilevanti divulgati f'konformità mal-punt (h), il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-proċess ta' valutazzjoni interna inkluża diskussjoni dwar l-indipendenza, l-akkontabilità u r-rieżami tal-proċess ta' valutazzjoni interna, it-tipi ta' skoperturi li għalihom jiġi applikat il-proċess ta' valutazzjoni interna u l-fatturi ta' stress użati għad-determinazzjoni tal-livelli ta' titjib tal-kreditu

Mudell EU SEC1 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar

		a	b	c	d	e	f	g
		L-istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur						
		Tradizzjonali				Sintetika		Subtotal
		STS		Mhux STS			li minnhom SRT	
			li minnhom SRT		li minnhom SRT			
1	**Skoperturi totali**							
2	Fil-livell tal-konsumatur							
3	ipoteka residenzjali							
4	karta tal-kreditu							
5	skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur							
6	rititolizzazzjoni							
7	Bl-ingrossa (total)							
8	self lil korporattivi							
9	ipoteka kummerċjali							
10	lokazzjonijiet u riċevibbli							
11	bl-ingrossa oħrajn							
12	rititolizzazzjoni							

		h	i	j	k	l	m	n	o
		L-istituzzjoni taġixxi bhala sponsor				L-istituzzjoni taġixxi bhala investitur			
		Tradizzjonali		Sintetika	Subtotal	Tradizzjonali		Sintetika	Subtotal
		STS	Mhux STS			STS	Mhux STS		
1	**Skoperturi totali**								
2	Fil-livell tal-konsumatur								
3	ipoteka residenzjali								
4	karta tal-kreditu								
5	skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur								
6	rititolizzazzjoni								
7	Bl-ingrossa (total)								
8	self lil korporattivi								
9	ipoteka kummerċjali								
10	lokazzjonijiet u riċevibbli								
11	bl-ingrossa oħrajn								
12	rititolizzazzjoni								

Mudell EU-SEC2 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar

		a	b	c	d	e	f	g	h	i	j	k	l
		L-istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur				L-istituzzjoni taġixxi bħala sponsor				L-istituzzjoni taġixxi bħala investitur			
		Tradizzjonali		Sintetika	Subtotal	Tradizzjonali		Sintetika	Subtotal	Tradizzjonali		Sintetika	Subtotal
		STS	Mhux STS			STS	Mhux STS			STS	Mhux STS		
1	**Skoperturi totali**												
2	Fil-livell tal-konsumatur (total)												
3	ipoteka residenzjali												
4	karta tal-kreditu												
5	skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur												
6	rititolizzazzjoni												
7	Bl-ingrossa (total)												
8	self lil korporattivi												
9	ipoteka kummerċjali												
10	lokazzjonijiet u riċevibbli												
11	bl-ingrossa oħrajn												
12	rititolizzazzjoni												

Mudell EU-SEC3 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar u rekwiżiti ta' kapital regolatorju assoċjati - l-istituzzjoni li taġixxi bħala oriġinatur jew bħala sponsor

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Valuri tal-iskopertura (skont il-faxex RW/tnaqqis)					Valuri tal-iskopertura (skont l-approċċ regolatorju)		
		≤20 % RW	>20 % sa 50 % RW	>50 % sa 100 % RW	>100 % sa <1 250 % RW	1 250 % RW/ tnaqqis	SEC-IRBA	SEC-ERBA (inkluż IAA)	SEC-SA
1	**Skoperturi totali**								
2	Tranżazzjonijiet tradizzjonali								
3	Titolizzazzjoni								
4	Fil-livell tal-konsumatur								
5	Li minnu STS								
6	Bl-ingrossa								
7	Li minnu STS								
8	Rititolizzazzjoni								
9	Tranżazzjonijiet sintetiċi								
10	Titolizzazzjoni								
11	Sottostanti fil-livell tal-konsumatur								
12	Bl-ingrossa								
13	Rititolizzazzjoni								

		i	j	k	l	m	n	o	EU-p	EU-q
		Valuri tal-iskopertura (skont l-approċċ regolatorju)	RWEA (skont l-approċċ regolatorju)				Allokazzjoni ta' kapital wara l-limitu massimu			
		1 250 % RW/ tnaqqis	SEC-IRBA	SEC-ERBA (inkluż IAA)	SEC-SA	≤1 250 % RW tnaqqis	SEC-IRBA	SEC-ERBA (inkluż IAA)	SEC-SA	≤1 250 % RW tnaqqis
1	**Skoperturi totali**									
2	Tranżazzjonijiet tradizzjonali									
3	Titolizzazzjoni									
4	Fil-livell tal-konsumatur									
5	Li minnu STS									
6	Bl-ingrossa									
7	Li minnu STS									
8	Rititolizzazzjoni									
9	Tranżazzjonijiet sintetiċi									
10	Titolizzazzjoni									
11	Sottostanti fil-livell tal-konsumatur									
12	Bl-ingrossa									
13	Rititolizzazzjoni									

Mudell EU-SEC4 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar u rekwiżiti ta' kapital regolatorju assoċjati - l-istituzzjoni li taġixxi bħala l-investitur

		a	b	c	d	e	f	g	h
		Valuri tal-iskopertura (skont il-faxex RW/tnaqqis)					Valuri tal-iskopertura (skont l-approċċ regolatorju)		
		≤20 % RW	>20 % sa 50 % RW	>50 % sa 100 % RW	>100 % sa <1 250 % RW	1 250 % RW / tnaqqis	SEC-IRBA	SEC-ERBA (inkluż IAA)	SEC-SA
1	**Skoperturi totali**								
2	Titolizzazzjoni tradizzjonali								
3	Titolizzazzjoni								
4	Bejgħ bl-imnut sottostanti								
5	Li minnu STS								
6	Bl-ingrossa								
7	Li minnu STS								
8	Rititolizzazzjoni								
9	Titolizzazzjoni sintetika								
10	Titolizzazzjoni								
11	sottostanti fil-livell tal-konsumatur								
12	Bl-ingrossa								
13	Rititolizzazzjoni								

		i	j	k	l	m	n	o	EU-p	EU-q
		Valuri tal-iskopertura (skont l-approċċ regolatorju)	RWEA (skont l-approċċ regolatorju)				Allokazzjoni ta' kapital wara l-limitu massimu			
		1 250 % RW/ tnaqqis	SEC-IRBA	SEC-ERBA (inkluż IAA)	SEC-SA	1 250 % RW/ tnaqqis	SEC-IRBA	SEC-ERBA (inkluż IAA)	SEC-SA	1 250 % RW/ tnaqqis
1	**Skoperturi totali**									
2	Titolizzazzjoni tradizzjonali									
3	Titolizzazzjoni									
4	Bejgħ bl-imnut sottostanti									
5	Li minnu STS									
6	Bl-ingrossa									
7	Li minnu STS									
8	Rititolizzazzjoni									
9	Titolizzazzjoni sintetika									
10	Titolizzazzjoni									
11	sottostanti fil-livell tal-konsumatur									
12	Bl-ingrossa									
13	Rititolizzazzjoni									

Mudell EU-SEC5 - Skoperturi titolizzati mill-istituzzjoni - Skoperturi f'inadempjenza u aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu

		a	b	c
		Skoperturi titolizzati mill-istituzzjoni - L-istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur jew bħala sponsor		
		Ammont nominali pendenti totali		Ammont totali ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu magħmula fil-perjodu
			Li minnhom skoperturi f'inadempjenza	
1	**Skoperturi totali**			
2	Fil-livell tal-konsumatur (total)			
3	ipoteka residenzjali			
4	karta tal-kreditu			
5	skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur			
6	rititolizzazzjoni			
7	Bl-ingrossa (total)			
8	self lil korporattivi			
9	ipoteka kummerċjali			
10	lokazzjonijiet u riċevibbli			
11	bl-ingrossa oħrajn			
12	rititolizzazzjoni			

ANNESS XXVIII

Struzzjonijiet għad-divulgazzjoni dwar l-iskoperturi għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

Tabella EU SECA - Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatati mal-iskoperturi tat-titolizzazzjoni. Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (i) tal-Artikolu 449 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella EU SECA li hija ppreżentata fl-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	Deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni; inklużi l-objettivi ta' ġestjoni tar-riskju u ta' investiment b'rabta ma' dawn l-attivitajiet, ir-rwol tagħhom fit-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni u jekk jużawx il-qafas ta' titolizzazzjoni Sempliċi Trasparenti u Standardizzata (STS) u kemm jużaw it-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni għat-trasferiment tar-riskju ta' kreditu tal-iskoperturi titolizzati għal terzi persuni b'deskrizzjoni separata, fejn applikabbli, tal-politika ta' trasferiment tar-riskju ta' titolizzazzjoni sintetika tagħhom, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 449 CRR
(b)	It-tip ta' riskju li l-istituzzjonijiet huma skoperti għalih fl-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni tagħhom skont il-livell ta' anzjanità tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni rilevanti, filwaqt li jipprovdu distinzjoni bejn pożizzjonijiet ta' STS u mhux ta' STS u: i) ir-riskju miżmum fi tranżazzjonijiet oriġinati minnhom stess; ii) ir-riskju mġarrab fir-rigward ta' tranżazzjonijiet oriġinati minn terzi persuni, f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 449 CRR
(c)	L-approċċi tal-istituzzjonijiet għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju li japplikaw għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni tagħhom, inklużi t-tipi ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom japplika kull approċċ b'distinzjoni bejn pożizzjonijiet ta' STS u mhux ta' STS, f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 449 CRR
(d)	Lista ta' SSPEs li jaqgħu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin, b'deskrizzjoni tat-tipi ta' skoperturi tal-istituzzjoni għal dawk l-SSPEs, inklużi l-kuntratti tad-derivattivi: (i) SSPEs li jakkwistaw skoperturi oriġinati mill-istituzzjonijiet; (ii) SSPEs sponsorjati mill-istituzzjonijiet; (iii) SSPEs u entitajiet ġuridiċi oħra li għalihom l-istituzzjonijiet jipprovdu servizzi relatati mat-titolizzazzjoni, bħal servizzi ta' konsulenza, ta' servizzjar tal-assi jew ta' ġestjoni; (iv) SSPEs inklużi fl-ambitu tal-konsolidament prudenzjali tal-istituzzjonijiet, f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 449 CRR
(e)	Lista ta' kwalunkwe entità ġuridika li fir-rigward tagħha l-istituzzjonijiet iddivulgaw li pprovdew appoġġ f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 449 tal-Kapitolu 5 It-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(f)	Lista ta' entitajiet ġuridiċi affiljati mal-istituzzjonijiet u li jinvestu f'titolizzazzjonijiet oriġinati mill-istituzzjonijiet jew f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni maħruġa minn SSPEs sponsorjati mill-istituzzjonijiet, f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 449 CRR
(g)	Sommarju tal-politiki kontabilistiċi tagħhom għall-attività ta' titolizzazzjoni, inkluża, fejn rilevanti, distinzjoni bejn il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni, f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 449 CRR
(h)	L-ismijiet tal-ECAIs użati għat-titolizzazzjonijiet u t-tipi ta' skoperturi li għalihom tintuża kull aġenzija, f'konformità mal-punt (h) tal-Artikolu 449 CRR
(i)	Fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna kif stabbilit fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR, inkluża l-istruttura tal-proċess ta' valutazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-valutazzjoni interna u l-klassifikazzjonijiet esterni tal-ECAI rilevanti ddikjarati f'konformità mal-punt (h), il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-proċess ta' valutazzjoni interna inkluża diskussjoni dwar l-indipendenza, l-akkontabilità, u r-rieżami tal-proċess ta' valutazzjoni interna, it-tipi ta' skoperturi li għalihom jiġi applikat il-proċess ta' valutazzjoni interna u l-fatturi ta' stress użati għad-determinazzjoni tal-livelli ta' tisħiħ fil-kreditu, f'konformità mal-punt (i) tal-Artikolu 449 CRR

EU SEC1 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar. Format fiss.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 449 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU SEC1 li huwa ppreżentat fl-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw jekk għandhomx programmi ABCP fit-titolizzazzjonijiet tradizzjonali tagħhom, u, jekk ikollhom, il-volum tat-tranżazzjonijiet ABCP.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a - g	**Istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur** Meta l-"istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur", kif iddefinit fil-punt (13) tal-Artikolu 4(1) CRR, l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni huma l-pożizzjonijiet miżmuma, anki meta ma jkunux eliġibbli għall-qafas ta' titolizzazzjoni minħabba n-nuqqas ta' trasferiment tar-riskju sinifikanti. Skoperturi ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjonijiet li jkunu kisbu trasferiment ta' riskju sinifikanti (SRT) għandhom jiġu ppreżentati separatament. L-istituzzjonijiet oriġinaturi għandhom jiddikjaraw l-ammont riportat fid-data tad-divulgazzjoni tal-iskoperturi ta' titolizzazzjoni kurrenti kollha li jżommu fit-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni li oriġinaw. Bħala tali, skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-karta bilanċjali (pereż. bonds, self subordinat) kif ukoll skoperturi u derivattivi li ma jidhrux fil-karta bilanċjali (pereż. linji ta' kreditu subordinati, faċilitajiet ta' likwidità, swaps tar-rati tal-imgħax, swaps ta' inadempjenza ta' kreditu, eċċ.) f'dik it-titolizzazzjoni għandhom jiġu ddikjarati.
h - k	**Istituzzjoni taġixxi bħala sponsor** Meta "l-istituzzjoni taġixxi bħala sponsor" (jew "sponser" kif iddefinit fil-punt (14) tal-Artikolu 4(1) CRR) l-iskoperturi tat-titolizzazzjoni għandhom jinkludu skoperturi għal veikoli ta' karti kummerċjali li għalihom l-istituzzjoni tipprovdi titjib, likwidità u faċilitajiet oħrajn għall-programm kollu. Meta l-istituzzjoni taġixxi kemm bħala oriġinatur kif ukoll bħala sponsor, din għandha tevita għadd doppju. F'dan ir-rigward, l-istituzzjoni tista' tgħaqqad iż-żewġ kolonni ta' "istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur" u "istituzzjoni taġixxi bħala sponsor" u tuża l-kolonni ta' "istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur/sponsor".

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
l - o	**Istituzzjoni taġixxi bħala investitur** Skoperturi ta' titolizzazzjoni meta "l-istituzzjoni taġixxi bħala investitur" huma l-pożizzjonijiet ta' investiment mixtrija fi ftehimiet ta' terzi persuni. Is-CRR ma jipprovdix definizzjoni espliċita għall-investitur. Għalhekk, f'dan il-kuntest għandu jinftiehem bħala istituzzjoni li jkollha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni li għaliha la tkun l-oriġinatur, u lanqas l-isponsor. F'każ li l-aggregazzjoni ta' skoperturi titolizzati tkun taħlita tat-tipi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni għandha tindika l-aktar tip importanti.
a – d; h, i, l, m	**Tranżazzjonijiet tradizzjonali** F'konformità mal-punt (13) tal-Artikolu 242 CRR, b'rabta mal-punt (9) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 [2], "titolizzazzjoni tradizzjonali" tfisser titolizzazzjoni li tinvolvi t-trasferiment tal-interess ekonomiku fl-iskoperturi li jkunu qed jiġu titolizzati. Dan għandu jitwettaq bit-trasferiment tas-sjieda tal-iskoperturi titolizzati mill-istituzzjoni oriġinatriċi lil SSPE jew permezz ta' subparteċipazzjoni minn SSPE. It-titoli maħruġa ma jirrappreżentawx obbligi ta' pagament tal-istituzzjoni oriġinatriċi. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet tradizzjonali fejn l-oriġinatur ma jkollu l-ebda pożizzjoni, l-oriġinatur ma għandux jikkunsidra dik it-titolizzazzjoni fid-divulgazzjoni ta' dan il-mudell.
e, f, j, n	**Tranżazzjonijiet sintetiċi** F'konformità mal-punt (14) tal-Artikolu 242 CRR, b'rabta mal-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402, "titolizzazzjoni sintetika" tfisser titolizzazzjoni li fiha t-trasferiment tar-riskju jinkiseb bl-użu ta' derivattivi tal-kreditu jew garanziji, u l-iskoperturi li jiġu ttitolizzati jibqgħu skoperturi tal-istituzzjoni oriġinatriċi. Jekk l-istituzzjoni tkun xtrat protezzjoni, għandha tiddikjara l-ammonti tal-iskopertura netti li tkun skoperta għalihom u li ma jkunux soġġetti għall-protezzjoni mixtrija taħt il-kolonni oriġinatur/sponsor (jiġifieri l-ammont li mhuwiex kopert) ta' dan il-mudell. Jekk l-istituzzjoni tkun biegħet protezzjoni, l-ammont tal-iskopertura tal-protezzjoni tal-kreditu għandu jiġi ddikjarat fil-kolonna "investitur" ta' dan il-mudell.
a, b, h, l,	**Skopertura STS** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni STS f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikoli minn 18 sa 26 tar-Regolament (UE) 2017/2402
b, d, f	**Skopertura SRT** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li fir-rigward tagħhom l-istituzzjoni oriġinatriċi kisbet trasferiment tar-riskju sinifikanti (SRT) f'konformità mal-Artikolu 244 (titolizzazzjoni tradizzjonali) u mal-Artikolu 245 (titolizzazzjoni sintetika) CRR

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
06, 12	**Rititolizzazzjoni** L-ammont totali ta' pożizzjonijiet pendenti ta' rititolizzazzjoni kif iddefiniti fil-punti (63) u (64) tal-Artikolu 4(1) CRR

[2] IR-REGOLAMENT (UE) 2017/2402 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU 347, 28.12.2017, p.35).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	L-iskoperturi ta' titolizzazzjoni kollha relatati mar-rititolizzazzjoni għandhom jimtlew fir-ringieli "rititolizzazzjoni", u mhux fir-ringieli preċedenti (skont it-tip ta' assi sottostanti) li jkun fihom biss skoperturi ta' titolizzazzjoni għajr ir-rititolizzazzjoni.

Mudell EU SEC2 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar. Format fiss.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (j) tal-Artikolu 449 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU SEC2 li huwa ppreżentat fl-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jirreferu għall-istruzzjonijiet tal-Mudell EU SEC1 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar.

Mudell EU SEC3 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar u rekwiżiti kapitali regolatorji assoċjati - istituzzjoni li taġixxi bħala oriġinatur jew bħala sponsor. Format fiss.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (k)(i) tal-Artikolu 449 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU SEC3 li huwa ppreżentat fl-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
minn a sa d	**Valuri tal-iskopertura (skont il-meded /tnaqqis tal-piż tar-riskju)** Il-valuri li għandhom jiġu ddikjarati fil-kolonni minn (a) sa (d) ta' dan il-mudell fir-rigward tal-piżijiet tar-riskju regolatorju għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR.
minn f sa h	**Valuri tal-iskopertura (skont l-approċċ regolatorju)** Il-kolonni minn (f) sa (h) ta' dan il-mudell li jikkorrispondu għall-approċċ regolatorju użat f'konformità mal-ġerarkija tal-approċċi tal-Artikolu 254 CRR
j, k, l	**RWEA (skont l-approċċ regolatorju)** L-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju (RWEA) skont l-approċċ regolatorju f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta tas-CRR qabel l-applikazzjoni tal-limitu massimu
minn n sa EU-p	**Imposta kapitali wara l-limitu massimu** Dawn il-kolonni jirreferu għall-imposta kapitali wara l-applikazzjoni tal-limitu massimu f'konformità mal-Artikoli 267 u 268 CRR.
e, i, m, EU-q	**1 250 % RW / tnaqqis** Il-kolonni jirreferu għall-entrati: — Soġġetti għal piż tar-riskju ta' 1 250 % jew imnaqqsa f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta CRR; — Soġġetti għal piż tar-riskju ta' 1 250 % jew imnaqqsa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 244(1)) u mal-punt (b) tal-Artikolu 245(1) CRR;

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
	— Soġġetti għal piż tar-riskju ta' 1 250 % f'konformità mal-Artikolu 254(7) CRR; — jew imnaqqsa f'konformità mal-Artikolu 253 CRR

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Skoperturi Totali** L-iskoperturi totali għandhom jirreferu għall-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni miżmuma mill-istituzzjoni li taġixxi bħala oriġinatur jew sponsor. Din ir-ringiela għandha tiġbor fil-qosor l-informazzjoni dwar titolizzazzjoni tradizzjonali u sintetika ddikjarata mill-oriġinaturi u mill-isponsors f'ringieli sussegwenti.
2	**Tranżazzjonijiet tradizzjonali** Ara l-ispjegazzjoni għall-Mudell EU SEC1.
3, 10	**Titolizzazzjoni** Ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni pendenti kif iddefinit fil-punt (62) tal-Artikolu 4(1) CRR li mhumiex pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni kif iddefinit fil-punt (64) tal-Artikolu 4(1) CRR
5, 7	**STS** Ara l-ispjegazzjoni għall-Mudell EU SEC1.
8, 13	**Rititolizzazzjoni** Ara l-ispjegazzjoni għall-Mudell EU SEC1.
9	**Tranżazzjonijiet sintetiċi** Ara l-ispjegazzjoni għall-Mudell EU SEC1.

Mudell EU SEC4 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar u rekwiżiti kapitali regolatorji assoċjati - istituzzjoni li taġixxi bħala investitur. Format fiss.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (k)(ii) tal-Artikolu 449 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU SEC4 li huwa ppreżentat fl-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jirreferu għall-istruzzjonijiet għall-Mudell EU SEC3 - Skoperturi ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar u rekwiżiti kapitali regolatorji assoċjati - istituzzjoni li taġixxi bħala oriġinatur jew bħala sponsor.

Mudell EU SEC5 - Skoperturi titolizzati mill-istituzzjoni - Skoperturi f'inadempjenza u aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu. Format fiss.

8. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449(l) CRR skont it-tip ta' skopertura ta' titolizzazzjoni, billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU SEC5 li huwa ppreżentat fl-Anness XXVII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Referenza tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont nominali totali pendenti** L-ammont nominali totali pendenti ta' skoperturi titolizzati mill-istituzzjoni (l-istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur jew bħala sponsor), diżaggregat skont it-tip ta' skopertura ta' titolizzazzjoni
b	**Ammont nominali totali pendenti - Li minnu skoperturi f'inadempjenza** Ammont nominali totali pendenti ta' skoperturi titolizzati mill-istituzzjoni (istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur jew bħala sponsor) li ġew ikklassifikati bħala "skoperturi inadempjenti" (jew skoperturi f'inadempjenza) f'konformità mal-Artikolu 178 CRR, diżaggregati skont it-tip ta' skopertura ta' titolizzazzjoni
c	**Aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu li jsiru matul il-perjodu** L-ammont tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu li jsiru matul il-perjodu, f'konformità mal-Artikolu 110 CRR, fuq l-iskoperturi titolizzati mill-istituzzjoni (istituzzjoni taġixxi bħala oriġinatur jew bħala sponsor), diżaggregati skont it-tip ta' skopertura ta' titolizzazzjoni

ANNESS XXIX

Tabella EU MRA: Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatata mar-riskju tas-suq

		Divulgazzjoni f'format flessibbli
a	**Punti (a) u (d) tal-Artikolu 435(1) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-istrateġiji u l-proċessi tal-istituzzjoni għall-immaniġġjar tar-riskju tas-suq, inklużi: — Spjegazzjoni tal-objettivi strateġiċi tal-ġestjoni fit-twettiq ta' attivitajiet ta' negozjar, kif ukoll il-proċessi implimentati biex jidentifikaw, ikejlu, jimmonitorjaw u jikkontrollaw ir-riskji tas-suq tal-istituzzjoni — Deskrizzjoni tal-politiki tagħhom għall-iħħeġġjar u l-mitigazzjoni tar-riskji u l-istrateġiji u l-proċessi għall-monitoraġġ tal-effettività kontinwa tal-ħeġġijiet	
b	**Punt (b) tal-Artikolu 435(1) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tas-suq, inkluża deskrizzjoni tal-istruttura ta' governanza tar-riskju tas-suq stabbilita għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji u l-proċessi tal-istituzzjoni diskussi fir-ringiela (a) hawn fuq, u li tiddeskrivi r-relazzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet differenti involuti fil-ġestjoni tar-riskju tas-suq.	
c	**Punt (c) tal-Artikolu 435(1) tas-CRR** L-ambitu u n-natura tas-sistemi tar-rapportar u l-kalkolu tar-riskju	

Mudell EU MR1 - Ir-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzat

		a
		RWEAs
	Prodotti diretti	
1	Riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax (ġenerali u speċifiku)	
2	Riskju ta' ekwità (ġenerali u speċifiku)	
3	Riskju tal-kambju	
4	Riskju tal-komoditajiet	
	Opzjonijiet	
5	Approċċ simplifikat	

		a
		RWEAs
6	Approċċ delta-plus	
7	Approċċ abbażi tax-xenarju	
8	Titolizzazzjoni (riskju speċifiku)	
9	**Total**	

Tabella EU MRB: Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva għall-istituzzjonijiet li jużaw il-Mudelli Interni tar-Riskju tas-Suq

		Divulgazzjoni f'format flessibbli
EU (a)	**Artikolu 455(c) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-proċeduri u s-sistemi implimentati għall-assigurazzjoni ta' kummerċjabbiltà tal-pożizzjonijiet inklużi fil-portafoll tan-negozjar sabiex ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 104. Deskrizzjoni tal-metodoloġija użata biex jiġi żgurat li l-politiki u l-proċeduri implimentati għall-ġestjoni ġenerali tal-portafoll tan-negozjar ikunu xierqa.	
EU (b)	**Artikolu 455(c) tas-CRR** Għal skoperturi mill-portafoll tan-negozjar u l-portafoll mhux tan-negozjar li jitkejlu abbażi tal-valur ġust f'konformità mal-qafas tal-kontabilità applikabbli u li għandhom il-valur tal-iskopertura tagħhom aġġustat f'konformità mal-Parti Tnejn, it-Titolu I, il-Kapitolu 2, l-Artikolu 34 u l-Parti Tlieta, it-Titolu I, il-Kapitolu 3, l-Artikolu 105 tas-CRR (kif ukoll Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/101), l-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu s-sistemi u l-kontrolli biex jiżguraw li l-istimi tal-valutazzjoni jkunu prudenti u affidabbli. Dawn id-divulgazzjonijiet għandhom jingħataw bħala parti mid-divulgazzjonijiet tar-riskju tas-suq għal skoperturi mill-portafoll tan-negozjar.	
Punt (i) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR (A) L-istituzzjonijiet li jużaw il-mudelli VaR u l-mudelli SVaR għandhom jagħtu l-informazzjoni li ġejja:		
(a)	**Punt (i) tal-Artikolu 455(a) u l-Artikolu 455(b) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-attivitajiet u r-riskji koperti mill-mudelli VaR u SVaR, li tispeċifika kif dawn jiġu distribwiti f'portafolji/subportafolji li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess.	

		Divulgazzjoni f'format flessibbli
	Artikolu 455(b) tas-CRR	
(b)	Deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudelli VaR u SVaR li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess, *inklużi liema entitajiet fil-grupp jużaw dawn il-mudelli u kif il-mudelli jirrappreżentaw il-mudelli kollha użati fil-livell tal-grupp, kif ukoll il-perċenwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji koperti mill-mudelli / jew jekk jintużawx l-istess mudelli VaR/SVaR għall-entitajiet kollha bi skopertura għar-riskju tas-suq*	
	Punt (i) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR	
	Il-karatteristiċi tal-mudelli użati, inkluż:	
(c)	*Deskrizzjoni ġenerali tal-mudelli regolatorji VaR u SVaR*	
(d)	*Diskussjoni dwar id-differenzi ewlenin, jekk ikun hemm, bejn il-mudell użat għall-finijiet ta' ġestjoni u l-mudell użat għal finijiet regolatorji (10 ijiem 99 %) għall-mudelli VaR u SVaR.*	
(e)	*Għal mudelli VaR:*	
(i)	*Il-frekwenza tal-aġġornament tad-data;*	
(ii)	*It-tul tal-perjodu tad-data li jintuża sabiex jiġi kkalibrat il-mudell. Iddeskrivi l-iskema ta' ponderazzjoni li tintuża (jekk hemm);*	
(iii)	*Kif l-istituzzjonijiet jiddeterminaw il-perjodu ta' żamma ta' 10 ijiem (pereżempju, il-perjodu ta' żamma jiżdied b'ġurnata VaR bl-għerq kwadrat ta' 10, jew jimmudella direttament il-VaR ta' 10 ijiem?);*	
(iv)	*L-approċċ ta' aggregazzjoni, li huwa l-metodu għall-aggregazzjoni tar-riskju speċifiku u ġenerali (jiġifieri l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-imposta speċifika bħala imposta awtonoma billi jużaw metodu differenti minn dak użat biex jikkalkulaw ir-riskju ġenerali jew jużaw mudell wieħed li jiddiversifika r-riskju ġenerali u speċifiku?);*	
(v)	*L-approċċ ta' valwazzjoni (rivalwazzjoni sħiħa jew l-użu ta' approssimazzjonijiet);*	
(vi)	*Jekk, meta jiġu simulati movimenti potenzjali fil-fatturi ta' riskju, jintużaw redditi assoluti jew relattivi (jew approċċ imħallat) (jiġifieri bidla proporzjonali fil-prezzijiet jew rati jew bidla assoluta fil-prezzijiet jew rati).*	
(f)	*Għal mudelli SVaR, speċifika:*	
(i)	*Kif jiġi ddeterminat il-perjodu ta' żamma ta' 10 ijiem. Pereżempju, l-istituzzjoni żżid il-VaR b'ġurnata bl-għerq kwadrat ta' 10, jew tikkunsidra direttament il-VaR ta' 10 ijiem? Jekk l-approċċ ikun l-istess bħal tal-mudelli VaR, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkonfermaw dan u jirreferu għad-divulgazzjoni (e) (iii) hawn fuq;*	
(ii)	*Il-perjodu ta' stress magħżul mill-istituzzjoni u r-raġuni għal din l-għażla;*	
(iii)	*L-approċċ ta' valwazzjoni (rivalwazzjoni sħiħa jew l-użu ta' approssimazzjonijiet).*	

		Divulgazzjoni f'format flessibbli
(g)	**Punt (iii) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-ittestjar tal-istress applikat għall-parametri tal-immudellar (ix-xenarji ewlenin żviluppati sabiex jaqbdu l-karatteristiċi tal-portafolji li għalihom japplikaw il-mudelli VaR u SVaR fil-livell tal-grupp).	
(h)	**Punt (iv) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-approċċ użat għall-ittestjar retrospettiv/validità tal-preċiżjoni u l-konsistenza interna tad-*data* u l-parametri użati għall-mudelli interni u l-proċessi ta' mudellar.	
Punt (ii) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR (B) L-istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni sabiex ikejlu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni (IRC) għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:		
(a)	**Punt (ii) tal-Artikolu 455(a) u l-Artikolu 455(b) tas-CRR** Deskrizzjoni tar-riskji koperti mill-mudelli IRC, li tispeċifika kif dawn jiġu distribwiti f'portafolji/subportafolji li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat il-permess.	
(b)	**Artikolu 455(b) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell IRC li għalih l-awtorità kompetenti tkun tat permess, *inkluż liema entitajiet fil-grupp jużaw dawn il-mudelli u kif il-mudelli jirrappreżentaw il-mudelli kollha użati fil-livell tal-grupp, il-perċentwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji koperti mill-mudelli / jew jekk jintużawx l-istess mudelli tal-IRC għall-entitajiet kollha bi skopertura għar-riskju tas-suq*	
(c)	**Punt (ii) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni ġenerali tal-metodoloġija użata għal mudelli interni għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni, inkluż: *(i)* *Informazzjoni dwar l-approċċ ġenerali tal-immudellar (b'mod partikolari, l-użu ta' mudelli bbażati fuq firxa jew mudelli bbażati fuq matriċi ta' tranżizzjoni);* *(ii)* *Informazzjoni dwar il-kalibrazzjoni tal-matriċi ta' tranżizzjoni;* *(iii)* *Informazzjoni dwar suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni;*	
(d)	L-approċċ użat sabiex jiġu ddeterminati l-perjodi ta' likwidità;	
(e)	Il-metodoloġija użata biex tinkiseb valutazzjoni tal-kapital li tkun konsistenti mal-istandard ta' soliditá meħtieġ;	
(f)	L-approċċ użat fil-validazzjoni tal-mudelli.	

		Divulgazzjoni f'format flessibbli
(g)	**Punt (iii) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-ittestjar tal-istress applikat għall-parametri tal-immudellar (ix-xenarji ewlenin żviluppati biex jaqbdu l-karatteristiċi tal-portafolji li għalihom japplikaw il-mudelli IRC fil-livell tal-grupp).	
(h)	**Punt (iv) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-approċċ użat għall-ittestjar retrospettiv/validità tal-preċiżjoni u l-konsistenza interna tad-*data* u l-parametri użati għall-mudelli interni tal-IRC u l-proċessi ta' mudellar.	
Punt (ii) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR (C) L-istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni sabiex ikejlu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni (kejl komprensiv tar-riskju) għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:		
(a)	**Punt (ii) tal-Artikolu 455(a) u l-Artikolu 455(b) tas-CRR** Deskrizzjoni tar-riskji koperti mill-mudelli komprensivi tal-kejl tar-riskji, bili jispeċifikaw kif dawn jiġu distribwiti f'portafolji/subportafolji li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess.	
(b)	**Artikolu 455(b) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudelli komprensivi tal-kejl tar-riskji li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess, *inkluż liema entitajiet fil-grupp jużaw dawn il-mudelli u kif il-mudelli jirrappreżentaw il-mudelli kollha użati fil-livell tal-grupp; inkluż il-perċentwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji koperti mill-mudelli /jew jekk jintużawx l-istess mudelli tal-IRC għall-entitajiet kollha bi skopertura għar-riskju tas-suq*	
(c)	**Punt (ii) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni ġenerali tal-metodoloġija użata għan-negozjar ta' korrelazzjoni, inkluż: *(i)* *Informazzjoni dwar l-approċċ ġenerali tal-immudellar (l-għażla ta' korrelazzjoni tal-mudell bejn inadempjenza/migrazzjonijiet u l-firxa: (i) proċessi stokastiċi separati iżda korrelatati li jwasslu għal migrazzjoni/inadempjenza u moviment mifrux; (ii) bidliet mifruxa li jwasslu għal migrazzjoni/inadempjenza; jew (iii) inadempjenza/migrazzjonijiet li jwasslu għal bidliet mifruxa);* *(ii)* *Informazzjoni użata biex jiġu kkalibrati l-parametri tal-korrelazzjoni bażi: L-ipprezzar tal-LGD tas-segmenti (kostanti jew stokastiċi);* *(iii)* *Informazzjoni dwar l-għażla ta' jekk għandhomx jingħalqu l-pożizzjonijiet (profitti u telf ibbażati fuq il-moviment simulat tas-suq fil-mudell ikkalkulat abbażi ta' kemm fadal żmien għall-iskadenza ta' kull pożizzjoni fi tmiem l-orizzont kapitali ta' sena jew billi jintuża kemm fadlilhom żmien għall-iskadenza fid-data tal-kalkolu);*	

		Divulgazzjoni f'format flessibbli
(d)	L-approċċ użat sabiex jiġu ddeterminati l-perjodi ta' likwidità.	
(e)	Il-metodoloġija użata biex tinkiseb valutazzjoni tal-kapital li hija konsistenti mal-istandard ta' solidità meħtieġ.	
(f)	L-approċċ użat fil-validazzjoni tal-mudelli.	
(g)	**Punt (iii) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-ittestjar tal-istress applikat għall-parametri tal-immudellar (ix-xenarji ewlenin żviluppati sabiex jaqbdu l-karatteristiċi tal-portafolji li għalihom japplikaw il-mudelli komprensivi tal-kejl tar-riskji fil-livell tal-grupp).	
(h)	**Punt (iv) tal-Artikolu 455(a) tas-CRR** Deskrizzjoni tal-approċċ użat għall-ittestjar retrospettiv/validità tal-preċiżjoni u l-konsistenza interna tad-*data* u l-parametri użati għall-mudelli interni tal-kejl tar-riskju u l-proċessi ta' mudellar.	
(i)	**Punt (f) tal-Artikolu 455 tas-CRR** Informazzjoni dwar il-medja ponderata tal-perjodu ta' likwidità għal kull subportafoll kopert mill-mudelli interni għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u migrazzjoni u għan-negozjar ta' korrelazzjoni	

Mudell EU MR2-A - Ir-riskju tas-suq skont l-Approċċ ta' Mudell Intern (IMA)

		a	b
		RWEAs	Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji
1	**VaR** (l-ogħla mill-valuri a u b)		
(a)	VaR tal-jum preċedenti (VaRt-1)		
(b)	Fattur ta' multiplikazzjoni (mc) x il-medja ta' 60 jum ta' xogħol preċedenti (VaRavg)		
2	**SVaR** (l-ogħla mill-valuri a u b)		
(a)	L-aħħar SVaR disponibbli (SVaRt-1))		
(b)	Fattur ta' multiplikazzjoni (mc) x il-medja ta' 60 jum ta' xogħol preċedenti (sVaRavg)		

		a	b
		RWEAs	Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji
3	**IRC** (l-ogħla mill-valuri a u b)		
(a)	L-aktar kalkolu riċenti tal-IRC		
(b)	Il-medja tal-kejl tal-IRC fuq 12-il ġimgħa		
4	**Kalkolu tar-riskju komprensiv** (l-ogħla mill-valuri a, b u c)		
(a)	L-aktar kejl tar-riskju riċenti mill-kalkolu tar-riskju komprensiv		
(b)	Il-kalkolu medju ta' 12-il ġimgħa tar-riskju komprensiv		
(c)	Livell minimu tal-kalkolu tar-riskju komprensiv		
5	Oħrajn		
6	**Total**		

Mudell EU MR2-B - Rapporti tal-flussi tar-RWEA tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq skont l-IMA

		a	b	c	d	e	f	g
		VaR	SVaR	IRC	Kalkolu tar-riskju komprensiv	Oħrajn	Total tal-RWEAs	Total ta' rekwiżi ta' fondi proprji
1	**RWEAs f'għeluq il-perjodu preċedenti**							
1a	*Aġġustament regolatorju*							
1b	*RWEAs f'għeluq it-trimestru preċedenti (tmiem il-jum)*							
2	Ċaqliq fil-livelli ta' riskju							
3	Aġġornamenti/bidliet tal-mudelli							
4	Metodoloġija u politika							
5	Akkwiżizzjonijiet u disponimenti							
6	Ċaqliq fir-rata tal-kambju							
7	Oħrajn							


		a	b	c	d	e	f	g
		VaR	SVaR	IRC	Kalkolu tar-riskju komprensiv	Oħrajn	Total tal-RWEAs	Total ta' rekwiżi ta' fondi proprji
8a	*RWEAs fi tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni (tmiem il-jum)*							
8b	*Aġġustament regolatorju*							
8	**RWEAs fi tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni**							

Mudell EU MR3 - Valuri tal-IMA għall-portafolji tan-negozjar

		a
VaR (10 ijiem 99 %)		
1	Valur massimu	
2	Valur medju	
3	Valur minimu	
4	Tmiem tal-perjodu	
SVaR (10 ijiem 99 %)		
5	Valur massimu	
6	Valur medju	
7	Valur minimu	
8	Tmiem tal-perjodu	
IRC (99,9 %)		
9	Valur massimu	
10	Valur medju	
11	Valur minimu	
12	Tmiem tal-perjodu	

		a
Kalkolu tar-riskju komprensiv (99,9 %)		
13	Valur massimu	
14	Valur medju	
15	Valur minimu	
16	Tmiem tal-perjodu	

Mudell EU MR4 - Tqabbil tal-estimi tal-VaR bi qligħ/telf



L-istituzzjonijiet iridu jippreżentaw analiżi ta' "devjazzjonijiet" (eċċezzjonijiet ta' ttestjar retrospettiv skont l-Artikolu 366 tas-CRR) f'riżultati retrospettivi, *li jispeċifikaw id-dati u l-eċċess korrispondenti (VaR-P&L), inkluż minn tal-inqas il-motivazzjonijiet ewlenin tal-eċċezzjonijiet, b'paraguni simili għal P&L attwali u P&L ipotetiku (skont l-Artikolu 366 tas-CRR).*

Informazzjoni dwar qligħ/telf attwali, u b'mod speċjali kjarifika dwar jekk dawn jinkludux riżervi u, jekk le, kif ir-riżervi jiġu integrati fil-proċess ta' ttestjar retrospettiv.

ANNESS XXX

Tabelli u mudelli ta' divulgazzjoni tal-approċċ standardizzat u intern għar-riskju tas-suq: Struzzjonijiet

1. Dan l-anness jinkludi l-istruzzjonijiet li l-istituzzjonijiet għandhom isegwu meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 435, 445 u 455 tar-Regolament (UE) 575/2013 [1] ("CRR") sabiex jimlew it-tabelli u l-mudelli tad-divulgazzjoni tar-riskju tas-suq li huma ppreżentati fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Tabella EU MRA - Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva relatati mar-riskju tas-suq: Kaxxi tat-test b'format liberu

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti minn (a) sa (d) tal-Artikolu 435(1) CRR fir-rigward tar-riskju tas-suq billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella EU MRA li hija ppreżentata fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (d) tal-Artikolu 435(1) CRR dwar l-objettivi u l-politiki ta' ġestjoni tar-riskju sabiex jimmaniġġjaw ir-riskju tas-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu: — spjegazzjoni tal-objettivi strateġiċi tal-ġestjoni tagħhom fit-twettiq ta' attivitajiet ta' negozjar; — il-proċessi implimentati sabiex jidentifikaw, ikejlu, jimmonitorjaw u jikkontrollaw ir-riskji tas-suq tal-istituzzjoni; — il-politiki għall-iħħeġġjar u għall-mitigazzjoni tar-riskju; — l-istrateġiji u l-proċessi għall-monitoraġġ tal-effettività kontinwa tal-ħeġġijiet.
(b)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 435(1) CRR dwar l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji tas-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu: — deskrizzjoni tal-istruttura tal-governanza tar-riskju tas-suq stabbilita sabiex jimplimentaw l-istrateġiji u l-proċessi tal-istituzzjoni diskussi fir-ringiela (a) aktar 'il fuq, — deskrizzjoni tar-relazzjonijiet u tal-mekkaniżmi ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet differenti involuti fil-ġestjoni tar-riskju tas-suq.
(c)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 435(1) CRR dwar il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tas-sistemi ta' divulgazzjoni u kejl tar-riskju tas-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tan-natura tad-divulgazzjoni tar-riskju tas-suq u tas-sistemi ta' kejl.

Mudell EU MR1 - Ir-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzat: format fiss

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 445 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU MR1 li huwa ppreżentat fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	Prodotti diretti
1	**Riskju tar-rata tal-imgħax (ġenerali u speċifiku)** Riskju ġenerali u speċifiku ta' pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn negozjati fil-portafoll tan-negozjar, f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR, eskluż ir-riskju speċifiku relatat mat-titolizzazzjoni, u li mhuwiex fakultattiv
2	**Riskju ta' ekwità (ġenerali u speċifiku)** Riskju ġenerali u speċifiku ta' pożizzjonijiet f'ekwitajiet fil-portafoll tan-negozjar, f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR, eskluži strumenti fakultattivi
3	**Riskju tal-kambju** Riskju ta' pożizzjonijiet fil-kambju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR, eskluži strumenti fakultattivi
4	**Riskju tal-komoditajiet** Riskju ta' pożizzjonijiet f'komoditajiet f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR, eskluži strumenti fakultattivi
	Opzjonijiet
5	**Approċċ simplifikat** Opzjonijiet jew warrants kif iddefiniti fl-Artikolu 329(3) tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR li għalihom l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji relatati mar-riskju mhux delta billi jużaw l-approċċ simplifikat ([2])
6	**Approċċ delta plus** Opzjonijiet jew warrants fil-portafoll tan-negozjar kif definiti fl-Artikolu 329(3) tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR li għalihom l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji relatati mar-riskju mhux delta billi jużaw l-approċċ delta plus ([3]).
7	**Approċċ tax-xenarju** Opzjonijiet jew warrants fil-portafoll tan-negozjar kif definiti fl-Artikolu 329(3) tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR li għalihom l-istituzzjonijiet jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji relatati mar-riskju mhux delta billi jużaw l-approċċ tax-xenarju. ([4]).

([2]) Kif definit fir-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 528/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji tal-opzjonijiet fl-approċċ standardizzat tar-riskju tas-suq (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 29).

([3]) Kif definit fir-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 528/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji tal-opzjonijiet fl-approċċ standardizzat tar-riskju tas-suq (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 29).

([4]) Kif definit fir-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 528/2014 tat-12 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji tal-opzjonijiet fl-approċċ standardizzat tar-riskju tas-suq (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 29).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	Prodotti diretti
8	**Titolizzazzjoni (riskju speċifiku)** Riskju speċifiku ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar f'konformità mal-Artikoli 337 u 338 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR.
9	**Total** Somma tal-ammonti fir-ringieli minn 1 sa 8 ta' dan il-mudell.
Ittra tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**RWEAs** Divulgazzjoni tal-iskoperturi ponderati għar-riskju msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 438 CRR, ikkalkolata bħala l-valur fil-kolonna b immoltiplikat bi 12,5 f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR

Tabella EU MRB: Rekwiżiti ta' divulgazzjoni kwalitattiva għall-istituzzjonijiet li jużaw il-Mudelli tar-Riskju tas-Suq interni: format b'test liberu

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (f) tal-Artikolu 455 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella EU MRB li hija ppreżentata fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
EU (a)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 455 CRR dwar il-firxa u l-metodoloġiji għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 104 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu: — deskrizzjoni tal-proċeduri u tas-sistemi implimentati għall-assigurazzjoni tan-negozjabbiltà tal-pożizzjonijiet inklużi fil-portafoll tan-negozjar sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-Artikolu 104 CRR; — deskrizzjoni tal-metodoloġija użata sabiex jiġi żgurat li l-politiki u l-proċeduri implimentati għall-ġestjoni ġenerali tal-portafoll tan-negozjar ikunu xierqa.
EU (b)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 455 CRR dwar il-firxa u l-metodoloġiji għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 105 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu: — deskrizzjoni tal-metodoloġiji ta' valwazzjoni, inkluża spjegazzjoni ta' kemm jintużaw metodoloġiji ta' valwazzjoni skont is-suq u ta' valwazzjoni skont mudell; — deskrizzjoni tal-proċess indipendenti ta' verifika tal-prezzijiet; — proċeduri għall-aġġustamenti jew għar-riżervi tal-valwazzjoni (inkluża deskrizzjoni tal-proċess u tal-metodoloġija għall-valwazzjoni tal-pożizzjonijiet tan-negozjar skont it-tip ta' strument).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(A)	**L-istituzzjonijiet li jużaw mudelli tal-VaR u mudelli tal-SVaR, kif iddefiniti fl-Artikolu 365 CRR**
(a)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 455 u fil-punt (b) tal-Artikolu 455 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-attivitajiet u tar-riskji koperti mill-mudelli tal-VaR u tal-SVaR, li tispeċifika kif inhuma ddistribwiti f'portafolli/f'subportafolli li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess.
(b)	Meta jiddikjaraw kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 455 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu: — deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudelli tal-VaR u tal-SVaR li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess; — meta rilevanti, informazzjoni dwar liema entitajiet fil-grupp jużaw dawn il-mudelli u kif il-mudelli jirrappreżentaw il-mudelli kollha użati fil-livell tal-grupp, kif ukoll il-perċentwal ta' rekwiżiti ta' fondi proprji koperti mill-mudelli /jew jekk jintużawx l-istess mudelli tal-VaR/SVaR għall-entitajiet kollha bi skopertura għar-riskju tas-suq.
	Divulgazzjonijiet tal-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(i) tal-Artikolu 455 CRR dwar il-karatteristiċi tal-mudell użat għandhom jinkludu:
(c)	Deskrizzjoni ġenerali tal-mudelli tal-VaR u tal-SVaR regolatorji
(d)	Diskussjoni tad-differenzi ewlenin, jekk ikun hemm, bejn il-mudelli użati għall-finijiet ta' ġestjoni u l-mudell użat għal finijiet regolatorji (99% ta' 10 ijiem) għall-mudelli tal-VaR u tal-SVaR
(e)	Għal mudelli tal-VaR:
(i)	Il-frekwenza tal-aġġornar tad-*data*;
(ii)	It-tul tal-perjodu tad-*data* li jintuża sabiex jiġi kkalibrat il-mudell. Deskrizzjoni tal-iskema ta' ponderazzjoni li tintuża (jekk ikun hemm);
(iii)	Deskrizzjoni dwar kif l-istituzzjonijiet jiddeterminaw il-perjodu ta' żamma ta' 10 ijiem (pereżempju, jiskalaw il-VaR ta' jum wieħed bl-għerq kwadrat ta' 10, jew jimmudellaw direttament il-VaR ta' 10 ijiem?);
(iv)	Deskrizzjoni tal-approċċ ta' aggregazzjoni, li huwa l-metodu għall-aggregazzjoni tar-riskju speċifiku u ġenerali (jiġifieri l-istituzzjonijiet jikkalkolaw l-imposta speċifika bħala imposta awtonoma billi jużaw metodu differenti minn dak użat sabiex jikkalkolaw ir-riskju ġenerali jew l-istituzzjonijiet jużaw mudell wieħed li jiddiversifika r-riskju ġenerali u speċifiku?);
(v)	Approċċ ta' valwazzjoni (rivalwazzjoni sħiħa jew użu ta' approssimazzjonijiet);
(vi)	Jekk, meta jiġu ssimulati movimenti potenzjali f'fatturi ta' riskju, jintużawx redditi assoluti jew relattivi (jew approċċ imħallat) (jiġifieri tibdil proporzjonali fil-prezzijiet jew fir-rati jew tibdil assolut fil-prezzijiet jew fir-rati).
(f)	Għall-mudelli tal-SVaR:
(i)	Deskrizzjoni dwar kif jiġi ddeterminat il-perjodu ta' żamma ta' 10 ijiem. Pereżempju, l-istituzzjoni tiskala l-VaR ta' jum wieħed bl-għerq kwadrat ta' 10, jew timmudella direttament il-VaR ta' 10 ijiem? Jekk l-approċċ ikun l-istess bħal dak għall-mudelli tal-VaR, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkonfermaw dan u jirreferu għad-divulgazzjoni (e)(iii) ta' hawn fuq;

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(ii)	Deskrizzjoni tal-perjodu ta' stress magħżul mill-istituzzjoni u tar-raġuni wara din l-għażla;
(iii)	Deskrizzjoni tal-approċċ ta' valwazzjoni (rivalwazzjoni sħiħa jew użu ta' approssimazzjonijiet).
(g)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 455 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-ittestjar tal-istress applikat għall-parametri tal-immudellar konsistenti mal-informazzjoni ddikjarata skont (A)(a) aktar 'il fuq (xenarji ewlenin żviluppati sabiex jiġu koperti l-karatteristiċi tal-portafolli li għalihom japplikaw il-mudelli tal-VaR u tal-SVaR fil-livell tal-grupp).
(h)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(iv) tal-Artikolu 455 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw deskrizzjoni tal-approċċ użat għall-ittestjar b'lura/għall-validazzjoni tal-akkuratezza u tal-konsistenza interna tad-*data* u tal-parametri użati għall-mudelli interni u għall-proċessi ta' mmudellar.
(B)	**Istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni sabiex ikejlu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni (IRC) f'konformità mat-Taqsimiet 3 u 4 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR**
(a)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 455 u fil-punt (b) tal-Artikolu 455 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tar-riskji koperti mill-mudelli tal-IRC, li tispeċifika kif inhuma ddistribwiti f'portafolli/f'subportafolli li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess.
(b)	L-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 455 CRR għandha tinkludi deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell tal-IRC li għalih l-awtorità kompetenti tkun tat il-permess, u għandha tkun ikkomplementata b'informazzjoni dwar liema entitajiet fil-grupp jużaw dawn il-mudelli u kif il-mudelli jirrappreżentaw il-mudelli kollha użati fil-livell tal-grupp, inkluż il-perċentwal tar-rekwiżiti ta' fondi proprji koperti mill-mudelli jew jekk jintużawx l-istess mudelli tal-IRC għall-entitajiet kollha bi skopertura għar-riskju tas-suq.
	L-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 455 CRR dwar il-karatteristiċi tal-mudelli tal-IRC użati għandha tinkludi:
(c)	Deskrizzjoni ġenerali tal-metodoloġija użata għall-mudelli interni għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni, inklużi:
(i)	Informazzjoni dwar l-approċċ kumplessiv tal-immudellar (b'mod partikolari, l-użu ta' mudelli bbażati fuq il-firxa jew mudelli bbażati fuq matriċi ta' tranżizzjoni);
(ii)	Informazzjoni dwar il-kalibrar tal-matriċi ta' tranżizzjoni;
(iii)	Informazzjoni dwar is-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni;
(d)	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-approċċ użat sabiex jiddeterminaw l-perjodi ta' likwidità;
(e)	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-metodoloġija użata sabiex jiksbu valutazzjoni kapitali li tkun konsistenti mal-istandard ta' soliditá meħtieġ;

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(f)	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-approċċ użat fil-validazzjoni tal-mudelli.
(g)	L-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 455 CRR għandha tinkludi deskrizzjoni tal-ittestjar tal-istress applikat għall-parametri tal-immudellar konsistenti mal-informazzjoni ddikjarata skont (B)(a) aktar 'il fuq (xenarji ewlenin żviluppati sabiex jiġu koperti l-karatteristiċi tal-portafolli li għalihom japplikaw il-mudelli tal-IRC fil-livell tal-grupp).
(h)	Linformazzjoni msemmija fil-punt (a)(iv) tal-Artikolu 455 CRR għandha tinkludi deskrizzjoni tal-approċċ użat għall-ittestjar b'lura/għall-validazzjoni tal-akkuratezza u tal-konsistenza interna tad-*data* u tal-parametri użati għall-mudelli interni u għall-proċessi ta' mmudellar tal-IRC
(C)	**Istituzzjonijiet li jużaw mudelli interni sabiex ikejlu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni (kejl tar-riskju komprensiv) f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR**
(a)	Meta jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 455 u fil-punt (b) tal-Artikolu 455 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tar-riskji koperti mill-mudelli tal-kejl tar-riskju komprensiv, li tispeċifika kif inhuma ddistribwiti f'portafolli/f'subportafolli li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess.
(b)	L-informazzjoni msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 455 CRR għandha tinkludi deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-mudelli tal-kejl tar-riskju komprensiv li għalihom l-awtorità kompetenti tkun tat permess. Għandha tkun ikkomplementata minn informazzjoni dwar liema entitajiet fil-grupp jużaw dawn il-mudelli u kif il-mudelli jirrappreżentaw il-mudelli kollha użati fil-livell tal-grupp, inkluż il-perċentwal ta' rekwiżiti ta' fondi proprji koperti mill-mudelli jew jekk jintużawx l-istess mudelli tal-IRC għall-entitajiet kollha bi skopertura għar-riskju tas-suq.
	L-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(ii) tal-Artikolu 455 CRR dwar il-karatteristiċi tal-mudelli tal-kejl tar-riskju komprensiv użati għandha tinkludi:
(c)	Deskrizzjoni ġenerali tal-metodoloġija użata għan-negozjar ta' korrelazzjoni, inklużi:
(i)	Informazzjoni dwar l-approċċ tal-immudellar kumplessiv (għażla tal-korrelazzjoni tal-mudell bejn l-inadempjenza/migrazzjonijiet u l-firxa: (i) proċessi stokastiċi separati iżda korrelatati li jwasslu għall-migrazzjoni/għall-inadempjenza u ċ-ċaqliq tal-firxa; (ii) it-tibdiliet fil-firxa li jwasslu għall-migrazzjoni/għall-inadempjenza; jew (iii) tibdiliet fil-firxa li jwasslu għall-inadempjenza/għall-migrazzjonijiet);
(ii)	Informazzjoni użata sabiex jiġu kkalibrati l-parametri tal-korrelazzjoni bażi: l-ipprezzar tal-LGD tas-segmenti (kostanti jew stokastiċi);
(iii)	Informazzjoni dwar l-għażla ta' jekk jitħallewx jiqdiemu l-pożizzjonijiet (il-profitti u t-telf ibbażati fuq il-moviment simulat tas-suq fil-mudell ikkalkolati fuq il-bażi taż-żmien sal-iskadenza ta' kull pożizzjoni fi tmiem l-orizzont kapitali ta' sena jew bl-użu taż-żmien sal-iskadenza tagħhom fid-data tal-kalkolu);
(d)	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-approċċ użat sabiex jiddeterminaw l-perjodi ta' likwidità.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(e)	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-metodoloġija użata sabiex jiksbu valutazzjoni kapitali li tkun konsistenti mal-istandard ta' soliditá meħtieġ.
(f)	L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjoni tal-approċċ użat fil-validazzjoni tal-mudelli.
(g)	L-informazzjoni msemmija fil-punt (a)(iii) tal-Artikolu 455 CRR għandha tinkludi deskrizzjoni tal-ittestjar tal-istress applikat għall-parametri tal-immudellar (xenarji ewlenin żviluppati sabiex jiġu koperti l-karatteristiċi tal-portafolli li għalihom japplikaw il-mudelli tal-kejl tar-riskju komprensiv fil-livell tal-grupp).
(h)	Linformazzjoni msemmija fil-punt (a)(iv) tal-Artikolu 455 CRR għandha tinkludi deskrizzjoni tal-approċċ użat għall-ittestjar b'lura jew għall-validazzjoni tal-akkuratezza u tal-konsistenza interna tad-*data* u tal-parametri użati għall-mudelli interni u għall-proċessi ta' mmudellar tal-kejl tar-riskju komprensiv.
(i)	L-istituzzjonijiet għandhom jikkomplementaw l-informazzjoni dikjarata rigward il-mudelli interni għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni u għall-portafolli ta' negozjar ta' korrelazzjoni bl-informazzjoni msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 455 dwar il-perjodu medju ponderat ta' likwidità għas-subportafolli, koerenti mad-deskrizzjoni pprovduta taħt ir-ringieli (B) (a) u (d) u (C) (a) u (d) tat-tabella EU MRB.

Mudell EU MR2-A - Ir-riskju tas-suq skont l-Approċċ ta' Mudell Intern (internal Model Approach, IMA): format fiss

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 455 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU MR2-A li huwa ppreżentat fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**VaR** (l-ogħla mill-valuri a u b)
a	*VaR tal-jum preċedenti (VaRt-1)* Numru tal-valur fir-riskju tal-jum ta' qabel (VaR_{t-1}) ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 365(1) CRR
b	*Fattur ta' multiplikazzjoni (mc) x il-medja ta' 60 jum ta' xogħol preċedenti (VaRavg)* Medja tan-numri tal-valur f'riskju ta' kuljum ikkalkolati f'konformità mal-Artikolu 365(1) CRR, f'kull wieħed mis-60 jum ta' negozju preċedenti (VAR_{avg}) x immoltiplikat bil-fattur ta' moltiplikazzjoni (mc) f'konformità mal-Artikolu 366 CRR
2	**SVaR** (l-ogħla mill-valuri a u b)
a	*L-aħħar SVaR disponibbli (SVaRt-1))* L-aħħar numru tal-valur fir-riskju taħt stress disponibbli ($sVaR_{t-1}$) ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 365(2) CRR

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
b	*Fattur ta' multiplikazzjoni (mc) x il-medja ta' 60 jum ta' xogħol preċedenti (sVaRavg)* Medja tan-numri tal-valur fir-riskju taħt stress ikkalkolata bil-mod u bil-frekwenza speċifikati fl-Artikolu 365(2) CRR matul is-sittin jum ta' negozju preċedenti ($sVaR_{avg}$), immoltiplikata bil-fattur ta' moltiplikazzjoni (ms) f'konformità mal-Artikolu 366 CRR
3	**IRC** (l-ogħla mill-valuri a u b)
a	*L-aktar kalkolu riċenti tal-IRC* L-aktar numru ta' riskji riċenti għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni kkalkolat f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR
b	*Il-medja tal-kejl tal-IRC fuq 12-il ġimgħa* Medja tan-numru ta' riskji għar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni kkalkolat f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR fuq it-12-il ġimgħa preċedenti
4	**Kejl komprensiv tar-riskju** (l-ogħla mill-valuri a, b u c)
a	*L-aktar kejl tar-riskju riċenti mill-kalkolu tar-riskju komprensiv* L-aktar numru ta' riskji riċenti għall-portafoll ta' negozjar ta' korrelazzjoni kkalkolat f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR
b	*Il-kalkolu medju ta' 12-il ġimgħa tar-riskju komprensiv* Medja tan-numru ta' riskji għall-portafoll ta' negozjar ta' korrelazzjoni kkalkolat f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR fuq it-12-il ġimgħa preċedenti
c	*Livell minimu tal-kalkolu tar-riskju komprensiv* 8 % tar-rekwiżit ta' fondi proprji li, fiż-żmien tal-kalkolu tal-aktar numru ta' riskju riċenti msemmi fir-ringiela (a) ta' dan il-mudell, jiġi kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 338(4) CRR, għal dawk il-pożizzjonijiet kollha inkorporati fil-mudell intern għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni
5	**Oħrajn** Oħrajn jirreferu għal fondi proprji addizzjonali meħtieġa mis-superviżuri għall-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ tal-mudell intern għar-riskju tas-suq (pereż. kapital addizzjonali skont l-Artikolu 101 tad-Direttiva 2013/36/UE).
6	**Total** (1+2+3+ 4+5)
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**RWEAs** Divulgazzjoni tal-iskoperturi ponderati għar-riskju msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 438 CRR, ikkalkolata bħala l-valur fil-kolonna b immoltiplikat bi 12,5 f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR.
b	**Rekwiżiti ta' fondi proprji** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif iddeterminat fil-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR f'konformità mal-istruzzjonijiet fir-ringieli minn 1 sa 4 aktar 'il fuq.

Mudell EU MR2-B - Rapporti tal-flussi tar-RWEA tal-iskoperturi għar-riskju tas-suq skont l-IMA: format fiss

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 438 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU MR2-B li huwa ppreżentat fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-flussi tal-RWEA bħala t-tibdiliet bejn l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju fi tmiem il-perjodu ta' referenza tad- divulgazzjoni (kif speċifikati hawn taħt fir-ringiela 8) u r-riskju-w tal-ammonti tal-iskopertura ponderati ta' dan il-mudell fi tmiem il-perjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni preċedenti (kif speċifikati hawn taħt fir-ringiela 1; fil-każ ta' divulgazzjonijiet trimestrali, tmiem it-trimestru qabel it-trimestru tal-perjodu ta' referenza tad-divulgazzjoni). L-istituzzjonijiet jistgħu jikkomplementaw id-divulgazzjonijiet tal-Pilastru 3 tagħhom billi jiddikjaraw l-istess informazzjoni għat-tliet trimestri preċedenti.

8. L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell iċ-ċifri dikjarati fir-ringiela 8 ta' dan il-mudell, jiġifieri kwalunkwe fattur ieħor li jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-varjazzjonijiet tal-RWEA.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**RWEAs f'għeluq il-perjodu preċedenti** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju fi tmiem il-perjodu preċedenti dderivati mis-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 364 CRR bl-eċċezzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 364(2) CRR, u l-fondi proprji addizzjonali meħtieġa mis-superviżuri għall-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ ta' mudell intern għar-riskju tas-suq, immoltiplikati bi 12,5 f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR
2	*Ċaqliq fil-livelli tar-riskju* Tibdiliet minħabba tibdiliet fil-pożizzjoni, minbarra dawk li jirriżultaw minn tibdiliet fil-politika regolatorja
3	*Tibdiliet fil-mudell* Aġġornamenti sinifikanti fil-mudell sabiex tiġi riflessa esperjenza riċenti (pereż. rikalibrar), kif ukoll tibdiliet sinifikanti fl-ambitu tal-mudell. Jekk ikun sar aktar minn aġġornament wieħed fil-mudell, jistgħu jkunu meħtieġa ringieli addizzjonali.
4	*Metodoloġija u politika* Tibdiliet fil-metodoloġija fil-kalkoli xprunati minn tibdiliet fil-politika regolatorja
5	*Akkwiżizzjonijiet u disponimenti* Modifiki minħabba l-akkwiżizzjoni jew id-disponiment ta' linji ta' negozju/prodotti jew ta' entitajiet
6	*Ċaqliq fil-kambju* Tibdiliet li jirriżultaw minn ċaqliq minħabba qlib ta' munita barranija
7	*Oħrajn* Din il-kategorija għandha tintuża sabiex tkopri tibdiliet li ma jistgħux jiġu attribwiti għal kwalunkwe kategorija ta' fatturi inklużа fir-ringieli minn 2 sa 6 ta' dan il-mudell, u l-ispjegazzjonijiet dwar il-fatturi wara dawn it-tibdiliet iridu jiġu pprovduti fin-narrattiva li takkumpanja.
8	**RWEAs fi tmiem il-perjodu ta' divulgazzjoni** L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju fi tmiem il-perjodu dderivati mis-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 364 CRR bl-eċċezzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 364(2) CRR, u l-fondi proprji addizzjonali meħtieġa mis-superviżuri għall-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ ta' mudell intern għar-riskju tas-suq, immoltiplikati bi 12,5 f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 92(4) CRR

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1a /1b/ 8a/8b	Ir-ringieli 1a/1b u 8a/8b ta' dan il-mudell għandhom jintużaw meta r-rekwiżit tal-RWEA/ta' fondi proprji għal kwalunkwe waħda mill-kolonni minn a sa d ta' dan il-mudell ikun il-medja ta' 60 jum (għal VaR u għal SVaR) jew il-kejl medju fuq 12-il ġimgħa jew il-kejl minimu (għall-IRC u għall-Kejl tar-riskju komprensiv) u mhux ir-rekwiżit tal-RWEA/ta' fondi proprji fi tmiem il-perjodu (preċedenti jew ta' divulgazzjoni) f'konformità mal-punti (a)(i) u (b)(i) tal-Artikolu 364(1), mal-punt (b)(i) tal-Artikolu 364(2) u mal-punt (a) tal-Artikolu 364(3) CRR. L-ammont fir-ringieli addizzjonali 1a u 8b għandu jkun id-differenza bejn l-RWEA derivat finali fuq il-kejl medju, kif iddikjarat fir-ringieli 1 jew 8 ta' dan il-mudell, u l-kejl idderivat direttament mill-mudelli fir-ringieli 1b/8a ta' dan il-mudell. F'dawn il-każijiet, ringieli addizzjonali għal aġġustament regolatorju (1a u 8b ta' dan il-mudell) jiżguraw li l-istituzzjoni tkun tista' tipprovdi s-sors tat-tibdiliet fir-rekwiżit tal-RWEA/ta' fondi proprji fuq il-bażi tal-aħħar miżura tar-kejl tar-rekwiżit tal-RWEA/ta' fondi proprji fi tmiem il-perjodu (preċedenti jew ta' divulgazzjoni), fir-ringieli minn 1b u 8a ta' dan il-mudell. F'dan il-każ, ir-ringieli 2, 3, 4, 5, 6, 7 ta' dan il-mudell jirrikonċiljaw il-valur fir-ringieli 1b u 8a ([5]) ta' dan il-mudell.
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	*VaR* Il-fatturi ewlenin li wasslu għal tibdiliet matul il-perjodu f'konformità mar-ringieli minn (2) sa (7) ta' dan il-mudell (fuq il-bażi ta' stima raġonevoli), tal-RWEAs tal-valur fir-riskju dderivati mir-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 364(1) CRR.
b	*SVaR* Il-fatturi ewlenin li wasslu għal tibdiliet matul il-perjodu f'konformità mar-ringieli minn (2) sa (7) ta' dan il-mudell (fuq il-bażi ta' stima raġonevoli), tal-RWEAs tal-valur fir-riskju taħt stress idderivati mir-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 364(1) CRR, u l-fondi proprji addizzjonali meħtieġa mis-superviżuri, jekk ikun hemm
c	*IRC* Il-fatturi ewlenin li wasslu għal tibdiliet matul il-perjodu f'konformità mar-ringieli minn (2) sa (7) ta' dan il-mudell (fuq il-bażi ta' stima raġonevoli), tal-RWEAs inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni dderivati mir-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 364(2) CRR, u l-fondi proprji addizjonali meħtieġa mis-superviżuri, jekk ikun hemm
d	*Kejl tar-riskju komprensiv* Il-fatturi ewlenin li wasslu għal tibdiliet matul il-perjodu f'konformità mar-ringieli minn (2) sa (7) ta' dan il-mudell (fuq il-bażi ta' stima raġonevoli), tal-RWEAs tal-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni dderivati mir-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 364(3) CRR, u l-fondi proprji addizjonali meħtieġa mis-superviżuri, jekk ikun hemm
e	*Oħrajn* Il-fatturi ewlenin li wasslu għal tibdiliet matul il-perjodu f'konformità mar-ringieli minn (2) sa (7) ta' dan il-mudell tal-RWEAs fuq il-bażi tal-approċċi ta' mudell mhux irrapportati fil-kolonni minn (a) sa (d)
f	Total tal-RWEAs (a + b + c + d + e)
g	Total tar-rekwiżiti ta' fondi proprji (f x 8 %)

([5]) Ara l-illustrazzjoni fil-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, *Dis Disclosure requirements DIS 99 Worked examples,* Diċembru 2019.

Mudell EU MR3 - Valuri tal-IMA għall-portafolji tan-negozjar: format fiss

9. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 455 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU MR3 li huwa ppreżentat fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	VaR (99 % ta' 10 ijiem) Kejl tal-valur fir-riskju f'konformità mal-Artikolu 365(1) CRR L-ammonti ma għandhomx jinkludu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali fuq deċiżjoni tas-superviżur (relatati mal-moltiplikatur, pereżempju).
minn 1 sa 4	L-ogħla/l-anqas/il-medja tal-kejl tal-valur fir-riskju ta' kuljum matul il-perjodu u l-kejl tal-valur fir-riskju ta' tmiem il-perjodu.
	SVaR (99 % ta' 10 ijiem) Kejl tal-valur fir-riskju taħt stress f'konformità mal-Artikolu 365(2) CRR L-ammonti ma għandhomx jinkludu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali fuq id-deċiżjoni tas-superviżur (moltiplikatur).
minn 5 sa 8	L-ogħla/l-anqas/il-medja tal-kejl tal-valur fir-riskju ta' kuljum taħt stress matul il-perjodu u l-kejl tal-valur fir-riskju ta' tmiem il-perjodu.
	IRC (99,9 %) Valur tar-riskju inkrimentali ta' inadempjenza u ta' migrazzjoni f'konformità mat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR L-ammonti ma għandhomx jinkludu rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali fuq id-deċiżjoni tas-superviżur (moltiplikatur).
minn 9 sa 12	L-ogħla/l-anqas/il-medja tal-kejl tal-IRC matul il-perjodu u l-kejl tal-valur fir-riskju ta' tmiem il-perjodu
	Kejl tar-riskju komprensiv (99,9 %) Valur tal-portafolli tan-negozjar ta' korrelazzjoni f'konformità mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tas-CRR
minn 13 sa 16	L-ogħla/l-anqas/il-medja tal-kejl tal-portafolli tan-negozjar ta' korrelazzjoni matul il-perjodu u l-kejl tal-valur fir-riskju ta' tmiem il-perjodu
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	L-ogħla/l-anqas/il-medja tal-valuri matul il-perjodu ta' divulgazzjoni u l-valuri ta' tmiem il-perjodu li jikkorrispondu għar-ringieli minn (1) sa (16) ta' dan il-mudell

Mudell EU MR4 - Tqabbil tal-estimi tal-VaR bi profitt/telf: Mudell flessibbli

10. Fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 455 CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw ċart li hija ppreżentata fl-Anness XXIX ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, inkluża l-informazzjoni indikata f'din it-tabella.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
	Spjegazzjoni
	L-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 455 CRR għandha tinkludi l-valur tal-kejl tar-riskju użat għal finijiet regolatorji f'konformità mal-Artikolu 365(1) CRR, ikkalibrat għal perjodu ta' żamma ta' jum wieħed għat-tqabbil mal-livell ta' fiduċja ta' 99 % mal-eżiti tan-negozjar tal-istituzzjoni
	L-istituzzjonijiet għandhom jippreżentaw analiżi tal-"outliers" (eċċezzjonijiet tal-ittestjar retrospettiv skont l-Artikolu 366 CRR) f'riżultati ttestjati b'mod retrospettiv, li tispeċifika d-dati u l-eċċess korrispondenti (VaR-P&L). L-analiżi jenħtieġ li tal-anqas tispeċifika l-fatturi ewlenin tal-eċċezzjonijiet. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw paraguni simili għal P&L attwali u għal P&L ipotetiċi (jiġifieri fuq il-bażi ta' tibdiliet ipotetiċi fil-valuri tal-portafoll li jseħħu jekk il-pożizzjonijiet ta' tmiem il-jum jibqgħu l-istess) skont l-Artikolu 366 CRR. L-istituzzjonijiet għandhom jikkomplementaw din l-informazzjoni b'informazzjoni dwar il-qligħ/it-telf attwali, u b'mod speċjali bi kjarifika dwar jekk jinkludux riżervi u, jekk le, kif ir-riżervi jiġu integrati fil-proċess ta' ttestjar retrospettiv.

Tabella EU ORA — Informazzjoni kwalitattiva dwar ir-riskju operazzjonali

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni kwalitattiva

Bażi ġuridika	Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva — Format liberu
Il-punti (a), (b), (c) u (d) tal-Artikolu 435(1) CRR	(a)	Divulgazzjoni ta' objettivi u politiki tal-ġestjoni tar-riskju
Artikolu 446 CRR	(b)	Divulgazzjoni tal-approċċi għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti minimi ta' fondi proprji
Artikolu 446 CRR	(c)	Deskrizzjoni tal-approċċ tal-metodoloġija tal-AMA użat *(jekk applikabbli)*
Artikolu 454 CRR	(d)	Iddivulga l-użu tal-assigurazzjoni għall-mitigazzjoni tar-riskju fl-Approċċ ta' Kejl Avvanzat*(jekk applikabbli)*

Mudell EU OR1 — Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali u ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju

Attivitajiet bankarji		a	b	c	d	e
		Indikatur rilevanti			Rekwiżiti ta' fondi proprji	Ammont ta' skopertura għar-riskju
		Sena-3	Sena-2	L-aħħar sena		
1	Attivitajiet bankarji soġġetti għall-approċċ tal-indikatur bażiku (BIA)					
2	Attivitajiet bankarji soġġetti għal approċċi standardizzati (TSA) / approċċi standardizzati alternattivi (ASA)					
3	*Soġġetti għal TSA:*					
4	*Soġġetti għal ASA:*					
5	Attivitajiet bankarji soġġetti għal approċċi ta' kejl avvanzat AMA					

ANNESS XXXII

Struzzjonijiet għal mudelli ta' divulgazzjoni tar-riskju operazzjonali

Tabella EU ORA - Informazzjoni kwalitattiva dwar ir-riskju operazzjonali. Tabella flessibbli

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni inkluża f'din it-tabella b'applikazzjoni tal-Artikoli 435(1), 446 u 454 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR").

2. L-istituzzjonijiet għandhom isegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-tabella tad-divulgazzjoni tar-Riskju Operazzjonali EU ORA kif ippreżentata fl-Anness XXXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	**Divulgazzjoni tal-objettivi u tal-politiki ta' ġestjoni tar-riskju** F'konformità mal-Artikolu 435(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-objettivi u l-politiki ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom għar-riskju operazzjonali, inklużi: — l-istrateġiji u l-proċessi; — l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskji għar-riskju operazzjonali; — il-kejl u l-kontroll tar-riskju; — ir-rapportar tar-riskju operazzjonali; — politiki għall-iħħeġġjar u għall-mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali.
(b)	**Divulgazzjoni tal-approċċi għall-valutazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji minimi** L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu deskrizzjoni tal-metodi użati għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali u l-metodi għall-identifikazzjoni, għall-valutazzjoni u għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali. Fil-każ ta' użu parzjali tal-metodoloġiji, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw il-kamp ta' applikazzjoni u l-kopertura tal-metodoloġiji differenti użati.
(c)	**Deskrizzjoni tal-approċċ tal-metodoloġija tal-AMA użat** (jekk applikabbli) L-istituzzjonijiet li jiddikjaraw l-informazzjoni dwar ir-riskju operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 312(2) CRR għandhom jiddikjaraw deskrizzjoni tal-metodoloġija użata, inkluża deskrizzjoni tal-istandards dwar id-*data* esterna u interna msemmija fl-Artikolu 322(3) u (4) CRR.
(d)	**Divulgazzjoni tal-użu tal-assigurazzjoni għall-mitigazzjoni tar-riskju fl-Approċċ ta' Kejl Avvanzat** (jekk applikabbli) L-istituzzjonijiet jenħtieġ li jipprovdu informazzjoni dwar l-użu ta' assigurazzjonijiet u ta' mekkaniżmu ieħor ta' trasferiment tar-riskju għall-mitigazzjoni tar-riskju operazzjonali meta jużaw Approċċi ta' kejl avvanzat f'konformità mal-Artikolu 454 CRR.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Mudell EU OR1 - Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali u ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju. Mudell fiss

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 446 u 454 CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-mudell tad-divulgazzjoni tar-Riskju Operazzjonali EU OR1 kif ippreżentat fl-Anness XXXI ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. Dan il-mudell jipprovdi informazzjoni dwar il-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikoli minn 312 sa 324 (għar-Riskju Operazzjonali skont l-Approċċ tal-Indikatur Bażiku (BIA), l-Approċċ Standardizzat (TSA), l-Approċċ Standardizzat Alternattiv (ASA) u l-Approċċi ta' Kejl Avvanzat (AMA)) tat-Titolu III tal-Parti Tlieta tas-CRR.

4. L-istituzzjonijiet li jużaw il-BIA, it-TSA u/jew l-ASA għandhom jispeċifikaw fin-narrattiva li takkumpanja l-mudell jekk l-informazzjoni fi tmiem is-sena finanzjarja li jkunu qed jużaw għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji hijiex: a) ibbażata fuq ċifri awditjati, jew: b) f'każ li dawn ma jkunux disponibbli, hijiex ibbażata fuq stimi tan-negozju. Fil-każ tal-aħħar, l-istituzzjonijiet għandhom jispeċifikaw kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali li wasslet għal tibdiliet f'dawn iċ-ċifri (pereż. akkwiżizzjonijiet jew disponimenti riċenti ta' entitajiet jew ta' attivitajiet).

Struzzjonijiet għall-mili tal-mudell ta' divulgazzjoni EU OR1	
Kolonna	**Spjegazzjoni**
a, b, c	**Indikatur Rilevanti** It-terminu "indikatur rilevanti" jirreferi għas-"somma tal-elementi" fi tmiem is-sena finanzjarja kif iddefinit fit-Tabella 1 (għall-istituzzjonijiet li jużaw il-BIA) inkluża fl-Artikolu 316(1) CRR. Għall-istituzzjonijiet li jużaw it-TSA jew l-ASA, l-"indikatur rilevanti" fl-aħħar tas-sena finanzjarja kif iddefinit fl-Artikoli minn 317 sa 319 CRR. L-istituzzjonijiet li jużaw l-indikatur rilevanti sabiex jikkalkolaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali (BIA, TSA u ASA) għandhom jiddikjaraw l-indikatur rilevanti għas-snin rispettivi fil-kolonni minn a sa c ta' dan il-mudell. Barra minn hekk, fil-każ ta' użu kombinat ta' approċċi differenti kif imsemmi fl-Artikolu 314 CRR, l-istituzzjonijiet jiddikjaraw ukoll l-indikatur rilevanti għall-attivitajiet soġġetti għall-AMA. Il-banek tal-AMA għandhom jiddikjaraw ukoll l-indikatur rilevanti għall-attivitajiet soġġetti għall-AMA. Jekk l-istituzzjoni jkollha anqas minn 3 snin ta' *data* disponibbli dwar l-"indikatur rilevanti", id-*data* storika disponibbli (ċifri awditjati) għandha tiġi assenjata skont il-prijorità għall-kolonni korrispondenti fil-mudell. Jekk, pereżempju, tkun disponibbli *data* storika għal sena waħda biss, din għandha tiġi ddikjarata fil-kolonna c ta' dan il-mudell. Jekk jidher raġonevoli, l-istimi li jħarsu 'l quddiem imbagħad għandhom jiġu inklużi fil-kolonna b (stima tas-sena ta' wara) u fil-kolonna a (stima tas-sena +2) ta' dan il-mudell. Barra minn hekk, jekk ma jkun hemm l-ebda *data* storika dwar "indikatur rilevanti" disponibbli, l-istituzzjoni tista' tiddikjara stimi tan-negozju li jħarsu 'l quddiem użati għall-komputazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji.
d	**Rekwiżiti ta' fondi proprji** Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mal-approċċ użat, f'konformità mal-Artikoli minn 312 sa 324 CRR. L-ammont li jirriżulta jiġi ddikjarat fil-kolonna d ta' dan il-mudell.
e	**Ammont tal-iskopertura għar-riskju** Il-punt (e) tal-Artikolu 92(3) u l-Artikolu 92(4) CRR. Rekwiżiti ta' fondi proprji fil-kolonna d ta' dan il-mudell immoltiplikati bi 12,5.
Ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Attivitajiet bankarji soġġetti għall-Approċċ tal-indikatur bażiku (BIA)** Din ir-ringiela għandha tippreżenta l-ammonti li jikkorrispondu għall-attivitajiet soġġetti għall-BIA sabiex jiġu kkalkolati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali (l-Artikoli 315 u 316 CRR).

Struzzjonijiet għall-mili tal-mudell ta' divulgazzjoni EU OR1	
Kolonna	**Spjegazzjoni**
2	**Attivitajiet bankarji soġġetti għall-Approċċ Standardizzat (TSA) / għall-Approċċ Standardizzat Alternattiv (ASA)** Din ir-ringiela għandha tippreżenta r-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolati f'konformità mat-TSA u mal-ASA (l-Artikoli minn 317 sa 320 CRR).
3	**Soġġetti għat-TSA** Fil-każ tal-użu tat-TSA, l-indikatur rilevanti għal kull sena rispettiva għandu jinkludi l-linji operatorji kollha kif iddefiniti fit-Tabella 2, inklużi fl-Artikolu 317 CRR.
4	**Soġġetti għall-ASA** L-istituzzjonijiet li jużaw l-ASA (l-Artikolu 319 CRR) għandhom jiddikjaraw l-indikatur rilevanti għas-snin rispettivi.
5	**Attivitajiet bankarji soġġetti għal Approċċi ta' kejl avvanzat AMA** Id-*data* rilevanti għall-istituzzjonijiet tal-AMA (l-Artikolu 312(2) u l-Artikoli minn 321 sa 323 CRR) għandha tiġi ddikjarata. Fil-każ ta' użu kombinat ta' approċċi differenti f'konformità mal-Artikolu 314 CRR, l-indikatur rilevanti għall-attivitajiet soġġetti għal AMA għandu jiġi ddikjarat ukoll. Il-banek tal-AMA għandhom jiddikjaraw ukoll l-indikatur rilevanti għall-attivitajiet soġġetti għall-AMA.

ANNESS XXXIII

Tabella EU REMA – Il-politika tar-remunerazzjoni

L-istituzzjonijiet għandhom jiddeskrivu l-elementi ewlenin tal-politiki ta' remunerazzjoni tagħhom u kif jimplimentaw dawn il-politiki. B'mod partikolari, għandhom jiġu deskritti l-elementi li ġejjin, fejn rilevanti:

Divulgazzjonijiet kwalitattivi
(a) Informazzjoni relatata mal-korpi li jissorveljaw ir-remunerazzjoni. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — L-isem, il-kompożizzjoni u l-mandat tal-korp ewlieni (il-korp maniġerjali jew il-kumitat ta' remunerazzjoni kif applikabbli) li jissorvelja l-politika tar-remunerazzjoni u l-għadd ta' laqgħat li jsiru minn dak il-korp ewlieni matul is-sena finanzjarja. — Konsulenti esterni li ntalbu jagħtu l-parir tagħhom, l-entità li biha ġew ikkummissjonati, u f'liema oqsma tal-qafas ta' remunerazzjoni. — Deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-politika tar-remunerazzjoni tal-istituzzjoni (eż. skont ir-reġjuni, linji operatorji), inkluż sa fejn din tkun applikabbli għal sussidjarji u fergħat li jinsabu f'pajjiżi terzi. — Deskrizzjoni tal-persunal jew kategoriji tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom iħallu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet.
(b) Informazzjoni relatata mat-tfassil u l-istruttura tas-sistema ta' remunerazzjoni għall-persunal identifikat. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — Ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi ewlenin u l-objettivi tal-politika tar-remunerazzjoni, u informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet użat għad-determinazzjoni tal-politika tar-remunerazzjoni u r-rwol tal-partijiet interessati rilevanti. — Informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u l-aġġustament tar-riskju ex ante u ex post. — Jekk il-korp maniġerjali jew il-kumitat tar-remunerazzjoni fejn ikun stabbilit irrevediex il-politika tar-remunerazzjoni tal-istituzzjoni matul l-aħħar sena, u jekk iva, ħarsa ġenerali lejn kwalunkwe bidliet li saru, ir-raġunijiet għal dawk il-bidliet u l-impatt tagħhom fuq ir-remunerazzjoni. — Informazzjoni dwar kif l-istituzzjoni tiżgura li l-persunal fil-funzjonijiet ta' kontroll intern jiġi remunerat indipendentement min-negozji li jissorveljaw. — Il-politiki u l-kriterji applikati għall-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli garantita u għall-ħlasijiet relatati mas-sensja.
(c) Deskrizzjoni tal-modi li bihom ir-riskji attwali u futuri jitqiesu fil-proċessi ta' remunerazzjoni. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu ħarsa ġenerali lejn ir-riskji ewlenin, il-kejl tagħhom u kif dawn il-miżuri jaffettwaw ir-remunerazzjoni.
(d) Il-proporzjon bejn remunerazzjoni fissa u varjabbli stabbilit skont il-punt (g) tal-Artikolu 94(1) tas-CRD.

Divulgazzjonijiet kwalitattivi
(e) Deskrizzjoni tal-modi li bihom l-istituzzjoni tfittex li torbot il-prestazzjoni matul perjodu ta' kejl tal-prestazzjoni mal-livelli ta' remunerazzjoni. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — Ħarsa ġenerali lejn il-kriterji ewlenin tal-prestazzjoni u l-metriċi għall-istituzzjonijiet, il-linji operatorji u l-individwi. — Ħarsa ġenerali lejn kif l-ammonti tar-remunerazzjoni varjabbli individwali huma marbuta mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni kollha u individwali. — Informazzjoni dwar il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat il-bilanċ bejn tipi differenti ta' strumenti mogħtija inklużi ishma, interessi ta' sjieda ekwivalenti, opzjonijiet u strumenti oħra. — Informazzjoni dwar il-miżuri li l-istituzzjoni se timplimenta biex taġġusta r-remunerazzjoni varjabbli f'każ li l-metriċi tal-prestazzjoni jkunu dgħajfa, inklużi l-kriterji tal-istituzzjoni għad-determinazzjoni tal-metriċi tal-prestazzjoni 'dgħajfa'.
(f) Deskrizzjoni tal-modi li bihom l-istituzzjoni tfittex li taġġusta r-remunerazzjoni sabiex tqis prestazzjoni fit-tul. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — Ħarsa ġenerali lejn il-politika tal-istituzzjoni dwar id-differiment, ħlas fl-istrument, il-perjodi taż-żamma u l-vestiment ta' remunerazzjoni varjabbli inkluż fejn din tkun differenti fost il-persunal jew kategoriji tal-persunal. — Informazzjoni dwar il-kriterji tal-istituzzjoni għall-aġġustamenti ex post (malus matul id-differiment u rkupru wara l-vestiment, jekk permess mil-liġi nazzjonali). — Fejn applikabbli, rekwiżiti tal-parteċipazzjoni azzjonarja li jistgħu jiġu imposti fuq il-persunal identifikat.
(g) Id-deskrizzjoni tal-parametri ewlenin u r-raġunament għal kwalunkwe skema ta' komponenti varjabbli u kwalunkwe benefiċċju ieħor mhux finanzjarju f'konformità mal-punt (f) tal-Artikolu 450(1) tas-CRR. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — Informazzjoni dwar l-indikaturi speċifiċi tal-prestazzjoni użati biex jiġu ddeterminati l-komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni u l-kriterji użati biex jiġi ddeterminat il-bilanċ bejn tipi differenti ta' strumenti mogħtija, inklużi ishma, interessi ta' sjieda ekwivalenti, strumenti marbuta mal-ishma, strumenti mhux finanzjarji ekwivalenti, opzjonijiet u strumenti oħra.
(h) Fuq talba mill-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti rilevanti, ir-remunerazzjoni totali għal kull membru tal-korp maniġerjali jew tal-maniġment superjuri.
(i) Informazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni tibbenefikax minn deroga stabbilita fl-Artikolu 94(3) tas-CRD f'konformità mal-punt (k) tal-Artikolu 450(1) tas-CRR. — Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-istituzzjonijiet li jibbenefikaw minn deroga bħal din għandhom jindikaw jekk din hijiex abbażi tal-punt (a) u/jew tal-punt (b) tal-Artikolu 94(3) tas-CRD. Huma għandhom jindikaw ukoll għal liema mill-prinċipji ta' remunerazzjoni japplikaw id-deroga(i), l-għadd ta' membri tal-persunal li jibbenefikaw mid-deroga(i) u r-remunerazzjoni totali tagħhom, maqsuma f'remunerazzjoni fissa u varjabbli.
(j) L-istituzzjonijiet il-kbar għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni kwantitattiva dwar ir-remunerazzjoni tal-korp maniġerjali kollettiv tagħhom, b'distinzjoni bejn membri eżekuttivi u mhux eżekuttivi f'konformità mal-Artikolu 450(2) tas-CRR.

Mudell EU REM1 - Remunerazzjoni mogħtija għas-sena finanzjarja

			a	b	c	d
			Funzjoni superviżorja tal-MB	Funzjoni maniġerjali tal-MB	Maniġment superjuri ieħor	Persunal identifikat ieħor
1	Remunerazzjoni fissa	Għadd tal-persunal identifikat				
2		Total ta' remunerazzjoni fissa				
3		Li minnu: ibbażat fuq flus				
4		(Mhux applikabbli fl-UE)				
EU-4a		Li minnu: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti				
5		Li minnu: strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus				
EU-5x		Li minnu: strumenti oħra				
6		(Mhux applikabbli fl-UE)				
7		Li minnu: forom oħra				
8		(Mhux applikabbli fl-UE)				

			a	b	c	d
			Funzjoni superviżorja tal-MB	Funzjoni maniġerjali tal-MB	Maniġment superjuri ieħor	Persunal identifikat ieħor
9	Remunerazzjoni varjabbli	Għadd tal-persunal identifikat				
10		Total ta' remunerazzjoni varjabbli				
11		Li minnu: ibbażat fuq flus				
12		Li minnu: differit				
EU-13a		Li minnu: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti				
EU-14a		Li minnu: differit				
EU-13b		Li minnu: strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus				
EU-14b		Li minnu: differit				
EU-14x		Li minnu: strumenti oħra				
EU-14y		Li minnu: differit				
15		Li minnu: forom oħra				
16		Li minnu: differit				
17	Remunerazzjoni totali (2 + 10)					

Mudell EU REM2 - Ħlasijiet speċjali lill-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu jħallu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet (persunal identifikat)

		a	b	c	d
		Funzjoni superviżorja tal-MB	Funzjoni maniġerjali tal-MB	Maniġment superjuri ieħor	Persunal identifikat ieħor
	Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti				
1	Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti - L-għadd ta' persunal identifikat				
2	Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti - Ammont totali				
3	Li minnhom għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli garantiti mħallsa matul is-sena finanzjarja, li ma jiġux ikkunsidrati fil-limitu massimu tal-bonus				
	Ħlasijiet relatati mas-sensja mogħtija matul perjodi preċedenti, li jkunu tħallsu matul is-sena finanzjarja				
4	Ħlasijiet relatati mas-sensja mogħtija matul perjodi preċedenti, li jkunu tħallsu matul is-sena finanzjarja - L-għadd ta' persunal identifikat				
5	Ħlasijiet relatati mas-sensja mogħtija matul perjodi preċedenti, li jkunu tħallsu matul is-sena finanzjarja - L-ammont totali				
	Ħlasijiet relatati mas-sensja mogħtija matul is-sena finanzjarja				
6	Ħlasijiet relatati mas-sensja mogħtija matul is-sena finanzjarja - L-għadd ta' persunal identifikat				
7	Ħlasijiet relatati mas-sensja mogħtija matul is-sena finanzjarja - L-ammont totali				
8	Li minnhom imħallsa matul is-sena finanzjarja				
9	Li minnhom differiti				
10	Li minnhom ħlasijiet relatati mas-sensja mħallsa matul is-sena finanzjarja, li mhumiex ikkunsidrati fil-limitu massimu tal-bonus				
11	Li minnhom l-ogħla ħlas li jkun ingħata lil persuna waħda				

Mudell EU REM3 - Remunerazzjoni differita

		a	b	c	d	e	f	EU - g	EU - h
	Remunerazzjoni differita u miżmuma	L-ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħtija għal perjodi preċedenti ta' prestazzjoni	Li minnhom minħabba vestiment fis-sena finanzjarja	Li minnhom vestiment fi snin finanzjarji sussegwenti	L-ammont ta' aġġustament tal-prestazzjoni li sar fis-sena finanzjarja għal remunerazzjoni differita li kellha tkun vestita fis-sena finanzjarja	L-ammont ta' aġġustament tal-prestazzjoni li sar fis-sena finanzjarja għal remunerazzjoni differita li kellha tkun vestita fi prestazzjonijiet ta' snin futuri	L-ammont totali ta' aġġustament matul is-sena finanzjarja minħabba aġġustamenti impliċiti ex post (jiġifieri bidliet fil-valur tar-remunerazzjoni differita minħabba bidliet fil-prezzijiet tal-istrumenti)	L-ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħtija qabel is-sena finanzjarja attwalment imħallsa fis-sena finanzjarja	L-ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħtija għal perjodu preċedenti ta' prestazzjoni li jkun ġie vestit iżda soġġett għal perjodi ta' żamma
1	Funzjoni superviżorja tal-MB								
2	Ibbażat fuq flus								
3	Ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti								
4	Strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus								
5	Strumenti oħra								
6	Forom oħra								
7	Funzjoni maniġerjali tal-MB								
8	Ibbażat fuq flus								
9	Ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti								
10	Strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus								
11	Strumenti oħra								

		a	b	c	d	e	f	EU - g	EU - h
	Remunerazzjoni differita u miżmuma	L-ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħtija għal perjodi preċedenti ta' prestazzjoni	Li minnhom minħabba vestiment fis-sena finanzjarja	Li minnhom vestiment fi snin finanzjarji sussegwenti	L-ammont ta' aġġustament tal-prestazzjoni li sar fis-sena finanzjarja għal remunerazzjoni differita li kellha tkun vestita fis-sena finanzjarja	L-ammont ta' aġġustament tal-prestazzjoni li sar fis-sena finanzjarja għal remunerazzjoni differita li kellha tkun vestita fi prestazzjonijiet ta' snin futuri	L-ammont totali ta' aġġustament matul is-sena finanzjarja minħabba aġġustamenti impliċiti ex post (jiġifieri bidliet fil-valur tar-remunerazzjoni differita minħabba bidliet fil-prezzijiet tal-istrumenti)	L-ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħtija qabel is-sena finanzjarja attwalment imħallsa fis-sena finanzjarja	L-ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħtija għal perjodu preċedenti ta' prestazzjoni li jkun ġie vestit iżda soġġett għal perjodi ta' żamma
12	Forom oħra								
13	Maniġment superjuri ieħor								
14	Ibbażat fuq flus								
15	Ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti								
16	Strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus								
17	Strumenti oħra								
18	Forom oħra								
19	Persunal identifikat ieħor								
20	Ibbażat fuq flus								
21	Ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti								
22	Strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus								
23	Strumenti oħra								
24	Forom oħra								
25	Ammont totali								

Mudell EU REM4 - Remunerazzjoni ta' miljun euro jew aktar fis-sena

		a
	EUR	Persunal identifikat li jaqla' paga għolja kif stabbilit fl-Artikolu 450(i) tas-CRR
1	1 000 000 sa inqas minn 1 500 000	
2	1 500 000 sa inqas minn 2 000 000	
3	2 000 000 sa inqas minn 2 500 000	
4	2 500 000 sa inqas minn 3 000 000	
5	3 000 000 sa inqas minn 3 500 000	
6	3 500 000 sa inqas minn 4 000 000	
7	4 000 000 sa inqas minn 4 500 000	
8	4 500 000 sa inqas minn 5 000 000	
9	5 000 000 sa inqas minn 6 000 000	
10	6 000 000 sa inqas minn 7 000 000	
11	7 000 000 sa inqas minn 8 000 000	
x	It-tabella għandha tiġi estiża kif xieraq, jekk ikun hemm bżonn ta' aktar faxex ta' ħlasijiet.	

Mudell EU REM5 - Informazzjoni dwar ir-remunerazzjoni tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu jħallu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet (persunal identifikat)

		a	b	c	d	e	f	g	h	i	j
		Remunerazzjoni tal-korp maniġerjali			Oqsma tan-negozju						
		Funzjoni superviżorja tal-MB	Funzjoni maniġerjali tal-MB	Total tal-MB	Investiment bankarju	Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur	Immaniġġjar ta' assi	Funzjonijiet korporattivi	Funzjonijiet indipendenti ta' kontroll intern	L-oħrajn kollha	Total
1	Għadd totali ta' persunal identifikat										
2	Li minnu: membri tal-MB										
3	Li minnu: maniġment superjuri ieħor										
4	Li minnu: persunal identifikat ieħor										
5	Remunerazzjoni totali tal-persunal identifikat										
6	Li minnu: remunerazzjoni varjabbli										
7	Li minnu: remunerazzjoni fissa										

ANNESS XXXIV

Struzzjonijiet għad-divulgazzjoni tal-mudelli tal-politika ta' remunerazzjoni

Tabella EU REMA – Politika ta' remunerazzjoni: Format flessibbli

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punti (a), ((b), (c), (d), (e), (f), (j) u (k) tal-Artikolu 450(1) u tal-Artikolu 450(2) CRR [1] billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew it-Tabella EU REMA li hija ppreżentata fl-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

2. Din it-tabella għandha format flessibbli. F'każ li l-istituzzjonijiet japplikaw format differenti, dawn għandhom jipprovdu informazzjoni komparabbli mal-informazzjoni meħtieġa f'din it-tabella, b'livell simili ta' granularità u inkluża l-informazzjoni ta' sustanza kollha meħtieġa.

3. Għall-finijiet ta' din it-tabella u tal-mudelli spjegati f'dan l-anness, għoti jfisser l-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli għal perjodu speċifiku ta' dovuti, indipendentement mill-punt ta' żmien attwali meta jitħallas l-ammont mogħti.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(a)	Informazzjoni relatata mal-korpi li jissorveljaw ir-remunerazzjoni. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — l-isem, il-kompożizzjoni u l-mandat tal-korp ewlieni (il-korp maniġerjali u l-kumitat ta' remunerazzjoni, fejn stabbilit) li jissorvelja l-politika ta' remunerazzjoni u n-numru ta' laqgħat li jsiru minn dak il-korp ewlieni matul is-sena finanzjarja; — konsulenti esterni li l-parir tagħhom ikun intalab, il-korp li bih ġew ikkummissjonati, u f'liema oqsma tal-qafas ta' remunerazzjoni; — deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni (pereż. skont ir-reġjuni, il-linji operatorji), inkluż kemm din tkun applikabbli għal sussidjarji u għal fergħat li jinsabu f'pajjiżi terzi; — deskrizzjoni tal-persunal jew tal-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet (persunal identifikat).
(b)	Informazzjoni relatata mat-tfassil u mal-istruttura tas-sistema ta' remunerazzjoni għall-persunal identifikat. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi u l-objettivi ewlenin tal-politika ta' remunerazzjoni, u informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet użat għad-determinazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni u r-rwol tal-partijiet konċernati rilevanti (pereż. il-laqgħa tal-azzjonisti); — informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u għall-aġġustament tar-riskju *ex ante u ex post*; — jekk il-korp maniġerjali u l-kumitat ta' remunerazzjoni, fejn stabbilit, irrieżaminax il-politika ta' remunerazzjoni tal-istituzzjoni matul l-aħħar sena, u jekk iva, ħarsa ġenerali lejn kwalunkwe tibdil li sar, ir-raġunijiet għal dawk it-tibdiliet u l-impatt tagħhom fuq ir-remunerazzjoni; — informazzjoni dwar kif l-istituzzjoni tiżgura li l-persunal fil-funzjonijiet ta' kontroll intern jiġi rremunerat b'mod indipendenti min-negozji li jissorvelja; — il-politiki u l-kriterji applikati għall-għoti ta' remunerazzjoni varjabbli ggarantita u ta' pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(c)	Deskrizzjoni tal-modi li bihom riskji kurrenti u futuri jitqiesu fil-proċessi ta' remunerazzjoni Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu ħarsa ġenerali lejn ir-riskji ewlenin, il-kejl tagħhom u kif dawn il-miżuri jaffettwaw ir-remunerazzjoni.
(d)	Il-proporzjonijiet bejn ir-remunerazzjoni fissa u varjabbli stabbiliti f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 94(1) tad-Direttiva (UE) 2013/36 ("CRD") [2]
(e)	Deskrizzjoni tal-modi li bihom l-istituzzjoni tfittex li torbot il-prestazzjoni matul perjodu ta' kejl tal-prestazzjoni mal-livelli ta' remunerazzjoni Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — ħarsa ġenerali lejn il-kriterji u l-metrika ewlenija tal-prestazzjoni għall-istituzzjoni, għal-linji operatorji u għall-individwi. — ħarsa ġenerali lejn kif l-ammonti ta' remunerazzjoni varjabbli individwali huma marbuta mal-prestazzjoni tal-istituzzjoni kollha u mal-prestazzjoni individwali. — informazzjoni dwar il-kriterji użati sabiex jiġi ddeterminat il-bilanċ bejn tipi differenti ta' strumenti mogħtija inklużi ishma, interess proprjetarju ekwivalenti, opzjonijiet u strumenti oħra — informazzjoni dwarw il-miżuri li l-istituzzjoni se timplimenta sabiex taġġusta r-remunerazzjoni varjabbli f'każ li l-metrika tal-prestazzjoni tkun dgħajfa, inklużi l-kriterji tal-istituzzjoni għad-determinazzjoni tal-metrika tal-prestazzjoni meta l-metrika tal-prestazzjoni titqies "dgħajfa". F'konformità mal-punt (n) tal-Artikolu 94(1) CRD, sabiex titħallas jew tiġi vestita, ir-remunerazzjoni varjabbli trid tkun iġġustifikata fuq il-bażi tal-prestazzjoni tal-istituzzjoni, tal-unità operatorja u tal-individwu konċernat. L-istituzzjonijiet għandhom jispjegaw il-kriterji/il-limiti sabiex jiġi ddeterminat li l-prestazzjoni hija dgħajfa u li ma tiġġustifikax li r-remunerazzjoni varjabbli tista' titħallas jew tiġi vestita.
(f)	Deskrizzjoni tal-modi li bihom l-istituzzjoni tfittex taġġusta r-remunerazzjoni sabiex tqis il-prestazzjoni fit-tul Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — ħarsa ġenerali lejn il-politika tal-istituzzjoni dwar id-differiment, il-ħlas fl-istrument, il-perjodi ta' żamma u l-vestiment ta' remunerazzjoni varjabbli inkluż meta din tkun differenti fost il-persunal jew il-kategoriji ta' persunal. — informazzjoni tal-kriterji tal-istituzzjoni għal aġġustamenti *ex post* (*malus* matul id-differiment u l-irkupru wara l-vestiment, jekk permess mil-liġi nazzjonali). — meta applikabbli, ir-rekwiżiti ta' parteċipazzjoni azzjonarja li jistgħu jiġu imposti fuq il-persunal identifikat.
(g)	Id-deskrizzjoni tal-parametri ewlenin u tar-raġuni wara kwalunkwe skema ta' komponenti varjabbli u kwalunkwe benefiċċju ieħor mhux fi flus, kif imsemmi fil-punt (f) tal-Artikolu 450(1) CRR. Id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu: — Informazzjoni dwar l-indikaturi speċifiċi tar-riskju/tal-prestazzjoni użati sabiex jiġu ddeterminati l-komponenti varjabbli tar-remunerazzjoni u l-kriterji użati sabiex jiġi ddeterminat il-bilanċ bejn tipi differenti ta' strumenti mogħtija, inklużi ishma, interessi ta' sjieda ekwivalenti, strumenti marbuta mal-ishma, strumenti ekwivalenti mhux fi flus, opzjonijiet u strumenti oħra.
(h)	Fuq talba mill-Istat Membru jew mill-awtorità kompetenti rilevanti, ir-remunerazzjoni totali għal kull membru tal-korp maniġerjali jew tal-maniġment superjuri, kif imsemmi fil-punt (j) tal-Artikolu 450(1) CRR

[2] ID-DIRETTIVA 2013/36/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
(i)	Informazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni tibbenefikax minn deroga stabbilita fl-Artikolu 94(3) CRD, kif imsemmi fil-punt (k) tal-Artikolu 450(1) CRR Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-istituzzjonijiet li jibbenefikaw minn tali deroga għandhom jindikaw jekk din hijiex fuq il-bażi tal-punt (a) u/jew il-punt (b) tal-Artikolu 94(3) CRD. Dawn għandhom jindikaw ukoll liema mir-rekwiżiti ta' remunerazzjoni japplikaw id-deroga/i, (jiġifieri l-punt (l) u/jew (m) u/jew (o) tal-Artikolu 94(1) CRD), in-numru ta' membri tal-persunal li jibbenefikaw mid-deroga/i u r-remunerazzjoni totali tagħhom, maqsuma f'remunerazzjoni fissa u varjabbli.
(j)	L-istituzzjonijiet il-kbar għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni kwantitattiva dwar ir-remunerazzjoni tal-korp maniġerjali kollettiv tagħhom, filwaqt li jagħmlu distinzjoni bejn membri eżekuttivi u mhux eżekuttivi, kif imsemmi fl-Artikolu 450(2) CRR.

Mudell EU REM1 – Remunerazzjoni mogħtija għas-sena finanzjarja: Format fiss

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU REM1 kif ippreżentat fl-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, b'applikazzjoni tal-punt (h)(i)-(ii) tal-Artikolu 450(1) CRR.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1 u 9	Numru ta' persunal identifikat In-numru ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 92 CRD u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni dwar il-persunal identifikat ([3]) li jimplimenta l-Artikolu 94(2) CRD (persunal identifikat) u huwa benefiċjarju tal-komponenti tar-remunerazzjoni elenkati f'dan il-mudell. Dan għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-approċċ tal-FTE (ekwivalenti għall-full time) għall-persunal identifikat minbarra l-membri tal-korp maniġerjali, f'liema każ in-numri għandhom jiġu ddikjarati bħala għadd ta' persunal.
2	Remunerazzjoni fissa totali Somma tal-ammonti fir-ringieli minn 3 sa 7 ta' dan il-mudell
3	Li minnhom: ibbażati fuq flus L-ammont ta' remunerazzjoni bbażata fuq flus fir-remunerazzjoni varjabbli
EU-4 a	Li minnhom: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti Is-somma tal-ammonti ta' ishma jew ta' interessi ta' sjieda ekwivalenti, soġġetta għall-istruttura legali tal-istituzzjoni konċernata msemmija fil-punt (l)(i) tal-Artikolu 94(1) CRD, fiir-remunerazzjoni fissa.
5	Li minnhom: strumenti marbuta b'ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus Is-somma tal-ammonti ta' strumenti marbuta mal-ishma jew ta' strumenti ekwivalenti mhux fi flus imsemmija fil-punt (l)(i) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni fissa
EU-5x	Li minnhom: strumenti oħrajn L-ammont ta' strumenti oħrajn imsemmija fil-punt (l)(ii) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni fissa

([3]) IR-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 604/2014 tal-4 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li jikkonċerna l-istandards tekniċi regolatorji fir-rigward tal-kriterji kwalitattivi u kwantitattivi xierqa biex jiġu identifikati l-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni (ĠU L 167, 6.6.2014, p. 30).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
7	Li minnhom: forom oħra L-ammonti ta' remunerazzjoni fissa mogħtija għas-sena finanzjarja li mhumiex iddikjarati f'ringieli oħra taħt l-intestatura tar-remunerazzjoni fissa totali Dan jista' jinkludi kontribuzzjonijiet regolari proporzjonati tal-pensjoni, jew benefiċċji (meta t-tali benefiċċji ma jqisux kwalunkwe kriterju tal-prestazzjoni), imsemmija fil-premessa (64) CRD jew forom oħra ta' remunerazzjoni bħall-benefiċċji għall-karozza.
10	Remunerazzjoni varjabbli totali Is-somma tal-ammonti fir-ringieli 11, EU-13a, EU-13b, EU-14x u 15 ta' dan il-mudell Is-somma tal-komponenti kollha ta' remunerazzjoni li mhumiex remunerazzjoni fissa li tiġi ddikjarata fir-ringiela 2 ta' dan il-mudell, inklużi l-pagamenti ggarantiti varjabbli u ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul dik is-sena.
11	Li minnhom: ibbażati fuq flus L-ammont ta' remunerazzjoni bbażata fuq il-flus fir-remunerazzjoni varjabbli
12, EU-14a, EU-14b, EU-14y u 16	Li minnhom: differiti L-ammonti ta' remunerazzjoni varjabbli minn tipi differenti ta' komponenti li huma differiti, iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 94 CRD.
EU-13a	Li minnhom: ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti Is-somma tal-ammonti ta' ishma jew ta' interessi ta' sjieda ekwivalenti, soġġetta għall-istruttura legali tal-istituzzjoni kkonċernata msemmija fil-punt (l)(i) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni varjabbli
EU-13b	Li minnhom: strumenti marbuta b'ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus Is-somma tal-ammonti ta' strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux ta' flus imsemmija fil-punt (l)(i) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni varjabbli
EU-14x	Li minnhom: strumenti oħrajn L-ammont ta' strumenti oħra msemmija fil-punt (l)(ii) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni varjabbli
15	Li minnhom: forom oħra L-ammonti ta' remunerazzjoni varjabbli mogħtija għas-sena finanzjarja li mhumiex dawk iddikjarati f'ringieli oħra taħt l-intestatura tar-remunerazzjoni varjabbli
17	Remunerazzjoni totali Is-somma tal-ammonti fir-ringieli 2 u 10 ta' dan il-mudell.
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	Funzjoni Superviżorja tal-MB Il-Korp Maniġerjali fil-funzjoni Superviżorja tiegħu, bħala l-korp maniġerjali li jaġixxi fir-rwol tiegħu ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali, kif iddefinit fil-punt (8) tal-Artikolu 3(1) CRD L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni bbażata fuq in-numru ta' impjegati. F'konformità mal-Artikolu 13 CRR, l-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jiddikjaraw din l-informazzjoni fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom u s-sussidjarji l-kbar tal-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jiddikjaraw din l-informazzjoni fuq bażi individwali jew, meta applikabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament u mas-CRD, fuq bażi subkonsolidata. F'din il-kolonna l-entità ta' divulgazzjoni se tirrifletti l-informazzjoni dwar il-korp maniġerjali tagħha. Jekk skont l-Artikoli 6 u 13 CRR, id-divulgazzjoni tkun fil-livell konsolidat jew subkonsolidat, l-informazzjoni dwar il-persunal identifikat tal-korpi maniġerjali tas-sussidjarji għandha tiġi ddikjarata skont il-qasam tan-negozju rilevanti

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
b	Funzjoni ta' Ġestjoni tal-MB Il-membri tal-Korp Maniġerjali, li huma responsabbli għall-funzjonijiet ta' Ġestjoni tiegħu L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni bbażata fuq in-numru ta' impjegati. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni bbażata fuq in-numru ta' impjegati. F'konformità mal-Artikolu 13 CRR. L-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jiddikjaraw din l-informazzjoni fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom u s-sussidjarji l-kbar tal-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jiddikjaraw din l-informazzjoni fuq bażi individwali jew, meta applikabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament u mas-CRD, fuq bażi subkonsolidata. F'din il-kolonna, l-entità ta' divulgazzjoni se tirrifletti l-informazzjoni dwar il-korp maniġerjali tagħha. Jekk skont l-Artikoli 6 u 13 CRR, id-divulgazzjoni tkun fil-livell konsolidat jew subkonsolidat, l-informazzjoni dwar il-persunal identifikat tal-korpi maniġerjali tas-sussidjarji għandha tiġi ddikjarata skont il-qasam tan-negozju rilevanti
c	Maniġment superjuri ieħor Maniġment superjuri kif iddefinit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) CRD L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw in-numru ta' maniġers superjuri li ma jiġux iddikjarati taħt il-Korp Maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u bħala Persunal identifikat ieħor. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni bbażata fuq FTE.
d	Persunal identifikat ieħor Persunal ieħor minbarra l-Korp Maniġerjali fil-funzjoni Superviżorja tiegħu jew fil-funzjoni Maniġerjali tiegħu, u għajr għall-maniġment superjuri, li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni dwar il-persunal identifikat li jimplimenta l-Artikolu 94(2) CRD u, fejn xieraq, fuq il-bażi tal-kriterji tal-istituzzjonijiet L-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu f'dan il-mudell id-diżaggregazzjoni skont l-oqsma ta' negozju proposti fil-mudell EU REM5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni bbażata fuq FTE.

Mudell EU REM2 – Pagamenti speċjali lil persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet (persunal identifikat): Format fiss

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h)(v)-(vii) tal-Artikolu 450(1) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU REM2 li huwa ppreżentat fl-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1, 4 u 6	**Numru ta' persunal identifikat** In-numru ta' persunal identifikat li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 92 CRD u mar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni dwar il-persunal identifikat li jimplimenta l-Artikolu 94(2) CRD, għal kull komponent tar-remunerazzjoni speċifiku Għall-kolonni a u b (MB) ta' dan il-mudell, il-valur għandu jkun ibbażat fuq l-għadd ta' persunal. Għall-kolonni c u d ta' dan il-mudell, il-valur għandu jiġi kkalkolat permezz tal-metodu tal-FTE (ekwivalenti għal full-time). Ir-ringiela 4 ta' dan il-mudell tirreferi għal pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija f'perjodi preċedenti u mħallsa matul is-sena finanzjarja (is-sena attwali) filwaqt li r-ringiela 6 ta' dan il-mudell tirreferi għall-għoti matul is-sena finanzjarja (is-sena attwali).
2	**Għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli ggarantita – Ammont totali** L-ammont ta' għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli ggarantita, kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 94(1) CRD.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
3	**Li minnhom għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli ggarantiti mħallsa matul is-sena finanzjarja, li ma jitqisux fil-limitu massimu tal-bonus** L-ammonti ta' għotjiet ta' remunerazzjoni varjabbli ggarantiti kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 94(1) CRD mħallsa matul is-sena finanzjarja (is-sena attwali), li ma jitqisux fil-limitu massimu tal-bonus Fir-rigward tal-informazzjoni dikjarata msemmija fil-punti (g) u (h)(v)-(vi) tal-Artikolu 450(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw b'mod ċar jekk l-informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-remunerazzjoni mqassma skont il-qasam tan-negozju tirriflettix il-limitu massimu tal-bonus meta jkunu involuti pagamenti ġodda ta' ffirmar tal-kuntratt inizjali u ta' terminazzjoni.
5	**Pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija f'perjodi preċedenti, li tħallsu matul is-sena finanzjarja – Ammont totali** L-ammont ta' pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg kif imsemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 94(1) CRD li ngħataw fil-perjodi preċedenti u li tħallsu matul is-sena finanzjarju (is-sena attwali)
7	**Pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – Ammont totali** L-ammont ta' pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg kif imsemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 94(1) CRD mogħti matul is-sena finanzjarju (is-sena attwali)
8	**Li minnhom, pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – Imħallsa matul is-sena finanzjarja** L-ammont ta' pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg kif imsemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 94(1) CRD mogħti matul is-sena finanzjarju li tħallas matul is-sena finanzjarja
9	**Li minnhom, pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – Differiti** L-ammonti ta' pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg kif imsemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 94(1) CRD, mogħtija matul is-sena finanzjarja, li huma differiti, iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 94 CRD
10	**Li minnhom, pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg imħallsa matul is-sena finanzjarja, li ma jitqisux fil-limitu massimu tal-bonus** L-ammonti ta' pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg imħallsa kif imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 94(1) CRD, mħallsa matul is-sena finanzjarja, li ma jitqisux fil-limitu massimu tal-bonus Fir-rigward tal-informazzjoni dikjarata msemmija fil-punti (g) u (h)(v)-(vi) tal-Artikolu 450(1) CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw b'mod ċar jekk l-informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-remunerazzjoni mqassma skont il-qasam tan-negozju tirriflettix il-limitu massimu tal-bonus meta jkunu involuti pagamenti ġodda ta' ffirmar tal-kuntratt inizjali u ta' terminazzjoni.
11	**Li minnhom, pagamenti ta' terminazzjoni tal-impjieg mogħtija matul is-sena finanzjarja – L-ogħla pagament li ngħata lil persuna waħda** L-ammont tal-ogħla pagament ta' terminazzjoni ta' impjieg, kif imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 94(1) CRD, li ngħata lil persuna waħda matul is-sena finanzjarja.
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Funzjoni Superviżorja tal-MB** Il-Korp Maniġerjali fil-funzjoni Superviżorja tiegħu, bħala l-korp maniġerjali li jaġixxi fir-rwol tiegħu ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-maniġment, kif iddefinit fil-punt (8) tal-Artikolu 3(1) CRD (Għadd ta' persunal)
b	**Funzjoni ta' Ġestjoni tal-MB** Il-membri tal-Korp Maniġerjali, li huma responsabbli għall-funzjonijiet ta' Ġestjoni tiegħu (Għadd ta' persunal)

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
c	**Maniġment superjuri ieħor** Maniġment superjuri kif iddefinit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) CRD L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw in-numru ta' maniġers superjuri li ma jiġux iddikjarati taħt il-Korp Maniġerjali fil-funzjoni ta' ġestjoni tiegħu u bħala Persunal identifikat ieħor (FTE).
d	**Persunal identifikat ieħor** Persunal ieħor minbarra l-Korp Maniġerjali fil-funzjoni Superviżorja tiegħu jew fil-funzjoni Maniġerjali tiegħu, u għajr għall-maniġment superjuri, li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni dwar il-persunal identifikat li jimplimenta l-Artikolu 94(2) CRD u, fejn xieraq, fuq il-bażi tal-kriterji tal-istituzzjonijiet L-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu f'dan il-mudell id-diżaggregazzjoni skont l-oqsma ta' negozju proposti fil-mudell EU REM5 (FTE).

Mudell EU REM3 – Remunerazzjoni differita: Format fiss

6. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (h)(iii)-(iv) tal-Artikolu 450(1) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU REM3 li huwa ppreżentat fl-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Funzjoni Superviżorja tal-MB** Il-Korp Maniġerjali fil-funzjoni Superviżorja tiegħu, bħala l-korp maniġerjali li jaġixxi fir-rwol tiegħu ta' sorveljanza u ta' monitoraġġ tat-teħid ta' deċiżjonijiet maniġerjali, kif iddefinit fil-punt (8) tal-Artikolu 3(1) CRD Somma tal-ammonti fir-ringieli 2, 3, 4, 5, u 6 ta' dan il-mudell
2, 8, 14 u 20	**Ibbażata fuq flus** L-ammont ta' remunerazzjoni bbażata fuq il-flus fir-remunerazzjoni varjabbli
3, 9, 15 u 21	**Ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti** Is-somma tal-ammonti ta' ishma jew ta' interessi ta' sjieda ekwivalenti, soġġetta għall-istruttura legali tal-istituzzjoni kkonċernata msemmija fil-punt (l)(i) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni varjabbli
4, 10, 16 u 22	**Strumenti marbuta b'ishma jew strumenti ekwivalenti mhux fi flus** Is-somma tal-ammonti ta' strumenti marbuta mal-ishma jew strumenti ekwivalenti mhux ta' flus imsemmija fil-punt (l)(i) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni varjabbli
5, 11, 17 u 23	**Strumenti oħrajn** L-ammont ta' strumenti oħra msemmija fil-punt (l)(ii) tal-Artikolu 94(1) CRD, fir-remunerazzjoni varjabbli
6, 12, 18 u 24	**Forom oħra** L-ammonti ta' remunerazzjoni varjabbli minbarra dawk iddikjarati fir-ringieli "Ibbażati fuq flus", "Ishma jew interessi ta' sjieda ekwivalenti, soġġetti għall-istruttura legali tal-istituzzjoni konċernata jew għal strumenti marbuta mal-ishma jew għal strumenti ekwivalenti mhux fi flus" u "Strumenti oħrajn" Dan jista' jinkludi kontribuzzjonijiet regolari proporzjonati tal-pensjoni, jew benefiċċji (meta t-tali benefiċċji ma jqisux kwalunkwe kriterju tal-prestazzjoni), imsemmija fil-premessa (64) CRD jew forom oħra ta' remunerazzjoni bħall-benefiċċji għall-karozza.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
7	**Funzjoni ta' Ġestjoni tal-MB** Il-membri tal-Korp Maniġerjali, li huma responsabbli għall-funzjonijiet ta' Ġestjoni tiegħu; is-somma tal-ammonti fir-ringieli 8, 9, 10, 11 u 12 ta' dan il-mudell.
13	**Maniġment superjuri ieħor** Maniġment superjuri kif iddefinit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) CRD; is-somma tal-ammonti fir-ringieli 14, 15, 16, 17 u 18 ta' dan il-mudell L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw in-numru ta' maniġers superjuri li ma jiġux iddikjarati taħt il-Korp Maniġerjali fil-funzjoni maniġerjali tiegħu u bħala Persunal identifikat ieħor.
19	**Persunal identifikat ieħor** Persunal ieħor minbarra l-Korp Maniġerjali fil-funzjoni Superviżorja tiegħu jew fil-funzjoni Maniġerjali tiegħu, u għajr għall-maniġment superjuri, li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni dwar il-persunal identifikat li jimplimenta l-Artikolu 94(2) CRD u, fejn xieraq, fuq il-bażi tal-kriterji tal-istituzzjonijiet; is-somma tal-ammonti fir-ringieli 20, 21, 22, 23 u 24 ta' dan il-mudell
25	**Ammont totali** Somma tal-ammonti fir-ringieli 1, 7, 13, u 19 ta' dan il-mudell
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	**Ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħti għall-perjodi ta' prestazzjoni preċedenti** L-ammont ta' remunerazzjoni differita, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 94 CRD, li ngħata għal perjodi ta' prestazzjoni preċedenti (is-somma tal-ammonti fil-kolonni b u c ta' dan il-mudell)
b	**Li minnu dovut għall-vestiment fis-sena finanzjarja** L-ammont ta' remunerazzjoni differita mogħtija għal perjodi ta' prestazzjoni preċedenti, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 94 CRD, li huwa dovut għall-vestiment fis-sena finanzjarja
c	**Li minnu għall-vestiment fis-snin finanzjarji sussegwenti** L-ammont ta' remunerazzjoni differita mogħtija għal perjodi ta' prestazzjoni preċedenti, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 94 CRD, li se jiġi vestit fis-snin finanzjarji sussegwenti
d	**Ammont ta' aġġustament fil-prestazzjoni li sar fis-sena finanzjarja fir-remunerazzjoni differita li kien dovut għall-vestiment fis-sena finanzjarja** L-ammont ta' aġġustament fil-prestazzjoni għar-remunerazzjoni differita, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 94 CRD, li kien dovut għall-vestiment fis-snin finanzjarji
e	**Ammont ta' aġġustament fil-prestazzjoni li sar fis-sena finanzjarja fir-remunerazzjoni differita li kien dovut għall-vestiment fi snin finanzjarji futuri** L-ammont tal-aġġustament fil-prestazzjoni għar-remunerazzjoni differita, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 94 CRD, li kien dovut għall-vestiment fis-snin tal-prestazzjoni futuri
f	**Ammont totali ta' aġġustament matul is-sena finanzjarja minħabba aġġustamenti impliċiti *ex post* matul is-sena finanzjarja (jiġifieri tibdiliet fil-valur tar-remunerazzjoni differita minħabba tibdiliet fil-prezzijiet tal-istrumenti)** Meta rilevanti, l-ammont ta' tibdil fil-valur matul is-sena finanzjarja minħabba aġġustamenti impliċiti *ex post*, bħal tibdiliet fil-valur tar-remunerazzjoni differita minħabba tibdiliet fil-prezzijiet tal-istrumenti, stmati fuq bażi tal-aħjar sforz.

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
EU - g	**Ammont totali ta' remunerazzjoni differita mogħti qabel is-sena finanzjarja li tħallas fis-sena finanzjarja** L-ammont ta' remunerazzjoni differita, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 94 CRD, li tħallas fis-sena finanzjarja Malli tiġi vestita r-remunerazzjoni differita, din għandha titqies bħala mħallsa.
EU - h	**Total tal-ammont tar-remunerazzjoni differita mogħti għall-perjodu ta' prestazzjoni preċedenti li ġie vestit iżda li huwa soġġett għal perjodi ta' żamma** L-ammont ta' remunerazzjoni differita, mogħti għall-perjodi ta' prestazzjoni preċedenti, li ġie vestit iżda huwa soġġett għal perjodi ta' żamma, kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 94 CRD

Mudell EU REM4 – Remunerazzjoni ta' miljun EUR jew aktar fis-sena: Format fiss

7. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 450(1) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU REM4 li huwa ppreżentat fl-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

8. Id-*data* għandha tiġi ppreżentata bl-użu ta' ċifri ta' tmiem is-sena kontabilistika f'EUR. L-ammonti kollha għandhom jiġu ddikjarati bħala ammonti sħaħ, jiġifieri ammonti mhux arrotondati, f'euro (pereż. EUR 1 234 567 minflok EUR 1,2 miljun). Meta r-remunerazzjoni tkun f'munita li ma tkunx l-EUR, ir-rata tal-kambju użata mill-Kummissjoni għall-programmazzjoni finanzjarja u għall-baġit għal Diċembru tas-sena ta' rapportar għandha tintuża għall-konverżjoni taċ-ċifri konsolidati li għandhom jiġu ddikjarati.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
minn 1 sa 8	Remunerazzjoni ta' bejn EUR 1 miljun u EUR 5 miljun għal kull sena finanzjarja, diżaggregata skont meded ta' EUR 500 000
minn 9 sa x	Remunerazzjoni ta' aktar minn EUR 5 miljun għal kull sena finanzjarja, diżaggregata skont meded ta' EUR 1 miljun
Ittra ta' kolonna	**Spjegazzjoni**
a	In-numru ta' persunal identifikat li ġie rremunerat EUR 1 miljun jew aktar għal kull sena finanzjarja L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni bbażata fuq in-numru ta' impjegati.

Mudell EU REM5 – Informazzjoni dwar persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet (persunal identifikat): Format fiss

9. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 450(1) CRR billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudell EU REM5 li huwa ppreżentat fl-Anness XXXIII ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

10. Fir-rigward tal-kolonni bid-diżaggregazzjoni tal-oqsma tan-negozju, is-self kollu, inkluż is-self fil-livell tal-operaturi, għandu jiġi inkluż fis-self fil-livell tal-konsumatur. Għal operazzjonijiet bankarji għall-investiment, din għandha tinkludi l-finanzi korporattivi u n-negozjar u l-bejgħ. Gwida ulterjuri dwar l-attivitajiet inklużi f'dawk il-linji operatorji tista' tinstab fl-Artikolu 317 CRR fit-tabella li tiddefinixxi l-linji operatorji fl-approċċ standardizzat għar-riskju operazzjonali.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
1	**Total tan-numru ta' persunal identifikat** Il-membri tal-persunal, li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet (persunal identifikat) ta' istituzzjoni u tas-sussidjarji tagħha, inklużi sussidjarji mhux soġġetti għas-CRD u l-membri kollha tal-korpi maniġerjali rispettivi tagħhom Il-valur għandu jiġi ddikjarat fuq il-bażi tal-FTE.
2	**Li minnhom: membri tal-MB** In-numru ta' membri fil-Korp maniġerjali rispettiv fil-funzjoni Superviżorja tiegħu u fil-funzjoni Maniġerjali tiegħu, u fil-Korp Maniġerjali kollu
3	**Li minnhom: maniġment superjuri ieħor** Persunal ieħor minbarra l-membri tal-Korp Maniġerjali, li huma l-maniġment superjuri kif iddefinit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) CRD
4	**Li minnhom: persunal identifikat ieħor** Persunal ieħor għajr għall-membri tal-Korp Maniġerjali, u għajr għall-maniġment superjuri, li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni f'konformità mal-kriterji stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni dwar il-persunal identifikat li jimplimenta l-Artikolu 94(2) CRD u, fejn xieraq, fuq il-bażi tal-kriterji tal-istituzzjonijiet
5	**Remunerazzjoni totali tal-persunal identifikat** L-ammont totali ta' remunerazzjoni għandu jfisser il-forom kollha ta' remunerazzjoni fissa u varjabbli u għandu jinkludi pagamenti u benefiċċji, monetarji jew mhux monetarji, mogħtija direttament lill-persunal minn jew f'isem istituzzjonijiet bi skambju għas-servizzi professjonali mwettqa mill-persunal, pagamenti tal-imgħax riportati fis-sens tal-punt (d) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE [4], u pagamenti oħra magħmula permezz ta' metodi u permezz ta' vetturi li, jekk ma jiġux ikkunsidrati bħala remunerazzjoni, iwasslu għal ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti ta' remunerazzjoni tas-CRD.
6	**Li minnhom: remunerazzjoni varjabbli** Is-somma tal-komponenti ta' remunerazzjoni kollha li mhumiex remunerazzjoni fissa li huma msemmija fir-ringiela 7 ta' dan il-mudell.
7	**Li minnhom: remunerazzjoni fissa** L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-remunerazzjoni bħala fissa meta l-kundizzjonijiet għall-għoti tagħha u l-ammont tagħha: a. ikunu bbażati fuq kriterji ddeterminati minn qabel; b. ma jkunux diskrezzjonali b'tali mod li jirriflettu l-livell ta' esperjenza professjonali u l-anzjanità tal-persunal; c. ikunu trasparenti fir-rigward tal-ammont individwali mogħti lill-membru tal-persunal individwali; d. ikunu permanenti, jiġifieri miżmuma fuq perjodu marbut mar-rwol speċifiku u mar-responsabbiltajiet organizzazzjonali; e. ma jkunux revokabbli; l-ammont permanenti jinbidel biss permezz ta' negozjar kollettiv jew wara negozjar mill-ġdid f'konformità mal-kriterji nazzjonali dwar l-iffissar tal-pagi; f. ma jistgħux jitnaqqsu, jiġu sospiżi jew jitħassru mill-istituzzjoni; g. ma jipprovdux inċentivi għas-suppożizzjoni tar-riskju; u h. ma jiddependux fuq il-prestazzjoni.

[4] Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1)

Ittra ta' kolonna	Spjegazzjoni
a, b u c	**Korp maniġerjali (MB)** Il-Korp maniġerjali tal-istituzzjoni, bid-diżaggregazzjoni tal-funzjoni Superviżorja u l-funzjoni Maniġerjali L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw informazzjoni bbażata fuq in-numru ta' impjegati.
minn d sa h	**Oqsma tan-negozju** L-oqsma ewlenin tan-negozju tal-istituzzjoni, bħal Operazzjonijiet bankarji għall-investiment, Operazzjonijiet bankarji għall-konsumatur, Ġestjoni tal-assi, Funzjonijiet korporattivi, Funzjonijiet ta' kontroll intern indipendenti L-informazzjoni għandha tiġi ddikjarata fuq il-bażi tal-FTE.
i	**L-oħrajn kollha** L-oqsma tan-negozju l-oħra kollha li ma kinux koperti fil-kolonni preċedenti separatament L-informazzjoni għandha tiġi ddikjarata fuq il-bażi tal-FTE.

ANNESS XXXV

Mudell EU AE1 - Assi vinkolati u mhux vinkolati

		Ammont riportat ta' assi vinkolati		Valur ġust ta' assi vinkolati		Ammont riportat ta' assi mhux vinkolati		Valur ġust ta' assi mhux vinkolati	
			li minnhom EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli		li minnhom EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli		li minnhom EHQLA u HQLA		li minnhom EHQLA u HQLA
		010	030	040	050	060	080	090	100
010	**Assi tal-istituzzjoni tad-divulgazzjoni**								
030	Strumenti ta' ekwità								
040	Titoli ta' dejn								
050	li minnhom: bonds koperti								
060	li minnhom: titolizzazzjonijiet								
070	li minnhom: maħruġa mill-gvern estiż								
080	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji								
090	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji								
120	Assi oħrajn								

Mudell EU AE2 - Kollateral riċevut u titoli ta' dejn proprji maħruġa

		Valur ġust ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa vinkolati		Mhux vinkolati	
				Valur ġust ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa disponibbli għall-aggravar	
			li minnhom EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli		li minnhom EHQLA u HQLA
		010	030	040	060
130	**Kollateral riċevut mill-istituzzjoni ta' rapportar**				
140	Self fuq talba				
150	Strumenti ta' ekwità				
160	Titoli ta' dejn				
170	li minnhom: bonds koperti				
180	li minnhom: titolizzazzjonijiet				
190	li minnhom: maħruġa mill-gvern estiż				
200	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji				
210	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji				
220	Self u avvanzi li mhumiex self fuq talba				
230	Kollateral riċevut iehor				
240	**Titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti jew titolizzazzjonijiet proprji**				
241	**Bonds koperti u titolizzazzjonijiet proprji maħruġa u li għadhom mhux mirhuna**				
250	**TOTAL TAL-KOLLATERAL RIĊEVUT U TITOLI TA' DEJN PROPRJI MAĦRUĠA**				

Mudell EU AE3 - Sorsi ta' gravami

		Obbligazzjonijiet imqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti jew titoli mislufa	Assi, kollateral riċevut u titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet vinkolati
		010	030
010	**Ammont riportat ta' obbligazzjonijiet finanzjarji magħżula**		

Tabella EU AE4 - Informazzjoni narrattiva ta' akkumpanjament

Kaxxi tat-test b'format liberu għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni kwalitattiva, f'konformità mal-Artikolu 443 CRR

Numru tar-ringiela	Informazzjoni kwalitattiva — Format liberu
(a)	Informazzjoni narrattiva ġenerali dwar aggravar ta' assijiet
(b)	Informazzjoni narrattiva dwar l-impatt tal-mudell tan-negozju fuq aggravar ta' assijiet u l-importanza ta' gravami għall-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, li jipprovdi lill-utenti bil-kuntest għad-divulgazzjonijiet meħtieġa fil-Mudelli EU AE1 u EU AE2.

ANNESS XXXVI

Struzzjonijiet għall-mudelli ta' divulgazzjoni tal-assi mirhuna

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) 575/2013 ([1]) ("CRR") billi jsegwu l-istruzzjonijiet ipprovduti hawn taħt f'dan l-Anness sabiex jimlew il-Mudelli minn EU AE1 sa EU AE4 li huma ppreżentati fl-Anness XXXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

2. Għall-finijiet tal-mudelli ta' divulgazzjoni tal-assi mirhuna, għandha tapplika d-definizzjoni ta' assi mirhuna inkluża fil-punt 1.7 tal-Anness XVII (struzzjonijiet fuq ir-rapportar dwar l-interess ta' assi mirhuna) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014 ([2]).

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddikjaraw l-entrati msemmija fil-Mudelli EU AE1, EU AE2 u EU AE3 bl-istess mod kif irrapportat f'konformità mal-Anness XVI (mudelli ta' rapportar dwar l-assi mirhuna) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, sakemm ma jkunx speċifikament previst mod ieħor f'dawk it-tabelli.

4. L-entrati msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu ddikjarati bl-użu ta' valuri medjani. Il-valuri medjani għandhom ikunu medjani trimestrali mobbli matul it-tnax-il xahar preċedenti u għandhom jiġu ddeterminati b'interpolazzjoni.

5. Meta d-divulgazzjonijiet isiru fuq bażi konsolidata, l-ambitu applikabbli tal-konsolidazzjoni għandu jkun l-ambitu tal-konsolidament prudenzjali kif iddefinit fit-Taqsima 2 jew fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Ewwel Parti tas-CRR.

6. L-indikaturi tal-kwalità tal-assi skont it-tip ta' assi fil-kolonni C030, C050, C080 u C100 tal-mudell EU AE1 u skont it-tipi ta' kollateral riċevut u ta' titoli ta' dejn maħruġa, inklużi l-bonds u t-titolizzazzjonijiet koperti, fil-kolonni C030 u C060 kif stabbiliti fil-mudell EU AE2 għandhom japplikaw biss għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) L-assi totali tagħhom, ikkalkolati f'konformità mal-paragrafu 10 tal-punt 1.6 tal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, jammontaw għal aktar minn EUR 30 biljun;

   (b) il-livell tagħhom ta' assi mirhuna, ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 9 tal-punt 1.6 tal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014, ikun ogħla minn 15 %.

Mudell EU AE1 - Assi mirhuna u mhux mirhuna

7. L-istituzzjonijiet għandhom jimlew il-Mudell EU AE1, li huwa ppreżentat fl-Anness XXXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, billi jsegwu l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Assi tal-istituzzjoni li tiddikjara** Standards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 1.9(a), Gwida għall-Implimentazzjoni (IG) 6, fil-każ ta' istituzzjonijiet tal-IFRS Assi totali tal-istituzzjoni rreġistrati fil-karta bilanċjali tagħha, bl-eċċezzjoni ta' titoli ta' dejn proprji u ta' strumenti ta' ekwità proprji meta l-istandards kontabilistiċi applikabbli jippermettu r-rikonoxximent tagħhom fil-karta bilanċjali Il-valur dikjarat f'din ir-ringiela għandu jkun il-medjan tas-somom ta' erba' valuri trimestrali ta' tmiem il-perjodu matul it-12-il xahar preċedenti għar-ringieli 030, 040 u 120.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

([2]) IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 191, 28.6.2014, p.1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
030	**Strumenti azzjonarji** Il-valuri medjani tal-istrumenti ta' ekwità kif iddefiniti fil-prinċipji kontabilistiċi applikabbli (IAS 32.1 fil-każ tal-istituzzjonijiet tal-IFRS), bl-eċċezzjoni tal-istrumenti ta' ekwità proprji meta l-istandards kontabilistiċi applikabbli jippermettu r-rikonoxximent tagħhom fil-karta bilanċjali
040	**Titoli ta' dejn** Il-valuri medjani tal-istrumenti tad-dejn miżmuma mill-istituzzjoni maħruġa bħala titoli li ma jkunux self f'konformità mar-Regolament (UE) 1071/2013 tal-Bank Ċentrali Ewropew ("Regolament tal-BĊE dwar il-BSI") ([3]), bl-eċċezzjoni tat-titoli tad-dejn proprji meta l-istandards kontabilistiċi applikabbli jippermettu r-rikonoxximent tagħhom fil-karta bilanċjali
050	**li minnhom: bonds koperti** Il-valuri medjani tat- titoli tad-dejn miżmuma mill-istituzzjoni li huma bonds imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 52(4) tad-Direttiva (KE) 2009/65 ([4]), irrispettivament minn jekk dawn l-istrumenti jiħdux il-forma ġuridika ta'titolu jew le
060	**li minnhom: titolizzazzjonijiet** Il-valuri medjani tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif iddefiniti fil-punt (62) tal-Artikolu 4(1) CRR
070	**li minnhom: maħruġa minn gvernijiet ġenerali** Il-valuri medjani tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni li jinħarġu mill-gvernijiet ġenerali
080	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji** Il-valuri medjani tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) CRR u minn korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn **Korporazzjonijiet finanzjarji oħrajn għandhom jinkludu l-korporazzjonijiet finanzjarji u l-kważi-korporazzjonijiet kollha minbarra istituzzjonijiet ta' kreditu bħal ditti ta' investiment, fondi ta' investiment, kumpaniji tal-assigurazzjoni, fondi tal-pensjoni, impriżi ta' investiment kollettiv, u kmamar tal-ikklirjar kif ukoll intermedjarji finanzjarji li jifdal, awżiljarji finanzjarji u istituzzjonijiet finanzjarji kaptivi u selliefa tal-flus.**
090	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji** Il-valuri medjani tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni maħruġa minn korporazzjonijiet u minn kważikorporazzjonijiet mhux involuti f'intermedjazzjoni finanzjarja iżda prinċipalment fil-produzzjoni ta' oġġetti tas-suq u ta' servizzi mhux finanzjarji f'konformità mar-Regolament tal-BĊE dwar il-BSI
120	**Assi oħrajn** Il-valur medjan ta' assi oħrajn tal-istituzzjoni rreġistrati fil-karta bilanċjali, għajr dawk iddikjarati fir-ringieli ta' hawn fuq u differenti mit-titoli ta' dejn proprji u mill-istrumenti ta' ekwità proprji li ma jistax jiġi rtirat ir-rikonoxximent tagħhom mill-karta bilanċjali minn istituzzjoni mhux tal-IFRS F'dan il-każ, l-istrumenti tad-dejn proprji għandhom jiġu inklużi fir-ringiela 240 tal-Mudell EU AE2 u l-istrumenti ta' ekwità proprja għandhom jiġu esklużi mid-divulgazzjoni tal-assi mirhuna.

([3]) IR-REGOLAMENT (UE) Nru 1071/2013 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW tal-24 ta' Settembru 2013 dwar il-karta tal-bilanċ ikkonsolidata tas-settur tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (BĊE/2013/33) (ĠU L 297, 7.11.2013, p. 1).

([4]) ID-DIRETTIVA 2009/65/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	Assi oħrajn għandhom jinkludu flus fl-idejn (żamma ta' karti tal-flus u ta' muniti nazzjonali u barranin fiċ-ċirkolazzjoni li jintużaw b'mod komuni sabiex isiru pagamenti), self fuq talba (IAS 1.54(i) għall-istituzzjonijiet tal-IFRS) inklużi l-bilanċi riċevibbli fuq talba f'banek ċentrali u f'istituzzjonijiet oħrajn. Assi oħrajn jinkludu wkoll self u avvanzi għajr self fuq talba, jiġifieri strumenti ta' dejn miżmuma mill-istituzzjonijiet li ma jkunux titoli, għajr bilanċi riċevibbli fuq talba, inkluż self kollateralizzat bi proprjetà immobbli kif iddefinit fil-punt (a) tal-paragrafu 86 tal-Parti 2 tal-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. Assi oħrajn jistgħu jinkludu wkoll assi intanġibbli, inklużi avvjament, assi ta' taxxa differita, proprjetà, impjanti u assi fissi oħrajn, assi derivattivi, riċevibbli ta' retro riakkwist u ta' teħid b'self tal-istokk. Meta l-assi sottostanti u l-assi tal-aggregazzjoni ta' kopertura tat-titolizzazzjonijiet miżmuma u tal-bonds koperti miżmuma jkunu self fuq talba jew self u avvanzi għajr self fuq talba, dawn għandhom jiġu inklużi wkoll f'din ir-ringiela.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
010	**Ammont riportat ta' assi mirhuna** Il-valur medjan tal-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni li huma mirhuna Ammont riportat għandu jfisser l-ammont fuq in-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali. Għal kull klassi ta' assi, l-ammont riportat iddikjarat għandu jkun il-valur medjan tal-ammonti riportati ddikjarati differenti fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
030	**li minnhom: li minnhom EHQLA u HQLA nozzjonalment eliġibbli** Il-valur medjan tal-ammont riportat ta' assi mirhuna li huma nozzjonalment eliġibbli għall-kwalifika ta' assi ta' likwidità u kwalità tal-kreditu estremament għolja (EHQLA) u ta' assi ta' likwidità u ta' kwalità tal-kreditu għolja (HQLA) Għall-fini ta' dan ir-Regolament, EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u HQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli għandhom ikunu dawk l-assi elenkati fl-Artikoli 10, 11, 12, 13, 15 u 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ([5]) u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dan ir-Regolament ta' Delega, li kieku ma kienx għall-*istatus* tagħhom bħala assi mirhuna f'konformità mal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u HQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti speċifiċi għall-klassi tal-iskopertura stabbiliti fl-Artikoli minn 10 sa 16 u minn 35 sa 37 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61. L-ammont riportat ta' EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u ta' HQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli għandu jkun l-ammont riportat qabel l-applikazzjoni tat-telf impost speċifikat fl-Artikoli minn 10 sa 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61. Għal kull klassi ta' assi, l-ammont riportat iddikjarat għandu jkun il-valur medjan tal-ammonti riportati ddikjarati differenti fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
040	**Valur ġust tal-assi mirhuna** Il-valur medjan tal-valur tal-valur ġust tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni li tiddikjara li huma mirhuna f'konformità mad-definizzjoni ta' assi mirhuna.

([5]) IR-REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
	Il-valur ġust ta' strument finanzjarju għandu jkun il-prezz li jkun riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordnata bejn il-parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl (ara l-IFRS 13 Kejl tal-Valur Ġust u l-IFRS 13 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/34/UE [6] għal istituzzjonijiet mhux tal-IFRS). Għal kull klassi ta' assi, il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
050	**li minnhom: li minnhom EHQLA u HQLA nozzjonalment eliġibbli** Il-valur medjan tal-valur ġust tal-assi mirhuna li huma nozzjonalment eliġibbli għall-kwalifika ta' EHQLA u ta' HQLA. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u HQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli huma dawk l-assi elenkati fl-Artikoli 10, 11, 12, 13, 15 u 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61 u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, li kieku ma kienx għall-i*status* tagħhom bħala assi mirhuna f'konformità mal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u HQLA vinkolati nozzjonalment eliġibbli għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti speċifiċi għall-klassi tal-iskopertura stabbiliti fl-Artikoli minn 10 sa 16 u minn 35 sa 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-valur ġust ta' EHQLA mirhun nozzjonalment eliġibbli u ta' HQLA vinkolati nozzjonalment eliġibbli għandu jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturі speċifikat fl-Artikoli minn 10 sa 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61. Għal kull klassi ta' assi, il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
060	**Ammont riportat ta' assi mhux mirhuna** Il-valur medjan tal-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni li mhumiex mirhuna f'konformità mad-definizzjoni pprovduta ta' assi mirhuna. Ammont riportat tfisser l-ammont iddikjarat fin-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali. Għal kull klassi ta' assi, l-ammont riportat dikjarat huwa l-valur medjan tal-ammonti riportati dikjarati differenti fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
080	**li minnhom: EHQLA u HQLA** Il-valur medjan tal-ammont riportat ta' EHQLA u ta' HQLA mhux mirhuna kif elenkati fl-Artikoli 10, 11, 12, 13, 15 u 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, kif ukoll mar-rekwiżiti speċifiċi għall-klassi tal-iskopertura stabbiliti fl-Artikoli minn 10 sa 16 u minn 35 sa 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. L-ammont riportat ta' EHQLA u ta' HQLA għandu jkun l-ammont riportat qabel l-applikazzjoni tat-telf impost speċifikat fl-Artikoli minn 10 sa 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 015/61. Għal kull klassi ta' assi, l-ammont riportat dikjarat huwa l-valur medjan tal-ammonti riportati dikjarati differenti fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
090	**Valur ġust ta' assi mhux mirhuna** Il-valur medjan tal-valur ġust tat-titoli ta' dejn miżmuma mill-istituzzjoni li mhumiex mirhuna. Il-valur ġust ta' strument finanzjarju huwa l-prezz li jiġi riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordnata bejn il-parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl. (Ara l-IFRS 13 Kejl tal-Valur Ġust u l-IFRS 13 u l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2013/34). Għal kull klassi ta' assi, il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.

[6] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
100	**li minnhom: EHQLA u HQLA** Il-valur medjan tal-valur ġust ta' EHQLA u ta' HQLA mhux mirhuna kif elenkati fl-Artikoli 10, 11, 12, 13, 15 u 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, kif ukoll mar-rekwiżiti speċifiċi għall-klassi tal-iskopertura stabbiliti fl-Artikoli minn 10 sa 16 u minn 35 sa 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-valur ġust ta' EHQLA u ta' HQLA għandu jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturі speċifikat fl-Artikoli minn 10 sa 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61. Għal kull klassi ta' assi, il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.

Mudell EU AE2 — Kollateral riċevut u titoli ta' dejn proprji maħruġa

8. L-istituzzjonijiet għandhom jimlew il-Mudell EU AE2, li huwa ppreżentat fl-Anness XXXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, billi jsegwu l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
130	**Kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tiddikjara** Il-klassijiet kollha ta' kollateral riċevuti mill-istituzzjoni. It-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli għandhom jiġu ddikjarati f'din ir-ringiela. Il-kollateral totali riċevut mill-istituzzjoni huwa l-medjan tas-somom ta' erba' valuri trimestrali ta' tmiem il-perjodu matul it-12-il xahar preċedenti għar-ringieli minn 140 sa 160, 220 u 230.
140	**Self fuq talba** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi self fuq talba għandu jiġi ddikjarat f'din ir-ringiela (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 120 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
150	**Strumenti azzjonarji** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi strumenti ta' ekwità (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 030 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
160	**Titoli ta' dejn** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi titoli ta' dejn (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 040 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
170	**li minnhom: bonds koperti** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi bonds koperti (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 050 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
180	**li minnhom: titolizzazzjonijiet** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi titoli ggarantiti b'assi (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 060 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
190	**li minnhom: maħruġa minn gvernijiet ġenerali** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi titoli ta'dejn maħruġa minn gvernjiet estiżi (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 070 tal-Mudell EU AE1). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
200	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 080 tal-Mudell EU AE1). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
210	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 090 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
220	**Self u avvanzi għajr self fuq talba** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi self u avvanzi għajr self fuq talba (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 120 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
230	**Kollateral ieħor riċevut** Il-valur medjan tal-kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi assi oħrajn (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 120 tal-Mudell EU AE1). Din tinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli.
240	**Titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti jew titolizzazzjonijiet proprji** Il-valur medjan tat-titoli ta' dejn proprji maħruġa għajr bonds koperti jew titolizzazzjonijiet proprji. Billi t-titoli ta' dejn proprji miżmuma jew mixtrija mill-ġdid u maħruġa, f'konformità mal-IAS 39.42, għall-istituzzjonijiet tal-IFRS, inaqqsu l-obbligazzjonijiet finanzjarji relatati, dawn it-titoli mhumiex inklużi fil-kategorija tal-assi tal-istituzzjoni li tiddikjara. It-titoli ta' dejn proprji li r-rikonoxximent tagħhom ma jistax jiġi rtirat mill-karta bilanċjali minn istituzzjoni mhux tal-IFRS għandhom jiġu inklużi f'din ir-ringiela.
241	**Bonds koperti u titolizzazzjonijiet proprji maħruġa u li għadhom ma ġewx mirħuna** Il-valur medjan ta' bonds koperti u ta' titolizzazzjonijiet proprji maħruġa li jinżammu mill-istituzzjoni li tiddikjara u mhux mirħuna. Sabiex jiġi evitat għadd doppju, tapplika r-regola li ġejja fir-rigward ta' bonds koperti u ta' titolizzazzjonijiet proprji maħruġa u miżmuma mill-istituzzjoni li tiddikjara: (a) meta dawk it-titoli jiġu mirħuna, l-ammont tal-aggregazzjoni ta' kopertura/assi sottostanti li qed jappoġġawhom għandu jiġi ddikjarat fil-Mudell EU AE1 bħala assi mirħuna. Is-sors ta' finanzjament fil-każ ta' rahan ta' bonds koperti u ta' titolizzazzjonijiet proprji huwa t-tranżazzjoni l-ġdida li fiha t-titoli jkunu qed jiġu mirħuna (finanzjament mill-bank ċentrali jew tip ieħor ta' finanzjament kopert) u mhux il-ħruġ oriġinali ta' bonds jew ta' titolizzazzjonijiet koperti. (b) meta dawk it-titoli jkunu għadhom ma ġewx mirħuna, l-ammont tal-aggregazzjoni ta' kopertura/assi sottostanti li qed jappoġġaw dawk it-titoli għandu jiġi ddikjarat fil-Mudell EU AE1 bħala assi mhux mirħuna.
250	**Kollateral totali riċevut u titoli ta' dejn proprji maħruġa** Il-klassijiet kollha ta' kollateral riċevuti mill-istituzzjoni u t-titoli ta' dejn proprji maħruġa u miżmuma mill-istituzzjoni li mhumiex bonds koperti proprji maħruġa jew titolizzazzjonijiet proprji maħruġa. Din ir-ringiela hija s-somma tal-valuri medjani għar-ringiela 010 fil-Mudell EU AE1 u r-ringieli 130 u 240 fil-Mudell EU AE2.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
010	**Valur ġust tal-kollateral mirhun riċevut jew tat-titoli ta' dejn proprji** Il-medjan tal-valur ġust tal-kollateral riċevut, inkluż fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli, jew ta' titoli ta' dejn proprji maħruġa miżmuma mill-istituzzjoni li jkunu mirhuna f'konformità mal-Artikolu 100 CRR. Il-valur ġust ta' strument finanzjarju huwa l-prezz li jiġi riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordnata bejn il-parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl (bħal fl-IFRS 13 Kejl tal-Valur Ġust għall-istituzzjonijiet tal-IFRS). Għal kull entrata ta' kollateral, il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
030	**li minnhom: li minnhom EHQLA u HQLA nozzjonalment eliġibbli** Il-valur medjan tal-valur ġust tal-kollateral mirhun riċevut, inkluż fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli, jew ta' titoli ta' dejn proprji maħruġa u miżmuma mill-istituzzjoni li huma nozzjonalment eliġibbli għall-kwalifika ta' EHQLA u ta' HQLA. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u HQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli huma entrati ta' kollateral riċevut jew ta' titoli ta' dejn proprji maħruġa u miżmuma mill-istituzzjoni elenkati fl-Artikoli 10, 11, 12, 13, 15 u 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, li kieku ma kienx għall-i*status* tagħhom bħala assi mirhuna f'konformità mal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 680/2014. EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u HQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti speċifiċi għall-klassi tal-iskopertura stabbiliti fl-Artikoli minn 10 sa 16 u minn 35 sa 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-valur ġust ta' EHQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli u ta' HQLA mirhuna nozzjonalment eliġibbli għandu jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturispeċifikat fl-Artikoli minn 10 sa 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61. Għal kull entrata ta' kollateral, il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
040	**Valur ġust tal-kollateral riċevut jew tat-titoli ta' dejn proprji disponibbli biex ikunu mirhuna** Il-medjan tal-valur ġust tal-kollateral riċevut, inkluż fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid b'self ta' titoli, mill-istituzzjoni li ma jkunx mirhun iżda li jkun disponibbli biex ikun mirhun billi l-istituzzjoni jkollha permess li tbigħ jew li tirhan mill-ġdid il-kollateral fin-nuqqas ta' inadempjenza mis-sid tal-kollateral. Dan jinkludi wkoll il-valur ġust tat-titoli ta' dejn proprji maħruġa, għajr bonds koperti jew pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni proprji, li ma jkunux mirhuna iżda li jkunu disponibbli biex ikunu mirhuna. Għal kull entrata ta' kollateral, il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan.
060	**li minnhom: EHQLA u HQLA** Il-valur medjan tal-valur ġust tal-kollateral mhux mirhun riċevut jew tat-titoli ta' dejn proprji maħruġa u miżmuma mill-istituzzjoni għajr bonds koperti jew pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni proprji li jkunu disponibbli biex ikunu mirhuna u li jikkwalifikaw bħala EHQLA u ta' HQLA mhux mirhuna kif elenkati fl-Artikoli 10, 11, 12, 13, 15 u 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li jikkonformaw mar-rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, kif ukoll mar-rekwiżiti speċifiċi għall-klassi tal-iskopertura stabbiliti fl-Artikoli minn 10 sa 16 u minn 35 sa 37 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61. Il-valur ġust ta' EHQLA u ta' HQLA għandu jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturispeċifikat fl-Artikoli minn 10 sa 16 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/61.

Mudell EU AE3 — Sorsi biex ikunu mirhuna

9. L-istituzzjonijiet għandhom jimlew il-Mudell EU AE3, li huwa ppreżentat fl-Anness XXXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, billi jsegwu l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
010	**Ammont riportat ta' obbligazzjonijiet finanzjarji magħżula** Il-valur medjan tal-entrata "Ammont riportat ta' obbligazzjonijiet finanzjarji magħżula" tal-istituzzjoni, sa fejn dawn l-obbligazzjonijiet jinvolvu assi li jkunu mirhuna għal dik l-istituzzjoni.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tal-kolonna	**Spjegazzjoni**
010	**Obbligazzjonijiet korrispondenti, obbligazzjonijiet kontinġenti jew titoli mislufa** Il-valuri medjani ta' tqabbil ta' obbligazzjonijiet, ta' obbligazzjonijiet kontinġenti (impenji ta' self riċevuti u garanziji finanzjarji riċevuti) jew ta' titoli mislufa ma' kollateral mhux fi flus, sa fejn dawn it-tranżazzjonijiet jinvolvu assi li jkunu mirhuna għal dik l-istituzzjoni. L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma ddikjarati fl-ammont riportat tagħhom; l-obbligazzjonijiet kontinġenti jiġu ddikjarati bil-valur nominali tagħhom; u t-titoli mislufa b'kollateral mhux fi flus jiġu ddikjarati skont il-valuri ġusti tagħhom. Il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan. Obbligazzjonijiet mingħajr finanzjament assoċjat, bħal derivattivi, għandhom jiġu inklużi.
030	**Assi, kollateral riċevut u titoli proprji maħruġa għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet mirhuna** L-ammont tal-assi, tal-kollateral riċevut u tat-titoli proprji maħruġa għajr il-bonds koperti u t-titolizzazzjonijiet li jiġu mirhuna bħala riżultat tat-tipi differenti ta' tranżazzjonijiet iddikjarati hawnhekk. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-kriterji fil-mudelli EU AE1 u EU AE2, l-assi tal-istituzzjoni rreġistrati fil-karta bilanċjali għandhom jiġu ddikjarati bil-valur medjan tal-ammont riportat tagħhom, filwaqt li kollateral użat mill-ġdid riċevut u t-titoli proprji mirhuna maħruġa għajr bonds koperti u titolizzazzjonijiet għandhom jiġu ddikjarati fuq il-bażi tal-valur medjan tal-valur ġust tagħhom. Il-valur ġust iddikjarat huwa l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fl-aħħar ta' kull perjodu ta' divulgazzjoni kkunsidrat għall-komputazzjoni tal-medjan. L-assi mirhuna mingħajr obbligazzjonijiet ta' tqabbil għandhom jiġu inklużi wkoll.

Tabella EU AE4 - Informazzjoni narrattiva ta' akkumpanjament

10. L-istituzzjonijiet għandhom jimlew it-Tabella EU AE4, li hija ppreżentata fl-Anness XXXV ta' dan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni, billi jsegwu l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt.

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
a	Informazzjoni narrattiva ġenerali dwar l-assi li jiġu mirhuna, inkluż: (a) spjegazzjoni ta' kwalunkwe differenza bejn l-ambitu tal-konsolidament regolatorju użat għall-fini tad-divulgazzjonijiet dwar assi mirhuna u l-ambitu għall-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' likwidità fuq bażi konsolidata kif iddefiniti fil-Kapitolu 2 tat-Titolu I tal-Parti Tnejn tas-CRR, li jintuża sabiex tiġi ddefinita l-eliġibbiltà tal-(E)HQLA;

Referenzi legali u struzzjonijiet	
Numru tar-ringiela	**Spjegazzjoni**
	(b) spjegazzjoni ta' kwalunkwe differenza bejn, minn naħa waħda, assi mirhuna u ttrasferiti f'konformità mal-oqfsa kontabilistiċi applikabbli u kif applikati mill-istituzzjoni u, min-naħa l-oħra, assi mirhina u indikazzjoni ta' xi differenza fit-trattament tat-tranżazzjonijiet, bħal meta xi tranżazzjonijiet jitqiesu li jwasslu għal rahan jew għal trasferiment ta' assi iżda mhux għal assi biex ikunu mirhuna, jew viċi versa; (c) il-valur tal-iskopertura użat għall-finijiet ta' divulgazzjoni u kif jiġu dderivati l-valuri medjani tal-iskopertura.
b	Informazzjoni narrattiva relatata mal-impatt tal-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni fuq il-livell ta' vinkoli tagħha u mal-importanza tal-vinkoli fuq il-mudell ta' finanzjament tal-istituzzjoni, inklużi dawn li ġejjin: (a) is-sorsi u t-tipi ewlenin ta' vinkoli, filwaqt li jiġi spjegat, fejn applikabbli, il-vinkoli minħabba attivitajiet sinifikanti b'derivattivi, b'self ta' titoli, b'riakkwisti, bi ħruġ ta' bonds koperti u b'titolizzazzjoni; (b) l-istruttura ta' vinkoli bejn l-entitajiet fi grupp, u speċjalment jekk il-livell ta' vinkoli tal-grupp konsolidat jirriżultax minn entitajiet partikolari u jekk hemmx vinkoli intragrupp sinifikanti; (c) informazzjoni dwar sovrakollateralizzazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' bonds koperti u ta' titolizzazzjonijiet, u l-inċidenza ta' sovrakollateralizzazzjoni fuq il-livelli ta' vinkoli; (d) informazzjoni addizzjonali dwar il-vinkoli ta' assi, il-kollateral u l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u s-sorsi ta' vinkoli minn xi munita sinifikanti għajr il-munita tar-rapportar kif imsemmija fl-Artikolu 415(2) CRR; (e) deskrizzjoni ġenerali tal-proporzjon tal-entrati inklużi fil-kolonna 060 "Ammont riportat ta' assi mhux mirhuna" fil-mudell EU AE1 li l-istituzzjoni ma tqisx bħala disponibbli biex ikunu mirhuna fil-kors normali tan-negozju tagħha (pereż. assi intanġibbli, inklużi avvjament, assi ta' taxxa differita, proprjetà, impjanti u assi fissi oħra, assi derivattivi, riċevibbli ta' retroriakkwist u ta' teħid b'self tal-istokk); (f) l-ammont ta' assi sottostanti u ta' assi ta' aggregazzjoni ta' kopertura ta' titolizzazzjonijiet miżmuma u ta' bonds koperti miżmuma, u jekk dawk l-assi sottostanti u ta' aggregazzjoni ta' kopertura humiex mirhna jew mhux mirhuna, flimkien mal-ammont ta' titolizzazzjonijiet miżmuma assoċjati u ta' bonds koperti miżmuma; (g) fejn rilevanti sabiex jiġi spjegat l-impatt tal-mudell tan-negozju tagħhom fuq il-livell ta' vinkoli tagħhom, dettalji (inkluża informazzjoni kwantitattiva, jekk rilevanti) dwar kull wieħed minn dawn li ġejjin: (i) it-tipi u l-ammonti ta' assi mirhuna u mhux mirhuna inklużi fir-ringiela 120 tal-Mudell EU AE1; (ii) l-ammonti u t-tipi ta' assi vinkolati u ta' entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali inklużi fir-ringiela 010 tal-Mudell EU AE3 li ma huma assoċjati ma' ebda obbligazzjoni; (h) fejn rilevanti fil-kuntest tal-użu tagħhom ta' vinkoli fir-rigward tal-mudell tan-negozju tagħhom, informazzjoni addizzjonali dwar id-diżaggregazzjoni tar-ringieli li ġejjin fil-Mudelli EU AE1, EU AE2 u EU AE3: (i) Ir-ringiela 120 tal-Mudell EU AE1 - "Assi oħrajn", (ii) Ir-ringiela 230 tal-Mudell EU AE2 "Kollateral ieħor riċevut", (iii) Ir-ringiela 010 tal-Mudell EU AE3 - "Ammont riportat ta' obbligazzjonijiet finanzjarji magħżula" (speċjalment jekk parti mill-vinkoli tal-assi tkun assoċjata ma' obbligazzjonijiet u parti oħra ma tkunx).